# 1. Kif taħdem l-Unjoni Ewropea

1.1. L-Iżvilupp storiku tal-integrazzjoni Ewropea....... 3
1.1.1. L-Ewwel Trattati....... 4
1.1.2. L-iżviluppi li saru sal-Att Uniku Ewropew....... 7
1.1.3. It-Trattati ta' Maastricht u ta' Amsterdam....... 12
1.1.4. It-Trattat ta' Nizza u l-Konvenzjoni dwar il-Futur tal-Ewropa....... 16
1.1.5. It-Trattat ta' Liżbona....... 21
1.2. Is-sistema legali u l-proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea....... 27
1.2.1. Is-sorsi u l-kamp ta'applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea....... 28
1.2.2. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà....... 35
1.2.3. Il-proċeduri supranazzjonali għat-teħid ta' deċiżjonijiet....... 42
1.2.4. Il-proċeduri intergovernattivi biex jittieħdu d-deċiżjonijiet....... 48
1.2.5. Il-proċedura baġitarja....... 54
1.3. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ewropea....... 59
1.3.1. Il-Parlament Ewropew: Sfond storiku....... 60
1.3.2. Il-Parlament Ewropew: is-setgħat....... 64
1.3.3. Il-Parlament Ewropew: l-organizzazzjoni u l-funzjonament....... 69
1.3.4. Il-Parlament Ewropew: proċeduri elettorali....... 75
1.3.5. Il-Parlament Ewropew: ir-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali....... 83
1.3.6. Il-Kunsill Ewropew....... 88
1.3.7. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea....... 95
1.3.8. Il-Kummissjoni Ewropea....... 100
1.3.9. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea....... 107
1.3.10. Il-kompetenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea....... 113

1.3.11. Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)....120
1.3.12. Il-Qorti tal-Awdituri....125
1.3.13. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.... 130
1.3.14. Il-Kumitat tar-Reġjuni.... 134
1.3.15. Il-Bank Ewropew tal-Investiment....139
1.3.16. L-Ombudsman Ewropew.... 144
1.4. Il-Finanzjament.... 149
1.4.1. Id-dħul tal-Unjoni....150
1.4.2. L-infiq tal-UE.... 155
1.4.3. Qafas finanzjarju pluriennali.... 160
1.4.4. L-implimentazzjoni tal-baġit.... 167
1.4.5. Il-kontroll baġitarju....172
1.4.6. Il-ġlieda kontra l-frodi u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea....177

# 1.1. L-IŻVILUPP STORIKU TAL-INTEGRAZZJONI EWROPEA

# 1.1.1. L-EWWEL TRATTATI

L-effetti diżastrużi li ħalliet warajha t-Tieni Gwerra Dinjija u t-theddida kostanti tal-konfrontazzjoni bejn il-Lvant u l-Punent fissru li r-rikonċiljazzjoni Franko-Ġermaniża kienet saret prijorità assoluta. Id-deċiżjoni li tiġi kondiviża l-industrija tal-faħam u l-azzar bejn sitt pajjiżi Ewropej, stabbilita bit-Trattat ta' Pariġi fl-1951, ikkostitwiet l-ewwel passi lejn l-integrazzjoni Ewropea. It-Trattati ta' Ruma tal-1957 saħħew il-pedamenti ta' din l-integrazzjoni kif ukoll l-idea ta' ġejjieni komuni għas-sitt pajjiżi Ewropej involuti.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

— It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA), jew it-Trattat ta' Pariġi, ġie ffirmat fit-18 ta' April 1951 u daħal fis-seħħ fit-23 ta' Lulju 1952. Għall-ewwel darba, sitt Stati Ewropej qablu li jaħdmu flimkien għall-integrazzjoni. Dan it-Trattat stabbilixxa l-pedamenti tal-Komunità permezz tat-twaqqif ta' eżekuttiv magħruf bħala l-"Awtorità Għolja", ta' Assemblea Parlamentari, ta' Kunsill tal-Ministri, ta' Qorti tal-Ġustizzja u ta' Kumitat Konsultattiv. It-Trattat KEFA skada fit-23 ta' Lulju 2002, bl-iskadenza tal-perjodu ta' validità limitat ta' 50 sena stipulat fl-Artikolu 97. F'konformità mal-protokoll (Nru 37) anness mat-Trattati (it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) il-valur nett tal-assi tal-KEFA, max-xoljiment tiegħu, ġie allokat għall-Fond ta' Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar biex tiġi finanzjata riċerka mill-Istati Membri fis-setturi relatati mal-industrija tal-faħam u l-azzar.

— It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea (KEE) u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (KEEA, magħrufa wkoll bħala "Euratom"), jew it-Trattati ta' Ruma, ġew iffirmati fil-25 ta' Marzu 1957 u daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1958. Kuntrarjament għat-Trattat KEFA, it-Trattati ta' Ruma ġew konklużi "għal żmien mingħajr limitu" (l-Artikolu 240 tat-Trattat KEE u l-Artikolu 208 tat-Trattat KEEA), b'hekk li dan tahom karattru kważi kostituzzjonali.

— Is-sitt pajjiżi fundaturi kienu l-Belġju, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Lussemburgu u n-Netherlands.

## L-OBJETTIVI

— Il-fundaturi tal-KEFA kienu ċari dwar l-intenzjonijiet tagħhom għal dan it-Trattat, jiġifieri li dan kien sempliċiment l-ewwel pass lejn "Federazzjoni Ewropea". Is-suq komuni tal-faħam u l-azzar kellu jkun esperiment li jkun jista' jiġi estiż gradwalment għal sferi ekonomiċi oħra, biex jilħaq il-qofol tiegħu f'Ewropa politika.

— Il-Komunità Ekonomika Ewropea kellha l-għan li tistabbilixxi suq komuni, ibbażat fuq l-erba' libertajiet tal-moviment (merkanzija, persuni, kapital u servizzi).

— L-għan tal-Euratom kien li jikkoordina l-provvista tal-materjali fossili u l-programmi ta' riċerka diġà mnedija mill-Istati Membri jew li kienu qegħdin iniedu bil-ħsieb tal-użu paċifiku tal-enerġija nukleari.

— Il-preamboli għat-tliet Trattati juru l-unità fl-għan fl-oriġini tal-ħolqien tal-Komunitajiet, jiġifieri, it-twemmin fil-ħtieġa li l-Istati tal-Ewropa jridu jaħdmu flimkien

fil-bini ta' ġejjieni komuni minħabba li dan biss kien ser jippermettilhom jikkontrollaw id-destin tagħhom.

## IL-PRINĊIPJI EWLENIN

Il-Komunitajiet Ewropej (il-KEFA, il-KEE u l-Euratom) inħolqu minn xewqa għal Ewropa magħquda, proċess gradwali ta' ħsieb li seħħ b'reazzjoni diretta għall-ġrajjiet li kienu farrku l-kontinent. Wara li spiċċat it-Tieni Gwerra Dinjija, l-industriji l-kbar, b'mod partikolari l-industrija tal-azzar, kellhom jiġu riorganizzati. Il-ġejjieni tal-Ewropa, li kien mhedded mill-konfrontazzjoni bejn il-Lvant u l-Punent, kien jiddependi mir-rikonċiljazzjoni Franko-Ġermaniża.

**1.** L-appell imressaq minn Robert Schuman, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin Franċiż, fid-9 ta' Mejju 1950, jista' jitqies bħala l-punt ta' tluq għall-integrazzjoni Ewropea. Dak iż-żmien, l-għażla tal-faħam u l-azzar kienet verament simbolika: fil-bidu tas-snin 50, il-faħam u l-azzar kienu industriji ta' importanza kbira u l-bażi tal-qawwa ta' pajjiż. Barra mill-benefiċċji ekonomiċi ċari tagħha, l-għaqda tar-riżorsi Franċiżi u Ġermaniżi kellha timmarka t-tmiem tal-antagoniżmu bejn dawn iż-żewġ pajjiżi. Fid-9 ta' Mejju 1950 Robert Schuman iddikjara li: "L-Ewropa mhux ser tinbena kollha f'daqqa, jew skont pjan uniku. Ser tinbena permezz ta' kisbiet konkreti li l-ewwel joħolqu solidarjetà de facto." Kien proprju fuq il-bażi ta' dan il-prinċipju li Franza, l-Italja, il-Ġermanja u l-pajjiżi tal-Benelux (il-Belġju, in-Netherlands u l-Lussemburgu) iffirmaw it-Trattat ta' Pariġi, li kkonċentra prinċipalment fuq l-iżgurar ta':

— Il-moviment ħieles ta' prodotti u l-aċċess ħieles għas-sorsi ta' produzzjoni;

— Il-monitoraġġ permanenti tas-suq biex jiġu evitati distorsjonijiet li jistgħu jwasslu għall-introduzzjoni ta' kwoti ta' produzzjoni;

— Ir-rispett għar-regoli tal-kompetizzjoni u l-prinċipju tat-trasparenza tal-prezzijiet;

— L-appoġġ għall-modernizzazzjoni u għall-konverżjoni tal-oqsma tal-faħam u l-azzar.

**2.** Wara li ġie ffirmat it-Trattat ta' Pariġi, u minkejja li Franza kienet qiegħda topponi l-istabbiliment mill-ġdid ta' forza militari nazzjonali Ġermaniża, René Pleven ippreveda l-formazzjoni ta' armata Ewropea. Il-Komunità Ewropea għad-Difiża (EDC), li kienet innegozjata fl-1952 kellha tkun akkumpanjata minn Komunità Politika (EPC). Iż-żewġ pjanijiet ġew abbandunati wara li l-Assemblea Nazzjonali Franċiża rrifjutat li tirratifika t-trattat fit-30 ta' Awissu 1954.

**3.** L-isforzi biex jerġa' jinbeda l-proċess ta' integrazzjoni Ewropea wara l-falliment tal-EDC ħadu sura konkreta fil-forma ta' proposti speċifiċi fil-Konferenza ta' Messina (f'Ġunju 1955) dwar unjoni doganali u l-enerġija atomika. Dawn laħqu l-qofol tagħhom meta ġew iffirmati t-Trattati KEE u KEEA.

**a.** Id-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea (it-Trattat KEE, it-Trattat ta' Ruma) inkluda:

— L-eliminazzjoni tad-dazji doganali bejn l-Istati Membri;

— L-istabbiliment ta' Tariffa Doganali Komuni esterna;

— L-introduzzjoni ta' politiki komuni għall-agrikultura u t-trasport;

— Il-ħolqien ta' Fond Soċjali Ewropew;

— L-istabbiliment ta' Bank Ewropew tal-Investiment;

— L-iżvilupp ta' relazzjonijiet eqreb bejn l-Istati Membri.

Biex jintlaħqu dawn l-objettivi, it-Trattat KEE stabbilixxa prinċipji gwida u ddefinixxa l-qafas tal-attivitajiet leġiżlattivi għall-istituzzjonijiet Komunitarji. Dawn kienu jinvolvu politiki komuni: il-politika agrikola komuni (l-Artikoli 38 sa 43), il-politika tat-trasport (l-Artikoli 74 u 75) u l-politika kummerċjali komuni (l-Artikoli 110 sa 113).

Is-suq komuni huwa intiż biex jiggarantixxi l-moviment ħieles tal-merkanzija u l-mobilità tal-fatturi ta' produzzjoni (il-moviment ħieles tal-ħaddiema u l-impriżi, il-libertà tal-forniment tas-servizzi u l-moviment ħieles tal-kapital).

**b.** It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (It-Trattat Euratom) oriġinarjament stabbilixxa objettivi verament ambizzjużi, inkluż "l-istabbiliment u t-tkabbir rapidi tal-industriji nukleari". Madankollu, minħabba n-natura kumplessa u sensittiva tal-qasam nukleari, qasam li jmiss l-interessi vitali tal-Istati Membri (difiża u indipendenza nazzjonali), it-Trattat kellu jċekken l-ambizzjonijiet tiegħu.

**4.** Il-Konvenzjoni dwar ċerti istituzzjonijiet komuni għall-Komunitajiet Ewropej, li ġiet iffirmata u li daħlet fis-seħħ fl-istess żmien bħat-Trattati ta' Ruma, stipulat li l-Assemblea Parlamentari u l-Qorti tal-Ġustizzja jkunu istituzzjonijiet komuni. Din il-Konvenzjoni skadiet fl-1 ta' Mejju 1999. Kull ma kien għad fadal kien li jingħaqdu l-"Eżekuttivi", biex b'hekk it-Trattat li jistabbilixxi Kunsill wieħed u Kummissjoni waħda tal-Komunitajiet Ewropej tat-8 ta' April 1965, magħruf bħala t-"Trattat li Jgħaqqad", debitament ikkompleta l-proċess tal-unifikazzjoni tal-istituzzjonijiet.

Minn dakinhar, ġiet enfasizzata l-preċedenza tal-KEE fuq il-komunitajiet settorjali li huma l-KEFA u l-KEEA. Dan jirrappreżenta r-rebħa tas-sistema ġenerali tal-KEE fuq il-koeżistenza tal-organizzazzjonijiet b'kompetenza settorjali, u l-istabbiliment tal-istituzzjonijiet tagħha.

Mariusz Maciejewski
10/2023

# 1.1.2. L-IŻVILUPPI LI SARU SAL-ATT UNIKU EWROPEW

L-iżviluppi ewlenin tal-ewwel Trattati huma relatati mal-ħolqien ta' riżorsi proprji tal-Komunità, mar-rinfurzar tas-setgħat baġitarji tal-Parlament, mal-elezzjoni tal-Membri tal-PE permezz ta' suffraġju universali dirett u mal-istabbiliment tas-Sistema Monetarja Ewropea. Id-dħul fis-seħħ tal-Att Uniku Ewropew fl-1986, li biddel b'mod sostanzjali t-Trattat ta' Ruma, saħħaħ l-idea tal-integrazzjoni permezz tal-ħolqien ta' suq intern kbir.

## IL-KISBIET EWLENIN FL-EWWEL STADJU TAL-INTEGRAZZJONI

L-Artikolu 8 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea (KEE), magħruf ukoll bħala t-Trattat ta' Ruma, ippreveda li jitkompla s-suq komuni fuq perjodu tranżitorju ta' 12-il sena, li kellu jintemm fil-31 ta' Diċembru 1969, maqsum fi tliet stadji. L-ewwel għan tiegħu, l-unjoni doganali, intlaħaq iktar malajr milli kien mistenni. Il-perjodu tranżitorju għat-tkabbir tal-kwoti u għat-tneħħija gradwali tal-uffiċċji doganali interni kien diġà ntemm fl-1 ta' Lulju 1968. Madankollu, fi tmiem il-perjodu tranżitorju kien għad hemm ostakli maġġuri f'termini ta' libertà ta' moviment. Fl-istess żmien, il-KEE kienet adottat tariffa esterna komuni għall-kummerċ ma' pajjiżi mhux fil-KEE.

Il-ħolqien ta' "Ewropa Ekoloġika" kien proġett ewlieni ieħor għall-integrazzjoni Ewropea. Fl-1962 ġew adottati l-ewwel regolamenti dwar il-politika agrikola komuni (PAK) u ġie stabbilit il-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija.

## L-EWWEL EMENDI TAT-TRATTATI

**A.** It-titjib li sar lill-istituzzjonijiet

L-ewwel bidla istituzzjonali seħħet permezz tat-Trattat li Jgħaqqad tat-8 ta' April 1965, li għaqqad flimkien il-korpi eżekuttivi. Dan daħal fis-seħħ fl-1967, u stabbilixxa Kunsill u Kummissjoni uniċi tal-Komunitajiet Ewropej (il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, il-KEE u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika) u introduċa l-prinċipju ta' baġit uniku.

**B.** Ir-riżorsi proprji u s-setgħat baġitarji

Id-deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' April 1970 dwar is-sostituzzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri bir-riżorsi proprji tal-Komunitajiet stabbiliet sistema ta' riżorsi proprji tal-Komunità, li tissostitwixxi l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mogħtija mill-Istati Membri (1.4.1).

— It-Trattat tal-Lussemburgu tat-22 ta' April 1970 ta lill-Parlament ċerti setgħat baġitarji (1.3.1).

— It-Trattat li jemenda ċerti dispożizzjonijiet finanzjarji tat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ekonomiċi Ewropej u tat-Trattat li jistabbilixxi Kunsill uniku tal-Komunitajiet Ewropej(it-Trattat ta' Brussell) tat-22 ta' Lulju 1975 ta lill-Parlament id-dritt li jirrifjuta l-baġit u li jagħti lill-Kummissjoni kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit. L-istess Trattat stabbilixxa l-Qorti tal-Awdituri, li hija l-korp responsabbli mill-iskrutinju tal-kontijiet tal-Komunità u mill-ġestjoni finanzjarja (1.3.12).

**C.** L-elezzjonijiet

L-Att tal-20 ta' Settembru 1976 ta lill-Parlament leġittimità u awtorità ġodda billi introduċa l-elezzjoni permezz ta' suffraġju universali dirett (1.3.4). L-Att ġie rivedut fl-2002 biex jiddaħħal il-prinċipju ġenerali tar-rappreżentanza proporzjonali u dispożizzjonijiet qafas oħrajn għal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-elezzjonijiet Ewropej.

**D.** It-tkabbir

Ir-Renju Unit issieħeb mal-Komunità fl-1 ta' Jannar 1973, flimkien mad-Danimarka u l-Irlanda; Il-poplu Norveġiż kien ivvota kontra l-adeżjoni tal-pajjiż f'referendum. Il-Greċja saret membru fl-1981 u l-Portugall u Spanja ssieħbu fl-1986.

**E.** Il-baġit tal-UE

Wara l-ewwel fażi ta' tkabbir kien hemm sejħiet biex id-dixxiplina baġitarja tiġi intensifikata u titwettaq riforma tal-PAK. Il-Kunsill Ewropew tal-1979 laħaq ftehim dwar numru ta' miżuri komplementari. Il-Ftehimiet ta' Fontainebleau tal-1984 kisbu soluzzjoni sostenibbli, abbażi tal-prinċipju li jistgħu jsiru aġġustamenti sabiex tingħata għajnuna lil kwalunkwe Stat Membru b'piż finanzjarju eċċessiv f'termini tal-prosperità relattiva tiegħu.

## IL-PJANIJIET GĦAL INTEGRAZZJONI ULTERJURI

B'riżultat tal-inkoraġġiment mis-suċċessi inizjali tal-komunità ekonomika, il-mira li l-Istati Membri jingħaqdu wkoll politikament reġgħet tfaċċat fil-bidu tas-sittinijiet, minkejja l-falliment tal-Komunità Ewropea tad-Difiża f'Awwissu 1954.

**A.** Il-falliment tat-tentattiv biex tinkiseb unjoni politika

Fis-Summit ta' Bonn fl-1961, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tas-sitt Stati Membri fundaturi tal-Komunità Ewropea talbu lil kumitat intergovernattiv, presedut mill-ambaxxatur Franċiż Christian Fouchet, iressaq proposti dwar l-istatus politiku ta' unjoni ta' popli Ewropej. Dan il-kumitat ta' riċerka, f'żewġ okkażjonijiet bejn l-1960 u l-1962, ipprova bla suċċess jippreżenta lill-Istati Membri abbozz ta' trattat li kien aċċettabbli għal kulħadd, minkejja l-fatt li Fouchet ibbaża l-pjan tiegħu fuq ir-rispett strett għall-identità tal-Istati Membri u, għaldaqstant, warrab l-għażla federali.

Fin-nuqqas ta' komunità politika, is-sostitut tagħha ħa l-għamla ta' Kooperazzjoni Politika Ewropea (KPE). Fil-konferenza tas-summit fl-Aja f'Diċembru 1969, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern iddeċidew li jsibu l-aħjar mod li bih jista' jsir progress fil-qasam tal-unifikazzjoni politika. Ir-rapport Davignon, adottat mill-ministri tal-affarijiet barranin f'Ottubru 1970 u elaborat sussegwentement permezz ta' rapporti ulterjuri, ifforma l-bażi tal-Kooperazzjoni Politika Ewropea sa ma daħal fis-seħħ l-Att Uniku Ewropew (SEA) .

**B.** Il-kriżi tal-1966

Qamet kriżi serja meta, fit-tielet stadju tal-perjodu tranżitorju, il-proċeduri ta' votazzjoni fil-Kunsill kellhom jinbidlu minn votazzjoni unanima għal waħda b'maġġoranza kwalifikata f'għadd ta' oqsma. Franza opponiet firxa ta' proposti tal-Kummissjoni, li kienu jinkludu miżuri għall-finanzjament tal-PAK, u ma baqgħetx tattendi l-laqgħat Komunitarji ewlenin (il-politika ta' "siġġu vojt"). Eventwalment, intlaħaq ftehim bil-Kompromess tal-Lussemburgu (1.3.7), li kien isostni li meta l-interessi vitali ta' pajjiż wieħed jew iktar ikunu f'riskju, il-membri tal-Kunsill jagħmlu ħilithom sabiex isibu

soluzzjonijiet li jistgħu jiġu adottati minn kulħadd filwaqt li jiġu rispettati l-interessi reċiproċi tagħhom.

**C.** L-importanza dejjem ikbar tas-“summits” Ewropej

Minkejja li baqgħu barra mill-kuntest istituzzjonali Komunitarju, il-konferenzi tal-Kapijiet ta’ Stat jew ta’ Gvern tal-Istati Membri bdew jipprovdu gwida politika u jaġixxu biex isibu soluzzjonijiet għall-problemi li ma setgħux jiġu solvuti mill-Kunsill tal-Ministri. Wara l-ewwel laqgħat fl-1961 u l-1967, dawn il-konferenzi saru iżjed sinifikanti bis-summit tal-Aja tal-1 u t-2 ta’ Diċembru 1969, li ppermetta l-bidu ta’ negozjati sabiex tibda titkabbar il-Komunità u li laħaq qbil dwar is-sistema finanzjarja Komunitarja, u bis-summit ta’ Fontainebleau (f’Diċembru 1974), fejn ittieħdu deċiżjonijiet politiċi importanti dwar l-elezzjoni diretta tal-Parlament Ewropew u l-proċeduri ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet fil-Kunsill. F’dan is-summit, il-kapijiet ta’ Stat jew ta’ Gvern iddeċidew li jiltaqgħu tliet darbiet fis-sena bħala l-“Kunsill Ewropew” sabiex jiddiskutu kwistjonijiet Komunitarji u l-kooperazzjoni politika (1.3.6).

**D.** Ir-riforma istituzzjonali u l-politika monetarja

Lejn tmiem is-sebgħinijiet, ittieħdu diversi inizjattivi mill-Istati Membri biex jarmonizzaw il-politiki ekonomiċi u fiskali tagħhom. Sabiex isolvu l-problema tal-instabbiltà monetarja u l-effetti negattivi tagħha fuq il-PAK u l-koeżjoni bejn l-Istati Membri, il-Kunsilli Ewropej ta’ Bremen u Brussell fl-1978 stabbilixxew is-Sistema Monetarja Ewropea. Stabbilita fuq bażi volontarja u ddifferenzjata (ir-Renju Unit iddeċieda li ma jipparteċipax fil-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju), is-Sistema Mononetarja Ewropea kienet tiddependi fuq l-eżistenza ta’ unità komuni tal-kontabilità, l-unità monetarja Ewropea.

Fil-Kunsill Ewropew ta’ Londra fl-1981, il-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-Ġermanja u tal-Italja, Hans-Dietrich Genscher u Emilio Colombo, ressqu proposta għal “Att Ewropew” li jkopri firxa ta’ suġġetti: il-kooperazzjoni politika, il-kultura, id-drittijiet fundamentali, l-armonizzazzjoni tal-liġijiet lil hinn mill-oqsma koperti mit-Trattati Komunitarji u l-modi sabiex jiġu indirizzati l-vjolenza, it-terroriżmu u l-kriminalità. Dan l-abbozz qatt ma ġie adottat fl-għamla oriġinali tiegħu, iżda xi partijiet minnu reġgħu tfaċċaw fid-“Dikjarazzjoni solenni dwar l-Unjoni Ewropea” li ġiet adottata fi Stuttgart fid-19 ta’ Ġunju 1983.

**E.** Il-Proġett Spinelli

Ftit xhur wara l-ewwel elezzjoni diretta tiegħu fl-1979, ir-relazzjonijiet tal-Parlament Ewropew mal-Kunsill daħlu fi kriżi serja minħabba l-baġit għall-1980. Fuq l-istigazzjoni ta’ Altiero Spinelli, Membru tal-PE, fundatur tal-Moviment Federalista Ewropew u ex-Kummissarju, grupp ta’ disa’ Membri tal-PE ltaqa’ f’Lulju 1980 biex jiddiskuti modi għat-tnedija mill-ġdid tal-operat tal-istituzzjonijiet. F’Lulju 1981, il-Parlament stabbilixxa kumitat għall-affarijiet istituzzjonali, bi Spinelli bħala r-rapporteur ta’ koordinazzjoni tiegħu, biex ifassal pjan għall-emendar tat-Trattati eżistenti. Il-kumitat iddeċieda li jifformula pjanijiet għal dik li kellha ssir il-kostituzzjoni tal-Unjoni Ewropea. L-abbozz ta’ trattat ġie adottat b’maġġoranza kbira fl-14 ta’ Frar 1984. Is-setgħa leġiżlattiva kienet se taqa’ taħt sistema bikamerali, simili għal dik ta’ stat federali[1]. Is-sistema ppruvat issib bilanċ bejn il-Parlament u l-Kunsill iżda ma kinitx aċċettabbli għall-Istati Membri.

---

[1]Amato, G., Bribosia, H., De Witte, B., Genesis and destiny of the European Constitution (Il-ġenesi u d-destin tal-Kostituzzjoni Ewropea), Bruylant, Brussell, 2007, p. 14.

## L-ATT UNIKU EWROPEW

Wara li sab soluzzjoni għat-tilwima tal-baġit tal-Komunità li seħħet kmieni fit-tmeninijiet, il-Kunsill Ewropew iddeċieda, fil-laqgħa tiegħu ta' Fontainebleau f'Ġunju 1984, li jistabbilixxi kumitat ad hoc tar-rappreżentanti personali tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern, li ssemma għall-president tiegħu – il-Kumitat Dooge. Il-Kumitat intalab jagħmel proposti għat-titjib tal-funzjonament tas-sistema tal-Komunità u tal-kooperazzjoni politika. Il-Kunsill Ewropew ta' Milan ta' Ġunju 1985 iddeċieda b'maġġoranza (seba' voti favur u tlieta kontra), permezz ta' proċedura eċċezzjonali għal dak il-korp, li jlaqqa' konferenza intergovernattiva biex jiġu kkunsidrati t-tisħiħ tas-setgħat tal-istituzzjonijiet, l-estensjoni tal-attivitajiet tal-Komunità għal oqsma ġodda u l-istabbiliment ta' suq intern "ġenwin".

Fis-17 ta' Frar 1986, disa' Stati Membri ffirmaw l-SEA, u dawn ġew segwiti iktar tard mid-Danimarka (wara li sar referendum b'votazzjoni favur), mill-Italja u mill-Greċja, fit-28 ta' Frar 1986. L-SEA ġie rratifikat mill-parlamenti tal-Istati Membri fl-1986, iżda minħabba li ċittadin privat kien ressaq appell quddiem il-qrati Irlandiżi, id-dħul fis-seħħ tiegħu ttawwal b'sitt xhur, sal-1 ta' Lulju 1987. L-SEA kien l-ewwel bidla sostanzjali fit-Trattat ta' Ruma. Id-dispożizzjonijiet ewlenin tiegħu kienu dawn li ġejjin:

**A.** L-estensjoni tas-setgħat tal-Unjoni

**1.** Permezz tal-ħolqien ta' suq intern kbir

Sal-1 ta' Jannar 1993, kellu jiġi kkompletat suq intern li jkun operattiv għalkollox, li jadotta u jestendi l-objettiv tas-suq intern introdott fl-1958 (2.1.1).

**2.** Permezz tat-twaqqif ta' setgħat ġodda fir-rigward ta':

— il-politika monetarja;

— il-politika soċjali;

— il-koeżjoni ekonomika u soċjali;

— ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku;

— l-ambjent;

— il-koperazzjoni fil-qasam tal-politika barranija.

**B.** It-titjib fil-kapaċità ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri

Il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata ssostitwiet l-unanimità f'erbgħa mir-responsabbiltajiet eżistenti tal-Komunità (l-emendar tat-tariffa doganali komuni, il-libertà li jiġu provduti s-servizzi, iċ-ċirkolazzjoni libera tal-kapital u l-politika komuni tat-trasport marittimu u bl-ajru). Il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata ddaħħlet ukoll għal diversi responsabbiltajiet ġodda, bħas-suq intern, il-politika soċjali, il-koeżjoni ekonomika u soċjali, ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u l-politika dwar l-ambjent. Finalment, is-sistema ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata kienet is-suġġett ta' emenda għar-regoli ta' proċedura interni tal-Kunsill, sabiex ikun hemm konformità ma' dikjarazzjoni tal-presidenza preċedenti li fil-futur tista' ssir sejħa lill-Kunsill għal votazzjoni mhux biss fuq inizjattiva tal-president tiegħu, imma wkoll fuq it-talba tal-Kummissjoni jew ta' Stat Membru jekk ikun hemm maġġoranza sempliċi tal-membri tal-Kunsill li jkunu favur.

**C.** It-tkabbir tar-rwol tal-Parlament Ewropew

Is-setgħat tal-Parlament Ewropew komplew jissaħħu billi:

— l-ftehimiet ta’ tkabbir u ta’ assoċjazzjoni tal-Komunità saru suġġetti għall-approvazzjoni tal-Parlament;

— L-introduzzjoni ta’ proċedura għal kooperazzjoni mal-Kunsill (ara l-iskeda informattiva 1.2.3) tat lill-Parlament setgħat leġiżlattivi reali, anke jekk limitati; din kienet tapplika għal madwar tnax-il bażi ġuridika u kienet punt ta’ bidla deċiżiva għat-trasformazzjoni tal-Parlament f’koleġiżlatur reali.

Din l-iskeda informattiva tħejjiet mid-Dipartiment Tematiku tal-Parlament Ewropew għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali.

Mariusz Maciejewski
11/2023

# 1.1.3. IT-TRATTATI TA' MAASTRICHT U TA' AMSTERDAM

It-Trattat ta' Maastricht immodifika t-trattati Ewropej preċedenti u ħoloq Unjoni Ewropea bbażata fuq tliet pilastri: il-Komunitajiet Ewropej, il-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) u l-kooperazzjoni fl-oqsma tal-ġustizzja u l-affarijiet interni (ĠAI). Bil-ħsieb tat-tkabbir tal-Unjoni, it-Trattat ta' Amsterdam introduċa l-bidliet meħtieġa biex jiġi assigurat funzjonament aktar effiċjenti u demokratiku tal-Unjoni.

## I. IT-TRATTAT TA' MAASTRICHT

It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea[1], iffirmat f'Maastricht fis-7 ta' Frar 1992, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1993.

**A.** Strutturi tal-Unjoni

Bit-twaqqif tal-Unjoni Ewropea, it-Trattat ta' Maastricht jissimbolizza pass ġdid fil-proċess li joħloq "unjoni dejjem eqreb bejn il-popli tal-Ewropa". L-Unjoni kienet imsejsa fuq il-Komunitajiet Ewropej u appoġġata mill-politiki u l-forom ta' kooperazzjoni previsti mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. L-Unjoni għandha qafas istituzzjonali uniku, kostitwit mill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti tal-Awdituri li (billi dak iż-żmien kienu, fis-sens strett, l-uniċi istituzzjonijiet tal-Unjoni) kienu jeżerċitaw is-setgħat tagħhom skont id-dispożizzjonijiet tat-trattati. It-Trattat stabbilixxa Kumitat Ekonomiku u Soċjali u Kumitat tar-Reġjuni, li t-tnejn li huma kellhom setgħat konsultattivi. Ġew stabbiliti Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u Bank Ċentrali Ewropew skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat li żdiedu mal-istituzzjonijiet finanzjarji diġà eżistenti tal-Grupp BEI, li huma l-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew tal-Investiment.

**B.** Il-Kompetenzi tal-Unjoni

L-Unjoni li nħolqot mit-Trattat ta' Maastricht ingħatat ċerti setgħat minn dan l-istess Trattat li kienu kklassifikati fi tliet gruppi, magħrufa b'mod komuni bħala "pilastri": l-ewwel pilastru kien magħmul mill-Komunitajiet Ewropej u pprovda qafas li jabilita setgħat li għalihom l-Istati Membri kienu ttrasferew is-sovranità f'oqsma rregolati mit-Trattat biex jiġu eżerċitati mill-istituzzjonijiet Komunitarji. It-tieni pilastru kien magħmul mill-politika estera u ta' sigurtà komuni stabbilita fit-Titolu V tat-Trattat. It-tielet pilastru kien magħmul mill-kooperazzjoni fl-oqsma tal-ġustizzja u l-affarijiet interni stabbilita fit-Titolu VI tat-Trattat. It-Titoli V u VI kienu jipprevedu kooperazzjoni intergovernattiva li kienet tuża l-istituzzjonijiet komuni u li kellha xi elementi sopranazzjonali, bħall-involviment tal-Kummissjoni u l-konsultazzjoni tal-Parlament.

**1.** Il-Komunità Ewropea (l-ewwel pilastru)

Il-kompitu tal-Komunità kien li tiżgura t-tħaddim tajjeb tas-suq uniku u li tippromwovi, fost l-oħrajn, l-iżvilupp armonjuż, bilanċjat u sostenibbli tal-attivitajiet ekonomiċi, livell għoli ta' impjiegi u ta' ħarsien soċjali, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa. Il-Komunità ħadmet biex tilħaq dawn l-objettivi, fil-limiti tas-setgħat tagħha billi stabbiliet suq komuni u miżuri relatati msemmija fl-Artikolu 3 tat-Trattat KE, kif ukoll billi tat bidu għall-politika ekonomika u monetarja unika msemmija fl-Artikolu 4. L-azzjoni Komunitarja kellha

[1]ĠU C 191, 29.7.1992, p. 1-112.

tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità u, f'oqsma li ma kinux jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tagħha, il-prinċipju tas-sussidjarjetà (l-Artikolu 5 tat-Trattat KE).

**2.** Il-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) (it-tieni pilastru)

L-Unjoni kellha l-kompitu li tiddefinixxi u timplimenta, b'metodi intergovernattivi, politika estera u ta' sigurtà komuni. L-Istati Membri kienu mistennija jappoġġaw din il-politika b'mod attiv u mingħajr riservi fi spirtu ta' lealtà u solidarjetà reċiproka. L-objettivi tagħha kienu: li tissalvagwardja l-valuri komuni, l-interessi fundamentali, l-indipendenza u l-integrità tal-Unjoni f'konformità mal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti; li ssaħħaħ is-sigurtà tal-Unjoni b'kull mod; li tippromwovi l-kooperazzjoni internazzjonali; li tiżviluppa u ssaħħaħ id-demokrazija u l-istat tad-dritt, kif ukoll ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali.

**3.** Il-kooperazzjoni fl-oqsma tal-ġustizzja u l-affarijiet interni (it-tielet pilastru)

L-objettiv tal-Unjoni kien li tiżviluppa azzjoni komuni f'dawn l-oqsma skont metodi intergovernattivi biex tipprovdi għaċ-ċittadini livell għoli ta' sikurezza f'zona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Hija kienet tkopri l-oqsma li ġejjin:

— ir-regoli dwar il-qsim tal-fruntieri esterni tal-Komunità u l-eżerċitar ta' kontrolli aktar stretti fuq dan il-qsim;

— il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità serja, it-traffikar tad-drogi, u l-frodi internazzjonali;

— il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u ċivili;

— il-ħolqien ta' Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) b'sistema ta' skambju ta' informazzjoni bejn il-forzi nazzjonali tal-pulizija;

— il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali;

— il-politika komuni tal-ażil.

## II. IT-TRATTAT TA' AMSTERDAM

It-Trattat ta' Amsterdam li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej u ċerti atti relatati[2], iffirmat f'Amsterdam fit-2 ta' Ottubru 1997, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 1999.

**A.** Żieda fil-kompetenzi tal-Unjoni

**1.** Il-Komunità Ewropea

F'dak li jirrigwarda l-objettivi, saret enfasi partikolari fuq l-iżvilupp bilanċjat u sostenibbli u fuq livell għoli ta' impjiegi. Ġie stabbilit mekkaniżmu ta' koordinazzjoni tal-politiki dwar l-impjieg tal-Istati Membri, u ġiet prevista l-possibbiltà ta' ċerti miżuri Komunitarji f'dan il-qasam. Il-Ftehim dwar il-Politika Soċjali ġie inkorporat fit-Trattat KE b'xi titjib (it-tneħħija tan-nonparteċipazzjoni). Il-metodu Komunitarju minn hemm 'il quddiem beda japplika għal xi oqsma ewlenin li qabel kienu taħt it-"tielet pilastru" bħall-ażil, l-immigrazzjoni, il-qsim tal-fruntieri esterni, il-ġlieda kontra l-frodi, il-kooperazzjoni doganali u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, kif ukoll għal parti mill-kooperazzjoni taħt il-Ftehim Schengen, li ġie interament approvat mill-UE u mill-Komunitajiet.

[2]ĠU C 340, 10.11.1997, p. 115.

## 2. L-Unjoni Ewropea

Il-kooperazzjoni intergovernattiva fl-oqsma tal-kooperazzjoni ġudizzjarja kriminali u tal-pulizija ġiet imsaħħa bid-definizzjoni tal-objettivi u l-kompiti preċiżi kif ukoll bil-ħolqien ta' strument legali ġdid simili għal direttiva. L-istrumenti tal-politika estera u ta' sigurtà komuni komplew jiġu żviluppati aktar tard, b'mod partikolari bil-ħolqien ta' strument ġdid, l-istrateġija komuni, bil-ħolqien ta' kariga ġdida, "is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill responsabbli għall-PESK", u ta' struttura ġdida, "l-Unità għall-Ippjanar u t-Twissija Bikrija".

# B. It-tisħiħ tal-Parlament Ewropew

## 1. Is-setgħa leġiżlattiva

Fil-qafas tal-proċedura ta' kodeċiżjoni, li fit-Trattat KE ġiet estiża għall-15-il bażi ġuridika eżistenti, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill prattikament saru koleġiżlaturi ugwali. Bl-eċċezzjoni tal-politika agrikola u l-politika tal-kompetizzjoni, il-proċedura ta' kodeċiżjoni kienet tapplika għall-oqsma kollha li fihom il-Kunsill kellu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet b'maġġoranza kwalifikata. F'erba' każijiet (l-Artikoli 18, 42 u 47, kif ukoll l-Artikolu 151 dwar il-politika kulturali li kien baqa' l-istess), il-proċedura ta' kodeċiżjoni ġiet kombinata mar-rekwiżit ta' deċiżjoni unanima tal-Kunsill. L-oqsma leġiżlattivi l-oħrajn soġġetti għall-unanimità ma kinux jaqgħu taħt il-kodeċiżjoni.

## 2. Is-setgħa ta' kontroll

Minbarra l-vot ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni bħala korp, il-Parlament Ewropew xorta kellu l-vot biex japprova minn qabel il-President nominat tal-Kummissjoni futura (l-Artikolu 214).

## 3. L-Elezzjoni u l-istatut tal-Membri

Rigward il-proċedura għall-elezzjoni tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali (l-Artikolu 190 tat-Trattat KE), is-setgħa tal-Komunità li tadotta prinċipji komuni żdiedet mas-setgħa eżistenti li tadotta proċedura uniformi. Fl-istess Artikolu, ġiet miżjuda bażi ġuridika li tippermetti l-adozzjoni ta' statut uniku għall-MPE. Madankollu, kien għad ma hemmx dispożizzjoni li tippermetti li jiġu adottati miżuri sabiex jiġu żviluppati partiti politiċi fil-livell Ewropew (ara l-Artikolu 191).

# C. Kooperazzjoni msaħħa

Għall-ewwel darba, it-Trattati kien fihom diversi dispożizzjonijiet ġenerali li kienu jippermettu, taħt ċerti kundizzjonijiet, li xi Stati Membri jagħmlu użu mill-istituzzjonijiet komuni biex jorganizzaw kooperazzjoni msaħħa bejniethom. Din il-fakultà żdiedet mal-każijiet ta' kooperazzjoni msaħħa koperta minn dispożizzjonijiet speċifiċi, bħall-unjoni ekonomika u monetarja, il-ħolqien ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u l-inkorporazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' Schengen. L-oqsma li setgħu jkunu s-suġġett ta' kooperazzjoni msaħħa kienu t-tielet pilastru u, taħt kundizzjonijiet partikolarment restrittivi, il-kwistjonijiet relatati ma' kompetenza Komunitarja mhux esklużiva. Il-kundizzjonijiet li kull kooperazzjoni msaħħa kellha tissodisfa, kif ukoll il-proċeduri previsti għat-teħid tad-deċiżjonijiet, kienu mfassla b'mod li jiżguraw li dan l-element ġdid tal-proċess ta' integrazzjoni jibqa' eċċezzjonali u li seta' jintuża biss biex fil-proċess ta' integrazzjoni jkun hemm progress u mhux rigress.

# D. Simplifikazzjoni

It-Trattat ta' Amsterdam neħħa mit-Trattati Ewropej kwalunkwe dispożizzjoni li skadiet jew li maż-żmien ma baqgħetx valida, filwaqt li evita li l-effetti legali li rriżultaw minnhom

fil-passat jiġu affettwati minn din l-eliminazzjoni. Huwa ppreveda wkoll li t-Trattati jiġu nnumerati mill-ġdid. Għal raġunijiet ġuridiċi u politiċi, it-Trattat kien iffirmat u soġġett għal ratifika taħt forma ta' emendi għat-Trattati fis-seħħ.

**E.** Riformi istituzzjonali fil-perspettiva tat-tkabbir

**a.** It-Trattat ta' Amsterdam stabbilixxa l-għadd massimu tal-Membri tal-Parlament Ewropew għal 700, kif intalab mill-Parlament innifsu (Artikolu 189).

**b.** Il-kompożizzjoni tal-Kummissjoni u l-kwistjoni tas-sistema tal-voti peżati kienu s-suġġett tal-"Protokoll dwar l-Istituzzjonijiet" anness mat-Trattat. Skont id-dispożizzjonijiet ta' dan, f'Unjoni estiża għal massimu ta' 20 Stat Membru, il-Kummissjoni kellha tkun magħmula minn ċittadin minn kull Stat Membru, bil-kundizzjoni li sa dakinhar is-sistema tal-voti peżati fil-Kunsill tkun ġiet modifikata. Fi kwalunkwe każ, tal-anqas sena qabel l-adeżjoni tal-21 Stat Membru, konferenza intergovernattiva ġdida kellha teżamina mill-ġdid u b'mod komprensiv id-dispożizzjonijiet istituzzjonali tat-Trattati.

**c.** Ir-rikors tal-Kunsill għall-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata kien previst f'għadd ta' bażijiet ġuridiċi maħluqin mill-ġdid mit-Trattat ta' Amsterdam. Madankollu, minn fost il-politiki Komunitarji eżistenti, kien biss il-qasam tal-politika tar-riċerka li kellu dispożizzjonijiet ġodda ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata, filwaqt li l-politiki l-oħrajn baqgħu jeħtieġu l-unanimità.

**F.** Temi oħrajn

Il-proċeduri Komunitarji għall-implimentazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà kienu koperti minn protokoll. It-trasparenza ttejbet bis-saħħa ta' dispożizzjonijiet ġodda dwar l-aċċess għad-dokumenti (l-Artikolu 255) u ftuħ akbar fil-ħidma leġiżlattiva tal-Kunsill (l-Artikolu 207, paragrafu 3).

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament Ewropew kien jiġi kkonsultat qabel ma tissejjaħ konferenza intergovernattiva. Barra minn hekk, il-Parlament kien involut fil-konferenzi intergovernattivi fuq bazi *ad hoc*; matul l-aħħar tlieta, huwa ġie rrappreżentat, skont il-każ, mill-President tiegħu jew minn żewġ Membri tiegħu.

Mariusz Maciejewski
10/2023

# 1.1.4. IT-TRATTAT TA' NIZZA U L-KONVENZJONI DWAR IL-FUTUR TAL-EWROPA

It-Trattat ta' Nizza ħejja lill-Unjoni Ewropea b'mod parzjali biss għat-tkabbir importanti tal-1 ta' Mejju 2004 u l-1 ta' Jannar 2007 lejn il-Lvant u n-Nofsinhar. Għaldaqstant, fid-dawl tal-kwistjonijiet imqajma fid-dikjarazzjoni ta' Laeken, il-Konvenzjoni dwar il-Futur tal-Ewropa għamlet sforz biex titfassal bażi ġuridika ġdida għall-Unjoni fl-għamla ta' Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa. Wara l-eżitu negattiv ta' referendum f'żewġ Stati Membri, dan it-Trattat ma ġiex ratifikat.

## IT-TRATTAT TA' NIZZA

It-Trattat ġie ffirmat fis-26 ta' Frar 2001 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2003.

**A.** L-objettivi

Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Helsinki tal-1999, sa tmiem l-2002 l-UE kellha tkun tista' tilqa' bħala Stati Membri ġodda lil dawk il-pajjiżi applikanti li kienu lesti għall-adeżjoni. Peress li żewġ pajjiżi applikanti biss kellhom popolazzjoni akbar mill-medja tal-Istati Membri dak iż-żmien, il-piż politiku ta' pajjiżi b'popolazzjoni iżgħar kien se jiżdied b'mod konsiderevoli. Għalhekk, it-Trattat ta' Nizza kellu l-għan li jagħmel lill-istituzzjonijiet tal-UE aktar effiċjenti u leġittimi, u jħejji lill-UE għat-tkabbir li kien imiss.

**B.** L-isfond

Il-Konferenzi Intergovernattivi (IGCs) ta' Maastricht u Amsterdam kienu indirizzaw għadd ta' kwistjonijiet istituzzjonali li, iżda, ma ġewx solvuti b'mod sodisfaċenti (l-hekk imsejħa "kwistjonijiet pendenti ta' Amsterdam"). Dawn kienu jinkludu d-daqs u l-kompożizzjoni tal-Kummissjoni, il-piż tal-voti fil-Kunsill u l-estensjoni tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata. Abbażi ta' rapport min-naħa tal-Presidenza Finlandiża, lejn tmiem l-1999 il-Kunsill Ewropew ta' Helsinki ddeċieda li kellha tissejjaħ IGC li tindirizza l-kwistjonijiet pendenti u l-bidliet l-oħrajn kollha meħtieġa bi tħejjija għat-tkabbir.

**C.** Il-kontenut

L-IGC bdiet fl-14 ta' Frar 2000 u temmet xogħolha f'Nizza fl-10 ta' Diċembru 2000. Intlaħaq qbil dwar il-kwistjonijiet istituzzjonali ta' hawn fuq u dwar sensiela ta' punti oħrajn, fosthom distribuzzjoni ġdida tas-siġġijiet fil-Parlament Ewropew, arranġamenti aktar flessibbli għal kooperazzjoni msaħħa, il-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali u tal-valuri fl-UE u t-tisħiħ tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni.

**1.** L-ippeżar tal-voti fil-Kunsill

Hija u tikkunsidra s-sistema tal-votazzjoni fil-Kunsill, il-kompożizzjoni tal-Kummissjoni u, sa ċertu punt, id-distribuzzjoni tas-siġġijiet fil-Parlament Ewropew, l-IGC rrealizzat li l-aktar ħaġa importanti kienet li jinbidel il-piż relattiv tal-Istati Membri, suġġett li l-ebda IGC oħra ma kienet indirizzat sa mit-Trattat ta' Ruma.

Ġew ikkunsidrati żewġ metodi għad-definizzjoni ta' maġġoranza kwalifikata: sistema ġdida ta' ppeżar (modifikata minn dik preżenti) jew l-applikazzjoni ta' maġġoranza doppja (ta' voti u tal-popolazzjoni), li kienet is-soluzzjoni proposta mill-Kummissjoni u appoġġjata mill-Parlament. L-IGC għażlet l-ewwel metodu. Għalkemm l-għadd ta' voti żdied għall-Istati Membri kollha, is-sehem tal-aktar Stati Membri popolużi naqas: waqt li

qabel kien ta' 55% tal-voti, dan naqas għal 45% meta ssieħbu l-għaxar membri l-ġodda u għal 44.5% fl-1 ta' Jannar 2007. Din kienet ir-raġuni li għaliha ġiet introdotta "xibka ta' sikurezza" demografika: Stat Membru jista' jitlob verifika li l-maġġoranza kwalifikata tirrappreżenta tal-anqas 62% tal-popolazzjoni totali tal-Unjoni. Jekk le, id-deċiżjoni ma tiġix adottata.

**2.** Il-Kummissjoni

**a.** Kompożizzjoni

Mill-2005 'l hawn, il-Kummissjoni għandha Kummissarju wieħed minn kull Stat Membru. Il-Kunsill għandu s-setgħa jiddeċiedi, unanimament, dwar l-għadd ta' Kummissarji u dwar l-arranġamenti għal sistema ta' rotazzjoni, dment li kull Kummissjoni tirrifletti l-firxa demografika u ġeografika tal-Istati Membri.

**b.** Organizzazzjoni interna

It-Trattat ta' Nizza ta lill-President tal-Kummissjoni s-setgħa li jalloka r-responsabbiltajiet fost il-Kummissarji u li jbiddel din l-allokazzjoni tul il-mandat. Huwa jagħżel il-Viċi Presidenti u jiddeċiedi kemm se jkun hemm minnhom.

**3.** Il-Parlament Ewropew

**a.** Kompożizzjoni

It-Trattat ta' Amsterdam kien iffissa għadd massimu ta' 700 MEP. F'Nizza, il-Kunsill Ewropew ħass li – f'perspettiva ta' tkabbir – l-għadd ta' MEPs għal kull Stat Membru kellu jiġi rivedut. Il-kompożizzjoni l-ġdida tal-Parlament intużat ukoll biex tikkumpensa għat-tibdil fl-ippeżar tal-voti fil-Kunsill. B'hekk, l-għadd massimu ta' MEPs tela' għal 732.

**b.** Setgħat

Bħall-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri, il-Parlament ingħata l-possibbiltà li jikkontesta legalment kwalunkwe użu ħażin tas-setgħat, nuqqas ta' kompetenza, ksur ta' obbligi proċedurali essenzjali, ksur tat-Trattat jew tal-istat tad-dritt relatat mal-applikazzjoni tiegħu fl-atti tal-Kunsill, tal-Kummissjoni jew tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Wara proposta mill-Kummissjoni, l-Artikolu 191 inbidel f'bażi ġuridika operattiva għall-adozzjoni ta' regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi fil-livell tal-UE u regoli li jirrigwardaw il-finanzjament tagħhom permezz tal-proċedura ta' kodeċiżjoni.

Is-setgħat leġiżlattivi tal-PE żdiedu bl-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura ta' kodeċiżjoni u billi l-PE beda jintalab jagħti l-kunsens tiegħu biex ikun hemm kooperazzjoni msaħħa f'oqsma koperti mill-kodeċiżjoni. Il-Parlament irid jintalab ukoll jagħti l-opinjoni tiegħu meta l-Kunsill jadotta pożizzjoni dwar riskju ta' ksur serju tad-drittijiet fundamentali f'xi Stat Membru.

**4.** Ir-riforma tas-sistema ġudizzjarja

**a.** Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Il-Qorti tal-Ġustizzja ngħatat is-setgħa li tiltaqa' b'diversi modi: f'awla (bi tliet jew ħames imħallfin), f'Awla Manja (bi ħdax-il imħallef) jew bħala Qorti sħiħa. B'deċiżjoni unanima, il-Kunsill jista' jżid l-għadd ta' Avukati Ġenerali. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE żammet il-ġurisdizzjoni fuq kwistjonijiet li jkunu s-suġġett ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari iżda, skont l-Istatut tagħha, setgħet tiddelega lill-Qorti tal-Prim'Istanza kwalunkwe kwistjoni li ma tkunx imniżżla fl-Artikolu 225 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

### b. Il-Qorti Ġenerali

Is-setgħat tal-Qorti Ġenerali (li qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009 kienet magħrufa bħala l-Qorti tal-Prim'Istanza) żdiedu biex jiddaħħlu ċerti kategoriji ta' deċiżjonijiet preliminari, bil-possibbiltà li jiġu stabbiliti tribunali speċjalizzati b'deċiżjoni unanima tal-Kunsill. Dawn id-dispożizzjonijiet operattivi kollha, partikolarment dwar is-setgħat tal-Qorti, minn hemm 'il quddiem ġew stabbiliti fit-Trattat innifsu.

## 5. Il-proċeduri leġiżlattivi

Għalkemm għadd konsiderevoli ta' politiki u miżuri ġodda (27) issa bdew jirrikjedu votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill, il-kodeċiżjoni ġiet estiża għal ftit oqsma minuri biss (koperti mill-Artikoli 13, 62, 63, 65, 157, 159 u 191 preċedenti tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea); kwistjonijiet koperti mill-Artikolu 161 preċedenti issa bdew jirrikjedu l-kunsens tal-Parlament.

## 6. Kooperazzjoni msaħħa

Bħat-Trattat ta' Amsterdam, it-Trattat ta' Nizza fih dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli għal kull qasam ta' kooperazzjoni msaħħa u dispożizzjonijiet speċifiċi għall-pilastru kkonċernat. Filwaqt li t-Trattat ta' Amsterdam kien jipprevedi kooperazzjoni msaħħa fil-qafas tal-ewwel u t-tielet pilastru biss, it-Trattat ta' Nizza beda jinkludi t-tliet pilastri kollha.

It-Trattat ta' Nizza ġab miegħu bidliet oħra: minbarra li ma baqgħetx teżisti l-possibbiltà ta' rinviju lill-Kunsill Ewropew, il-kunċett ta' "żmien raġonevoli" ġie ċċarat u l-kunsens tal-Parlament issa sar obbligatorju fl-oqsma kollha fejn il-kooperazzjoni msaħħa kienet relatata ma' kwistjoni koperta mill-proċedura ta' kodeċiżjoni.

## 7. Il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali

Fl-Artikolu 7 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) żdied paragrafu li jkopri każijiet li fihom ma jkunx sar ksur tad-drittijiet fundamentali iżda jkun hemm "riskju ċar" li jista' jiġri hekk. Il-Kunsill, b'maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħames membri u bil-kunsens tal-Parlament, jiddetermina l-eżistenza tar-riskju u jindirizza rakkomandazzjonijiet xierqa lill-Istat Membru kkonċernat. Ġiet proklamata Karta tad-Drittijiet Fundamentali mhux vinkolanti.

## D. Ir-rwol tal-Parlament Ewropew

Bħal fil-konferenzi intergovernattivi ta' qabel, il-Parlament kien involut attivament fit-tħejjijiet għall-IGC tal-2000. Fir-riżoluzzjoni tat-18 ta' Novembru 1999 dwar it-tħejjija tar-riforma tat-Trattati u l-Konferenza Intergovernattiva li jmiss u f'dik tal-31 ta' Mejju 2001 dwar it-Trattat ta' Nizza u l-futur tal-Unjoni Ewropea, huwa ta l-fehmiet tiegħu dwar l-aġenda tal-konferenza u dwar il-progress u l-objettivi tagħha. Il-Parlament esprima wkoll l-opinjoni tiegħu dwar is-sustanza u l-implikazzjonijiet ġudizzjarji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Il-Parlament insista li l-IGC kellha ssegwi proċess trasparenti li jinvolvi lill-membri tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali, lill-Kummissjoni, kif ukoll l-opinjoni taċ-ċittadini. Ir-riżultat tagħha kellu jkun dokument ta' natura kostituzzjonali.

## IL-KONVENZJONI DWAR IL-FUTUR TAL-EWROPA

### A. Il-bażi u l-objettivi

B'konformità mad-Dikjarazzjoni Nru 23 annessa mat-Trattat ta' Nizza, il-Kunsill Ewropew ta' Laeken tal-14 ul-15 ta' Diċembru 2001 iddeċieda li jorganizza Konvenzjoni li tlaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati ewlenin għal dibattitu dwar il-futur tal-Unjoni Ewropea. L-objettivi kienu li t-tħejjijiet għall-IGC sussegwenti jkunu trasparenti kemm jista' jkun u li jiġu indirizzati l-erba' kwistjonijiet prinċipali dwar l-iżvilupp ulterjuri tal-UE: qsim aħjar tal-kompetenzi; simplifikazzjoni tal-istrumenti ta' azzjoni tal-UE; żieda fid-demokrazija, it-trasparenza u l-effiċjenza; u t-tfassil ta' kostituzzjoni għaċ-ċittadini tal-Ewropa.

### B. L-organizzazzjoni

Il-Konvenzjoni kellha President (Valéry Giscard d'Estaing), żewġ Viċi Presidenti (Giuliano Amato u Jean-Luc Dehaene), 15-il rappreżentant tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri, 30 membru parlamentari nazzjonali (tnejn minn kull Stat Membru), 16-il membru tal-Parlament Ewropew u żewġ membri tal-Kummissjoni Ewropea. Il-pajjiżi li kienu applikaw biex jissieħbu fl-Unjoni ħadu sehem fid-dibattitu wkoll u fuq livell indaqs, iżda ma setgħux jimblukkaw kwalunkwe kunsens li seta' jintlaħaq mill-Istati Membri. Għaldaqstant, il-Konvenzjoni kellha total ta' 105 membri.

Minbarra l-President u l-Viċi Presidenti, il-Praesidium kien fih disa' membri tal-Konvenzjoni u rappreżentant magħżul mill-pajjiżi applikanti. Il-Praesidium kellu r-rwol li jagħti impetu lill-Konvenzjoni u jipprovdilha bażi li tista' taħdem fuqha.

### C. L-eżitu

Ix-xogħol tal-Konvenzjoni kien jinkludi: "fażi ta' smigħ" li fiha l-Konvenzjoni ppruvat tidentifika l-aspettattivi u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri u taċ-ċittadini Ewropej, fażi li fiha ġew studjati l-ideat li tressqu u fażi li matulha tfasslu rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq l-essenza tad-dibattitu. Fi tmiem l-2002, il-ħdax-il grupp ta' ħidma ppreżentaw il-konklużjonijiet tagħhom lill-Konvenzjoni. Matul l-ewwel nofs tal-2003, il-Konvenzjoni fasslet u ddiskutiet test li sar l-abbozz tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa.

Il-Parti I tat-Trattat (prinċipji u istituzzjonijiet; 59 artikolu) u l-Parti II (il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; 54 artikolu) ġew ippreżentati fil-Kunsill Ewropew ta' Salonka fl-20 ta' Ġunju 2003. Il-Parti III (politiki; 338 artikolu) u l-Parti IV (dispożizzjonijiet finali; 10 artikoli) ġew ippreżentati lill-Presidenza Taljana fit-18 ta' Lulju 2003. Il-Kunsill Ewropew adotta dan it-test fit-18 ta' Ġunju 2004 b'għadd konsiderevoli ta' emendi, iżda żamm l-istruttura bażika tal-abbozz tal-Konvenzjoni. It-Trattat ġie approvat mill-Parlament Ewropew iżda mbagħad ġie miċħud f'referendum nazzjonali fi Franza (fid-29 ta' Mejju 2005) u fin-Netherlands (fl-1 ta' Ġunju 2005). Wara l-eżitu referendarju negattiv fi Franza u fin-Netherlands, il-proċedura tar-ratifika tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa ma setgħetx tiġi konkluża.

### D. Ir-rwol tal-Parlament Ewropew

Il-biċċa l-kbira tal-osservaturi kienu tal-fehma li l-impatt tal-MEPs fix-xogħol tal-Konvenzjoni kien deċiżiv. Bis-saħħa ta' diversi fatturi, bħall-esperjenza tagħhom fin-negozjati f'ambjent internazzjonali u l-fatt li l-Konvenzjoni ltaqgħet fil-bini tal-Parlament, l-MEPs setgħu jħallu impatt qawwi fuq id-dibattiti u l-eżitu tal-Konvenzjoni. Kienu wkoll

strumentali fl-iffurmar ta' familji politiċi magħmula minn MEPs u membri parlamentari nazzjonali. B'hekk il-Parlament irnexxielu jilħaq għadd konsiderevoli mill-objettivi inizjali tiegħu, li l-biċċa l-kbira minnhom issa huma minquxa fit-Trattat ta' Lisbona.

Mariusz Maciejewski
11/2023

# 1.1.5. IT-TRATTAT TA' LIŻBONA

Din l-iskeda informattiva tippreżenta l-isfond u d-dispożizzjonijiet essenzjali tat-Trattat ta' Liżbona. L-objettiv huwa li jingħata kuntest storiku għall-ħolqien ta' dan l-aħħar test fundamentali tal-UE minn dawk li ġew qablu. Id-dispożizzjonijiet speċifiċi (b'referenzi għall-artikoli) u l-effetti tagħhom fuq il-politiki tal-Unjoni Ewropea huma spjegati f'aktar dettall fl-iskedi informattivi li jittrattaw politiki u kwistjonijiet partikolari.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

It-Trattat ta' Liżbona li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (ĠU C 306, 17.12.2007); huwa daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009.

## L-ISTORJA

It-Trattat ta' Liżbona beda bħala proġett kostituzzjonali fl-aħħar tal-2001 (id-dikjarazzjoni dwar il-Futur tal-Unjoni Ewropea jew, id-Dikjarazzjoni Laeken tal-Kunsill Ewropew), u kien segwit fl-2002 u fl-2003 mill-Konvenzjoni Ewropea li abbozzat it-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa (it-Trattat Kostituzzjonali) (1.1.4). Il-proċess li wassal għat-Trattat ta' Liżbona kien ir-riżultat ta' eżitu negattiv ta' żewġ referenda dwar it-Trattat Kostituzzjonali li saru f'Mejju u f'Ġunju tal-2005, fejn bħala rispons għalihom il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jkollu "perjodu ta' riflessjoni" ta' sentejn. Finalment, fuq il-bażi tad-Dikjarazzjoni ta' Berlin ta' Marzu 2007, il-Kunsill Ewropew tal-21 sat-23 ta' Ġunju 2007 adotta mandat dettaljat għal Konferenza Intergovernattiva sussegwenti taħt il-Presidenza Portugiża. Il-Konferenza Intergovernattiva temmet xogħolha f'Ottubru 2007. It-Trattat ġie ffirmat mill-Kunsill Ewropew f'Liżbona fit-13 ta' Diċembru 2007 u ġie ratifikat mill-Istati Membri kollha.

## IL-KONTENUT

**A.** L-objettivi u l-prinċipji ġuridiċi

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jingħata l-isem ġdid "it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea" (TFUE) u t-terminu "Komunità" huwa sostitwit bit-terminu "Unjoni" tul it-test kollu. L-Unjoni tieħu post il-Komunità u hija s-suċċessur legali tagħha. It-Trattat ta' Liżbona ma joħloqx simboli tal-Unjoni bħala stat pereżempju bandiera jew innu. Għalkemm it-test il-ġdid ma għandux jissejjaħ trattat kostituzzjonali, xorta jippreserva l-biċċa l-kbira tal-kisbiet sostanzjali.

Ebda kompetenza esklużiva addizzjonali mhu qed tiġi trasferita lill-Unjoni mit-Trattat ta' Liżbona. Madankollu, ibiddel il-mod kif l-Unjoni teżerċita s-setgħat eżistenti tagħha – u ċerti setgħat ġodda (kondiviżi) – billi jħeġġeġ il-parteċipazzjoni u l-protezzjoni taċ-ċittadini, joħloq ordni istituzzjonali ġdid u jimmodifika l-proċessi deċiżjonali għal aktar effikaċja u trasparenza. B'hekk jintlaħaq ukoll livell ogħla ta' skrutinju parlamentari u responsabbiltà demokratika.

Għall-kuntrarju tat-Trattat Kostituzzjonali, it-Trattat ta' Liżbona ma jinkludi ebda artikolu li jistabbilixxi formalment is-supremazija tad-dritt tal-Unjoni fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali, iżda f'dan ir-rigward ġiet mehmuża dikjarazzjoni mat-Trattat (id-

Dikjarazzjoni Nru 17) li tirreferi għal opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill li ttenni l-ġurisprudenza konsistenti tal-Qorti.

It-Trattat ta' Lizbona, għall-ewwel darba jikkjarifika s-setgħat tal-Unjoni. Huwa jagħmel distinzjoni bejn tliet tipi ta' kompetenzi: il-kompetenza esklużiva, fejn l-Unjoni waħedha tista' tilleġiżla, u l-Istati Membri jistgħu biss jimplimentaw; il-kompetenza kondiviża, fejn l-Istati Membri jistgħu jilleġiżlaw u jadottaw miżuri ġuridikament vinkolanti f'każ li l-Unjoni ma tkunx għamlet dan; u l-kompetenza ta' appoġġ, fejn l-UE tadotta miżuri sabiex tappoġġja jew tikkomplementa l-politiki tal-Istati Membri. Il-kompetenzi tal-Unjoni jistgħu issa jingħataw lura lill-Istati Membri matul reviżjoni ta' Trattat.

It-Trattat ta' Lizbona jagħti lill-UE personalità ġuridika sħiħa. Għalhekk, l-Unjoni tikseb l-abilità li tiffirma trattati internazzjonali fl-oqsma tas-setgħat attribwiti tagħha jew li taderixxi ma' organizzazzjoni internazzjonali. L-Istati Membri jistgħu jiffirmaw biss ftehimiet internazzjonali li huma kompatibbli mad-dritt tal-UE.

It-Trattat għall-ewwel darba jipprevedi proċedura formali li għandha tiġi segwita minn dawk l-Istati Membri li jixtiequ joħorġu mill-Unjoni Ewropea f'konformità mal-ħtiġijiet kostituzzjonali tagħhom, jiġifieri l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

It-Trattat ta' Liżbona jikkompleta l-assorbiment tal-aspetti li jifdal tat-tielet pilastru fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (FSJ), jiġifieri l-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali, fl-ewwel pilastru. L-istruttura intergovernattiva preċedenti ma tibqax teżisti, peress li l-atti adottati f'dan il-qasam issa saru soġġetti għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja (maġġoranza kwalifikata u kodeċiżjoni) u, sakemm mhux speċifikat mod ieħor, jintużaw l-istrumenti ġuridiċi tal-metodu Komunitarju (regolamenti, direttivi, u deċiżjonijiet).

Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, il-Parlament jista' jipproponi emendi għat-Trattati, bħalma kien diġà l-każ għall-Kunsill, għall-gvern ta' Stat Membru jew għall-Kummissjoni. Normalment, tali emenda tirrikjedi l-konvokazzjoni ta' Konvenzjoni li tirrakkomanda emendi għall-Konferenza Intergovernattiva (il-Kunsill Ewropew jista', madankollu, jiddeċiedi li ma jlaqqax Konvenzjoni bħal din, jekk jingħata l-kunsens tal-Parlament (Artikolu 48(3) TUE, it-tieni paragrafu)). Tista' tiġi msejħa Konferenza Intergovernattiva biex jiġu determinati l-emendi għat-Trattati bi qbil komuni. Huwa madankollu possibbli wkoll li t-Trattati jiġu riveduti mingħajr ma tkun konvokata Konferenza Intergovernattiva, bl-użu tal-proċeduri għal reviżjoni simplifikata, fejn ir-reviżjoni tikkonċerna l-politiki u l-azzjonijiet interni tal-Unjoni (l-Artikolu 48(6) u 48(7) tat-TUE). Ir-reviżjoni mbagħad tiġi adottata bħala deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew, iżda tista' tibqa' soġġetta għal regoli nazzjonali ta' ratifika.

**B.** Demokrazija msaħħa u protezzjoni aħjar tad-drittijiet fundamentali

It-Trattat ta' Liżbona jesprimi t-tliet prinċipji fundamentali ta' ugwaljanza demokratika, demokrazija rappreżentattiva u demokrazija parteċipattiva. Id-demokrazija parteċipattiva tieħu l-forma ġdida ta' inizjattiva taċ-ċittadini (4.1.5).

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea mhijiex direttament inkorporata fit-Trattat ta' Liżbona, iżda takkwista natura ġuridikament vinkolanti permezz tal-Artikolu 6(1) tat-TUE, li lill-Karta jagħtiha l-istess valur ġuridiku bħat-Trattati (4.1.2).

Il-proċess ta' adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) infetaħ meta fl-1 ta' Jannar 2010 daħlu fis-seħħ l-14-il protokoll tal-KEDB. Dan jippermetti li mhux biss stati iżda wkoll organizzazzjoni internazzjonali, jiġifieri l-Unjoni Ewropea, isiru firmatarji tal-KEDB. L-adeżjoni għad trid tiġi ratifikata mill-Istati

kollha li huma partijiet mill-KEDB, kif ukoll mill-UE nnifisha. In-negozjati bejn il-Kunsill tal-Ewropa u r-rappreżentanti tal-UE wasslu għall-finalizzazzjoni ta' abbozz ta' ftehim f'April 2013, li, madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fl-Opinjoni 2/2013 tagħha, qieset inkompatibbli mal-Artikolu 6 tat-TUE. Se jkunu meħtieġa aktar negozjati qabel ma tkun tista' sseħħ adeżjoni.

## C. Struttura istituzzjonali ġdida

### 1. Il-Parlament Ewropew

Skont l-Artikolu 14(2) tat-TUE, il-Parlament issa huwa "magħmul minn rappreżentanti taċ-ċittadini tal-Unjoni", u mhux minn rappreżentanti "tal-popli tal-Istati".

Is-setgħat leġiżlattivi tal-Parlament żdiedu permezz tal-"proċedura leġiżlattiva ordinarja", li tissostitwixxi l-proċedura ta' kodeċiżjoni preċedenti. Din il-proċedura issa tapplika għal aktar minn 40 qasam politiku ġdid, u b'hekk in-numru totali laħaq il-85. Il-proċedura ta' kunsens tkompli teżisti bħala "proċedura ta' approvazzjoni", u l-proċedura ta' konsultazzjoni tibqa' kif inhi. Il-proċedura baġitarja l-ġdida toħloq parità totali bejn il-Parlament u l-Kunsill għall-approvazzjoni tal-baġit annwali. Irid ikun hemm qbil min-naħa tal-Parlament dwar il-qafas finanzjarju pluriennali.

Il-President tal-Kummissjoni issa huwa maħtur mill-Parlament permezz ta' maġġoranza tal-Membri tiegħu, fuq proposta mill-Kunsill Ewropew, li huwa obbligat li jagħżel kandidat permezz ta' maġġoranza kwalifikata, filwaqt li jikkunsidra l-eżitu tal-elezzjonijiet Ewropej. Il-Parlament ikompli japprova lill-Kummissjoni bħala kulleġġ.

In-numru massimu ta' Membri tal-PE ġie stabbilit għal 751 u r-rappreżentanza taċ-ċittadini hija proporzjonalment digressiva. In-numru massimu ta' siġġijiet għal kull Stat Membru jitnaqqas għal 96 siġġu, filwaqt li l-għadd minimu jiżdied għal 6 siġġijiet. Fis-7 ta' Frar 2018, il-Parlament ivvota favur it-tnaqqis tan-numru ta' siġġijiet tiegħu minn 751 għal 705 wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE u t-tqassim mill-ġdid ta' wħud mis-siġġijiet li b'hekk ġew disponibbli għal dawk il-pajjiżi tal-UE li kienu ftit sottorappreżentati (1.3.3).

Ir-Renju Unit ħareġ mill-UE fl-1 ta' Frar 2020. Minn din id-data 'l quddiem, ġiet applikata l-kompożizzjoni l-ġdida ta' 705 Membri tal-PE. Mit-73 siġġu li tbattlu minħabba l-ħruġ tar-Renju Unit, ġew riallokati 27 siġġu biex jiġi rifless aħjar il-prinċipju ta' proporzjonalità digressiva: is-27 siġġu tqassmu bejn Franza (+5), Spanja (+5), l-Italja (+3), in-Netherlands (+3), l-Irlanda (+2), l-Iżvezja (+1), l-Awstrija (+1), id-Danimarka (+1), il-Finlandja (+1), is-Slovakkja (+1), il-Kroazja (+1), l-Estonja (+1), il-Polonja (+1) u r-Rumanija (+1). Ebda Stat Membru mhu se jitlef siġġijiet.

### 2. Il-Kunsill Ewropew

It-Trattat ta' Liżbona jirrikonoxxi formalment lill-Kunsill Ewropew bħala istituzzjoni tal-UE, responsabbli biex jipprovdi lill-Unjoni "bl-impetu meħtieġ għall-iżvilupp tagħha" u biex jiddefinixxi d-"direzzjonijiet u l-prijoritajiet politiċi ġenerali tagħha". Il-Kunsill Ewropew ma jeżerċita ebda funzjoni leġiżlattiva. Presidenza fit-tul tieħu post is-sistema preċedenti ta' rotazzjoni kull sitt xhur. Il-President huwa elett b'maġġoranza kwalifikata tal-Kunsill Ewropew għal mandat ta' 30 xahar li jista' jiġġedded. Din is-sistema għandha ttejjeb il-kontinwità u l-koerenza tax-xogħol tal-Kunsill Ewropew. Il-President jirrappreżenta wkoll lill-Unjoni esternament, mingħajr preġudizzju għad-dmirijiet tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ara hawn taħt).

### 3. Il-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u għall-Politika tas-Sigurtà (VP/RGħ)

Il-VP/RGħ jinħatar b'maġġoranza kwalifikata tal-Kunsill Ewropew bi qbil mal-President tal-Kummissjoni u huwa responsabbli mill-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE, bid-dritt li jressaq proposti. Barra milli jippresiedi l-Kunsill Affarijiet Barranin, il-VP/RGħ għandu wkoll ir-rwol ta' Viċi President tal-Kummissjoni. Il-VP/RGħ huwa megħjun mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, li jinkludi persunal mill-Kunsill, mill-Kummissjoni u mis-servizzi diplomatiċi nazzjonali.

### 4. Il-Kunsill

It-Trattat ta' Liżbona jżomm il-prinċipju ta' votazzjoni b'maġġoranza doppja (ċittadini u Stati Membri). Madankollu, l-arranġamenti preċedenti baqgħu fis-seħħ sa Novembru 2014; mill-1 ta' Novembru 2014, bdew japplikaw ir-regoli l-ġodda.

Tintlaħaq maġġoranza kwalifikata meta 55% tal-membri tal-Kunsill (fil-prattika, 15-il Stat Membru minn 27), li jirrappreżentaw minn tal-anqas 65% tal-popolazzjoni, jappoġġjaw proposta (l-Artikolu 16(4) tat-TUE). Meta l-Kunsill ma jkunx qiegħed jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni jew tal-VP/RGħ, il-maġġoranza meħtieġa tal-Istati Membri tiżdied għal 72% (l-Artikolu 238(2) tat-TFUE). Sabiex leġiżlazzjoni tiġi mblokkata, mill-anqas erba' pajjiżi jridu jivvutaw kontra l-proposta. Mekkaniżmu ġdid ispirat mill-"kompromess ta' Ioannina" jippermetti li l-55% (75% sal-1 ta' April 2017) tal-Istati Membri, li jikkostitwixxu minoranza li timblokka, jitolbu r-rikunsiderazzjoni ta' proposta "fi żmien raġonevoli" (id-Dikjarazzjoni Nru 7).

Il-Kunsill jiltaqa' fil-pubbliku meta jiddelibera jew jivvota fuq abbozz ta' att leġiżlattiv. Għal dan l-għan, kull laqgħa tal-Kunsill tinqasam f'żewġ partijiet li jittrattaw rispettivament l-atti leġiżlattivi u l-attivitajiet mhux leġiżlattivi. Il-Presidenza tal-Kunsill tkompli tinbidel fuq bażi ta' rotazzjoni kull sitt xhur, iżda jkun hemm presidenzi fi gruppi ta' tliet Stati Membri kull wieħed li jkopru 18-il xahar sabiex tkun żgurata kontinwità aħjar tax-xogħol. Bħala eċċezzjoni, il-Kunsill Affarijiet Barranin huwa ppresedut kontinwament mill-VP/RGħ.

### 5. Il-Kummissjoni

Billi l-President tal-Kummissjoni issa qed jintgħażel u jiġi elett b'kunsiderazzjoni tar-riżultati tal-elezzjonijiet Ewropej, il-leġittimità politika tal-kariga żdiedet. Il-President huwa responsabbli mill-organizzazzjoni interna tal-kulleġġ (il-ħatra tal-Kummissarji, id-distribuzzjoni tal-portafolli, it-talbiet ta' riżenja taħt ċirkostanzi partikolari).

### 6. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Il-ġuriżdizzjoni tal-Qorti hija estiża għall-attivitajiet kollha tal-Unjoni bl-eċċezzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK). L-aċċess għall-Qorti huwa ffaċilitat għall-individwi.

## D. Tfassil tal-politika aktar effiċjenti u demokratiku b'politiki u b'kompetenzi ġodda.

Bosta hekk imsejħa klawżoli "passerelle" jippermettu bidla minn teħid ta' deċiżjonijiet b'mod unanimu għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata u mill-proċedura ta' konsultazzjoni għal dik ta' kodeċiżjoni (l-Artikolu 31(3) tat-TUE u l-Artikoli 81, 153, 192, 312 u 333 tat-TFUE, flimkien ma' xi proċeduri tat-tip "passerelle" li jikkonċernaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materja kriminali) (1.2.4). Fid-diskors tiegħu tal-2017 dwar l-Istat tal-Unjoni, il-President tal-Kummissjoni Juncker ħabbar inizjattivi biex ikun hemm tibdil fir-rigward tar-regola tal-unanimità f'għadd ta' oqsma billi jintużaw

il-"klawżoli passerelle". Bħala segwitu, il-Kummissjoni adottat erba' komunikazzjonijiet li jipproponu li jsaħħu l-użu tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata minflok l-unanimità fl-oqsma tal-PESK (2018), il-politika tat-taxxa (Jannar 2019), l-enerġija u l-klima (April 2019) u l-politika soċjali (April 2019). Dawn il-komunikazzjonijiet għandhom l-għan li jwasslu biex it-teħid ta' deċiżjonijiet ikun aktar fil-pront, flessibbli u effiċjenti fejn diġà teżisti l-kompetenza tal-UE.

F'oqsma li fihom l-Unjoni ma għandha ebda setgħa esklużiva, tal-anqas disa' Stati Membri jistgħu jistabbilixxu kooperazzjoni msaħħa bejniethom. L-awtorizzazzjoni għall-użu tagħha għandha tingħata mill-Kunsill wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-PESK, tapplika l-unanimità.

It-Trattat ta' Lizbona jsaħħaħ b'mod konsiderevoli l-prinċipju tas-sussidjarjetà billi jinvolvi lill-parlamenti nazzjonali fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE (1.2.2) (1.3.5).

Ċertu numru ta' politiki ġodda jew estiżi ġew introdotti fil-politika ambjentali li issa tinkludi wkoll il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-politika dwar l-enerġija, u jagħmlu riferimenti ġodda għas-solidarjetà u għas-sigurtà u l-interkonnettività tal-provvista. Barra minn hekk, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, l-isport, l-ispazju, it-turiżmu, il-protezzjoni ċivili u l-kooperazzjoni amministrattiva issa huma oqsma possibbli ta' tfassil ta' liġijiet tal-UE.

Fir-rigward tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) (5.1.2), it-Trattat ta' Lizbona jintroduċi klawżola ta' difiża reċiproka li tipprevedi li l-Istati Membri kollha huma obbligati jgħinu lil Stat Membru li jiġi attakkat. Klawżola ta' solidarjetà tipprevedi li l-Unjoni u kull wieħed mill-Istati Membri tagħha jagħtu assistenza permezz tal-mezzi kollha possibbli lil Stat Membru milqut minn katastrofi umana jew naturali jew minn attakk terroristiku. "Kooperazzjoni strutturata permanenti" hija miftuħa għall-Istati Membri kollha li jimpenjaw ruħhom li jieħdu sehem fi programmi Ewropej ta' tagħmir militari u li jipprovdu unitajiet tal-ġlied li jkunu disponibbli għal azzjoni immedjata. Biex tiġi stabbilita tali kooperazzjoni, trid tinkiseb maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill wara konsultazzjoni mal-VP/RGħ.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Għall-kontribuzzjonijiet tal-Parlament għall-Konvenzjoni Ewropea u l-involviment tiegħu f'Konferenzi Intergovernattivi preċedenti ara 1.1.4. Fir-rigward tal-Konferenza Intergovernattiva tal-2007, li saret taħt il-Presidenza Portugiża u li wasslet għall-iffirmar tat-Trattat ta' Lizbona, kienet l-okkażjoni li fiha l-Parlament bagħat, għall-ewwel darba, tliet rappreżentanti f'konferenza ta' dan it-tip.

Kważi għaxar snin wara l-iffirmar tat-Trattat ta' Lizbona, il-Parlament irrikonoxxa li xi dispożizzjonijiet tiegħu ma kinux qed jiġu sfruttati bl-aħjar mod possibbli. B'reazzjoni għal dan kollu, fis-16 ta' Frar 2017, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar it-titjib tal-funzjonament tal-Unjoni Ewropea bl-isfruttament tal-potenzjal tat-Trattat ta' Lizbona, li tressaq għadd ta' rakkomandazzjonijiet dwar kif jiġi żblukkat dan il-potenzjal ħalli tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tindirizza l-isfidi globali kurrenti.

Fl-istess jum, il-Parlament adotta wkoll riżoluzzjoni dwar evoluzzjonijiet u aġġustamenti possibbli tal-istruttura istituzzjonali attwali tal-Unjoni Ewropea, li tissuġġerixxi proposti konkreti għal riformi tat-Trattat.

Dan l-aħħar l-UE ffaċċjat diversi kriżijiet marbuta, b'mod partikolari, mal-Brexit, l-istat tad-dritt, il-qafas finanzjarju pluriennali, il-pandemija tal-COVID-19 u l-invażjoni Russa

fl-Ukrajna. L-indirizzar ta’ dawn il-kriżijiet kixef għal darb’oħra nuqqasijiet fis-sistema attwali ta’ governanza, u n-nuqqas ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet effiċjenti kkontribwixxa għal tnaqqis fl-appoġġ pubbliku għall-proġett Ewropew. B’reazzjoni għall-isfidi attwali, fl-10 ta’ Marzu 2021, l-istituzzjonijiet tal-UE nedew il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, imfassla biex tagħti vuċi liċ-ċittadini dwar kif għandha tissawwar mill-ġdid l-UE u jiżdiedu l-effettività u t-trasparenza tal-proċeduri tat-teħid ta’ deċiżjonijiet tagħha. Fid-9 ta’ Mejju 2022, il-Konferenza kkonkludiet il-ħidma tagħha, li rriżultat f’49 proposta, li wħud minnhom jirrikjedu bidliet fit-Trattati tal-UE. Konsegwentement, fid-9 ta’ Ġunju 2022, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar it-talba għal Konvenzjoni għar-reviżjoni tat-Trattati, u fil-11 ta’ Lulju 2023, huwa adotta riżoluzzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-klawżoli “passerelle” fit-Trattati tal-UE. Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali tiegħu beda wkoll iħejji rapport fuq inizjattiva proprja dwar il-Proposti tal-Parlament Ewropew għall-emenda tat-Trattati.

Eeva Pavy
10/2023

# 1.2. IS-SISTEMA LEGALI U L-PROĊEDURI TA' TEĦID TA' DEĊIŻJONIJIET TAL-UNJONI EWROPEA

# 1.2.1. IS-SORSI U L-KAMP TA'APPLIKAZZJONI TAD-DRITT TAL-UNJONI EWROPEA

L-Unjoni Ewropea għandha personalità ġuridika u bħala tali għandha l-ordinament ġuridiku tagħha stess, li huwa differenti mid-dritt internazzjonali. Barra minn hekk, id-dritt tal-UE għandu effett dirett jew indirett fuq il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri tagħha u jsir parti mis-sistema ġuridika ta' kull Stat Membru. L-Unjoni Ewropea hija fiha nfisha sors ta' dritt. L-ordinament ġuridiku huwa ġeneralment kompost mil-leġiżlazzjoni primarja (it-Trattati u l-prinċipji ġenerali tad-dritt), mil-leġiżlazzjoni sekondarja (fuq il-bażi tat-Trattati) u mid-dritt supplimentari.

## IS-SORSI TAD-DRITT TAL-UNJONI U L-ĠERARKIJA TAGĦHOM

— It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u l-protokolli tagħhom (hemm 37 protokoll, 2 annessi u 65 dikjarazzjoni li huma mehmuża mat-Trattati biex jiġu integrati d-dettalji, mingħajr ma jiġu integrati fit-test ġuridiku sħiħ) 1.1.5;

— Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea 4.1.2;

— It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) għadu fis-seħħ bħala trattat separat;

— Ftehimiet internazzjonali 5.2.1;

— Il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni;

— Leġiżlazzjoni sekondarja.

L-Unjoni Ewropea hija Unjoni bbażata fuq l-istat tad-dritt li stabbiliet sistema sħiħa ta' rimedji u proċeduri ġuridiċi mfassla biex il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) tkun tista' tirrieżamina l-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-UE (l-Artikolu 263 tat-TFUE). It-Trattati u l-prinċipji ġenerali huma fil-quċċata tal-ġerarkija u huma kkunsidrati leġiżlazzjoni primarja. Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona fl-1 ta' Diċembru 2009, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali wkoll ingħatat l-istess valur. Il-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni Ewropea huma subordinati għal-leġiżlazzjoni primarja. Fil-livell li jmiss fil-ġerarkija hemm il-leġiżlazzjoni sekondarja u din tkun valida biss jekk tkun konformi mal-atti u mal-ftehimiet li jieħdu preċedenza fuqha. Il-prinċipju tal-supremazija tad-dritt tal-UE huwa pilastru fundamentali tal-ordinament ġurdiku tal-UE u għandu l-għan li jiżgura l-unità u l-konsistenza tad-dritt tal-UE. Il-QĠUE tinsisti formalment li d-dritt tal-UE għandu supremazija assoluta fuq id-drittijiet nazzjonali tal-Istati Membri, u li din is-supremazija trid titqies mill-qrati nazzjonali fid-deċiżjonijiet tagħhom. Il-Qorti dejjem invokat l-awtorità finali sabiex tiddetermina r-relazzjoni bejn id-dritt tal-Unjoni u d-dritt nazzjonali. Fil-kawżi storiċi van Gend en Loos vs Nederlandse Administratie der Belastingen u Costa vs ENEL, il-QĠUE żviluppat id-duttrini fundamentali tal-effett dirett u s-supremazija tad-dritt tal-UE. Il-QĠUE kkonfermat dawn id-duttrini f'kawżi sussegwenti. B'mod partikolari, hija argumentat f'Internationale Handelsgesellschaft li d-dritt tal-UE jgawdi mis-supremazija anki fir-rigward tad-drittijiet fundamentali ggarantiti fil-kostituzzjonijiet nazzjonali.

## L-OBJETTIVI

L-istabbiliment ta' ordinament ġuridiku għall-Unjoni li jippermetti li jintlaħqu l-objettivi indikati fit-Trattati.

## IS-SORSI TAD-DRITT TAL-UE

**A.** Il-leġiżlazzjoni primarja tal-Unjoni Ewropea 1.1.1, 1.1.2, 1.1.3, 1.1.4, 1.1.5, 4.1.2

**B.** Il-leġiżlazzjoni sekondarja tal-Unjoni

**1.** Punti ġenerali

L-atti legali tal-Unjoni huma elenkati fl-Artikolu 288 tat-TFUE. Dawn humar-Regolamenti, id-Direttivi, id-Deċiżjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet. L-istituzzjonijiet tal-UE ma jistgħux jadottaw tali atti legali ħlief jekk ikunu awtorizzati biex jagħmlu dan mit-Trattati. Il-limiti tal-kompetenzi tal-Unjoni huma rregolati mill-prinċipju tal-għoti tal-kompetenzi, hekk kif stipulat fl-Artikolu 5(1) tat-TUE. It-TFUE jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenzi tal-Unjoni, billi jaqsamhom fi tliet kategoriji: kompetenzi esklużivi (l-Artikolu 3), kompetenzi kondiviżi (l-Artikolu 4) u kompetenzi ta' appoġġ (l-Artikolu 6), li bihom l-UE tadotta miżuri li jappoġġjaw jew jikkomplementaw il-politiki tal-Istati Membri. Il-lista ta' oqsma li jaqgħu taħt dawn it-tliet tipi ta' kompetenzi hija stabbilita fl-Artikoli 3, 4 u 6 tat-TFUE. Fin-nuqqas tas-setgħat meħtieġa sabiex jintlaħaq wieħed mill-objettivi stabbiliti mit-Trattati, l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 352 tat-TFUE, u għalhekk jadottaw "id-dispożizzjonijiet xierqa".

L-istituzzjonijiet jadottaw biss dawk l-istrumenti legali elenkati fl-Artikolu 288 tat-TFUE. L-uniċi eċċezzjonijiet jikkonċernaw il-politiki esteri, ta' sigurtà u ta' difiża komuni, li jibqgħu soġġetti għall-proċeduri intergovernattivi. F'dan il-qasam, l-istrateġiji komuni, l-azzjonijiet komuni u l-pożizzjonijiet komuni huma sostitwiti mil-"linji gwida ġenerali" u mid-"deċiżjonijiet li jiddefinixxu" l-azzjonijiet u l-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Unjoni u l-arranġamenti għall-implimentazzjoni ta' dawk id-deċiżjonijiet (l-Artikolu 25 tat-TUE).

Barra minn hekk, hemm diversi forom ta' azzjoni, bħal rakkomandazzjonijiet, komunikazzjonijiet u atti dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet (inklużi ftehimiet interistituzzjonali), li d-denominazzjoni, l-istruttura u l-effetti legali tagħhom jirriżultaw mid-diversi dispożizzjonijiet fit-Trattati jew r-regoli adottati skont it-Trattati.

**2.** Il-ġerarkija tal-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE

L-Artikoli 289, 290 u 291 tat-TFUE jistabbilixxu ġerarkija tal-leġiżlazzjoni sekondarja bejn l-atti leġiżlattivi, l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni. Atti leġiżlattivi huma atti legali li huma adottati permezz ta' proċedura leġiżlattiva ordinarja jew speċjali. Atti delegati huma atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali li jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali ta' att leġiżlattiv. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' dawn l-atti tista' tiġi delegata lill-Kummissjoni mil-leġiżlatur (il-Parlament u l-Kunsill). L-att leġiżlattiv jiddefinixxi l-objettivi, il-kontenut, il-kamp ta' applikazzjoni u t-tul tad-delega tas-setgħa, kif ukoll, fejn xieraq, kwalunkwe proċedura ta' urġenza. Barra minn hekk, il-leġiżlatur jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li għalihom hija soġġetta d-delega, li jistgħu jkunu d-dritt li tiġi revokata d-delega jew id-dritt ta' oġġezzjoni.

L-atti ta’ implimentazzjoni ġeneralment huma adottati mill-Kummissjoni, li tingħata l-kompetenza biex tagħmel dan mill-atti ġuridikament vinkolanti li jeħtieġu kundizzjonijiet uniformi ta’ implimentazzjoni. L-atti ta’ implimentazzjoni huma adottati mill-Kunsill f’każijiet speċifiċi biss ġustifikati b’mod xieraq u fl-oqsma tal-politika estera u ta’ sigurtà komuni. Meta att bażiku jiġi adottat skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu fi kwalunkwe mument jindikaw lill-Kummissjoni li, fl-opinjoni tagħhom, l-abbozz ta’ att ta’ implimentazzjoni jeċċedi s-setgħat ta’ implimentazzjoni previsti fl-att bażiku. F’dan il-każ, il-Kummissjoni jeħtiġilha tirrevedi l-abbozz ta’ att ikkonċernat.

**3.** Id-diversi tipi ta’ leġiżlattivi sekondarji tal-UE

**a.** Ir-Regolamenti

Ir-Regolamenti huma ta’ applikazzjoni ġenerali, vinkolanti fl-intier tagħhom u applikabbli direttament. Dawn għandhom ikunu osservati bis-sħiħ minn dawk li għalihom japplikaw ir-regolamenti (individwi privati, Stati Membri, istituzzjonijiet tal-UE). Ir-Regolamenti japplikaw direttament fl-Istati Membri kollha malli jidħlu fis-seħħ (fid-data stipulata jew, fin-nuqqas ta’ dan, fl-għoxrin jum wara l-publikazzjoni tagħhom f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*) u m’hemmx bżonn li jiġu trasposti fid-dritt nazzjonali.

Ir-Regolamenti għandhom l-għan li jiżguraw l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri kollha. Ir-Regolamenti b’hekk irendu inapplikabbli l-liġijiet nazzjonali li ma jkunux kompatibbli mad-dispożizzjonijiet sostantivi tar-Regolamenti.

**b.** Id-Direttivi

Id-Direttivi huma vinkolanti, fir-rigward tar-riżultat li għandu jinkiseb, għal kwalunkwe Stat Membru li jindirizzaw (Stat Membru wieħed, diversi jew kollha), iżda jħallu l-għażla tal-forma u tal-metodi f’idejn l-awtoritajiet nazzjonali. Il-leġiżlaturi nazzjonali jeħtieġu jadottaw att ta’ traspożizzjoni jew “miżura ta’ implimentazzjoni nazzjonali” biex jittrasponu d-Direttivi jew jadattaw id-dritt nazzjonali fir-rigward tal-objettivi stabbiliti mid-Direttiva. Iċ-ċittadin individwali ma jingħatawlux drittijiet u ma jkunx marbut mill-att legali qabel ma jiġi adottat l-att ta’ traspożizzjoni. L-Istati Membri jingħataw ċerta diskrezzjoni fir-rigward tat-traspożizzjoni tad-Direttivi, sabiex jieħdu kont taċ-ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi. It-traspożizzjoni trid issir fi żmien l-iskadenza stabbilita mid-Direttiva. Fit-traspożizzjoni tad-Direttivi, l-Istati Membri jiggarantixxu l-effikaċja tad-dritt tal-UE, f’konformità mal-prinċipju tal-kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) tat-TUE.

Fil-prinċipju, id-Direttivi ma japplikawx direttament. Madankollu, il-QĠUE ddeċidiet li ċerti dispożizzjonijiet ta’ Direttiva jistgħu, b’mod eċċezzjonali, ikollhom effett dirett fuq Stat Membru anki jekk dan tal-aħħar ikun għadu ma adottax l-att ta’ traspożizzjoni fil-każijiet fejn: (a) id-Direttiva ma tkunx ġiet trasposta fid-dritt nazzjonali jew tkun ġiet trasposta ħażin; (b) id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jkunu mingħajr kundizzjonijiet u ċari u preċiżi biżżejjed; u (c) id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jagħtu d-drittijiet lill-individwi.

Meta dawn il-kundizzjonjiet ikunu ġew issodisfati, l-individwi jistgħu jinvokaw id-dispożizzjoni kkonċernata quddiem l-awtoritajiet pubbliċi. Anke meta d-dispożizzjoni ma tagħti l-ebda dritt lill-individwu, u jkunu ġew issodisfati biss l-ewwel u t-tieni kundizzjonijiet, l-awtoritajiet tal-Istati Membri huma xorta meħtieġa li jieħdu kont tad-direttiva mhux trasposta. Id-deċiżjoni msemmija hawn hija bbażata fuq il-prinċipji tal-effikaċja, il-prevenzjoni ta’ ksur tat-Trattati u l-protezzjoni legali. Min-naħa l-oħra, l-individwu ma jistax jinvoka l-effett dirett ta’ Direttiva mhux trasposta fil-konfront ta’ individwi oħra (“l-effett orizzontali”; Faccini Dori, Kawża C-91/92, punt 25).

Skont il-ġurisprudenza tal-QĠUE (il-kawża Francovich, il-Kawżi Magħquda C-6/90 u C-9/90), ċittadin individwali huwa intitolat li jitlob kumpens minn Stat Membru li ma jkunx konformi mad-dritt tal-Unjoni. Dan hu possibbli, fil-każ ta' Direttiva mhux trasposta jew li tkun ġiet trasposta ħażin, meta: (a) id-Direttiva tkun intenzjonata li tagħti drittijiet lil individwi; (b) il-kontenut tad-drittijiet ikun jista' jiġi identifikat abbażi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva; u (c) ikun hemm rabta ta' kawżalità bejn il-ksur tal-obbligu li tiġi trasposta d-Direttiva u t-telf u d-dannu mġarrba mill-persuni li tkun saritilhom il-ħsara. Ir-responsabbiltà tal-Istat Membru tista' tiġi stabbilita mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi pruvat xi nuqqas min-naħa tal-Istat Membru.

**c.** Id-Deċiżjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet

Id-Deċiżjonijiet huma vinkolanti fl-intier tagħhom. Meta Deċiżjoni tindika d-destinatarji (Stati Membri, persuni fiżiċi jew ġuridiċi), din torbot lil dawn biss, u tindirizza sitwazzjonijiet speċifiċi għal dawk l-Istati Membri jew persuni. Individwu ma jistax jinvoka d-drittijiet mogħtija minn Deċiżjoni li tkun indirizzata lil Stat Membru sakemm dan tal-aħħar ma jkunx adotta att ta' traspożizzjoni. Id-Deċiżjonijiet jistgħu japplikaw direttament fuq l-istess linji tad-Direttivi.

Ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet ma joħolqu l-ebda dritt jew obbligu għad-destinatarji tagħhom, iżda jistgħu jipprovdu gwida dwar l-interpretazzjoni u l-kontenut tad-dritt tal-Unjoni.

Peress li l-azzjonijiet imressqa kontra l-Istati Membri skont l-Artikolu 263 tat-TFUE jridu jikkonċernaw atti li ġew adottati mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-UE, il-QĠUE ma għandha l-ebda ġuriżdizzjoni fuq id-deċiżjonijiet tar-rappreżentanti tal-Istati Membri, pereżempju fir-rigward tal-istabbiliment tas-sedi tal-aġenziji tal-UE. L-atti adottati mir-rappreżentanti tal-Istati Membri li jaġixxu, mhux fil-kapaċità tagħhom ta' membri tal-Kunsill, iżda bħala rappreżentanti tal-gvernijiet tagħhom, u b'hekk jeżerċitaw kollettivament is-setgħat tal-Istati Membri, mhumiex soġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju mill-qrati tal-UE, skont sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Lulju 2022 fil-kawża tar-rilokazzjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)[1]. Il-Qorti ddeċidiet li l-Artikolu 341 tat-TFUE ma japplikax għad-deżinjazzjoni tal-lokazzjoni ta' sede ta' korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni, iżda japplika biss għall-istituzzjonijiet. Il-kompetenza biex jiġi ddeterminat il-post tas-sede tal-aġenziji tal-Unjoni hija tal-leġiżlatur tal-Unjoni, li għandu jaġixxi għal dan il-għan skont il-proċeduri stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti sostantivi tat-Trattati. Id-Deċiżjoni inkwistjoni kienet miżura mhux vinkolanti ta' kooperazzjoni politika li ma hijiex ta' natura li tillimita s-setgħa diskrezzjonali tal-leġiżlatur tal-UE. F'dak is-sens, id-deċiżjoni ma tistax tillimita s-setgħa diskrezzjonali tal-leġiżlatur tal-UE jew tal-Parlament Ewropew.

**4.** Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kompetenzi, il-proċeduri, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-atti legali.

**a.** Il-kompetenza leġiżlattiva, id-dritt ta' inizjattiva u l-proċeduri leġiżlattivi: 1.3.2, 1.3.6, 1.3.8 u 1.2.3

Il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni jieħdu sehem fl-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'diversi livelli, skont il-bażi ġuridika individwali. Il-Parlament jista' jitlob lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta proposti leġiżlattivi lilu u lill-Kunsill.

[1]Ara l-Kawżi Magħquda C-59/18 L-Italja vs Il-Kunsill u C-182/18 Comune di Milano vs Il-Kunsill,il-Kawżi Magħquda C-106/19 L-Italja vs Il-Kunsill u l-Parlament u C-232/19 Comune di Milano vs il-Parlament u l-Kunsill, u l-Kawża C-743/19 Il-Parlament vs Il-Kunsill).

**b.** L-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni

Fil-qafas tad-dritt primarju, l-UE għandha biss setgħat ta' implimentazzjoni limitati, peress li d-dritt tal-UE huwa ġeneralment infurzat mill-Istati Membri. Barra minn hekk, l-Artikolu 291(1) tat-TFUE jżid li "l-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri kollha tad-dritt nazzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti". Meta jkun hemm bżonn ta' kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti, il-Kummissjoni teżerċita s-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha (l-Artikolu 291(2) tat-TFUE).

**c.** L-għażla tat-tip ta' att legali

F'diversi każijiet, it-Trattati jimponu l-forma tal-att legali li għandu jiġi adottat. Madankollu, f'ħafna każijiet oħra, ma jiġi speċifikat l-ebda tip ta' att legali. F'dawn il-każijiet, skont l-Artikolu 296(1) tat-TFUE, l-istituzzjonijiet għandhom jiddeċiedu każ b'każ, "skont il-proċeduri applikabbli, u skont il-prinċipju tal-proporzjonalità".

## C. Il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u d-drittijiet fundamentali

It-Trattati jagħmlu ftit li xejn referenzi għall-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. Dawn il-prinċipji ġew prinċipalment żviluppati fil-ġurisprudenza tal-QĠUE (iċ-ċertezza tad-dritt, il-bilanċ istituzzjonali, l-aspettattivi leġittimi, eċċ.), li hija wkoll il-bażi għar-rikonoxximent tad-drittijiet fundamentali bħala prinċipji ġenerali fid-dritt tal-Unjoni. Dawn il-prinċipji llum jinsabu minquxa fl-Artikolu 6(3) tat-TUE, li jirreferi għad-drittijiet fundamentali hekk kif garantiti mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (4.1.2).

## D. Ftehimiet internazzjonali konklużi mill-UE skont l-Artikoli 216 u 217 tat-TFUE

L-Unjoni tista', fl-ambitu tal-kompetenzi tagħha, tikkonkludi ftehimiet internazzjonali ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali (l-Artikolu 216(1) tat-TFUE). Dawn il-ftehimiet huma vinkolanti għall-Unjoni u l-Istati Membri, u jagħmlu parti integrali mid-dritt tal-Unjoni (l-Artikolu 216(2) tat-TFUE). Skont l-Artikolu 217 tat-TFUE, l-UE tista' wkoll tikkonkludi ftehimiet li jistabbilixxu assoċjazzjoni li tinvolvi drittijiet u obbligi reċiproċi, azzjoni komuni u proċedura speċjali. Il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, ġie konkluż f'konformità ma' din id-dispożizzjoni. Fit-28 ta' April 2021, il-Parlament ta l-approvazzjoni tiegħu skont l-Artikolu 218(6a) tat-TFUE.

Skont il-ġurisprudenza tal-QĠUE, id-dritt internazzjonali jieħu preċedenza fuq id-dritt (sekondarju) tal-UE: "Għandu wkoll jitfakkar li, bis-saħħa tal-Artikolu 216(2) tat-TFUE, meta jiġu konklużi ftehim internazzjonali mill-Unjoni, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni huma marbuta minn dawn il-ftehim u, konsegwentement, dawn jirbħu fuq l-atti tal-Unjoni".

## E. Għarfien espert indipendenti u tfassil aħjar tal-liġijiet

Fl-2004, il-Parlament ħoloq ħames dipartimenti tematiċi li jipprovdu għarfien espert indipendenti ta' livell għoli, analiżi u pariri dwar il-politika fuq talba tal-kumitati u ta' korpi parlamentari oħra. Din ir-riċerka indipendenti – li tgħaqqad lill-Membri tal-PE, lill-akkademja u liċ-ċittadini – għandha takkumpanja kull inizjattiva leġiżlattiva, mill-ippjanar tagħha sal-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tagħha. Għandha tikkontribwixxi għall-

kwalità għolja tal-leġiżlazzjoni u l-interpretazzjoni tagħha, bħala parti indispensabbli tal-ħidma preparatorja[2].

L-aħjar użu tal-leġiżlazzjoni tal-UE jista' jwassal għal gwadanji potenzjali ta' aktar minn EUR 2 200 biljun fis-sena. Riċerka mħejjija għall-Parlament Ewropew mid-dipartimenti tal-politika tindika li inizjattivi speċifiċi tas-suq intern, jistgħu jinkisbu gwadanji ta' EUR 386 biljun għall-moviment liberu tal-merkanzija, EUR 189 biljun għall-unjoni doganali, EUR 289 biljun għall-moviment liberu tas-servizzi u EUR 177 biljun għas-suq uniku diġitali.

Il-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ikopri l-programmazzjoni annwali u pluriennali u l-aspetti kollha taċ-ċiklu ta' politika. Jistabbilixxi wkoll id-diversi impenji tal-istituzzjonijiet li jabbozzaw leġiżlazzjoni tal-UE ta' kwalità għolja li tkun effiċjenti, effettiva, sempliċi u ċara, u li tevita regolamentazzjoni żejda u piżijiet bla bżonn għall-individwi, l-awtoritajiet pubbliċi u n-negozji, speċjalment l-SMEs.

Madankollu, riċerka reċenti kkummissjonata mill-Parlament Ewropew tindika li l-involviment ta' riċerka indipendenti jeħtieġ li jkun: (1) imtejjeb fl-istadju tal-formulazzjoni u tal-ippjanar tal-istrateġiji tal-UE[3], inkluż billi jonqos id-dewmien għall-introduzzjoni tar-riformi leġiżlattivi, (2) applikat b'mod ugwali għall-inizjattivi leġiżlattivi kollha (eż. eċċezzjonijiet għal fajls urġenti jnaqqsu l-kwalità tal-leġiżlazzjoni tal-UE f'oqsma importanti), u (3) applikat bl-istess mod għall-evalwazzjonijiet tal-effetti tad-dritt tal-UE, li bħalissa ma għandhomx valutazzjonijiet kruċjali tal-effetti kwantifikati minħabba nuqqas ta' ġbir ta' data[4].

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Skont l-Artikolu 14(1) tat-TUE: "Il-Parlament Ewropew għandu, flimkien mal-Kunsill, jeżerċita funzjonijiet leġiżlattivi (permezz tal-"proċedura leġiżlattiva ordinarja") u baġitarji (permezz ta' proċedura leġiżlattiva speċjali taħt l-Artikolu 314 tat-TFUE)". Il-Parlament qed jipprova jissemplifika l-proċess leġiżlattiv, itejjeb il-kwalità tal-abbozzar ta' testi legali u jiżgura li jiġu imposti penali aktar effettivi fuq dawk l-Istati Membri li jonqsu milli jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni. Il-programm leġiżlattiv u ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni jippreżenta l-prijoritajiet politiċi ewlenin tal-Kummissjoni u jidentifika azzjonijiet konkreti, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, li jimplimentaw dawn il-prijoritajiet. Il-Parlament għandu rwol ġenwin fil-ħolqien ta' liġijiet ġodda, peress li jeżamina l-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Kummissjoni u jindika liema liġijiet jixtieq li jiġu introdotti.

Wara li kisbet personalità ġuridika, l-Unjoni tista' tikkonkludi ftehimiet internazzjonali (l-Artikolu 216-217 tat-TFUE). Kwalunkwe ftehim konkluż fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni kif ukoll fl-oqsma kollha li l-politiki tagħhom jidħlu fl-ambitu tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew (l-Artikolu 218(6)(a) tat-TFUE). Pereżempju, il-Parlament ta l-approvazzjoni tiegħu

---

[2]Maciejewski M., "Role of the European Parliament in promoting the use of independent expertise in the legislative process", (Ir-rwol tal-Parlament Ewropew fil-promozzjoni tal-użu ta' għarfien espert indipendenti fil-proċess leġiżlattiv), Dipartiment Tematiku għall-Politika Ekonomika, Xjentifika u tal-Kwalità tal-Ħajja, Parlament Ewropew, Diċembru 2018.
[3]Jones S. et al., "Better regulation in the EU: Improving quality and reducing delays", (Regolamentazzjoni aħjar fl-UE: It-titjib tal-kwalità u t-tnaqqis tad-dewmien), Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali, Parlament Ewropew, Ġunju 2022.
[4]Sartor G. et al., "The way forward for better regulation in the EU – better focus, synergies, data and technology" (It-triq' il quddiem għal regolamentazzjoni aħjar fl-UE — fokus aħjar, sinerġiji, data u teknoloġija), Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali, Parlament Ewropew, Awwissu 2022.

fit-28 ta' April 2021 għall-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit. F'okkażjonijiet oħra, il-Parlament diġà wera li mhux se joqgħod lura milli juża l-veto tiegħu jekk ikollu tħassib serju. Pereżempju, huwa rrifjuta l-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni (ACTA) fl-2012.

F'Lulju 2022, il-Parlament adotta rapport fuq inizjattiva proprja bi tweġiba għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Regolamentazzjoni Aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar".

Ir-riċerka kkummissjonata mid-dipartimenti tematiċi għall-Parlament Ewropew tindika li r-riforma hija meħtieġa għal regolamentazzjoni aħjar fl-UE[5]. Ir-riċerka tindika wkoll li l-leġiżlazzjoni tal-UE tista' tibbenefika minn riforma tal-abbozzar u l-istruttura tagħha, sabiex jiġi ffaċilitat l-użu diġitali tal-leġiżlazzjoni miċ-ċittadini tal-UE[6].

Din l-iskeda informattiva hija mħejjija mid-Dipartiment Tematiku tal-Parlament Ewropew għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali.

Udo Bux / Mariusz Maciejewski
11/2023

[5]Jones, S. et al., "Better regulation in the EU" (Regolamentazzjoni aħjar fl-UE), Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali, Parlament Ewropew, Ottubru 2023.
[6]Xanthaki H., "The "one in, one out" principle. A real better lawmaking tool?", (Il-prinċipju "one in, one out". Għodda reali aħjar għat-tfassil tal-liġijiet?), Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali, Parlament Ewropew, Ġunju 2023.

# 1.2.2. IL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ

Fil-qafas tal-kompetenzi mhux esklużivi tal-Unjoni Ewropea, il-prinċipju tas-sussidjarjetà, stabbilit fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jagħti definizzjoni tal-kundizzjonijiet li fihom l-Unjoni għandha prijorità ta’ azzjoni fil-konfront tal-Istati Membri.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

## L-OBJETTIVI

Il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità jirregolaw l-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea. Fl-oqsma li ma jaqgħux taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE, il-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa maħsub biex iħares il-kapaċità ta’ deċiżjoni u ta’ azzjoni tal-Istati Membri u jagħti lill-Unjoni l-leġittimità biex tintervjeni jekk l-objettivi ta’ xi azzjoni ma jkunux jistgħu jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri, iżda jkunu jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, “minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni prevista”. L-għan li tiġi inkluża referenza għall-prinċipju fit-Trattati tal-UE huwa wkoll biex jiġi żgurat li s-setgħat jiġu eżerċitati kemm jista’ jkun possibbli qrib iċ-ċittadini, f’konformità mal-prinċipju ta’ prossimità msemmi fl-Artikolu 10(3) tat-TUE.

## IL-KISBIET

**A.** L-oriġini u l-evoluzzjoni storika

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà ġie minqux formalment fit-TUE, iffirmat fl-1992: it-TUE inkluda referenza għall-prinċipju fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (TKE). L-Att Uniku Ewropew, iffirmat fl-1986, kien diġà introduċa l-kriterju tas-sussidjarjetà fil-politika ambjentali, iżda mingħajr ma sejjaħlu hekk b’mod espliċitu. Il-Qorti tal-Prim’Istanza tal-Komunitajiet Ewropej, fis-sentenza tagħha tal-21 ta’ Frar 1995 (T-29/92), iddeċidiet li, qabel id-dħul fis-seħħ tat-TUE, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma kienx prinċipju ġenerali tad-dritt li fir-rigward tiegħu kellha tiġi kkontrollata l-legalità tal-atti Komunitarji.

Mingħajr ma bidel il-formulazzjoni tar-referenza għall-prinċipju tas-sussidjarjetà fl-Artikolu 5, it-tieni paragrafu, innumerat mill-ġdid tat-TKE, it-Trattat ta’ Amsterdam, iffirmat fl-1997, hemeż mat-TKE Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità (minn hawn ’il quddiem il-“Protokoll tal-1997”). L-approċċ globali għall-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, preċedentement maqbul fil-Kunsill Ewropew ta’ Edinburgu tal-1992, b’hekk sar ġuridikament vinkolanti u suġġett għall-istħarriġ ġudizzjarju permezz tal-protokoll dwar is-sussidjarjetà.

It-Trattat ta’ Lizbona li jemenda t-TUE u t-TKE, iffirmat fl-2007, daħħal il-prinċipju tas-sussidjarjetà fl-Artikolu 5(3) tat-TUE u rrevoka d-dispożizzjoni korrispondenti tat-TKE filwaqt li uża l-istess formulazzjoni tagħha. Żied ukoll referenza espliċita għad-dimensjoni reġjonali u lokali tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Barra minn hekk, it-Trattat ta’ Lizbona ssostitwixxa l-Protokoll tal-1997 bil-Protokoll Nru 2 il-ġdid, u d-differenza

prinċipali tikkonċerna r-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-iżgurar tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà (1.3.5).

## B. Definizzjoni

L-għan ġenerali tal-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa li jiġi ggarantit livell ta' indipendenza lil awtorità subordinata fil-konfront ta' awtorità ta' livell ogħla jew lil awtorità lokali fil-konfront tal-gvern ċentrali. Għalhekk, dan jinvolvi l-kondiviżjoni tas-setgħat bejn il-livelli differenti tal-awtorità, prinċipju li jikkostitwixxi l-pedament istituzzjonali tal-Istati federali.

Meta jiġi applikat fil-kuntest tal-UE, il-prinċipju tas-sussidjarjetà jservi biex jirregola l-eżerċizzju tas-setgħat mhux esklużivi tal-Unjoni. Dan jeskludi l-intervent tal-Unjoni f'każ li kwistjoni tkun tista' tiġi ttrattata b'mod effikaċi mill-Istati Membri fil-livell ċentrali, reġjonali jew lokali. L-Unjoni għandha l-leġittimità li teżerċita s-setgħat tagħha biss meta l-Istati Membri ma jkunux f'pożizzjoni li jilħqu l-objettivi ta' azzjoni prevista b'mod sodisfaċenti u meta l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tista' ġġib valur miżjud.

Skont l-Artikolu 5(3) tat-TUE, hemm tliet prekundizzjonijiet għall-intervent tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà: (a) il-qasam ikkonċernat ma jaqax fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni (jiġifieri kompetenza mhux esklużiva); (b) l-objettivi tal-azzjoni prevista ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri (jiġifieri ħtieġa); (c) l-azzjoni tista' għalhekk titwettaq aħjar, minħabba l-iskala jew l-effetti tagħha, permezz ta' intervent mill-Unjoni (jiġifieri valur miżjud).

## C. Kamp ta' applikazzjoni

### 1. Id-delimitazzjoni tal-kompetenzi tal-Unjoni

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika biss għal dawk l-oqsma fejn il-kompetenzi huma kondiviżi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri. Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, saret delimitazzjoni aktar preċiża tal-kompetenzi mogħtija lill-Unjoni: L-Ewwel Parti, Titolu I, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (li ġie ffirmat fl-2007 u daħal fis-seħħ fl-2009) tikklassifika l-kompetenzi tal-Unjoni fi tliet kategoriji (kompetenzi esklużivi, kompetenzi kondiviżi u kompetenzi ta' appoġġ) u tistabbilixxi lista tal-oqsma koperti mit-tliet kategoriji ta' kompetenzi.

### 2. L-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà jikkonċerna l-istituzzjonijiet kollha tal-UE u għandu importanza prattika b'mod speċjali fir-rigward tal-proċeduri leġiżlattivi. It-Trattat ta' Lisbona saħħaħ ir-rwol kemm tal-parlamenti nazzjonali kif ukoll tal-Qorti tal-Ġustizzja għal dak li jirrigwarda r-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Dan daħħal mhux biss referenza espliċita għad-dimensjoni subnazzjonali tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, iżda saħħaħ ukoll ir-rwol tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u fetaħ il-possibilità, li tħalliet għad-diskrezzjoni tal-parlamenti nazzjonali, għall-parlamenti reġjonali li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom setgħat leġiżlattivi li jinvolvu ruħhom fil-mekkaniżmu ta' "twissija bikrija" *ex ante*.

## D. Il-kontroll tal-parlamenti nazzjonali

Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(3) u l-Artikolu 12(b) tat-TUE, il-parlamenti nazzjonali jiżguraw ir-rispett għall-prinċipju tas-sussidjarjetà skont il-proċedura prevista fil-Protokoll Nru 2. Skont il-mekkaniżmu ta' "twissija bikrija" *ex ante* msemmi hawn fuq, kull parlament nazzjonali jew kull kamra ta' parlament nazzjonali għandhom perjodu ta' tmien ġimgħat, mid-data li fiha jirċievu abbozz ta' att leġiżlattiv, biex jindirizzaw lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, permezz ta' opinjoni

motivata bir-raġunijiet li għalihom iqisu li l-abbozz inkwistjoni ma josservax il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Meta opinjonijiet motivati joriġinaw minn tal-anqas terz tal-voti allokati lill-parlamenti nazzjonali (vot wieħed għal kull kamra fil-każ tal-parlamenti bikamerali u żewġ voti fil-każ tal-parlamenti b'kamra waħda), l-abbozz irid jiġi rieżaminat ("karta safra"). L-istituzzjoni li minnha jkun ġej l-abbozz ta' att leġiżlattiv tista' tiddeċiedi li jew iżżomm l-abbozz, jew temendah, jew inkella tirtirah, filwaqt li tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni li tieħu. Fir-rigward ta' abbozzi ta' atti relatati mal-kooperazzjoni tal-pulizija jew il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, dan il-limitu huwa anqas (kwart tal-voti). Meta, fil-qafas tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, minn tal-anqas maġġoranza sempliċi tal-voti allokati lill-parlamenti nazzjonali tikkontesta l-konformità ta' proposta leġiżlattiva mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-Kummissjoni tiddeċiedi li żżomm il-proposta tagħha, il-kwistjoni tintbagħat lura lill-leġiżlatur (il-Parlament u l-Kunsill), li jagħti d-deċiżjoni tiegħu fl-ewwel qari. Jekk il-leġiżlatur iqis li l-proposta leġiżlattiva mhijiex kompatibbli mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, jista' jirrifjutaha b'maġġoranza ta' 55% tal-membri tal-Kunsill jew tal-maġġoranza tal-voti li jintefgħu fil-Parlament Ewropew ("karta oranġjo").

Sal-lum, il-proċedura tal-"karta safra" ġiet skattatha tliet darbiet, filwaqt li l-proċedura tal-"karta oranġjo" qatt ma ntużat. F'Mejju 2012, ħarġet l-ewwel "karta safra" fir-rigward ta' proposta għal Regolament tal-Kummissjoni dwar l-eżerċizzju tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li tagħti servizz ("Monti II")[1] . Kien hemm total ta' 12-il parlament nazzjonali jew kamra ta' dawn il-parlamenti minn 40 li qiesu li l-proposta ma kinitx konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà mil-lat tal-kontenut tagħha. Il-Kummissjoni fl-aħħar irtirat il-proposta tagħha, filwaqt li qieset madankollu li l-prinċipju tas-sussidjarjetà ma kienx inkiser. F'Ottubru 2013, inħarġet "karta safra" oħra minn 14-il kamra tal-parlament nazzjonali fi 11-il Stat Membru wara l-preżentazzjoni tal-proposta għal Regolament dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew[2]. Il-Kummissjoni, wara li analizzat l-opinjonijiet motivati li waslu mingħand il-parlamenti nazzjonali, iddeċidiet li żżomm il-proposta[3], hekk kif argumentat li kienet konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. F'Mejju 2016, it-tielet "karta safra" inħarġet minn 14-il kamra ta' 11-il Stat Membru kontra l-proposta ta' reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema[4]. Il-Kummissjoni tat raġunijiet[5] dettaljati għaż-żamma tal-proposta tagħha, peress li ma kinitx tikser il-prinċipju tas-sussidjarjetà, billi l-kwistjoni tal-ħaddiema stazzjonati hija, skont it-tifsira tagħha stess, waħda tranżnazzjonali.

Il-Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet tal-Unjoni tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea (COSAC) isservi bħala pjattaforma utli għall-parlamenti nazzjonali biex jaqsmu l-informazzjoni relatata mal-kontroll tas-sussidjarjetà. Barra minn hekk, in-network għall-monitoraġġ tas-sussidjarjetà miżmum mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-istituzzjonijiet

[1]Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-eżerċizzju tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li tagħti servizz, (COM(2012)0130).
[2]Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, (COM(2013)0534).
[3]Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Parlamenti Nazzjonali dwar ir-reviżjoni tal-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew fir-rigward tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, skont il-Protokoll Nru 2, (COM(2013)0851).
[4]Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi, (COM(2016)0128).
[5]Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Parlamenti Nazzjonali dwar il-proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema, fir-rigward tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, f'konformità mal-Protokoll Nru 2, (COM(2016)0505).

tal-UE. Il-membri tal-network għall-monitoraġġ tas-sussidjarjetà jinkludu parlamenti reġjonali u gvernijiet b'setgħat leġiżlattivi, awtoritajiet lokali u reġjonali mingħajr setgħat leġiżlattivi u assoċjazzjonijiet tal-gvern lokali fl-UE. Huwa miftuħ ukoll għad-delegazzjonijiet nazzjonali tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u l-kmamar tal-parlamenti nazzjonali.

**E.** Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa

F'Marzu 2017, il-Kummissjoni ħolqot "Task Force dwar is-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u li jsir inqas b'mod iktar effiċjenti", bħala parti mill-aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar, u b'mod partikolari d-dibattitu dwar il-futur tal-Ewropa mniedi mill-White Paper tal-President tal-Kummissjoni Juncker. It-Task Force timmira li 1) tagħmel rakkomandazzjonijiet dwar kif għandhom jiġu applikati aħjar il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità; 2) jiġu identifikati oqsma ta' politika fejn ix-xogħol jista' jiġi ddelegat mill-ġdid jew jiġi ritornat b'mod definittiv lejn il-pajjiżi tal-UE; u 3) jinstabu modi kif jiġu involuti aħjar l-awtoritajiet reġjonali u lokali fit-tfassil u t-twettiq tal-politika tal-UE.

Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet mogħtija mit-Task Force, il-Kummissjoni ppubblikat il-pakkett tas-sussidjarjetà tagħha f'Ottubru 2018, bil-għan li ssaħħaħ ir-rwol tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità fit-tfassil tal-politika tal-UE. Waħda mir-rakkomandazzjonijiet ewlenin tat-Task Force li ġiet aċċettata kienet li tiġi inkorporata grilja għall-valutazzjoni tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità fil-gwida tal-Kummissjoni għal regolamentazzjoni aħjar u li tintuża l-grilja biex jiġu ppreżentati s-sejbiet tal-Kummissjoni fil-valutazzjonijiet tal-impatt, l-evalwazzjonijiet u l-memoranda ta' spjegazzjoni.

Inxteħet dawl ukoll fuq il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità fil-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, kif iddikjarat fid-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa ffirmata mill-Presidenti tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.

**F.** Stħarriġ ġudizzjarju

Ir-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà jista' jiġi kkontrollat *a posteriori* (wara l-adozzjoni tal-att leġiżlattiv), permezz ta' rikors ġuriżdizzjonali mressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Dan huwa wkoll dikjarat fil-protokoll. Mandkollu, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jiddisponu minn marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa. Fis-sentenzi tagħha fil-Kawżi C-84/94 u C-233/94, il-Qorti kkonstatat li r-rispett għall-prinċipju tas-sussidjarjetà kien wieħed mill-kundizzjonijiet koperti mir-rekwiżit ta' motivazzjoni għall-atti tal-Unjoni, skont l-Artikolu 296 tat-TFUE. Dan ir-rekwiżit huwa ssodisfat meta jkun ċar li r-rispett tal-prinċipju joħroġ mill-premessi. F'sentenza aktar riċenti (Kawża C-547/14, *Philip Morris*, il-punt 218), il-Qorti tal-Ġustizzja tenniet li għandha tivverifika "jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni setax jikkunsidra, fuq il-bażi ta' elementi dettaljati, li l-għan tal-azzjoni proposta setax jintlaħaq aħjar fuq livell tal-Unjoni". Għal dak li jikkonċerna s-salvagwardji proċedurali u, b'mod partikolari, l-obbligu ta' motivazzjoni fir-rigward tas-sussidjarjetà, il-Qorti fakkret li r-rispett ta' dak l-obbligu "għandu jiġi evalwat mhux biss b'referenza għall-kliem tal-att ikkontestat, iżda wkoll għall-kuntest tiegħu u għaċ-ċirkustanzi tal-każ" (il-punt 225).

L-Istati Membri jistgħu jressqu rikorsi ta' annullament quddiem il-Qorti kontra att leġiżlattiv għal ksur tal-prinċipju tas-sussidjarjetà f'isem il-parlament nazzjonali tagħhom jew kamra tiegħu, skont is-sistema legali tagħhom. L-istess rikorsi jistgħu jsiru

mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni kontra tali atti leġiżlattivi jekk it-TFUE jiddisponi li dan jeħtieġlu jiġi kkonsultat.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament ta bidu għall-kunċett tas-sussidjarjetà u, fl-14 ta' Frar 1984, meta kien qed jiġi adottat l-abbozz tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, ippropona dispożizzjoni li permezz tagħha kull darba li t-Trattat jattribwixxi lill-Unjoni kompetenza li tikkompeti mal-kompetenzi tal-Istati Membri, l-azzjoni tal-Istati Membri tiġi eżerċitata sakemm l-Unjoni ma tkunx adottat xi att leġiżlattiv. Barra minn hekk, il-proposta tinsisti fuq il-fatt li l-Unjoni għandha tintervjeni biss biex tassumi kompiti li jistgħu jsiru b'mod aktar effiċjenti b'mod konġunt milli kieku jsiru mill-Istati individwali li jaġixxu b'mod separat.

Il-Parlament tenna dawn il-proposti f'bosta riżoluzzjonijiet (pereżempju r-riżoluzzjonijiet tat-23 ta' Novembru 1989, tal-14 ta' Diċembru 1989, tat-12 ta' Lulju 1990, tal-21 ta' Novembru 1990 u tat-18 ta' Mejju 1995), li fihom fakkar fl-impenn tiegħu favur il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

**A.** Ftehimiet interistituzzjonali

Il-Parlament adotta għadd ta' miżuri biex jaqdi r-rwol tiegħu skont it-Trattati fir-rigward tal-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Skont l-Artikolu 43 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu "waqt l-eżami ta' proposta għal att leġiżlattiv, il-Parlament għandu jagħti attenzjoni partikulari jekk dik il-proposta tosservax il-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità." Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali huwa l-kumitat parlamentari b'responsabbiltà orizzontali għall-monitoraġġ tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. F'dan ir-rigward, huwa regolarment iħejji rapport dwar ir-rapporti annwali tal-Kummissjoni dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

Fil-25 ta' Ottubru 1993, il-Kunsill, il-Parlament u l-Kummissjoni ffirmaw ftehim interistituzzjonali[6] li jesprimi b'mod ċar ir-rieda tat-tliet istituzzjonijiet li jimxu 'l quddiem b'mod deċiż f'dan il-qasam. B'dan il-mod huma ntrabtu li jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Dan il-ftehim, permezz ta' proċeduri li jirregolaw l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, jiddefinixxi l-modalitajiet għall-eżerċizzju tal-kompetenzi li t-Trattati jagħtu lill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni b'tali mod li l-objettivi previsti minnhom ikunu jistgħu jintlaħqu. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li tqies il-prinċipju tas-sussidjarjetà, u li turi li dan ġie osservat. L-istess jgħodd għall-Parlament u għall-Kunsill fil-qafas tal-kompetenzi mogħtija lilhom.

Skont il-ftehim interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (li jissostitwixxi l-Ftehim ta' Diċembru 2003 u l-Approċċ Interistituzzjonali Komuni għal Valutazzjonijiet tal-Impatt ta' Novembru 2005), il-Kummissjoni jeħtiġilha tiġġustifika fin-nota spjegattiva tagħha l-miżuri proposti fid-dawl tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u tqis dan il-prinċipju fl-analiżijiet tagħha tal-impatt. Barra minn hekk, skont il-Ftehim Qafas tal-20 ta' Novembru 2010[7], il-Parlament u l-Kummissjoni impenjaw ruħhom li jikkooperaw mal-parlamenti nazzjonali biex jiffaċilitaw l-eżerċizzju minn dawk il-parlamenti tas-setgħa tagħhom ta' kontroll tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

---

[6]Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Ottubru 1993 bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-proċeduri għall-implimentazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, ĠU C 329, 6.12.1993, p. 135.
[7]Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, ĠU C 304, 20.11.2010, p. 47.

**B.** Ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Mejju 1997[8], il-Parlament Ewropew kien diġà għamel ċar li fl-opinjoni tiegħu l-prinċipju tas-sussidjarjetà kien prinċipju ġuridiku vinkolanti, iżda fakkar li l-implimentazzjoni tiegħu ma għandhiex tkun ta' ostaklu għall-eżerċizzju tal-kompetenzi esklużivi tal-UE, u lanqas ma għandha tintuża bħala pretest biex l-*acquis communautaire* jiġi ddubitat. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' April 2003[9], il-Parlament żied jgħid li s-soluzzjoni tat-tilwim preferibbilment kellha tinstab fil-livell politiku, filwaqt li ħa nota tal-proposti magħmula fil-Konvenzjoni dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa fir-rigward tal-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' "twissija bikrija" tal-parlamenti nazzjonali fil-qasam tas-sussidjarjetà. Dan il-mekkaniżmu effettivament kien inkorporat fit-Trattat ta' Liżbona (ara hawn fuq u 1.3.5).

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2012[10], il-Parlament laqa' l-involviment aktar mill-qrib tal-parlamenti nazzjonali fil-kontroll tal-proposti leġiżlattivi fid-dawl tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità u ssuġġerixxa li għandu jiġi investigat kwalunkwe mezz li jelimina l-ostakli li jxekklu l-parteċipazzjoni tal-parlamenti nazzjonali fil-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' April 2018[11], il-Parlament ħa nota taż-żieda qawwija fin-numru ta' opinjonijiet motivati mressqa mill-parlamenti nazzjonali, li juri involviment dejjem qed jikber min-naħa tagħhom fil-proċess deċiżjonali tal-Unjoni. Huwa laqa' wkoll l-interess tal-parlamenti nazzjonali fl-adozzjoni ta' rwol aktar proattiv permezz tal-użu ta' proċedura tal-"karta ħadra". F'dan ir-rigward, huwa rrakkomanda li jsir użu sħiħ mill-għodod eżistenti li jippermettu lill-parlamenti nazzjonali jipparteċipaw fil-proċess leġiżlattiv mingħajr ma jinħolqu strutturi istituzzjonali u amministrattivi ġodda.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Frar 2019 dwar l-istat tad-dibattitu dwar il-futur tal-Ewropa[12], il-Parlament enfasizza r-rwol fundamentali tal-awtoritajiet lokali u, b'mod partikolari, tal-parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi. Huwa ħa nota wkoll tar-rakkomandazzjonijiet tat-"Task Force dwar is-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u li jsir inqas b'mod iktar effiċjenti" iżda indika li ħafna minnhom, b'mod partikolari fir-rigward tar-rwol tal-parlamenti nazzjonali u l-ħtieġa li tiġi riformata s-sistema ta' twissija bikrija, kienu diġà ġew enfasizzati mill-Parlament.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2021[13], il-Parlament indika li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jimplimentaw u jużaw madwar 70% tal-leġiżlazzjoni tal-UE u stieden lill-Kummissjoni biex tinvolvihom aħjar fil-proċessi ta' konsultazzjoni tagħha, u biex tintegra "mudell ta' grilja" biex tivvaluta l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità matul il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-Parlament enfasizza

---

[8]Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew – "Tfassil Aħjar tal-Liġijiet 1997", ĠU C 98, 9.4.1999, p. 500.

[9]Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew dwar tfassil aħjar tal-liġijiet 2000 (skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll għat-Trattat KE dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità) u dwar ir-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew dwar tfassil aħjar tal-liġijiet 2001 (skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll għat-Trattat KE dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità), ĠU C 64 E, 12.3.2004, p. 135.

[10]Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar it-18-il rapport dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet – Applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità (2010), ĠU C 353E, 3.12.2013, p. 117.

[11]Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' April 2018 dwar ir-rapporti annwali 2015-2016 dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità (2017/2010(INI)), ĠU C 390, 18.11.2019, p. 94.

[12]Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Frar 2019 dwar l-istat tad-dibattitu dwar il-futur tal-Ewropa (2018/2094(INI))

[13]Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar l-idoneità regolatorja tal-Unjoni Ewropea u s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità - rapport dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet li jkopri s-snin 2017, 2018 u 2019 (2020/2262(INI))

wkoll li l-istruttura attwali tal-proċedura għall-mekkaniżmu ta’ kontroll tas-sussidjarjetà twassal biex il-parlamenti nazzjonali jiddedikaw ammonti eċċessivi ta’ ħin għal valutazzjonijiet tekniċi u ġuridiċi bi skadenzi qosra, u dan jikkomplika l-għan li ssir diskussjoni politika aktar profonda dwar il-politika Ewropea.

Eeva Pavy
03/2024

# 1.2.3. IL-PROĊEDURI SUPRANAZZJONALI GĦAT-TEĦID TA' DEĊIŻJONIJIET

Minħabba s-sħubija tagħhom mal-UE, l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ftiehmu li jittrasferixxu wħud mis-setgħat tagħhom lill-istituzzjonijiet tal-UE f'oqsma ta' politika speċifiċi. Għalhekk, l-istituzzjonijiet tal-UE jieħdu deċiżjonijiet supranazzjonali li jorbtu, fil-proċeduri leġiżlattivi u eżekuttivi tagħhom, fil-proċeduri baġitarji, fil-proċeduri tal-ħatra u fil-proċeduri li huma kważi kostituzzjonali.

## L-ISTORJA (1.1.1, 1.1.2, 1.1.3, 1.1.4 U 1.1.5)

It-Trattat ta' Ruma ta lill-Kummissjoni s-setgħat li tipproponi u tinnegozja, principalment fl-oqsma tal-leġiżlazzjoni u r-relazzjonijiet ekonomiċi esterni, u alloka setgħat għat-teħid tad-deċiżjonijiet lill-Kunsill jew, fil-każ tal-ħatriet, lir-rappreżentanti governattivi tal-Istati Membri. Lill-Parlament tah setgħa konsultattiva. Ir-rwol tal-Parlament kiber ftit ftit, fil-qasam baġitarju, bir-riform tal-1970 u tal-1975, u fil-qasam leġiżlattiv, bl-Att Uniku Ewropew u t-Trattati sussegwenti kollha, fejn fuq quddiem nett hemm it-Trattat ta' Maastricht li introduċa l-kodeċiżjoni mal-Kunsill, u dan kabbar ukoll ir-rwol tal-Parlament fil-ħatriet. Barra minn hekk, l-Att Uniku Ewropew ta wkoll lill-Parlament is-setgħa li jawtorizza ratifika tat-trattati tal-adeżjoni u tal-assoċazzjoni; It-Trattat ta' Maastricht estenda dik is-setgħa għal trattati internazzjonali oħra ta' ċertu tip. It-Trattat ta' Amsterdam għamel progress sostanzjali sabiex il-Komunità ssir aktar demokratika, billi għamel il-proċedura ta' kodeċiżjoni aktar sempliċi, estendiha għal setturi ġodda u saħħaħ ir-rwol tal-Parlament fil-ħatra tal-Kummissjoni. B'segwitu għal dan l-approċċ, it-Trattat ta' Nizza żied b'mod konsiderevoli s-setgħat tal-Parlament. Minn naħa waħda, il-proċedura ta' kodeċiżjoni (li biha l-Parlament għandu l-istess setgħat li għandu l-Kunsill) ġiet applikata kważi għas-setturi l-ġodda kollha fejn il-Kunsill kien intitolat jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata. Min-naħa l-oħra, il-Parlament kiseb l-istess setgħat bħall-Istati Membri fir-rigward tar-riferiment ta' kwistjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja. It-Trattat ta' Lisbona huwa pass kwalitattiv ulterjuri lejn ugwaljanza sħiħa mal-Kunsill fil-leġiżlazzjoni u l-finanzi tal-UE.

## IL-PROĊEDURI LEĠIŻLATTIVI[1]

**A.** Il-proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-Artikoli 289 u 294 tat-TFUE)

**1.** Il-kamp ta' applikazzjoni

It-Trattat ta' Lisbona żied 40 bażi ġuridika oħra, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà u fl-agrikultura, fejn il-Parlament issa jiddeċiedi fuq atti leġiżlattivi fuq l-istess livell mal-Kunsill. Għaldaqstant, il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, li qabel kienet tissejjaħ il-proċedura ta' kodeċiżjoni, tapplika għal 85 bażi ġuridika. Il-proċedura leġiżlattiva ordinarja tinkludi l-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata (VMK) fil-Kunsill (l-Artikolu 294 tat-TFUE). Madankollu, din ma tapplikax għal diversi oqsma importanti, bħal pereżempju l-politika fiskali li tikkonċerna t-tassazzjoni diretta jew aspetti transnazzjonali tal-liġi tal-familja, li jeħtieġu l-unanimità fil-Kunsill.

[1]IT-TRATTAT TA' LISBONA NEĦĦA L-PROĊEDURA TA' KOOPERAZZJONI, LI KIENET ĠIET INTRODOTTA BL-ATT UNIKU EWROPEW TAL-1986.

## 2. Il-proċedura

Il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ssegwi l-istess passi tal-proċedura ta' kodeċiżjoni preċedenti. Madankollu, il-kliem tat-TFUE nbidel b'mod konsiderevoli, notevolment biex jenfasizza r-rwol ugwali tal-Kunsill u tal-Parlament f'din il-proċedura.

### a. Il-proposta tal-Kummissjoni

### b. L-ewwel qari fil-Parlament

Il-Parlament jadotta l-pożizzjoni tiegħu b'maġġoranza sempliċi.

### c. L-ewwel qari fil-Kunsill

Il-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu permezz tal-VMK.

Fl-oqsma tas-sigurtà soċjali u l-koperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali, il-proposta tista' tiġi ppreżentata lill-Kunsill Ewropew fuq talba ta' Stat Membru wieħed (l-Artikoli 48 u 82 tat-TFUE), u din tissospendi l-proċedura leġiżlattiva ordinarja sakemm il-Kunsill Ewropew jassenja mill-ġdid il-kwistjoni lill-Kunsill (mhux aktar tard minn erba' xhur). Fil-każ tal-Artikolu 82, mill-inqas disa' Stati Membri jistgħu jiddeċiedu li jkomplu d-deliberazzjonijiet skont il-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa (l-Artikolu 20 tat-TUE u l-Artikoli 326-334 tat-TFUE).

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, l-att jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

### d. It-tieni qari fil-Parlament

Il-Parlament jirċievi l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill u għandu tliet xhur biex jieħu deċiżjoni. Għalhekk huwa jista':

- japprova l-proposta kif emendata mill-Kunsill jew ma jieħu l-ebda deċiżjoni; fiż-żewġ każijiet, jiġi adottat l-att emendat mill-Kunsill;
- jirrifjuta l-pożizzjoni tal-Kunsill b'maġġoranza assoluta tal-Membri tiegħu; l-att ma jiġix adottat u l-proċedura tintemm;
- jadotta, b'maġġoranza assoluta tal-Membri tiegħu, emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill, li mbagħad jitressqu quddiem il-Kummissjoni u l-Kunsill għall-opinjoni tagħhom.

### e. It-tieni qari fil-Kunsill

- Jekk il-Kunsill, li jivvota b'maġġoranza kwalifikata fuq l-emendi tal-Parlament, u b'mod unanimu għal dawk li dwarhom il-Kummissjoni tat opinjoni negattiva, japprova l-emendi kollha tal-Parlament mhux aktar tard minn tliet xhur wara li dawn jaslu għandu, l-att jiġi adottat.
- Inkella, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jiltaqa' fi żmien sitt ġimgħat.

### f. Il-konċiljazzjoni

- Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni huwa magħmul min numru ugwali ta' rappreżentanti tal-Kunsill u tal-Parlament, assistiti mill-Kummissjoni. Huwa jikkunsidra l-pożizzjonijiet tal-Parlament u tal-Kunsill u għandu sitt ġimgħat biex jaqbel dwar test konġunt bl-appoġġ ta' VMK tar-rappreżentanti tal-Kunsill u maġġoranza tar-rappreżentanti tal-Parlament.
- Il-proċedura tintemm u l-att ma jiġix adottat jekk il-Kumitat ma jilħaqx ftehim dwar test konġunt sal-iskadenza.

— Jekk il-Kumitat jilħaq ftehim dwar test konġunt, dan jintbagħat lill-Kunsill u lill-Parlament għall-approvazzjoni.

**g.** Il-konklużjoni tal-proċedura (it-tielet qari)

— Il-Kunsill u l-Parlament għandhom sitt ġimgħat biex japprovaw it-test konġunt. Il-Kunsill jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata u l-Parlament b'maġġoranza assoluta tal-voti mitfugħin;

— L-att jiġi adottat jekk il-Kunsill u l-Parlament japprovaw it-test konġunt.

— Jekk waħda mill-istituzzjonijiet ma tkunx għadha tat l-approvazzjoni tagħha sad-data ta' skadenza, il-proċedura tintemm u l-att ma jiġix adottat.

Matul dawn l-aħħar ftit snin, l-għadd ta' ftehimiet fl-ewwel qari abbażi ta' negozjati informali bejn il-Kunsill u l-Parlament żdied b'mod sinifikanti.

Ċerti klawsoli "passerelle" jippermettu lill-Kunsill Ewropew jestendi l-applikazzjoni tal-proċedura ordinarja f'oqsma eżentati minnha (pereżempju l-politika soċjali: l-Artikolu 153(2) tat-TFUE).

**B.** Il-proċedura ta' konsultazzjoni

Qabel ma l-Kunsill jieħu deċiżjoni, huwa għandu jqis l-opinjoni tal-Parlament u, jekk ikun neċessarju, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni. Huwa meħtieġ li jagħmel dan, peress li n-nuqqas ta' tali konsultazzjoni jagħmel l-att illegali u dan jista' jwassal għal annullament mill-Qorti tal-Ġustizzja (ara s-sentenza fil-Kawżi 138 u 139/79). Meta l-Kunsill ikun biħsiebu jemenda l-proposta b'mod sostanzjali, huwa meħtieġ li jerġa' jikkonsulta lill-Parlament (sentenza fil-Kawża 65/90).

**C.** Il-proċedura ta' approvazzjoni

**1.** Il-kamp ta' applikazzjoni

B'riżultat tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-proċedura ta' approvazzjoni tapplika b'mod partikolari għall-klawsola orizzontali ta' flessibilità baġitarja, kif speċifikat fl-Artikolu 352 tat-TFUE (l-ex Artikolu 308 tat-TKE). Eżempji oħrajn huma azzjoni biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni (l-Artikolu 19(1) tat-TFUE) u s-sħubija tal-Unjoni (l-Artikoli 49 u 50 tat-TUE). Barra minn hekk, hija meħtieġa l-approvazzjoni tal-Parlament għal ftehimiet ta' assoċjazzjoni (l-Artikolu 217 tat-TFUE), għal adeżjoni tal-Unjoni mal-KEBD (l-Artikolu 6(2) tat-TUE) u għal ftehimiet li jistabbilixxu qafas istituzzjonali speċifiku li jinvolvu implikazzjonijiet baġitarji kbar jew li jikkonċernaw oqsma fejn tapplika l-proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-Artikolu 218(6) tat-TFUE).

**2.** Il-proċedura

Il-Parlament jikkunsidra abbozz ta' att imressaq quddiemu mill-Kunsill; huwa jiddeċiedi jekk japprovax l-abbozz jew le (ma jistax jemendah) b'maġġoranza assoluta tal-voti mitfugħin. Il-Parlament ma jingħata l-ebda rwol formali mit-Trattat fil-fażijiet preċedenti tal-proċedura biex jikkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni, iżda b'riżultat tal-arranġamenti interistituzzjonali saret in-norma li l-Parlament jiġi involut b'mod informali (ara r-Regoli ta' Proċeura tal-Parlament).

## IL-PROĊEDURA BAĠITARJA (1.2.5)

## IL-PROĊEDURI TAL-ĦATRA

**A.** Il-Parlament jeleġġi l-President tal-Kummissjoni (l-Artikolu 14(1) tat-TUE) (1.3.8).

**B.** Il-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jaħtar ir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (l-Artikolu 18(1) tat-TUE).

**C.** Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jadotta:

— il-lista tal-persuni l-oħra li jipproponi għall-ħatra bħala Membri tal-Kummissjoni, bi qbil komuni mal-President elett (l-Artikolu 17(7) tat-TUE).

**D.** Il-Kunsill jadotta l-lista ta':

— membri tal-Qorti tal-Awdituri (l-Artikolu 286 tat-TFUE), wara li jikkonsulta lill-Parlament u skont il-proposti mressqa mill-Istati Membri;

— membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, li titfassal skont il-proposti magħmula minn kull Stat Membru (l-Artikoli 301, 302 u 305 tat-TFUE).

**E.** Il-Parlament jeleġġi lill-Ombudsman Ewropew (l-Artikolu 228 tat-TFUE).

## IL-KONKLUŻJONI TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

Wara li kisbet personalità ġuridika, l-Unjoni issa tista' tikkonkludi ftehimiet internazzjonali (l-Artikolu 218 tat-TFUE). It-Trattat ta' Lisbona jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew fi kwalunkwe ftehim konkluż fil-qasam tal-Politika Kummerċjali Komuni kif ukoll fl-oqsma kollha li l-politiki tagħhom jaqgħu taħt il-proċedura leġiżlattiva ordinarja fi ħdan l-UE. Il-Kunsill jiddeċiedi permezz ta' VMK, bl-eċċezzjoni tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni u ta' adeżjoni, il-ftehimiet li għandhom ir-riskju li jippreġudikaw id-diversità kulturali u lingwistika tal-Unjoni, u l-ftehimiet f'oqsma fejn tkun meħtieġa l-unanimità għall-adozzjoni ta' atti interni.

— Il-proċedura: Il-Kummissjoni jew ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ) jippreżentaw rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill, u l-Kunsill jiddefinixxi l-mandat għan-negozjati u jinnomina n-negozjatur tal-Unjoni (mill-Kummissjoni jew ir-RGħ) biex imexxi n-negozjati. Il-Parlament Ewropew għandu jiġi informat immedjatament u kompletament fl-istadji kollha tal-proċedura (l-Artikolu 218(10) tat-TFUE).

— Deċiżjoni: il-Kunsill, permezz ta' VMK, minbarra fl-oqsma msemmija hawn fuq.

— Ir-rwol tal-Parlament: approvazzjoni għall-maġġoranza tal-ftehimiet (ara hawn fuq), konsultazzjoni għal ftehimiet li jaqgħu esklużivament fil-qasam tal-politika barranija u ta' sigurtà.

## IL-PROĊEDURI KWAŻI KOSTITUZZJONALI

**A.** Is-sistema ta' riżorsi proprji (l-Artikolu 311 tat-TFUE)

— Proposta: il-Kummissjoni;

— Ir-rwol tal-Parlament: konsultazzjoni;

— Deċiżjoni: il-Kunsill, b'mod unanimu, soġġetta għall-adozzjoni mill-Istati Membri bi qbil mar-rekwiżiti konstituzzjonali rispettivi tagħhom.

**B.** Id-dispożizzjonijiet għall-elezzjoni tal-Parlament b'vot dirett universali (l-Artikolu 223 tat-TFUE)

— Proposta: il-Parlament;

— Deċiżjoni: il-Kunsill, b'mod unanimu wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Parlament u jirrakommanda l-prorposta lill-Istati Membri għall-adozzjoni bi qbil mar-rekwiżiti konstituzzjonali tagħhom.

**C.** L-Adozzjoni tal-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew (l-Artikolu 223(2) tat-TFUE) u l-Istatut għall-Ombudsman (l-Artikolu 228(4) tat-TFUE)

— Proposta: il-Parlament;

— Ir-rwol tal-Kummissjoni: opinjoni;

— Ir-rwol tal-Kunsill: approvazzjoni (b'maġġoranza kwalifikata minbarra fejn għandhom x'jaqsmu r-regoli jew il-kundizzjonijiet li jiddeterminaw l-arranġamenti fiskali għall-Membri jew għall-Membri preċedenti, f'liema każ tapplika l-unanimità);

— Deċiżjoni: il-Parlament.

**D.** L-emendar tal-protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja (l-Artikolu 281 tat-TFUE)

— Proposta: il-Qorti tal-Ġustizzja (b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni) jew il-Kummissjoni (b'konsultazzjoni mal-Qorti tal-Ġustizzja);

— Deċiżjoni: il-Kunsill u l-Parlament (proċedura leġiżlattiva ordinarja).

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Fil-Konferenza Intergovernattiva (KIG) tas-sena 2000, il-Parlament għamel diversi proposti biex jestendi l-oqsma fejn tapplika l-proċedura leġiżlattiva ordinarja (dik li qabel kienet "il-proċedura ta' kodeċiżjoni"). Il-Parlament sostna ripetutament li, fejn kien hemm bidla minn unanimità għal maġġoranza kwalifikata, il-kodeċiżjoni għandha tapplika awtomatikament. It-Trattat ta' Nizza approva din il-pożizzjoni, iżda ma allinjax kompletament il-maġġoranza kwalifikata u l-kodeċiżjoni. B'riżultat ta' dan, il-kwestjoni tas-simplifikazzjoni tal-proċeduri kienet wieħed mill-elementi prinċipali indirizzati fil-Konvenzjoni dwar il-Futur tal-Ewropa. Kien hemm proposti biex il-proċeduri ta' koperazzjoni u ta' konsultazzjoni jitneħħew, biex il-proċedura ta' kodeċiżjoni tiġi ssimplifikata u estiża sabiex tkopri l-qasam leġiżlattiv kollu, u biex il-proċedura ta' kunsens tkun limitata għar-ratifika tal-ftehimiet internazzjonali. Ħafna minn dan it-titjib ġie implimentat bit-Trattat ta' Lisbona (1.1.5).

Fir-rigward tal-ħatriet, it-Trattat ta' Lisbona ma rnexxilux itemm il-firxa wiesgħa ta' proċeduri differenti, għalkemm inkisbet ċerta simplifikazzjoni. L-unanimità għadha applikata f'ċerti każijiet, u għandha t-tendenza li tipprovoka tilwim politiku u tnaqqas l-influwenza tal-Parlament. Sar progress b'mod partikolari wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Nizza, permezz tal-bidla minn unanimità għal maġġoranza kwalifikata għall-ħatra tal-President tal-Kummissjoni. It-Trattat ta' Lisbona, barra minn hekk, jipprovdi għall-elezzjoni tal-President tal-Kummissjoni mill-Parlament. Il-ħatra tal-President elett, wara konsultazzjonijiet xierqa tal-Parlament, għandha tikkunsidra debitament ir-riżultati tal-elezzjonijiet Ewropej. Dan jenfasizza l-leġittimità u r-responsabilità politika tal-

Kummissjoni Ewropea. Wara l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2014, dawn id-dispożizzjonijiet ġew implimentati għall-ewwel darba. Il-Kunsill Ewropew qabel li jaħtar lil Jean-Claude Juncker bħala President tal-Kummissjoni minħabba li l-Partit Popolari Ewropew (PPE) lien l-ikbar grupp fil-Parlament Ewropew wara l-elezzjonijiet.

Martina Schonard
11/2023

# 1.2.4. IL-PROĊEDURI INTERGOVERNATTIVI BIEX JITTIEĦDU D-DEĊIŻJONIJIET

Fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) kif ukoll f'diversi oqsma oħra, bħal pereżempju l-kooperazzjoni msaħħa, ċerti ħatriet u r-reviżjoni tat-trattati, il-proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet hija differenti minn dik li tintuża fil-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Il-karatteristika dominanti f'dawn l-oqsma hija element aktar qawwi ta' kooperazzjoni intergovernattiva. L-isfida tal-kriżi tad-dejn pubbliku wasslet għal żieda fl-użu ta'dan it-tip ta' mekkaniżmi tat-teħid ta' deċiżjonijiet, b'mod partikolari fil-qafas tal-governanza ekonomika Ewropea.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 20, 21-46, 48 u 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE); l-Artikoli 2(4), 31, 64(3), 81, 89, 103(1), 113, 115, 118, 127, 153, 191(3), 192, 194 (2), 215, 218, 220, 221, 312, 329 u 333 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## DESKRIZZJONI

**A.** Proċedura għall-emendar tat-Trattati (l-Artikolu 48 tat-TUE)

— Proposta: kwalunkwe Stat Membru, il-Parlament jew il-Kummissjoni;

— Ir-rwol tal-Kummissjoni: konsultazzjoni u parteċipazzjoni fil-konferenza intergovernattiva;

— Ir-rwol tal-Parlament: konsultazzjoni qabel titlaqqa' l-konferenza intergovernattiva (il-konferenzi jinvolvu lill-Parlament fuq bażi ad hoc iżda b'influwenza dejjem tikber: għal xi żmien, il-Parlament kien irrappreżentat jew mill-President tiegħu jew minn żewġ Membri tiegħu; fl-aktar konferenza intergovernattiva reċenti, il-Parlament ipprovda tliet rappreżentanti);

— Ir-rwol tal-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew: konsultazzjoni f'każ ta' bidliet istituzzjonali fil-qasam monetarju;

— Deċiżjoni: qbil komuni bejn il-gvernijiet dwar emendi għat-Trattati, li mbagħad jiġu ppreżentati lill-Istati Membri għar-ratifika f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali tagħhom; qabel dan, jeħtieġ deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew, meħuda b'maġġoranza sempliċi u wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament, jekk titlaqqax Konvenzjoni jew le.

**B.** Proċedura għall-attivazzjoni tal-klawżoli passerelle

— Il-Kunsill Ewropew: jattiva u jiddeċiedi, b'mod unanimu, dwar l-użu tal-klawżola passerelle ġenerali (l-Artikolu 48 tat-TUE) u l-passerelle speċifika għall-qafas finanzjarju pluriennali (l-Artikolu 312 tat-TFUE). Kwalunkwe parlament nazzjonali għandu dritt għal veto fil-każ tal-klawżola ġenerali.

— Il-Kunsill: jista' jiddeċiedi li jattiva klawżoli passerelle oħrajn, b'mod unanimu jew b'maġġoranza kwalifikata, skont id-dispożizzjoni rilevanti tat-Trattati (l-Artikolu 31 tat-TUE, l-Artikoli 81, 153, 192 u 333 tat-TFUE).

**C.** Proċedura ta' adeżjoni (l-Artikolu 49 tat-TUE)

— Applikazzjonijiet: minn kwalunkwe Stat Ewropew li jikkonforma mal-prinċipji tal-Unjoni (l-Artikolu 2 tat-TUE); notifika tal-parlamenti nazzjonali u tal-Parlament Ewropew; il-Kunsill Ewropew jilħaq qbil dwar il-kundizzjonijiet ta' eliġibilità;

— Ir-rwol tal-Kummissjoni: konsultazzjoni; ikollha sehem attiv fit-tħejjija u fl-andament tan-negozjati;

— Ir-rwol tal-Parlament: approvazzjoni, permezz ta' maġġoranza assoluta tal-Membri tiegħu;

— Deċiżjoni: mill-Kunsill, b'mod unanimu; il-ftehim bejn l-Istati Membri tal-UE u l-Istat applikant, li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni u l-aġġustamenti meħtieġa, jiġi ppreżentat lill-Istati Membri kollha għar-ratifika f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali tagħhom.

**D.** Proċedura ta' ħruġ (l-Artikolu 50 tat-TUE)

— Talba: l-Istat Membru kkonċernat jinnotifika lill-Kunsill Ewropew bl-intenzjoni tiegħu, f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali tiegħu stess;

— Konklużjoni: tieħu l-għamla ta' ftehim ta' ħruġ konkluż mill-Kunsill wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament, u b'deċiżjoni ta' maġġoranza kwalifikata speċjali (l-Artikolu 238(3)(b) tat-TFUE); din hija definita bħala 72% tal-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw l-Istati Membri parteċipanti (eskluż l-Istat ikkonċernat), li flimkien jinkludu tal-anqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati Membri.

**E.** Proċedura ta' sanzjonijiet f'każ ta' ksur serju u persistenti tal-prinċipji tal-Unjoni minn Stat Membru (l-Artikolu 7 tat-TUE)

**1.** Il-proċedura prinċipali

— Proposta għal deċiżjoni li tiddetermina l-eżistenza ta' ksur serju u persistenti: terz tal-Istati Membri, jew il-Kummissjoni;

— L-approvazzjoni tal-Parlament: adottata b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħin, li tirrappreżenta maġġoranza tal-Membri tiegħu (l-Artikolu 83(3) tar-Regoli ta' Proċedura);

— Deċiżjoni li tiddetermina li sar ksur: adottata mill-Kunsill Ewropew, li jiddeċiedi b'mod unanimu, mingħajr il-parteċipazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat, wara li l-Istat inkwistjoni jkun ġie mistieden jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu dwar is-suġġett;

— Deċiżjoni biex jiġu sospiżi ċerti drittijiet tal-Istat Membru kkonċernat: adottata mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata (mingħajr il-parteċipazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat).

**2.** It-Trattat ta' Nizza ssupplimenta din il-proċedura b'sistema ta' prekawzjoni

— Proposta motivata għal deċiżjoni li tiddetermina riskju ċar ta' ksur serju tal-prinċipji tal-Unjoni minn Stat Membru: fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, tal-Parlament Ewropew jew ta' terz tal-Istati Membri;

— L-approvazzjoni tal-Parlament: adottata b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħin, li tirrappreżenta maġġoranza tal-Membri tiegħu;

— Deċiżjoni: adottata mill-Kunsill b'maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħames tal-membri tiegħu, wara li jkun sema' lill-Istat Membru inkwistjoni. Il-Kunsill jista' jindirizza rakkomandazzjonijiet lill-Istat Membru qabel jieħu tali deċiżjoni.

**F.** Proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa

**1.** Regoli ġenerali (l-Artikolu 20 tat-TUE, l-Artikolu 329(1) tat-TFUE)

— Proposta: dritt esklużiv tal-Kummissjoni; l-Istati Membri li jkollhom il-ħsieb li jistabbilixxu kooperazzjoni msaħħa jistgħu jagħmlu talba lill-Kummissjoni għal dan il-għan;

— Ir-rwol tal-Parlament: approvazzjoni;

— Deċiżjoni: mill-Kunsill, li jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata.

**2.** Kooperazzjoni fil-qasam tal-PESK (l-Artikolu 329(2) tat-TFUE)

— Applikazzjoni lill-Kunsill mill-Istati Membri kkonċernati;

— Proposta mressqa quddiem ir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, li jagħti opinjoni;

— Informazzjoni tal-Parlament;

— Il-Kunsill jaġixxi bl-unanimità.

Teżisti proċedura simili għat-tnedija ta' kooperazzjoni strutturata fil-politika tad-difiża, introdotta bit-Trattat ta' Lizbona (5.1.2).

**G.** Proċedura għal deċiżjonijiet fil-qasam tal-affarijiet barranin

It-Trattat ta' Liżbona abolixxa l-istruttura magħmula minn tliet pilastri li kellhom it-trattati ta' qabel, iżda żamm il-politika barranija separata mill-politiki l-oħra tal-UE. L-objettivi u d-dispożizzjonijiet tal-PESK huma inklużi fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Illum huma mfassla aħjar u huma aktar koerenti milli kienu fit-trattati ta' qabel.

Bidla istituzzjonali kbira hija l-ħolqien tal-uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli, li huwa assistit minn Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ġdid u li jista' jipproponi inizjattivi fil-PESK. Il-PESK ġiet integrata fil-qafas tal-Unjoni, iżda ssegwi regoli u proċeduri speċifiċi (l-Artikolu 24(2) tat-TUE).

— Proposta: kwalunkwe Stat Membru, ir-Rappreżentant Għoli jew il-Kummissjoni (l-Artikolu 22 tat-TUE);

— Ir-rwol tal-Parlament: il-Parlament jiġi infurmat b'mod regolari mill-Presidenza u kkonsultat dwar l-aspetti prinċipali u l-għażliet bażiċi. Skont il-ftehim interistituzzjonali dwar l-iffinanzjar tal-PESK, dan il-proċess ta' konsultazzjoni jsir kull sena, abbażi ta' dokument tal-Kunsill;

— Deċiżjoni: il-Kunsill Ewropew jew il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu. Il-Kunsill Ewropew jiddefinixxi l-prijoritajiet u l-interessi strateġiċi tal-UE; il-Kunsill jieħu deċiżjonijiet jew azzjonijiet. Ir-Rappreżentant Għoli u l-Istati Membri jimplimentaw dawn id-deċiżjonijiet, bl-użu ta' riżorsi nazzjonali jew tal-Unjoni. Il-President tal-Kunsill Ewropew jista' jsejjaħ laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew jekk l-iżviluppi internazzjonali jirrikjedu dan.

**H.** Miżuri leġiżlattivi oħra (2.6.8)

It-teħid tad-deċiżjonijiet intergovernattivi huwa miżmum ukoll f'għadd ta' oqsma speċifiċi u politikament sensittivi tal-politika tal-UE, b'mod partikolari:

— Il-ġustizzja u l-affarijiet interni: miżuri dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, il-kooperazzjoni ġudizzjarja (l-Artikolu 89 tat-TFUE);

— Is-suq intern: restrizzjonijiet fuq il-moviment tal-kapital (l-Artikolu 64(3) tat-TFUE), il-politika tal-kompetizzjoni (l-Artikolu 103(1) tat-TFUE), il-miżuri tal-armonizzazzjoni tat-taxxa (l-Artikolu 113 tat-TFUE), l-approssimazzjoni tal-liġijiet li jaffettwaw l-istabbiliment tas-suq intern (l-Artikolu 115 tat-TFUE), id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (l-Artikolu 118 tat-TFUE);

— Il-politika monetarja: l-għoti ta' kompiti ta' superviżjoni prudenzjali speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (l-Artikolu 127 tat-TFUE);

— Oqsma oħra ta' politika bħal pereżempju l-politiki soċjali u tal-impjiegi (l-Artikolu 153 tat-TFUE), l-enerġija (l-Artikolu 194(2) tat-TFUE) jew l-ambjent (l-Artikolu 191(3) tat-TFUE).

**I.** Il-ġestjoni tal-kriżi finanzjarja (2.6.8)

Id-diffikultajiet finanzjarji serji li laqtu lil xi Stati Membri fl-2010 qajmu l-bżonn li tingħatalhom għajnuna b'modi differenti. Xi komponenti tal-pakkett ta' għajnuna, pereżempju l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilizzazzjoni Finanzjarja, huma ġestiti mill-Unjoni. Il-parti l-kbira, partikolarment il-kontribuzzjonijiet lill-Faċilità Ewropea ta' Stabbilità Finanzjarja (EFSF), titħallas direttament mill-Istati Membri. L-EFSF hija "vettura bi skop speċjali" maħluqa bi ftehim intergovernattiv fost l-Istati Membri taż-żona tal-euro. Għaldaqstant, id-deċiżjonijiet meħtieġa għal tali miżuri intergovernattivi kellhom jittieħdu fil-livell tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Grupp tal-Euro, inkluża r-ratifika fl-Istati Membri skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali nazzjonali tagħhom. Żewġ raġunijiet importanti għal dan l-iżvilupp huma l-klawżola li tipprojbixxi s-salvataġġ finanzjarju (l-Artikolu 125 tat-TFUE) u r-reżistenza ta' xi qrati kostituzzjonali nazzjonali għal trasferiment ulterjuri ta' poteri finanzjarji u baġitarji lill-Unjoni Ewropea.

Emenda għall-Artikolu 136 tat-TFUE (il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika) ġiet adottata mill-Kunsill Ewropew fil-25 ta' Marzu 2011, skont il-proċedura ta' reviżjoni simplifikata ta' Trattat, mingħajr ma tlaqqgħet Konvenzjoni (id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2011/199/UE). Din daħlet fis-seħħ f'April 2013, u b'hekk ippermettiet li jibdew joperaw mekkaniżmi permanenti għall-prevenzjoni tal-kriżijiet bħall-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES). Dan il-mekkaniżmu nħoloq permezz ta' trattat intergovernattiv bejn il-membri taż-żona tal-euro, li daħal fis-seħħ fis-27 ta' Settembru 2012. Il-proċeduri tal-votazzjoni tal-bord eżekuttiv tiegħu jinkludu "proċedura ta' emerġenza", li tipprevedi maġġoranza kwalifikata ta' 85% jekk il-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew jikkonkludu li tkun meħtieġa deċiżjoni urġenti dwar assistenza finzanzjarja. Fl-aħħar nett, it-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (TSKG) tfassal mill-gvernijiet tal-Istati Membri u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013, wara li tnax-il parti kontraenti li l-munita tagħhom hija l-euro ddepożitaw l-istrument ta' ratifika tagħhom. It-Trattat jipprevedi, b'mod partikolari, rekwiżit għal regola ta' baġit bilanċjat f'ordinamenti ġuridiċi nazzjonali (il-Patt Fiskali). Mill-25 parti kontraenti għat-TSKG, 22 huma formalment marbuta bil-

Patt Fiskali (19-il Stat Membru taż-żona tal-euro, flimkien mal-Bulgarija, id-Danimarka u r-Rumanija).

**J.** Ħatriet

- Il-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jaħtar il-President, il-Viċi President u l-erba' membri oħra tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill u wara li jkun ikkonsulta l-Parlament (l-Artikolu 283(2) tat-TFUE);
- Il-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata u bi ftehim mal-President tal-Kummissjoni, jaħtar ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (l-Artikolu 18(1) tat-TUE); fil-kapaċità tagħha jew tiegħu bħala Viċi President tal-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli hija jew huwa madankollu soġġett(a), flimkien mal-President tal-Kummissjoni u l-membri l-oħra tal-Kummissjoni, għal vot ta' approvazzjoni mill-Parlament Ewropew;
- Il-Gvernijiet tal-Istati Membri jaħtru, bi qbil komuni, l-imħallfin u l-avukati ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali (dik li qabel kienet il-Qorti tal-Prim'Istanza) (l-Artikolu 19(2) tat-TUE);
- Il-Kunsill jaħtar il-Membri tal-Qorti tal-Awdituri permezz ta' maġġoranza kwalifikata, fuq ir-rakkomandazzjoni ta' kull Stat Membru u wara li jkun ikkonsulta l-Parlament Ewropew (l-Artikolu 286(2) tat-TFUE).

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Fil-perjodu ta' tħejjija għall-Konferenza Intergovernattiva tal-1996, il-Parlament kien diġà talab li t-tieni u t-tielet pilastru jinġiebu fl-isfera Komunitarja, sabiex jiġi żgurat li l-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet applikabbli skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea japplikaw għalihom ukoll.

Wara l-isforzi kontinwi tal-Parlament waqt il-Konvenzjoni Ewropea biex dawk li qabel kienu t-tieni u t-tielet pilastru jsiru parti mill-istruttura tal-Unjoni (1.1.4), it-Trattat ta' Liżbona estenda t-teħid ta' deċiżjonijiet sovranazzjonali għal oqsma li qabel kienu t-tielet pilastru (il-ġustizzja u l-affarijiet interni) u introduċa qafas istituzzjonali koerenti għall-politika estera u tas-sigurtà, b'innovazzjonijiet importanti bħall-President fit-tul tal-Kunsill Ewropew u l-pożizzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

F'kuntest fejn il-governanza ekonomika u fiskali qed issir dejjem iżjed intergovernattiva, il-Parlament ta sehmu biex jiżgura l-involviment xieraq tal-istituzzjonijiet tal-UE fin-negozjati dwar it-trattat internazzjonali msemmi aktar 'il fuq fit-taqsima I.

Fi Frar 2019, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat rigward il-kooperazzjoni msaħħa[1], li fiha ħareġ rakkomandazzjonijiet għall-evoluzzjoni futura tal-kooperazzjoni msaħħa. B'mod partikolari, il-Parlament qies li kien meħtieġ li titfassal proċedura għall-awtorizzazzjoni rapida tal-kooperazzjoni msaħħa fl-oqsma ta' interess politiku kbir, li għandha titwettaq f'perjodu ta' żmien iqsar mit-tul ta' żmien ta' żewġ presidenzi konsekuttivi tal-Kunsill. Stieden ukoll lill-Kummissjoni biex tipproponi regolament li jissimplifika u jgħaqqad il-qafas ġuridiku rilevanti għall-kooperazzjoni msaħħa.

[1]Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Frar 2019 dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat rigward il-kooperazzjoni msaħħa (ĠU C 449, 23.12.2020, p. 16).

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta’ Frar 2019 dwar l-istat tad-dibattitu dwar il-futur tal-Ewropa[2], il-Parlament irrakkomanda l-użu tal-klawżoli “passerelle” ġenerali (l-Artikolu 48(7)(1) u 48 (7)(2) tat-TUE) u klawżoli “passerelle” speċifiċi oħra biex jgħinu biex jingħeleb l-istaġnar tal-ħtieġa ta’ votazzjoni b’unanimità mingħajr ma jkun hemm bżonn li jinstabu soluzzjonijiet intergovernattivi barra mill-kamp ta’ applikazzjoni tat-Trattat. Ir-rapport dwar ir-riżultat finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, li ġie ppreżentat lill-Presidenti tat-tliet istituzzjonijiet fid-9 ta’ Mejju 2022, jenfasizza li huwa importanti li jiġu rieżaminati l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet abbażi tal-unanimità. Fil-11 ta’ Lulju 2023, il-Parlament adotta riżoluzzjoni[3] dwar l-implimentazzjoni tal-klawżoli passerelle fit-Trattati tal-UE.

Eeva Pavy
03/2024

[2]Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Frar 2019 dwar l-istat tad-dibattitu dwar il-futur tal-Ewropa (ĠU C 449, 23.12.2020, p. 90).
[3]Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Lulju 2023 dwar l-implimentazzjoni tal-klawżoli passerelle fit-Trattati tal-UE, testi adottati.

# 1.2.5. IL-PROĊEDURA BAĠITARJA

Ir-rwol tal-Parlament fil-proċess baġitarju twessa' b'mod progressiv mit-Trattati Baġitarji tal-1970 u l-1975. Fl-2009, it-Trattat ta' Lisbona ta lill-Parlament l-istess saħħa tal-Kunsill fuq il-baġit kollu tal-UE.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

- L-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika;
- L-Artikoli 39 sa 55 tar-Regolament Finanzjarju (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012);
- Ftehim Interistituzzjoniali (FII) bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba.

## L-OBJETTIVI

L-eżerċizzju tas-setgħat baġitarji jikkonsisti fid-determinazzjoni kemm tal-ammont globali u d-distribuzzjoni tan-nefqa annwali tal-UE, u tad-dħul meħtieġ biex ikoprihom, kif ukoll fl-eżerċizzju ta' kontroll fuq l-implimentazzjoni tal-baġit. Il-proċedura baġitarja nnifisha tinvolvi t-tħejjija u l-adozzjoni tal-baġit (1.4.1 għad-dettalji dwar id-dħul tal-UE, 1.4.2 għad-dettalji dwar in-nefqa, 1.4.3 għad-dettalji dwar il-qafas finanzjarju pluriennali, 1.4.4 għad-dettalji dwar l-implimentazzjoni u 1.4.5 għad-dettalji dwar il-kontroll baġitarju).

## DESKRIZZJONI

### A. L-isfond

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill flimkien jifformaw l-awtorità baġitarja. Qabel l-1970, is-setgħat baġitarji kienu mogħtija biss lill-Kunsill, bil-Parlament ikollu biss rwol konsultattiv. It-Trattati tat-22 ta' April 1970 u tat-22 ta' Lulju 1975 żiedu s-setgħat baġitarji tal-Parlament:

- It-Trattat tal-1970, filwaqt li żamm id-dritt tal-Kunsill li jieħu d-deċiżjoni finali dwar "in-nefqa obbligatorja" li tirriżulta mill-obbligi tat-Trattat jew minn atti adottati skont it-Trattat, ta lill-Parlament id-dritt li jieħu deċiżjoni finali dwar "in-nefqa mhux obbligatorja", li inizjalment kienet tammonta għal 8 % tal-baġit;
- It-Trattat tal-1975 ta d-dritt lill-Parlament li jirrifjuta l-baġit kollu kemm hu.

Sakemm it-Trattat ta' Lisbona daħal fis-seħħ, kemm il-Kunsill kif ukoll il-Parlament wettqu żewġ stadji ta' qari matul il-proċedura baġitarja, li fi tmiemha l-Parlament seta' jew jadotta l-baġit jew jirrifjutah kollu kemm hu.

L-ebda modifiki sostanzjali ma ġew introdotti mit-Trattati sussegwenti sakemm saru l-bidliet ewlenin implimentati mit-Trattat ta' Lisbona, li introduċa proċedura baġitarja aktar trasparenti u sempliċi (kodeċiżjoni baġitarja). Il-modifiki jitnisslu primarjament mit-tneħħija tad-distinzjoni bejn in-nefqa obbligatorja u n-nefqa mhux obbligatorja. Dan jippermetti t-trattament ugwali tan-nefqa kollha taħt l-istess proċedura, li ġiet issimplifikata aktar, b'qari wieħed biss f'kull istituzzjoni, ibbażat fuq l-abbozz ta' baġit ippreżentat mill-Kummissjoni.

**B.** L-istadji tal-proċedura

L-Artikolu 314 tat-TFUE jistabbilixxi l-istadji u l-iskadenzi applikabbli matul il-proċedura baġitarja. Il-prattika annwali, madankollu, hija li l-istituzzjonijiet jaqblu dwar kalendarju "prammatiku" kull sena qabel il-bidu tal-proċedura baġitarja.

**1.** L-ewwel stadju: it-tressiq tal-abbozz ta' baġit mill-Kummissjoni

Il-Parlament u l-Kunsill stipulaw linji gwida dwar il-prijoritajiet għall-baġit. Il-Kummissjoni tfassal l-abbozz ta' baġit u tgħaddih lill-Kunsill u lill-Parlament (mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru skont l-Artikolu 314(2) tat-TFUE, iżda skont l-iskeda ta żmien prammatika, sal-aħħar ta' April jew il-bidu ta' Mejju). Il-Kummissjoni tista' timmodifika l-abbozz ta' baġit fi stadju aktar tard sabiex tqis żviluppi ġodda, iżda mhux aktar tard mill-mument li fih il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (ara hawn taħt) jiltaqa'.

**2.** It-tieni stadju: l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit

Il-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu dwar l-abbozz ta' baġit u jgħaddih lill-Parlament (skont l-Artikolu 314(3) tat-TFUE dan irid jitressaq sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru, iżda skont l-iskeda ta' żmien prammatika jrid jintbagħat sal-aħħar ta' Lulju). Il-Kunsill jeħtieġlu jinforma lill-Parlament bis-sħiħ dwar ir-raġunijiet il-għala jkun adotta l-pożizzjoni tiegħu.

**3.** It-tielet stadju: il-qari tal-Parlament

Il-Parlament għandu 42 ġurnata biex iwieġeb. Matul dan il-perjodu, il-Parlament jista' jew japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill jew jirrifjuta li jieħu deċiżjoni, f'liema każ il-baġit jitqies li huwa finalment adottat, jew inkella l-Parlament jista' jipproponi emendi jekk dawn ikunu adottati b'maġġoranza tal-membri tiegħu, fejn f'dak il-każ l-abbozz emendat jintbagħat lura kemm lill-Kunsill kif ukoll lill-Kummissjoni. Il-President tal-Parlament, bi ftehim mal-President tal-Kunsill, jeħtieġlu mbagħad isejjaħ minnufih laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni.

**4.** Ir-raba' stadju: il-laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u l-adozzjoni tal-baġit

Mill-jum li fih jissejjaħ, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (magħmul minn numru ugwali ta' rappreżentanti tal-Kunsill u tal-Parlament) ikollu 21 ġurnata biex jaqbel dwar test konġunt. Biex jagħmel dan, jeħtieġlu jieħu d-deċiżjoni tiegħu b'maġġoranza kwalifikata tal-membri tal-Kunsill jew tar-rappreżentanti tagħhom u b'maġġoranza tar-rappreżentanti tal-Parlament. Il-Kummissjoni tieħu sehem fil-proċeduri tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u tieħu l-inizjattivi kollha meħtieġa bl-iskop li tirrikonċilja l-pożizzjonijiet tal-Parlament u tal-Kunsill.

Jekk il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ma jasalx għal ftehim dwar test konġunt fil-21 ġurnata msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni jeħtiġilha tressaq abbozz ta' baġit ġdid. Jekk il-

Kumitat ta' Konċiljazzjoni jaqbel dwar test konġunt sal-iskadenza, il-Parlament u l-Kunsill imbagħad ikollhom 14-il ġurnata mid-data ta' dak il-ftehim biex japprovaw it-test konġunt. It-tabella li ġejja tagħti sommarju tal-eżiti possibbli fi tmiem dan il-perjodu ta' 14-il ġurnata.

Il-proċess ta' approvazzjoni tat-test konġunt tal-konċiljazzjoni

| Pożizzjonijiet dwar it-test konġunt | Il-Parlament | Il-Kunsill | L-eżitu |
|---|---|---|---|
| **+ = adottat**<br>**= irrifjutat**<br>**Xejn = l-ebda deċiżjoni meħuda** | + | + | Test konġunt adottat |
| | | – | Possibilment, jingħata sostenn lill-pożizzjoni tal-Parlament[1] |
| | | Xejn | Test konġunt adottat |
| | Xejn | + | Test konġunt adottat |
| | | – | Abbozz ta' baġit ġdid mill-Kummissjoni |
| | | Xejn | Test konġunt adottat |
| | – | + | Abbozz ta' baġit ġdid mill-Kummissjoni |
| | | – | Abbozz ta' baġit ġdid mill-Kummissjoni |
| | | Xejn | Abbozz ta' baġit ġdid mill-Kummissjoni |

Jekk il-proċedura titlesta b'suċċess, il-President tal-Parlament jiddikjara li l-baġit ġie adottat definittivament. Fil-każ li sal-bidu tas-sena finanzjarja ma jkun intlaħaq l-ebda ftehim, tiġi applikata sistema ta' 12-il parti minn tnax provviżorji sakemm jintlaħaq ftehim. F'dan il-każ, somma ekwivalenti ta' mhux aktar minn parti waħda minn tnax tal-approprjazzjonijiet tal-baġit għas-sena finanzjarja preċedenti tista' tintefaq f'kull xahar fir-rigward ta' kull kapitolu tal-baġit. Dik is-somma, madankollu, ma tridx tkun aktar minn parti waħda minn tnax tal-approprjazzjonijiet previsti fl-istess kapitolu tal-abbozz ta' baġit. Madankollu, skont l-Artikolu 315 tat-TFUE, il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza nefqa akbar minn parti waħda minn tnax (f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regoli Finanzjarji) sakemm il-Parlament, fi 30 ġurnata, ma jiddeċidix li jnaqqas in-nefqa awtorizzata mill-Kunsill.

**5.** Baġits supplementari u emendatorji

F'ċirkostanzi inevitabbli u f'każijiet eċċezzjonali jew imprevedibbli (f'konformità mal-Artikolu 44 tar-Regoli Finanzjarji), il-Kummissjoni tista' tipproponi abbozzi ta' baġits emendatorji li jemendaw il-baġit adottat fis-sena kurrenti. Dawn il-baġits emendatorji huma suġġetti għall-istess regoli bħall-baġit ġenerali.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

**A.** Is-setgħat mogħtija mill-Artikolu 314 tat-TFUE

Fl-1970, il-Parlament kiseb id-dritt li jieħu d-deċiżjoni finali dwar in-nefqa mhux obbligatorja. Il-proporzjon tan-nefqa mhux obbligatorja żdied minn 8% tal-baġit tal-1970

[1]Dan iseħħ jekk il-Parlament jikkonferma xi wħud mill-emendi preċedenti tiegħu jew kollha kemm huma, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza tal-membri tiegħu u b'60 % tal-voti mitfugħa. Jekk il-Parlament ma jiksibx il-maġġoranza meħtieġa, il-pożizzjoni miftiehma fit-test konġunt tiġi adottata.

għal aktar minn 60% tal-baġit tal-2010, l-aħħar sena li fiha saret id-distinzjoni. Bit-tneħħija tad-distinzjoni bejn in-nefqa obbligatorja u dik mhux obbligatorja, il-Parlament issa għandu setgħat konġunti mal-Kunsill biex jiddetermina n-nefqa kollha tal-baġit. Il-pożizzjoni tal-Parlament tista' titqies iżjed b'saħħitha minn dik tal-Kunsill, billi l-Kunsill qatt ma jista' jimponi baġit kontra r-rieda tal-Parlament, filwaqt li l-Parlament jista' f'xi ċirkostanzi jieħu d-deċiżjoni finali u jimponi baġit kontra r-rieda tal-Kunsill (ara B.4 hawn fuq). Madankollu, dan huwa pjuttost improbabbli, u jkun aħjar li jingħad li b'mod ġenerali l-proċedura baġitarja l-ġdida fil-biċċa l-kbira bbażata fuq proċedura ta' kodeċiżjoni ġenwina (għalkemm speċifika) li fiha l-Parlament u l-Kunsill jaġixxu bl-istess kundizzjonijiet għat-tnejn, u li tkopri n-nefqa kollha tal-Unjoni. Il-Parlament irrifjuta l-baġit kollu kemm hu f'żewġ okkażjonijiet (f'Diċembru 1979 u f'Diċembru 1984) minn meta kiseb is-setgħa li jagħmel dan fl-1975. Bir-regoli l-ġodda miftiehma fit-Trattat ta' Lisbona, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fi tliet okkażjonijiet ma rnexxilux jilħaq ftehim (il-baġit tal-2011, tal-2013 u tal-2015). Fit-tliet każijiet, l-abbozz ta' baġit ġdid ippreżentat mill-Kummissjoni, li rrifletta kważi kompromess fil-konċiljazzjoni, ġie finalment adottat.

Fil-każ tal-baġit tal-2023, il-Parlament u l-Kunsill laħqu ftehim provviżorju fl-14 ta' Novembru 2022, sal-iskadenza tal-perjodu ta' konċiljazzjoni. Il-Kunsill adotta l-ftehim finali dwar il-baġit fit-22 ta' Novembru u l-Parlament adottah l-għada fil-plenarja, bil-President tal-Parlament imbagħad jiffirma t-test finali.

Kif miftiehem bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-baġit tal-2023 jistabbilixxi l-livell globali ta' approprjazzjonijiet ta' impenn għal EUR 186,6 biljun, u ta' approprjazzjonijiet ta' pagament għal EUR 168,6 biljun.

Il-Parlament iġġieled u kiseb appoġġ aħjar fil-baġit tal-UE għall-2023 – aktar minn EUR 1 biljun aktar mill-proposta oriġinali tal-Kummissjoni – biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-gwerra fl-Ukrajna, l-enerġija, il-klima u l-irkupru mill-pandemija.

**B.** Il-ftehimiet interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja (FII) u l-oqsfa finanzjarji pluriennali (QFP) (1.4.3)

Wara tilwim ripetut dwar il-bażi ġuridika għall-implimentazzjoni tal-baġit, l-istituzzjonijiet adottaw dikjarazzjoni konġunta fl-1982, li stipulat ukoll miżuri li ġew imfassla biex jiżguraw il-finalizzazzjoni b'inqas xkiel tal-proċedura baġitarja. Dan kien segwit minn sensiela ta' ftehimiet interistituzzjonali li jkopru l-perjodi 1988-1992, 1993-1999, 2000-2006 u 2007-2013. Il-ftehim interistituzzjonali għall-2021-2027 daħal fis-seħħ f'Diċembru 2020. Dawn il-ftehimiet suċċessivi pprovdew qafas ta' referenza interistituzzjonali għall-proċeduri baġitarji annwali li tejbu b'mod konsiderevoli l-mod li bih taħdem il-proċedura baġitarja.

Il-FII attwali għandu l-għan li jinforza d-dixxiplina baġitarja, itejjeb il-funzjonament tal-proċedura baġitarja annwali u l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet dwar kwistjonijiet baġitarji, u jiżgura ġestjoni finanzjarja tajba. Huwa mfassal ukoll biex jikseb il-kooperazzjoni u jistabbilixxi pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni, matul il-QFP 2021-2027, ta' riżorsi proprji ġodda suffiċjenti biex ikopru l-ħlas lura tal-Istrument ta' Rkupru tal-UE stabbilit skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094.

Għalkemm il-QFP ma jissostitwixxux il-proċedura baġitarja annwali, il-ftehimiet interistituzzjonali introduċew forma ta' proċedura baġitarja ta' kodeċiżjoni li tippermetti li l-Parlament jasserixxi r-rwol tiegħu bħala fergħa sħiħa tal-awtorità baġitarja, li jikkonsolida l-kredibbiltà tiegħu bħala istituzzjoni u li jindirizza l-baġit lejn il-prijoritajiet politiċi tiegħu. It-Trattat ta' Lisbona u r-Regoli Finanzjarji jistipulaw ukoll li l-baġit annwali

jrid jirrispetta l-limiti massimi stabbiliti fil-QFP, filwaqt li dan tal-aħħar irid jirrispetta l-limiti massimi stabbiliti fid-deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji.

**C.** Is-Semestru Ewropew

Fis-7 ta' Settembru 2010, il-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji approva l-introduzzjoni tas-"Semestru Ewropew", ċiklu ta' koordinament tal-politika ekonomika fil-livell tal-UE bl-għan li jintlaħqu l-miri tal-Ewropa 2020. Dan huwa perjodu ta' sitt xhur kull sena li matulu l-politiki baġitarji u strutturali tal-Istati Membri jiġu rieżaminati biex jinstabu kwalunkwe inkonsistenza u żbilanċ emerġenti. Abbażi tal-valutazzjoni ekonomika analitika, il-Kummissjoni tipprovdi gwida u/jew rakkomandazzjonijiet politiċi lill-Istati Membri dwar ir-riformi fiskali, makroekonomiċi u strutturali. L-għan tas-Semestru Ewropew huwa li jsaħħaħ il-koordinazzjoni meta d-deċiżjonijiet baġitarji ewlenin ikunu għadhom qed jitħejjew fil-livell nazzjonali. Minbarra l-koordinazzjoni bejn il-baġits nazzjonali, il-Parlament ifittex ukoll biex jisfrutta s-sinerġiji u jsaħħaħ il-koordinazzjoni bejn il-baġits nazzjonali u l-baġit tal-UE.

Għal aktar informazzjoni, żur is-sit web tal-Kumitat għall-Baġits.

Eleanor Remo James
04/2023

# 1.3. L-ISTITUZZJONIJIET U L-KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

# 1.3.1. IL-PARLAMENT EWROPEW: SFOND STORIKU

Il-Parlament Ewropew oriġina mill-Assemblea Komuni tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA), li saret l-assemblea komuni tat-tliet komunitajiet Ewropej sovranazzjonali li kienu jeżistu dak iż-żmien. Sussegwentement l-assemblea ħadet l-isem "Parlament Ewropew". Maż-żmien, l-istituzzjoni, li mill-1979 il-membri tagħha bdew jiġu eletti direttament, għaddiet minn tibdil profond: minn assemblea b'membri magħżula għal parlament elett li huwa rikonoxxut bħala entità li tinfluwenza l-aġenda politika tal-Unjoni Ewropea.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

— It-Trattati oriġinali (1.1.1, 1.1.2, 1.1.3, 1.1.4, 1.1.5);

— Id-Deċiżjoni u l-Att dwar l-elezzjoni tar-rappreżentanti tal-Assemblea b'vot dirett universali (20 ta' Settembru 1976), kif emendati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju u t-23 ta' Settembru 2002.

— L-Artikolu 14(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

## TLIET KOMUNITAJIET, ASSEMBLEA WAĦDA

Wara t-twaqqif tal-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, l-Assemblea Komuni tal-KEFA ġiet estiża biex tkopri t-tliet komunitajiet. B'142 Membru, l-Assemblea l-ġdida ltaqgħet għall-ewwel darba fi Strażburgu fid-19 ta' Marzu 1958 bħala "L-Assemblea Parlamentari Ewropea", u biddlet isimha għal "Parlament Ewropew" fit-30 ta' Marzu 1962.

## MINN ASSEMBLEA MAGĦŻULA GĦAL PARLAMENT ELETT

Qabel l-introduzzjoni tal-elezzjonijiet diretti, il-Membri tal-Parlament Ewropew (PE) kienu jinħatru minn kull wieħed mill-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri. B'hekk, il-Membri tal-PE kollha kellhom mandat doppju.

Fis-summit li sar f'Pariġi fid-9 u l-10 ta' Diċembru 1974 ġie deċiż li "fl-1978 jew wara, kellhom isiru" elezzjonijiet diretti u l-Parlament intalab iressaq proposti ġodda li kellhom jissostitwixxu l-abbozz ta' konvenzjoni oriġinali tal-1960. F'Jannar 1975 il-Parlament adotta abbozz ġdid, li abbażi tiegħu, wara li rranġaw għadd ta' differenzi, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern laħqu ftehim fil-laqgħa tagħhom tat-12 u t-13 ta' Lulju 1976.

Id-Deċiżjoni u l-Att dwar l-elezzjoni tar-rappreżentanti tal-Assemblea b'vot dirett universali ġew iffirmati fi Brussell fl-20 ta' Settembru 1976. Wara r-ratifika min-naħa tal-Istati Membri kollha, l-att daħal fis-seħħ f'Lulju 1978, u l-ewwel elezzjonijiet saru fis-7 u l-10 ta' Ġunju 1979.

## IT-TKABBIR

Meta d-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit issieħbu mal-Komunitajiet Ewropej fl-1 ta' Jannar 1973 (l-ewwel tkabbir), l-għadd ta' Membri tal-PE żdied b'198.

Fl-okkażjoni tat-tieni tkabbir, bl-adeżjoni tal-Greċja fl-1 ta' Jannar 1981, mill-Parlament Grieg inħatru 24 Membru tal-PE li mbagħad ġew sostitwiti f'Ottubru 1981 minn Membri tal-PE eletti direttament. It-tieni elezzjonijiet diretti saru fl-14 u s-17 ta' Ġunju 1984.

Fl-1 ta' Jannar 1986, mat- tielet tkabbir, l-għadd ta' siġġijiet żdied minn 434 għal 518 mal-wasla ta' 60 Membru tal-PE Spanjol u 24 Membru tal-PE Portugiż, maħtura mill-parlamenti nazzjonali u sostitwiti sussegwentement minn Membri tal-PE eletti direttament.

Wara l-unifikazzjoni tal-Ġermanja, il-kompożizzjoni tal-Parlament ġiet adattata biex tirrifletti t-tibdil demografiku. F'konformità mal-proposti magħmula mill-Parlament fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ġunju 1992 dwar "proċedura elettorali uniformi: skema għall-allokazzjoni tas-siġġijiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew", l-għadd ta' Membri tal-PE eletti f'Ġunju 1994 żdied minn 518 għal 567. Wara r- raba' tkabbir tal-UE, l-għadd ta' Membri tal-PE żdied għal 626, b'allokazzjoni ġusta ta' siġġijiet għall-Istati Membri l-ġodda, b'konformità mar-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq.

Il-Konferenza Intergovernattiva, li ltaqgħet matul is-sena 2000 f'Nizza (Franza), introduċiet distribuzzjoni ġdida tas-siġġijiet fil-Parlament li ġiet applikata fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2004. L-għadd massimu ta' Membri tal-PE (li qabel kien 700) żdied għal 732. L-għadd ta' siġġijiet allokati għall-15-il Stat Membru eżistenti tnaqqas b'91 (minn 626 għal 535). Il-197 siġġu li kien għad baqa' tqassmu fost l-Istati Membri kollha ġodda u eżistenti fuq bażi pro rata.

Bl-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-1 ta' Jannar 2007, l-għadd ta' siġġijiet fil-Parlament żdied temporanjament għal 785 sabiex jilqa' fih Membri tal-PE minn dawn il-pajjiżi. Wara l-elezzjonijiet tal-2009, li saru bejn l-4 u s-7 ta' Ġunju, l-għadd ta' siġġijiet tnaqqas għal 736. Peress li t-Trattat ta' Liżbona skont l-Artikolu 14(2) tat-TUE kien stabbilixxa għadd massimu ta' 751 Membru tal-PE, li kellu jiżdied temporanjament għal 754 sal-elezzjonijiet ta' wara, 18-il Membru tal-PE żdiedu mas-736 eletti f'Ġunju 2009 matul il-leġiżlatura 2009-2014, wara r-ratifika ta' protokoll emendatorju adottat waqt il-Konferenza Intergovernattiva tat-23 ta' Ġunju 2010 min-naħa tal-Istati Membri. Bl-adeżjoni tal-Kroazja fl-1 ta' Lulju 2013, l-għadd massimu ta' siġġijiet żdied temporanjament għal 766, sabiex jintlaqgħu t-12-il Membru tal-PE Kroat li ġew eletti f'April 2013 (f'konformità mal-Artikolu 19 tal- Att dwar il-kundizzjonijiet ta' adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja).

Għall-elezzjonijiet tal-2014, it-total ta' siġġijiet reġa' tnaqqas għal 751. Id-distribuzzjoni tas-siġġijiet imbagħad reġgħet ġiet riveduta (b'705 MPE) fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit, li daħal fis-seħħ fl-1ta'Frar 2020 (1.3.3). B'riflessjoni tal-bidliet demografiċi fl-Istati Membri mill-elezzjonijiet tal-2019, ġew allokati 11-il siġġu addizzjonali skont proposta mill-Parlament fir- riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2023. Huwa f'idejn il-Kunsill Ewropew li jadotta d-deċiżjoni finali b'unanimità, li mbagħad tkun teħtieġ l-approvazzjoni tal-Parlament.

## ŻIEDA GRADWALI FIS-SETGĦAT

Ir-riżorsi proprji tal-Komunità ħadu post il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri (1.4.1), u dan wassal għall-ewwel estensjoni tas-setgħat baġitarji tal-Parlament skont it- Trattat tal-Lussemburgu, li ġie ffirmat fit-22 ta' April 1970. It-tieni Trattat dwar l-istess suġġett, li saħħaħ is-setgħat tal-Parlament, ġie ffirmat fi Brussell fit-22 ta' Lulju 1975 (1.1.2).

L- Att Uniku Ewropew tas-17 ta' Frar 1986 saħħaħ ir-rwol tal-Parlament f'ċerti oqsma leġiżlattivi (il-proċedura ta' kooperazzjoni), u t-trattati ta' adeżjoni u ta' assoċjazzjoni saru soġġetti għall-kunsens tiegħu.

It- Trattat dwar l-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Frar 1992, bl-istabbiliment tal-Unjoni Ewropea (UE) u bl-introduzzjoni tal-proċedura ta' kodeċiżjoni f'ċerti oqsma tal-leġiżlazzjoni u bl-estensjoni tal-proċedura ta' kooperazzjoni għal oqsma oħra, immarka l-bidu tat-trasformazzjoni tal-Parlament fir-rwol ta' koleġiżlatur. Il-Parlament ingħata s-setgħa tal-approvazzjoni finali rigward il-kompożizzjoni tal-Kummissjoni: dan kien pass importanti 'l quddiem fir-rigward tal-kontroll politiku tal-Parlament fuq l-eżekuttiv tal-UE (1.1.3).

It- Trattat ta' Amsterdam tat-2 ta' Ottubru 1997 estenda l-proċedura ta' kodeċiżjoni għall-biċċa l-kbira tal-oqsma tal-leġiżlazzjoni u rriformaha: il-Parlament sar koleġiżlatur indaqs u fl-istess livell mal-Kunsill. Il-ħatra tal-President tal-Kummissjoni saret soġġetta għall-approvazzjoni tal-Parlament, u b'hekk żdiedu s-setgħat ta' kontroll tal-Parlament fuq l-eżekuttiv. It-Trattat ta' Nizza kompla jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura ta' kodeċiżjoni.

It- Trattat ta' Nizza**,** li emenda t-TUE, it-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej (TKE) u ċerti atti relatati, ġie ffirmat fis-26 ta' Frar 2001 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2003. It-trattat il-ġdid kellu l-għan li jirriforma l-istruttura istituzzjonali tal-UE b'tali mod li tkun tiflaħ għall-isfidi ta' kwalunkwe tkabbir fil-futur. Is-setgħat leġiżlattivi u superviżorji tal-Parlament żdiedu u l-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata ġiet estiża għal oqsma oħra fil-Kunsill (1.1.4).

It- Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (1.1.5) tat-13 ta' Diċembru 2007 stabbilixxa estensjoni oħra importanti, kemm tal-applikazzjoni tal-maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill (bl-użu ta' metodu ġdid mill-1 ta' Novembru 2014 – l-Artikolu 16 tat-TUE) kif ukoll tal-applikazzjoni tal-proċedura ta' kodeċiżjoni (li issa ġiet estiża għal madwar 45 qasam leġiżlattiv ġdid). Din l-hekk imsejħa "proċedura leġiżlattiva ordinarja" saret l-aktar proċedura deċiżjonali użata, u tkopri l-oqsma ta' politika importanti kollha tat-TFUE (l-Artikolu 294 – l-eks Artikolu 250 tat-TKE). Ir-rwol tal-Parlament fit-tħejjija ta' emendi futuri fit-trattati sar ukoll aktar sinifikanti (l-Artikolu 48 tat-TUE). Barra minn hekk, bħala parti mit-Trattat ta' Liżbona (u, għall-ewwel, bħala parti mill-abbozz ta' trattat li kellu jistabbilixxi kostituzzjoni għall-Ewropa), il- Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea**,** li ġiet iffirmata mill-Presidenti tal-Parlament, tal-Kummissjoni u tal-Kunsill fil-Kunsill Ewropew f'Nizza fis-7 ta' Diċembru 2000, saret legalment vinkolanti (4.1.2).

Bl-elezzjonijiet Ewropej ta' bejn it-23 u s-26 ta' Mejju 2019, ħareġ ċar li l-Parlament kien għamel użu sħiħ mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 tat-TUE, li jgħid li "l-Parlament Ewropew għandu, flimkien mal-Kunsill, jeżerċita funzjonijiet leġiżlattivi u baġitarji. Għandu jeżerċita funzjonijiet ta' kontroll politiku u ta' konsultazzjoni kif stipulat fit-Trattati. Għandu jeleġġi l-President tal-Kummissjoni".

Riċerka reċenti dwar il-kontribut tal-Parlament għat-tkabbir tindika li l-leġiżlazzjoni li jħejji tikkontribwixxi b'aktar minn triljun euro kull sena għall-PDG tal-UE, billi ssaħħaħ id-drittijiet tar-residenti u n-negozji tal-UE[1]. Kontribut sinifikanti ieħor jingħata mill-

[1]Maciejewski M., "Kontribut għat-Tkabbir: Benefiċċji Ekonomiċi għaċ-Ċittadini u n-Negozji", Pubblikazzjoni għall-Kumitat tas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, Dipartiment Tematiku għall-Politika Ekonomika, Xjentifika u tal-Kwalità tal-Ħajja, Parlament Ewropew, il-Lussemburgu, 2019.

baġit tal-UE (1.4.3)[2]. Il-leġiżlazzjoni bbażata fuq l-evidenza u l-għarfien espert hija appoġġata minn studji u sessjonijiet ta' ħidma mwassla minn ħames dipartimenti tematiċi li jipprovdu għarfien espert, analiżi u pariri ta' politika indipendenti u ta' livell għoli fuq talba tal-kumitati, tad-delegazzjonijiet, tal-President, tal-Bureau u tas-Segretarju Ġenerali.

Għall-elezzjonijiet tal-2014 u l-2019, il-partiti politiċi Ewropej (1.3.3) ressqu kandidati prinċipali għall-kariga ta' President tal-Kummissjoni quddiem il-votanti. Nistgħu ngħidu li din is-sistema għenet biex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-votanti fl-elezzjonijiet Ewropej.

Wara li fl-24 ta' Jannar 2020 ġie ffirmat il- Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, il-Parlament approva d-deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ (l-Artikolu 50(2) tat-TUE). Il-votazzjoni fid-29 ta' Jannar 2020, b'621 vot favur u 49 vot kontra, kienet ukoll l-aħħar seduta għall-Membri tal-PE tar-Renju Unit fil-Parlament, hekk kif il-ħruġ daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.

Fit-28 ta' April 2021, il-Parlament ta l-approvazzjoni tiegħu (l-Artikolu 218(6)(a) tat-TFUE) għall-konklużjoni tal- Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra.

L-elezzjonijiet Ewropej li jmiss se jsiru bejn is-6 u d-9 ta' Ġunju 2024.

Din l-iskeda informattiva tħejjiet mid-Dipartiment Tematiku tal-Parlament Ewropew għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali.

Udo Bux / Mariusz Maciejewski
11/2023

[2]Stehrer R. et al., "Kif il-fondi tal-UE jindirizzaw id-distakk ekonomiku fl-Unjoni Ewropea", Pubblikazzjoni għall-Kumitat għall-Baġits, Dipartiment Tematiku għall-Affarijiet Baġitarji, Parlament Ewropew, il-Lussemburgu, 2020.

# 1.3.2. IL-PARLAMENT EWROPEW: IS-SETGĦAT

Il-Parlament jiżvolġi r-rwol istituzzjonali tiegħu fit-tfassil tal-politiki Ewropej billi jeżerċita l-funzjonijiet differenti tiegħu. Il-parteċipazzjoni tal-Parlament fil-proċess leġiżlattiv, is-setgħat baġitarji u ta' kontroll tiegħu, l-involviment tiegħu fir-reviżjoni tat-Trattati u d-dritt tiegħu li jintervjeni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jippermettulu li jirrispetta l-prinċipji demokratiċi fil-livell Ewropew.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 223 sa 234 u 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## L-OBJETTIVI

Bħala istituzzjoni li tirrappreżenta liċ-ċittadini Ewropej, il-Parlament jikkostitwixxi l-bażi demokratika tal-Unjoni Ewropea. Sabiex jiżgura li l-UE jkollha leġittimità demokratika sħiħa, il-Parlament jeħtieġlu jkun involut bis-sħiħ fil-proċess leġiżlattiv Ewropew u jeżerċita skrutinju politiku f'isem iċ-ċittadini fuq l-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni.

## IS-SETGĦAT TA' NATURA KOSTITUZZJONALI U S-SETGĦAT TA' RATIFIKA (1.2.4)

Minn wara l-Att Uniku Ewropew (SEA), il-konklużjoni ta' kull trattat ta' adeżjoni ta' Stat Membru ġdid, kif ukoll ta' kull trattat ta' assoċjazzjoni, hija soġġetta għall-kunsens tal-Parlament. Bis-saħħa tal-SEA, din il-proċedura tapplika wkoll għall-ftehimiet internazzjonali b'implikazzjonijiet baġitarji importanti għall-Kommunità (minflok il-proċedura ta' konċiljazzjoni stabbilita fl-1975). It-Trattat ta' Maastricht introduċiha għall-ftehimiet li jistabbilixxu qafas istituzzjonali speċifiku jew li jinvolvu emendar ta' att li jkun ġie adottat bil-proċedura ta' kodeċiżjoni. L-atti relatati mal-proċedura elettorali huma wkoll soġġetti għall-kunsens tal-Parlament (minn wara t-Trattat ta' Maastricht). Minn wara t-Trattat ta' Amsterdam, il-kunsens tiegħu huwa meħtieġ f'każ li l-Kunsill ikun irid jiddikjara li hemm periklu ċar li xi Stat Membru jwettaq ksur serju tal-prinċipji fundamentali tal-UE, qabel kwalunkwe notifika ta' rakkomandazzjonijiet jew ta' sanzjonijiet lill-Istat Membru inkwistjoni. Mill-banda l-oħra, kull reviżjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew trid tiġi approvata mill-Kunsill.

Mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, il-Parlament jista' jieħu inizjattiva rigward ir-reviżjoni tat-Trattati u fl-aħħar mill-aħħar ikun hu li jiddeċiedi jekk għandhiex titlaqqa' konvenzjoni bil-ħsieb li ssir tħejjija għal emendar futur tat-Trattati (l-Artikolu 48(2) u (3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE)).

## IL-PARTEĊIPAZZJONI FIL-PROĊESS LEĠIŻLATTIV (1.2.3)

Il-Parlament jipparteċipa fl-adozzjoni tal-atti leġiżlattivi tal-Unjoni f'diversi livelli, skont il-bażi ġuridika individwali. Ir-rwol tiegħu mexa progressivament minn parteċipazzjoni purament konsultattiva għall-kodeċiżjoni, fl-istess livell tal-Kunsill.

**A.** Il-proċedura leġiżlattiva ordinarja

Mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta’ Nizza (1.1.4), il-proċedura ta’ kodeċiżjoni bdiet tapplika għal 46 bażi ġuridika fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (it-Trattat KE). Fil-prinċipju, din il-proċedura kienet tqiegħed lill-Parlament fl-istess livell tal-Kunsill. F’każ ta’ qbil bejn iż-żewġ istituzzjonijiet, l-att kien jiġi adottat fl-ewwel jew fit-tieni qari; f’każ ta’ nuqqas ta’ qbil, l-att seta’ jiġi adottat biss wara konċiljazzjoni li tirnexxi.

Bit-Trattat ta’ Liżbona (1.1.5), il-proċedura ta’ kodeċiżjoni saret il-proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-Artikolu 294 tat-TFUE). Aktar minn erbgħin politika ġdida saru soġġetti għal din il-proċedura, pereżempju f’oqsma bħal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, il-kummerċ estern, il-politika ambjentali u l-Politika Agrikola Komuni (PAK).

**B.** Il-konsultazzjoni

Il-proċedura ta’ konsultazzjoni baqgħet applikabbli fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 27, 41 u 48 tat-TUE u għat-tassazzjoni, il-kompetizzjoni, l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni li mhijiex marbuta mas-suq intern, u għal ċerti aspetti tal-politika soċjali.

**C.** Il-kooperazzjoni (abolita)

L-hekk imsejħa proċedura ta’ kooperazzjoni (l-ex Artikolu 252 tat-Trattat KE) kienet ġiet introdotta bl-SEA u, imbagħad, bit-Trattat ta’ Maastricht kienet ġiet estiża għall-biċċa l-kbira tal-oqsma ta’ leġiżlazzjoni li fihom il-Kunsill jiddeċiedi bil-maġġoranza. Din il-proċedura kienet tobbliga lill-Kunsill iqis fit-tieni qari l-emendi tal-Parlament Ewropew li jkunu ġew adottati b’maġġoranza assoluta, u li jkunu ġew aċċettati mill-Kummissjoni. L-introduzzjoni ta’ din il-proċedura kienet il-bidu tas-setgħa leġiżlattiva vera u proprja tal-Parlament, iżda mbagħad ġiet abolita wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta’ Liżbona (1.1.5).

**D.** L-approvazzjoni

Il-proċedura ta’ approvazzjoni, li qabel kienet magħrufa bħala l-“proċedura ta’ kunsens”, ġiet introdotta mill-SEA fl-1986. Mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta’ Maastricht, il-proċedura kienet tapplika għal xi oqsma leġiżlattivi li fihom il-Kunsill jiddeċiedi bl-unanimità u li, minn wara t-Trattat ta’ Amsterdam, ġew limitati għall-Fondi Strutturali u ta’ Koeżjoni.

Bis-saħħa tat-Trattat ta’ Liżbona, ċerti oqsma ġodda sfaw soġġetti għall-proċedura ta’ approvazzjoni, pereżempju l-Artikoli 7, 14, 17, 27, 48 u 50 tat-TUE u l-Artikoli 19, 83, 86, 218, 223, 311 u 312 tat-TFUE u l-miżuri li jridu jiġu adottati mill-Kunsill meta azzjoni tal-UE tidher neċessarja u meta t-Trattati ma jipprevedux is-setgħat ta’ azzjoni meħtieġa għal dan il-għan (l-Artikolu 352 tat-TFUE).

**E.** Id-dritt ta’ inizjattiva

It-Trattat ta’ Maastricht ta lill-Parlament id-dritt ta’ inizjattiva leġiżlattiva, iżda kien limitat għall-possibbiltà li jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposta. Dan id-dritt inżamm fit-Trattat ta’ Liżbona (l-Artikolu 225 tat-TFUE) u ġie deskritt b’mod aktar dettaljat fi ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-Kummissjoni. Barra minn hekk, hemm ftit każijiet speċifiċi fejn il-Parlament ingħata d-dritt dirett ta’ inizjattiva. Dan id-dritt dirett japplika għar-regolamenti dwar il-kompożizzjoni tiegħu stess, l-elezzjoni tal-Membri tiegħu u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tad-dmirijiet tal-Membri tiegħu, kif ukoll għat-twaqqif ta’ kumitati ta’ inkjesta temporanji u għar-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-prestazzjoni tal-Ombudsman.

F’riżoluzzjoni adottata f’Ġunju 2022, il-Parlament qal li “jemmen bis-sħiħ li t-Trattati għandhom jiġu riveduti sabiex il-Parlament, bħala l-unika istituzzjoni tal-UE eletta

direttament u għalhekk l-istituzzjoni li tirrappreżenta leħen iċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, jingħata dritt ġenerali u dirett li jniedi leġiżlazzjoni".

## IS-SETGĦAT BAĠITARJI (1.2.5)

It-Trattat ta' Lizbona elimina d-distinzjoni li kienet issir bejn l-infiq obbligatorju u dak mhux obbligatorju. Barra minn hekk, iqiegħed lill-Parlament fl-istess livell tal-Kunsill fil-proċedura baġitarja annwali, li issa saret tixbah il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Il-Parlament jibqa' wieħed miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja (l-Artikolu 314 tat-TFUE). Huwa involut fil-proċess baġitarju sa mill-istadju tat-tħejjija, speċjalment fit-tfassil tal-linji gwida ġenerali u t-tip ta' nfiq. Huwa jadotta l-baġit u jikkontrolla l-implimentazzjoni tiegħu (l-Artikolu 318 tat-TFUE). Jagħti l-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit (l-Artikolu 319 tat-TFUE).

Fl-aħħar nett, il-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) (l-Artikolu 312 tat-TFUE). Il-QFP għall-perjodu 2014-2020 huwa l-ewwel wieħed soġġett għar-regoli tat-TFUE.

## L-ISKRUTINJU FUQ L-EŻEKUTTIV

Il-Parlament għandu diversi strumenti ta' skrutinju. B'mod partikolari, huwa jeżamina r-rapport ġenerali annwali mressaq lilu mill-Kummissjoni (l-Artikolu 233 tat-TFUE) u jissorvelja, flimkien mal-Kunsill, l-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati tal-Kummissjoni (l-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE).

**A.** L-investitura tal-Kummissjoni

Sa mill-1981, il-Parlament beda japprova informalment l-investitura tal-Kummissjoni billi jeżamina u japprova l-programm tagħha. Madankollu, kien biss wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Maastricht fl-1992 li l-approvazzjoni tiegħu minn qabel saret meħtieġa biex l-Istati Membri jaħtru l-President u l-Membri tal-Kummissjoni bħala korp kolleġġjali. It-Trattat ta' Amsterdam kompla żied is-setgħat tal-Parlament billi daħħal il-ħtieġa tal-approvazzjoni tal-Parlament minn qabel għan-nomina tal-President tal-Kummissjoni, qabel in-nomina tal-Kummissarji l-oħra. Fl-1994, il-Parlament daħħal ukoll is-smigħ tal-Kummissarji nnominati. Bis-saħħa tat-Trattat ta' Lizbona, il-kandidat għall-mandat ta' President tal-Kummissjoni jrid jintgħażel f'konformità mar-riżultati tal-elezzjonijiet Ewropej. Konsegwentement, fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Novembru 2012 dwar l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2014, il-Parlament ħeġġeġ lill-partiti politiċi Ewropej jinnominaw kandidati għall-kariga ta' President tal-Kummissjoni sabiex tissaħħaħ il-leġittimità politika taż-żewġ istituzzjonijiet. Mill-2014, ġiet stabbilita l-hekk imsejħa proċedura ta' *Spitzenkandidaten*, li permezz tagħha l-partiti politiċi Ewropej, qabel l-elezzjonijiet Ewropej, jinnominaw kandidati ewlenin għar-rwol tal-President tal-Kummissjoni. Għalkemm fl-aħħar mill-aħħar ġie mwarrab fl-2019, il-proċess huwa meqjus importanti għat-trasparenza u l-leġittimità politika tal-istituzzjonijiet tal-UE. (1.3.3).

**B.** Il-mozzjoni ta' ċensura

Il-possibbiltà li titressaq mozzjoni ta' ċensura (magħrufa wkoll bħala "vot ta' sfiduċja") kontra l-Kummissjoni kienet diġà ġiet stabbilita mit-Trattat ta' Ruma. Illum, id-dispożizzjonijiet ġenerali tad-dritt tal-Parlament li jivvota dwar mozzjoni ta' ċensura fil-konfront tal-Kummissjoni huma inklużi fl-Artikolu 17(8) tat-TUE u fl-Artikolu 234 tat-TFUE. Biex tali mozzjoni tiġi adottata, teħtieġ maġġoranza ta' żewġ terzi tal-

voti mitfugħin u l-maġġoranza tal-membri kollha tal-Parlament. Vot b'suċċess dwar mozzjoni ta' ċensura jwassal għar-riżenja tal-Kummissjoni bħala korp, inkluż il-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà fir-rigward tad-dmirijiet tagħhom imwettqa fil-Kummissjoni. Sal-lum, il-Parlament ipprova juża diversi drabi, iżda mingħajr suċċess, id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati u l-predeċessuri tagħhom biex ineħħi l-Kulleġġ tal-Kummissjoni.

**C.** Il-mistoqsijiet parlamentari

Kwalunkwe Membru jista' jressaq mistoqsija għal tweġiba bil-miktub lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni jew lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà. Skont l-Artikolu 230 tat-TFUE, il-Kummissjoni trid twieġeb bil-fomm jew bil-miktub il-mistoqsijiet magħmula lilha mill-Parlament Ewropew jew mill-Membri tiegħu, u l-Kunsill Ewropew u l-Kunsill iridu jinstemgħu mill-Parlament Ewropew skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew u f'dawk tal-Kunsill.

Konsegwentement, il-mistoqsijiet parlamentari jieħdu s-sura ta' mistoqsijiet bil-miktub jew orali b'dibattitu jew mingħajr dibattitu u mistoqsijiet għall-ħin għall-mistoqsijiet.

**D.** Il-kumitati ta' inkjesta

Skont l-Artikolu 226 tat-TFUE, il-Parlament għandu s-setgħa li jwaqqaf kumitat ta' inkjesta temporanju sabiex jinvestiga allegazzjonijiet ta' ksur jew amministrazzjoni ħażina fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE. L-istess Artikolu jipprevedi li d-dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' inkjesta għandhom jiġu determinati mill-Parlament innifsu, li jaġixxi permezz ta' regolamenti fuq inizjattiva tiegħu stess wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Sa ma jiġi adottat tali regolament, id-dritt ta' inkjesta jiġi eżerċitat skont ftehim interistituzzjonali tal-1995 anness mar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament. Il-Parlament kemm-il darba esprima l-ħtieġa li jitjiebu l-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni bejn it-tliet istituzzjonijiet sabiex ikun jista' jwettaq il-mandat tiegħu abbażi tal-Artikolu 226 tat-TFUE. Fl-2014 adotta pożizzjoni dwar proposta għal regolament dwar id-dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew. Madankollu, in-negozjati bejn it-tliet istituzzjonijiet dwar il-proposta ilhom staġnati. Konsegwentement, f'April 2019, il-Parlament adotta riżoluzzjoni li fiha esprima n-nuqqas ta' qbil profond tiegħu mal-attitudni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, li, wara aktar minn erba' snin ta' laqgħat informali, kompla jipprevjeni laqgħa formali biex jiġu diskussi soluzzjonijiet possibbli għall-problemi identifikati. Fir-riżoluzzjoni tiegħu, il-Parlament iqis li l-Kunsill u l-Kummissjoni naqsu milli jikkonformaw mal-prinċipju ta' kooperazzjoni interistituzzjonali u jistedinhom jerġgħu jibdew in-negozjati dwar il-kwistjoni mal-Parlament elett ġdid.

**E.** L-iskrutinju fil-qasam tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni

F'dan il-qasam, il-Parlament għandu d-dritt li jinżamm infurmat regolarment u jista' jindirizza mistoqsijiet jew rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill. Jeħtieġ li jiġi kkonsultat dwar l-aspetti ewlenin u l-għażliet bażiċi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) (l-Artikolu 36 tat-TUE). L-implimentazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ġabet ukoll titjib fil-proċeduri ta' konsultazzjoni dwar il-PESK, tal-anqas fir-rigward tal-aspetti finanzjarji. Il-ħolqien tar-rwol tal-kariga ta' Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tejjeb l-influwenza tal-Parlament, peress li l-persuna nnominata f'din il-kariga hija wkoll Viċi President tal-Kummissjoni.

## L-APPELLI LILL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Parlament għandu s-setgħa li jressaq rikorsi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) f'każijiet ta' ksur tat-Trattat minn xi istituzzjoni oħra.

Huwa għandu d-dritt li jintervjeni, jiġifieri li jappoġġa waħda mill-partijiet fir-rikors, f'kawżi quddiem il-QĠUE. Eżempju notevoli ta' meta l-Parlament eżerċita dan id-dritt huwa l-kawża storika "Isoglucose" (sentenza tad-29 ta' Ottubru 1980 fil-Kawżi 138 u 139/79), li fiha l-QĠUE ddikjarat regolament tal-Kunsill bħala invalidu peress li kien jikser l-obbligu li l-Parlament jiġi kkonsultat. Fi proċeduri għan-nuqqas ta' azzjoni (l-Artikolu 265 tat-TFUE), il-Parlament jista' jibda proċeduri quddiem il-QĠUE kontra xi istituzzjoni minħabba ksur tat-Trattat, bħal fil-Kawża 13/83, li fiha ngħatat sentenza kontra l-Kunsill minħabba li kien naqas milli jadotta miżuri fir-rigward tal-Politika Komuni dwar it-Trasport.

Bis-saħħa tat-Trattat ta' Amsterdam, il-Parlament kiseb is-setgħa li jibda proċeduri għall-annullament ta' att ta' istituzzjoni oħra, iżda biss bl-iskop li jħares il-prerogattivi tiegħu. Minn wara t-Trattat ta' Nizza, il-Parlament ma baqax obbligat jiġġustifika xi interess partikolari; għalhekk, issa għandu s-setgħa jiftaħ proċeduri l-istess bħalma jagħmlu l-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Il-Parlament jista' jkun il-parti konvenuta f'każ ta' proċeduri kontra att li jkun ġie adottat skont il-proċedura ta' kodeċiżjoni, jew meta xi wieħed mill-atti tiegħu jkun maħsub biex ikollu effetti legali fil-konfront ta' partijiet terzi. L-Artikolu 263 tat-TFUE għalhekk jikkonferma l-ġurisprudenza tal-QĠUE fil-Kawżi 320/81, 294/83 u 70/88.

Finalment, il-Parlament jista' jitlob l-opinjoni minn qabel tal-QĠUE dwar il-kompatibbiltà ta' ftehim internazzjonali mat-Trattat (l-Artikolu 218 tat-TFUE).

## IL-PETIZZJONIJIET (4.1.4)

Meta ċ-ċittadini tal-Unjoni jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jressqu petizzjoni, huma jindirizzaw il-petizzjonijiet tagħhom lill-President tal-Parlament Ewropew (l-Artikolu 227 tat-TFUE).

## INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ (4.1.5)

Il-Parlament jorganizza seduta ta' smigħ mal-proponenti ta' inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej reġistrati b'suċċess, taħt l-awspiċji tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet. Fis-17 ta'April 2019, il-Parlament u l-Kunsill adottaw formalment ir-Regolament (UE) 2019/788 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020.

## IL-ĦATRA TAL-OMBUDSMAN

Bis-saħħa tat-Trattat ta' Liżbona, l-Ombudsman Ewropew jiġi elett mill-Parlament Ewropew (l-Artikolu 228 tat-TFUE) (1.3.16).

Eeva Pavy
04/2024

# 1.3.3. IL-PARLAMENT EWROPEW: L-ORGANIZZAZZJONI U L-FUNZJONAMENT

L-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Parlament Ewropew huma rregolati mir-Regoli ta' Proċedura tiegħu. Il-korpi politiċi, il-kumitati, id-delegazzjonijiet u l-gruppi politiċi jiddeterminaw l-attivitajiet tal-Parlament.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

— L-Artikolu 14 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikoli 223, 224, 226, 229, 231 u 232 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE);

— Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew.

## IL-MEMBRI U L-KOMPOŻIZZJONI

Ir-regoli ġenerali għall-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew huma stabbiliti fl-Artikolu 14(2) tat-TUE, li jistipula li l-Kunsill Ewropew għandu jadotta b'unanimità, fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew u bl-approvazzjoni tiegħu, deċiżjoni li tistabbilixxi l-kompożizzjoni. Jiddikjara wkoll li l-Parlament għandu jkun magħmul minn mhux aktar minn 751 rappreżentant taċ-ċittadini tal-UE (750 Membru u l-President). Barra minn hekk, ir-rappreżentanza taċ-ċittadini hija "digressivament proporzjonali", b'mhux anqas minn sitt membri għal kull Stat Membru. Ebda Stat Membru ma jista' jkollu aktar minn 96 siġġu.

Il-kunċett tal-proporzjonalità digressiva tfisser li anki jekk l-ammont totali ta' siġġijiet jiġi allokat fuq il-bażi tad-daqs tal-popolazzjoni tal-Istati Membri, l-Istati Membri b'popolazzjoni akbar jaqblu li jkunu sottorappreżentati sabiex jiffavorixxu rappreżentanza akbar tal-Istati Membri b'popolazzjoni iżgħar: akbar ma jkun il-pajjiż, anqas ma jkun in-numru ta' siġġijiet relattiv għall-popolazzjoni tiegħu. Dan il-kunċett kompla jiġi definit fid-deċiżjonijiet suċċessivi tal-Kunsill Ewropew adottati skont l-Artikolu 14(2) tat-TUE minn mindu daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Liżbona.

L-elezzjonijiet li jmiss tal-Parlament Ewropew ser isiru mis-6 sad-9 ta' Ġunju 2024. Wara r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament tal-15 ta' Ġunju 2023 dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew adotta deċiżjoni fit-22 ta' Settembru 2023 li stabbilixxiet il-kompożizzjoni tal-Parlament biex jiżdied in-numru totali tas-siġġijiet fil-Parlament minn 705 għal 720. In-numru ta' Membri tal-PE li jeħtieġ jiġu eletti għal kull Stat Membru ser ikun kif ġej:

| | |
|---|---|
| Il-Belġju | 22 |
| Il-Bulgarija | 17 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 21 |
| Id-Danimarka | 15 |
| Il-Ġermanja | 96 |
| L-Estonja | 7 |
| L-Irlanda | 14 |
| Il-Greċja | 21 |
| Spanja | 61 |

| | |
|---|---|
| Franza | 81 |
| Il-Kroazja | 12 |
| L-Italja | 76 |
| Ċipru | 6 |
| Il-Latvja | 9 |
| Il-Litwanja | 11 |
| Il-Lussemburgu | 6 |
| L-Ungerija | 21 |
| Malta | 6 |
| In-Netherlands | 31 |
| L-Awstrija | 20 |
| Il-Polonja | 53 |
| Il-Portugall | 21 |
| Ir-Rumanija | 33 |
| Is-Slovenja | 9 |
| Is-Slovakkja | 15 |
| Il-Finlandja | 15 |
| L-Iżvezja | 21 |

Wara kull elezzjoni, il-Parlament għandu jiltaqa' awtomatikament fl-ewwel nhar ta' Tlieta li jaħbat wara li jgħaddi perjodu ta' xahar (l-Att tal-20 ta' Settembru 1976). Skont l-Artikolu 229(1) tat-TFUE, il-Parlament jeħtieġlu jiltaqa' wkoll, awtomatikament, fit-tieni nhar ta' Tlieta f'Marzu ta' kull sena.

## L-ORGANIZZAZZJONI

### A. Il-President

Skont ir-Regoli ta' Proċedura, il-President tal-Parlament huwa elett għal mandat ta' sentejn u nofs li jista' jiġġedded (l-Artikolu 19 tar-Regoli ta' Proċedura) minn fost il-Membri tal-Parlament. Il-President jirrappreżenta l-Parlament esternament u fir-relazzjonijiet tiegħu mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE. Il-President jissorvelja d-dibattiti fil-plenarja u jiżgura r-rispett tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament. Fil-bidu ta' kull laqgħa tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Parlament Ewropew jippreżenta l-fehma tal-Parlament u t-tħassib tiegħu rigward il-punti fuq l-aġenda u suġġetti oħra. Wara li l-baġit tal-UE jkun ġie adottat mill-Parlament, il-President jiffirmah, u b'hekk jagħmlu operattiv. Il-Presidenti tal-Parlament u tal-Kunsill jiffirmaw it-tnejn li huma l-atti leġiżlattivi kollha adottati skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Il-President jista' jiġi sostitwit minn wieħed mill-14-il Viċi President (l-Artikolu 23 tar-Regoli ta' Proċedura).

### B. Il-plenarja

Il-plenarja hija l-Parlament Ewropew sensu stricto u s-seduti tagħha huma ppreseduti mill-President. Il-Parlament jiltaqa' fi Strażburgu kull xahar (għajr f'Awwissu) għal "sessjoni parzjali" li ddum erbat ijiem mit-Tnejn sal-Ħamis. Sessjonijiet parzjali addizzjonali jsiru fi Brussell. Is-sessjoni parzjali hija maqsuma f'seduti ta' kuljum (l-Artikolu 153 tar-Regoli ta' Proċedura). Il-postijiet assenjati lill-Membri fil-Kamra jiġu deċiżi skont l-affiljazzjoni politika, mix-xellug għal-lemin, bi ftehim mal-Presidenti tal-gruppi. Il-President jiftaħ is-seduta, xi kultant bi tribut jew diskors dwar tema ta' attwalità. Il-President jiġi megħjun f'dan il-kompitu mill-14-il Viċi President, li jistgħu jieħdu l-Presidenza f'idejhom. Il-Kummissjoni u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jieħdu sehem

fis-seduti sabiex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet fil-proċess tat-teħid ta’ deċiżjonijiet. Jekk il-Parlament jitlob dan, ir-rappreżentanti taż-żewġ istituzzjonijiet jistgħu jiġu msejħa wkoll biex jagħmlu dikjarazzjonijiet jew jagħtu rendikont tal-attivitajiet tagħhom.

**C.** Il-korpi politiċi

Il-korpi politiċi tal-Parlament jinkludu l-Bureau (l-Artikolu 24 tar-Regoli ta’ Proċedura – il-President u 14-il Viċi President), il-Konferenza tal-Presidenti (l-Artikolu 26 tar-Regoli ta’ Proċedura – il-President u l-Presidenti tal-gruppi politiċi), il-ħames Kwesturi (l-Artikolu 28 tar-Regoli ta’ Proċedura – responsabbli għall-affarijiet amministrattivi u finanzjarji tal-Membri), il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati (l-Artikolu 29 tar-Regoli ta’ Proċedura) u l-Konferenza tal-Presidenti tad-Delegazzjonijiet (l-Artikolu 30 tar-Regoli ta’ Proċedura). Il-mandat tal-President, tal-Viċi Presidenti u tal-Kwesturi, kif ukoll tal-presidenti tal-kumitati u tad-delegazzjonijiet, huwa ta’ sentejn u nofs (l-Artikolu 19 tar-Regoli ta’ Proċedura).

**D.** Il-kumitati u d-delegazzjonijiet

Il-Membri huma organizzati f’20 kumitat, tliet sottokumitati u 39 delegazzjoni (delegazzjonijiet interparlamentari u delegazzjonijiet għall-kumitati parlamentari konġunti, għall-kumitati parlamentari ta’ kooperazzjoni u għall-assemblej parlamentari multilaterali)[1]. Il-Parlament jibgħat ukoll delegazzjoni għall-Assemblea Konġunta mwaqqfa skont il-ftehim bejn l-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u l-UE[2]. Il-Parlament jista’ wkoll iwaqqaf kumitati speċjali (l-Artikolu 207 tar-Regoli ta’ Proċedura) jew kumitati ta’ inkjesta (l-Artikolu 226 tat-TFUE u l-Artikolu 208 tar-Regoli ta’ Proċedura).

Abbażi tal-Artikolu 213 tar-Regoli ta’ Proċedura, kull kumitat jew delegazzjoni jeleġġu l-Bureau tagħhom stess, li jkun magħmul minn President u massimu ta’ erba’ Viċi Presidenti.

**E.** Il-gruppi politiċi

Il-Membri mhumiex organizzati skont id-delegazzjonijiet nazzjonali, iżda skont l-affinitajiet politiċi tagħhom fi gruppi tranżnazzjonali. Skont ir-Regoli ta’ Proċedura, grupp politiku jeħtieġlu jikkonsisti minn Membri eletti minn mhux anqas minn kwart tal-Istati Membri u jeħtieġlu jikkonsisti minn mhux anqas minn 23 Membru (l-Artikolu 33 tar-Regoli ta’ Proċedura). Il-gruppi politiċi jagħmlu laqgħat b’mod regolari matul il-ġimgħa qabel is-sessjoni parzjali u fil-ġimgħat tas-sessjoni parzjali, kif ukoll seminars biex jiddeċiedu l-prinċipji ewlenin tal-attività tagħhom. Ċerti gruppi politiċi jikkorrispondu għal partiti politiċi sovranazzjonali li joperaw fil-livell tal-UE.

**F.** Il-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej

Il-Parlament jirrakkomanda l-ħolqien ta’ ambjent favorevoli għall-iżvilupp ta’ partiti u fondazzjonijiet politiċi li jkunu ġenwinament Ewropej, inkluża l-adozzjoni ta’ leġiżlazzjoni qafas. L-Artikolu 224 tat-TFUE jagħti bażi ġuridika għall-adozzjoni, skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, tal-istatut tal-partiti politiċi fil-livell Ewropew u tar-regoli dwar il-finanzjament tagħhom. Fl-2003 ġiet stabbilita sistema ta’ finanzjament tal-partiti

[1]L-għadd ta’ membri għal kull kumitat huwa preskritt fil-paragrafu 1 tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Jannar 2020 dwar il-kompożizzjoni numerika tal-kumitati permanenti (ĠU C 270, 7.7.2021, p. 117).
[2]Ara l-Ftehim ta’ Cotonou, kif rivedut f’Ouagadougou fit-22 ta’ Ġunju 2010, l-Artikolu 17.

politiċi Ewropej li tippermetti t-twaqqif ta' fondazzjonijiet politiċi fil-livell tal-UE[3]. Bħala tweġiba għal ċerti prattiki abbużivi, dawn ir-regoli ġew emendati bir-Regolament (UE, Euratom) 2018/673 tat-3 ta' Mejju 2018, bil-għan li tissaħħaħ id-dimensjoni Ewropea tal-partiti politiċi Ewropej, tiġi garantita distribuzzjoni aktar ġusta tal-fondi u jitjieb l-infurzar.

Il-partiti politiċi Ewropej li jeżistu fil-preżent huma: il-Partit Popolari Ewropew, il-Partit tas-Soċjalisti Ewropej, l-Alleanza tal-Liberali u d-Demokratiċi għall-Ewropa, il-Partit tal-Ħodor Ewropej, il-Partit tal-Konservattivi u r-Riformisti Ewropej, il-Partit tax-Xellug Ewropew, il-Partit Identità u Demokrazija, il-Partit Demokratiku Ewropew, l-Alleanza Ħielsa Ewropea u l-Moviment Politiku Kristjan Ewropew. Il-partiti sovranazzjonali jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-gruppi politiċi korrispondenti fil-Parlament Ewropew.

Xi wħud mill-aktar fondazzjonijiet politiċi Ewropej importanti jinkludu: iċ-Ċentru għall-Istudji Ewropew "Wilfried Martens", il-Fondazzjoni għall-Istudji Progressivi Ewropej, il-Forum Liberali Ewropew, il-Fondazzjoni Ħadra Ewropea, l-Istitut tad-Demokratiċi Ewropej, Nittrasformaw l-Ewropa, u Direzzjoni Ġdida – il-Fondazzjoni għar-Riforma Ewropea.

Fit-22 ta' Novembru 2012, il-Parlament adotta riżoluzzjoni li tħeġġeġ lill-partiti politiċi Ewropej jinnominaw kandidati għall-Presidenza tal-Kummissjoni, bil-għan li tissaħħaħ il-leġittimità politika kemm tal-Parlament kif ukoll tal-Kummissjoni. Dawn l-arranġamenti ġew implimentati qabel l-elezzjonijiet tal-2014, meta l-kandidati prinċipali ħarġu għall-elezzjoni għall-ewwel darba. Wara dawk l-elezzjonijiet, wieħed mill-kandidati prinċipali, Jean-Claude Juncker, ġie elett President tal-Kummissjoni mill-Parlament fit-22 ta' Ottubru 2014. Fid-deċiżjoni tiegħu tas-7 ta' Frar 2018 dwar ir-reviżjoni tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament u l-Kummissjoni, il-Parlament iddikjara li jkun lest li jirrifjuta kull kandidat għall-Presidenza tal-Kummissjoni li ma kienx ġie nnominat bħala kandidat prinċipali (*Spitzenkandidat*) ta' partit politiku Ewropew qabel l-elezzjonijiet Ewropej tal-2019. Minkejja li fl-aħħar ġie abbandunat fl-elezzjonijiet tal-2019, il-proċess tal-kandidati prinċipali ġie kkunsidrat li ħoloq pjattaforma usa' għad-dibattitu fost il-kandidati, u miegħu ġab żieda fit-trasparenza u fil-leġittimità politika lir-rwol tal-President tal-Kummissjoni u qawwa l-involviment u l-għarfien taċ-ċittadini tal-UE fir-rigward tal-proċess. Fit-3 ta' Mejju 2022, il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar ir-riforma tal-liġi elettorali li fiha qies li l-proċess tal-kandidat prinċipali jista' jiġi formalizzat permezz ta' ftehim politiku bejn l-entitajiet politiċi Ewropej u permezz ta' Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-Kunsill Ewropew. Stieden ukoll lill-partiti politiċi Ewropej, lill-assoċjazzjonijiet Ewropej tal-votanti u lill-entitajiet elettorali Ewropej jinnominaw il-kandidati tagħhom għall-kariga ta' President tal-Kummissjoni mill-inqas 12-il ġimgħa qabel il-jum tal-elezzjoni u qal li stenna li l-kandidati jitqiegħdu fl-ewwel pożizzjoni tal-lista korrispondenti tal-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha.

Fl-2018, fil-komunikazzjoni tagħha dwar l-għażliet istituzzjonali biex il-ħidma tal-Unjoni Ewropea ssir aktar effiċjenti, il-Kummissjoni ressqet l-idea ta' listi tranżnazzjonali bħala pass lejn it-titjib tal-leġittimità tal-istituzzjonijiet tal-UE f'għajnejn iċ-ċittadini. Il-ħolqien ta' kostitwenza fuq skala Ewropea jista' jsaħħaħ id-dimensjoni Ewropea tal-elezzjonijiet Ewropej billi liċ-ċittadini Ewropej ikun jagħtihom l-opportunità jagħmlu kuntatt mal-kandidati fl-Ewropa kollha. Il-Parlament, madankollu, qies li ż-żmien kien għadu

[3]Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1).

mhux tajjeb għall-ħolqien ta’ kostitwenza tranżnazzjonali għall-elezzjonijiet Ewropej tal-2019, iżda ħalla l-bieb miftuħ għal dibattitu futur. Fil-[pożizzjoni](#) tiegħu li ssemmiet hawn fuq dwar ir-riforma tal-liġi elettorali, il-Parlament issuġġerixxa “l-introduzzjoni ta’ rappreżentanza ġeografika vinkolanti fil-listi għall-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha”, u ħeġġeġ “lill-partiti politiċi Ewropej, lill-assoċjazzjonijiet Ewropej tal-votanti u lil entitajiet elettorali Ewropej oħra jaħtru kandidati fil-listi għall-Unjoni kollha li jkunu ġejjin mill-Istati Membri kollha”. Din ir-riforma elettorali għandha twassal għall-ħolqien ta’ 28 siġġu tranżnazzjonali għall-kostitwenza madwar l-UE kollha minbarra l-705 siġġijiet attwali, b’rispett sħiħ għall-bilanċ ġeografiku u bejn il-ġeneri.

**G.** Is-Segretarjat tal-Parlament

Is-Segretarjat tal-Parlament Ewropew huwa mmexxi mis-Segretarju Ġenerali, li jinħatar mill-Bureau (l-Artikolu 234 tar-Regoli ta’ Proċedura). Il-kompożizzjoni u l-organizzazzjoni tas-Segretarjat huma wkoll iddeterminati mill-Bureau: fil-preżent huwa magħmul minn 12-il Direttorat Ġenerali u s-Servizz Legali. Xogħlu huwa li jikkoordina l-ħidma leġiżlattiva u li jorganizza s-seduti plenarji u l-laqgħat. Jipprovdi wkoll assistenza teknika, legali u esperta lill-korpi parlamentari u lill-Membri tal-PE biex ikun ta’ sostenn għalihom fl-eżerċizzju tal-mandati tagħhom. Is-Segretarjat jipprovdi l-interpretazzjoni u t-traduzzjoni għal-laqgħat u d-dokumenti formali kollha.

## IL-FUNZJONAMENT

Skont it-Trattati, il-Parlament jorganizza l-ħidma tiegħu b’mod indipendenti. Jadotta r-Regoli ta’ Proċedura tiegħu, billi jaġixxi b’maġġoranza tal-Membri li jikkomponuh (l-Artikolu 232 tat-TFUE). Minbarra fejn it-Trattati jipprevedu mod ieħor, il-Parlament jaġixxi b’maġġoranza tal-voti mitfugħa (l-Artikolu 231 tat-TFUE). Jiddeċiedi l-aġenda għas-sessjonijiet parzjali tiegħu, li primarjament ikopru l-adozzjoni ta’ rapporti li jitħejjew mill-kumitati tiegħu, il-mistoqsijiet lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, dibattiti rilevanti u urġenti u dikjarazzjonijiet mill-Presidenza. Il-laqgħat tal-kumitati u s-seduti plenarji jsiru fil-pubbliku u jixxandru dirett fuq l-internet.

## IS-SEDE U L-POSTIJIET TAX-XOGĦOL

Mis-7 ta’ Lulju 1981 ’il quddiem, il-Parlament adotta diversi riżoluzzjonijiet dwar is-sede tiegħu, li fihom stieden lill-gvernijiet tal-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligu impost fuqhom mit-Trattati biex jistabbilixxu sede waħda għall-istituzzjonijiet. Peress li naqsu milli jagħmlu dan għal żmien twil, il-Parlament ħa sensiela ta’ deċiżjonijiet dwar l-organizzazzjoni u l-postijiet tal-ħidma tiegħu (jiġifieri l-Lussemburgu, Strażburgu u Brussell). Fil-Kunsill Ewropew ta’ Edinburgh tal-11 u t-12 ta’ Diċembru 1992, il-gvernijiet tal-Istati Membri laħqu ftehim dwar is-sedi tal-istituzzjonijiet, li bis-saħħa tiegħu:

— il-Parlament għandu jkollu s-sede tiegħu fi Strażburgu, fejn għandhom isiru t-12-il sessjoni parzjali ta’ kull xahar, inkluża s-sessjoni li fiha tittieħed id-deċiżjoni dwar il-baġit annwali tal-UE;

— is-sessjonijiet parzjali addizzjonali l-oħra għandhom isiru fi Brussell;

— il-kumitati parlamentari għandhom jiltaqgħu fi Brussell;

— is-segretarjat u d-dipartimenti li jagħtu sostenn lill-Parlament għandhom jibqgħu fil-Lussemburgu.

Din id-deċiżjoni ġiet ikkritikata mill-Parlament. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (is-Sentenza tal-1 ta' Ottubru 1997 – C-345/95) ikkonfermat li s-sede tal-Parlament ġiet iddeterminata skont dak li issa hu l-Artikolu 341 tat-TFUE. Il-qofol ta' din id-deċiżjoni ġie inkluż fit-Trattat ta' Amsterdam fi protokoll anness mat-Trattati.

Minkejja li l-Parlament wera d-dispjaċir tiegħu għal dawn id-deċiżjonijiet, kien obbligat ifassal il-kalendarju annwali tiegħu f'konformità magħhom, fuq proposta tal-Konferenza tal-Presidenti tiegħu. B'mod ġenerali, matul is-sena l-Parlament jorganizza 12-il sessjoni parzjali ta' erbat ijiem il-waħda fi Strażburgu u sitt sessjonijiet parzjali ta' jumejn il-waħda fi Brussell. Il-Membri nedew bosta inizjattivi biex jevitaw li jiltaqgħu fi Strażburgu. Fl-2012, pereżempju, ġie adottat kalendarju li kien jinkludi żewġ sessjonijiet parzjali ta' jumejn il-waħda matul l-istess ġimgħa ta' kalendarju f'Ottubru fi Strażburgu, u b'hekk il-ħin globali tal-laqgħat fi Strażburgu tnaqqas b'erbat ijiem. Madankollu, wara rikors minn Franza, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li, f'konformità mad-deċiżjonijiet li ttieħdu, kienu meħtieġa żewġ sessjonijiet parzjali sħaħ (il-Kawża C-237/11).

Skont l-Artikolu 229 tat-TFUE, fuq talba tal-maġġoranza tal-Membri komponenti tiegħu jew fuq talba tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jew tal-Kummissjoni, il-Parlament jista' jiltaqa' f'sessjonijiet parzjali straordinarji. Nhar it-18 ta' Diċembru 2006, il-Parlament għall-ewwel darba organizza seduta plenarja supplimentari fi Brussell eżatt wara l-Kunsill Ewropew tal-14 u l-15 ta' Diċembru 2006. Minn dak iż-żmien 'l hawn, din il-prattika ta' segwitu immedjat għal-laqgħat tal-Kunsill Ewropew ġiet ikkonsolidata.

Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, il-Parlament adotta wkoll miżuri biex jippermetti lill-Membri jieħdu sehem fis-sessjonijiet plenarji mill-bogħod kif ukoll jużaw proċeduri ta' votazzjoni mill-bogħod.

## IL-KOMPOŻIZZJONI TAL-PARLAMENT SKONT IL-GRUPP U L-ISTAT MEMBRU

Tabella li tagħti ħarsa ġenerali lejn il-gruppi politiċi u l-kompożizzjoni tagħhom tista' tinstab fil-paġna web iddedikata tal-Parlament.

Eeva Pavy
10/2023

# 1.3.4. IL-PARLAMENT EWROPEW: PROĊEDURI ELETTORALI

Il-proċeduri għall-elezzjoni tal-Parlament Ewropew huma rregolati kemm mil-leġiżlazzjoni Ewropea li tistabbilixxi regoli komuni għall-Istati Membri kollha kif ukoll mid-dispożizzjonijiet nazzjonali speċifiċi, li jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor. Id-dispożizzjonijiet komuni jistabbilixxu l-prinċipju ta' rappreżentanza proporzjonali, ir-regoli dwar limiti u ċerti inkompatibbiltajiet mal-mandat ta' Membru tal-Parlament Ewropew. Ħafna kwistjonijiet importanti oħra, bħal pereżempju s-sistema elettorali eżatta u n-numru ta' kostitwenzi, jiġu rregolati mil-liġijiet nazzjonali.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 14 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE); l-Artikoli 20, 22 u 223 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 39 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

L-Att tal-20 ta' Settembru 1976 li jikkonċerna l-elezzjoni tar-rappreżentanti għall-Assemblea b'vot universali dirett, emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2018/994 tat-13 ta' Lulju 2018.

## IR-REGOLI KOMUNI

**A.** Prinċipji

It-Trattati fundaturi (1.1.1) iddikjaraw li l-Membri tal-Parlament Ewropew għall-bidu kellhom jinħatru mill-parlamenti nazzjonali, iżda pprevedew li maż-żmien kellhom jiġu eletti b'vot universali dirett. Din id-dispożizzjoni ġiet implimentata mill-Kunsill qabel l-ewwel elezzjonijiet diretti tal-1979 permezz tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 li jikkonċerna l-elezzjoni tar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett (l-Att Elettorali tal-1976). Biddlet b'mod profond il-pożizzjoni istituzzjonali tal-Parlament Ewropew, u kienet id-dokument fundatur ta' Unjoni Ewropea aktar demokratika.

Fl-1992, it-Trattat ta' Maastricht (1.1.3) ippreveda li l-elezzjonijiet kellhom isiru b'konformità ma' proċedura uniformi u li l-Parlament Ewropew kellu jfassal proposta għal dan il-għan, liema proposta riedet titressaq għall-adozzjoni unanima mill-Kunsill. Madankollu, peress li l-Kunsill ma seta' jaqbel dwar l-ebda waħda minn dawn il-proposti, it-Trattat ta' Amsterdam daħħal il-possibbiltà li jiġu adottati "prinċipji komuni". Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/772/KE, Euratom tal-25 ta' Ġunju u tat-23 ta' Settembru 2002 immodifikat l-Att Elettorali tal-1976, u introduċiet il-prinċipju tar-rappreżentanza proporzjonali u għadd ta' inkompatibbiltajiet bejn il-mandati nazzjonali u dawk Ewropej.

L-aħħar emendi għall-Att Elettorali tal-1976 ġew adottati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2018/994 tat-13 ta' Lulju 2018, li tinkludi dispożizzjonijiet dwar il-possibbiltà ta' metodi differenti ta' votazzjoni (votazzjoni minn qabel, votazzjoni elettronika, online u bil-posta); fuq il-limiti; fuq il-protezzjoni tad-data personali; fuq il-penalizzazzjoni tal-"votazzjoni doppja" mil-leġiżlazzjoni nazzjonali; fuq il-votazzjoni f'pajjiżi terzi; u fuq il-possibbiltà li l-partiti politiċi Ewropej ikunu jidhru fuq il-karti tal-vot.

Permezz tat-Trattat ta’ Liżbona (1.1.5), id-dritt tal-vot u tal-kandidatura kiseb status ta’ dritt fundamentali (l-Artikolu 39 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea).

**B.** Applikazzjoni: id-dispożizzjonijiet komuni fis-seħħ

**1.** Id-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet ta’ persuni li mhumiex ċittadini

Skont l-Artikolu 22(2) tat-TFUE, “kull ċittadin tal-Unjoni li jirrisjedi fi Stat Membru li tiegħu ma jkollux iċ-ċittadinanza, ikollu d-dritt li jivvota u li joħroġ bħala kandidat għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-Istat Membru fejn huwa jirrisjedi”. L-arranġamenti għall-implimentazzjoni ta’ dan id-dritt ġew adottati skont id-Direttiva tal-Kunsill 93/109/KE, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kunsill 2013/1/UE, li l-Artikolu 6 tagħha jistipula li “[k]ull ċittadin tal-Unjoni li joqgħod fi Stat Membru li tiegħu mhuwiex ċittadin u li, b’deċiżjoni ġudizzjarja individwali jew b’deċiżjoni amministrattiva, sakemm din tal-aħħar tista’ tkun soġġetta għal rimedji ġudizzjarji, iċċaħħadlu d-dritt għall-kandidatura skont il-liġi tal-Istat Membru ta’ residenza jew il-liġi tal-Istat Membru taċ-ċittadinanza tiegħu, m’għandux jitħalla jeżerċita dak id-dritt fl-Istat Membru ta’ residenza fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew”.

**2.** Is-sistema elettorali

Skont l-Att Elettorali emendat tal-1976, l-elezzjonijiet Ewropej iridu jkunu bbażati fuq rappreżentanza proporzjonali u jużaw jew is-sistema ta’ listi jew inkella s-sistema tal-vot trasferibbli uniku. L-Istati Membri jistgħu wkoll jawtorizzaw votazzjoni bbażata fuq sistema ta’ listi preferenzjali.

Minbarra l-limitu minimu volontarju għall-allokazzjoni ta’ siġġijiet sa 5% tal-voti validi mitfugħa fil-livell nazzjonali, l-emendi reċenti għall-Att Elettorali tal-1976, adottati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2018/994 jistabbilixxu limitu minimu obbligatorju ta’ bejn 2% u 5% għall-kostitwenzi (inklużi Stati Membri b’kostitwenza waħda) b’aktar minn 35 siġġu fl-Istati Membri fejn tintuża s-sistema ta’ listi. L-Istati Membri se jkollhom jikkonformaw ma’ dan ir-rekwiżit sa mhux aktar tard mill-elezzjonijiet tal-2024.

Skont dik id-Deċiżjoni, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu wkoll votazzjoni bil-quddiem, votazzjoni bil-posta u votazzjoni elettronika u online. Meta jagħmlu dan, jeħtiġilhom jiżguraw, b’mod partikolari, l-affidabbiltà tar-riżultat, is-segretezza tal-vot u l-protezzjoni tad-data personali.

**3.** L-inkompatibbiltajiet

Skont l-Artikolu 7 tal-Att Elettorali tal-1976 kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/772/KE, Euratom, il-kariga ta’ Membru tal-Parlament Ewropew mhijiex kompatibbli ma’ dik ta’ membru tal-gvern ta’ Stat Membru, membru tal-Kummissjoni, imħallef, avukat ġenerali jew reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, membru tal-Qorti tal-Awdituri, membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, membru ta’ kumitati jew korpi oħra stabbiliti skont it-Trattati bl-iskop li jamministraw il-fondi tal-Unjoni jew li jwettqu xi kompitu amministrattiv dirett u permanenti, membru tal-Bord tad-Diretturi, tal-Kumitat ta’ Tmexxija jew tal-persunal tal-Bank Ewropew tal-Investiment, u uffiċjal jew impjegat attiv tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jew tal-korpi speċjalizzati affiljati magħhom. Għad fadal aktar inkompatibbiltajiet għall-membri tal-Kumitat tar-Reġjuni (li żdiedu fl-1997); għall-membri tal-Bord tad-Diretturi tal-Bank Ċentrali Ewropew, għall-Ombudsman tal-Unjoni Ewropea u, l-aktar importanti, għall-membri ta’ parlament nazzjonali (li żdiedu fl-2002).

## L-ARRANĠAMENTI SOĠĠETTI GĦAL DISPOŻIZZJONIJIET NAZZJONALI

Apparti dawn ir-regoli komuni, l-arranġamenti elettorali huma rregolati minn dispożizzjonijiet nazzjonali li jistgħu jvarjaw immens; is-sistema elettorali għaldaqstant tista' titqies bħala sistema elettorali polimorfika.

**A.** Is-sistema elettorali u l-limiti

L-Istati Membri kollha jeħtiġilhom jużaw sistema bbażata fuq rappreżentanza proporzjonali. Minbarra l-limitu volontarju għall-allokazzjoni ta' siġġijiet sa 5% fil-livell nazzjonali, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2018/994 stabbiliet limitu minimu obbligatorju ta' bejn 2% u 5% għall-kostitwenzi (inklużi Stati Membri b'kostitwenza waħda) b'aktar minn 35 siġġu. Dan ir-rekwiżit irid jintlaħaq sa mhux aktar tard mill-elezzjonijiet Ewropej tal-2024.

Bħalissa, l-Istati Membri li ġejjin japplikaw limiti: Franza, il-Belġju, il-Litwanja, il-Polonja, is-Slovakkja, iċ-Ċekja, ir-Rumanija, il-Kroazja, il-Latvja u l-Ungerija (5%); l-Awstrija, l-Italja u l-Iżvezja (4%); il-Greċja (3%); u Ċipru (1.8%). L-Istati Membri l-oħra ma japplikawx limiti, minkejja li l-Ġermanja ppruvat tagħmel dan, iżda f'żewġ deċiżjonijiet tal-2011 u l-2014, il-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża ddikjarat li l-limiti eżistenti tal-pajjiż għall-elezzjonijiet tal-UE (li l-ewwel kienu ta' 5% u mbagħad ta' 3%) mhumiex kostituzzjonali.

**B.** Il-limiti tal-kostitwenzi

Fl-elezzjonijiet Ewropej, il-maġġoranza tal-Istati Membri jiffunzjonaw bħala kostitwenzi uniċi. Madankollu, erba' Stati Membri (il-Belġju, l-Irlanda, l-Italja u l-Polonja) qasmu t-territorju nazzjonali tagħhom f'għadd ta' kostitwenzi reġjonali.

**C.** Id-dritt li wieħed jivvota

L-età tal-vot hi ta' 18-il sena fil-maġġoranza tal-Istati Membri, ħlief fl-Awstrija, fil-Belġju, fil-Ġermanja u f'Malta, fejn hija ta' 16-il sena u fil-Greċja, fejn hija ta' 17-il sena.

F'ħames Stati Membri (il-Belġju, il-Bulgarija, il-Lussemburgu, Ċipru u l-Greċja) huwa obbligatorju li wieħed jivvota: u dan japplika kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għaċ-ċittadini ta' pajjiżi oħra tal-UE li jkunu reġistrati fil-pajjiż.

**1.** Il-vot ta' persuni li mhumiex ċittadini fil-pajjiż ospitanti

Iċ-ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru li tiegħu mhumiex ċittadini għandhom id-dritt jivvutaw fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-Istat Membru fejn jirrisjedu, bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini (l-Artikolu 22 tat-TFUE). Madankollu, il-kunċett ta' residenza għadu jvarja minn Stat Membru għal ieħor. Ċerti pajjiżi jirrikjedu li l-votanti jkollhom id-domiċilju jew ir-residenza abitwali tagħhom fit-territorju elettorali (pereżempju, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovenja), li normalment ikunu residenti hemmhekk (pereżempju, Ċipru, id-Danimarka, il-Greċja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, is-Slovakkja u l-Iżvezja) jew li jkunu elenkati fir-reġistru tal-popolazzjoni (pereżempju, il-Belġju u ċ-Ċekja). F'ċerti pajjiżi (pereżempju Ċipru), iċ-ċittadini tal-UE jeħtiġilhom ukoll jissodisfaw ir-rekwiżit ta' perjodu minimu ta' residenza. Fl-Istati Membri kollha, ċittadini minn pajjiżi oħra tal-UE huma mitluba jirreġistraw biex jivvutaw qabel jum l-elezzjoni. L-iskadenzi għar-reġistrazzjoni jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor.

## 2. Il-vot ta' ċittadini li ma jkunux residenti fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom

Kważi l-Istati Membri kollha jippermettu l-possibbiltà ta' votazzjoni minn barra l-pajjiż fl-elezzjonijiet Ewropej. F'ċerti Stati Membri, il-votanti huma meħtieġa jirreġistraw mal-awtoritajiet elettorali nazzjonali tagħhom sabiex ikunu eliġibbli biex jivvutaw minn barra l-pajjiż bil-posta jew f'ambaxxata jew konsulat. Fi Stati Membri oħra, il-voti bil-posta jistgħu jsiru fl-ambaxxati jew fil-konsulati. F'xi Stati Membri, id-dritt tal-vot barra mill-pajjiż jingħata biss lil ċittadini li jgħixu fi Stat Membru ieħor (pereżempju, fil-Bulgarija u fl-Italja). Barra minn dan, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jagħmlu arranġamenti speċjali għad-diplomatiċi u l-persunal militari stazzjonati barra l-pajjiż.

Il-fatt li xi persuni li mhumiex ċittadini jistgħu jivvutaw kemm fil-pajjiż ospitanti tagħhom kif ukoll bħala ċittadini fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom jista' jagħti lok għal abbużi, partikolarment votazzjoni doppja, li hija reat f'xi Stati Membri. F'dan ir-rigward, l-emendi reċenti għall-Att Elettorali tal-1976 adottati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2018/994, jirrikjedu li l-Istati Membri jiżguraw li l-votazzjoni doppja fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew tkun soġġetta għal penali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

## D. Id-dritt ta' kandidatura

Id-dritt ta' kandidatura fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fi kwalunkwe Stat Membru ieħor ta' residenza huwa wkoll applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bejn ċittadini u persuni li mhumiex ċittadini u korollarju tad-dritt li wieħed jiċċaqlaq u jirrisjedi liberament fl-Unjoni Ewropea. Kwalunkwe persuna li tkun ċittadin tal-Unjoni u li ma tkunx ċittadin tal-Istat Membru ta' residenza tagħha, iżda tissodisfa l-istess kundizzjonijiet fir-rigward tad-dritt li toħroġ bħala kandidata għall-elezzjonijiet kif dak l-Istat jimponi bil-liġi fuq iċ-ċittadini tiegħu, għandha d-dritt li toħroġ bħala kandidata fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-Istat Membru ta' residenza minbarra f'każ li tiġi mċaħħda minn dawn id-drittijiet (l-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/109/KE).

Minbarra r-rekwiżit ta' ċittadinanza ta' Stat Membru, li hija komuni għall-Istati Membri kollha, il-kundizzjonijiet ivarjaw minn pajjiż għal ieħor. L-ebda persuna ma tista' toħroġ bħala kandidat f'aktar minn Stat Membru wieħed fl-istess elezzjoni (l-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/109/KE). L-età minima biex wieħed joħroġ għall-elezzjonijiet hija ta' 18-il sena fil-maġġoranza tal-Istati Membri, u l-eċċezzjonijiet huma l-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u s-Slovakkja (21), ir-Rumanija (23), l-Italja u l-Greċja (25).

## E. In-nomini

F'xi Stati Membri, il-partiti politiċi u l-organizzazzjonijiet politiċi biss jistgħu jippreżentaw nomini. Fi Stati Membri oħra, in-nomini jistgħu jiġu ppreżentati jekk jiġu approvati min-numru meħtieġ ta' firem jew votanti, u f'xi każijiet ikun meħtieġ ukoll depożitu.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2018/937 tat-28 ta' Ġunju 2018 li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew tistabbilixxi kif is-siġġijiet fil-Parlament Ewropew, previsti fl-Artikolu 14(2) tat-TUE, għandhom jiġu allokati, billi jiġi applikat il-prinċipju ta' "proporzjonalità digressiva" (1.3.3).

## F. Id-dati tal-elezzjonijiet

Skont l-Artikoli 10 u 11 tal-Att Elettorali tal-1976, kif emendati, l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għandhom isiru fl-istess perjodu li jibda nhar ta' Ħamis filgħodu u jispiċċa l-Ħadd ta' wara; il-ġurnata u l-ħinijiet eżatti huma stabbiliti minn kull

Stat Membru. Fl-1976, il-Kunsill, li aġixxa unanimament wara li kkonsulta mal-Parlament Ewropew, iddetermina l-perjodu elettorali għall-ewwel elezzjonijiet fl-1979. L-elezzjonijiet sussegwenti wara l-1979 seħħew fil-perjodu korrispondenti fl-aħħar sena tal-perjodu ta' ħames snin imsemmi fl-Artikolu 5 tal-Att Elettorali (1.3.1).

Rigward l-elezzjonijiet tal-2014, il-Kunsill, bid-deċiżjoni tiegħu tal-14 ta' Ġunju 2013, mexxa d-dati, li oriġinarjament kienu stabbiliti għal Ġunju, għall-perjodu mit-22 sal-25 ta' Mejju, sabiex jevita li jaħbtu mal-vaganzi ta' Għid il-Ħamsin, b'applikazzjoni tad-dispożizzjoni tal-Artikolu 11 li tgħid: "Jekk jirriżulta impossibbli li jsiru l-elezzjonijiet […] f'dak il-perjodu, il-Kunsill filwaqt li jaġixxi b'unanimità għandu, wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew, jiddetermina, tal-anqas sena qabel it-tmiem il-perjodu ta' ħames snin imsemmi fl-Artikolu 5, perjodu elettorali ieħor li m'għandux ikun iktar minn xahrejn qabel jew xahar wara l-perjodu stabbilit skont is-subparagrafu preċedenti". L-elezzjonijiet sussegwenti għandhom isiru fil-perjodu korrispondenti fl-aħħar sena tal-perjodu ta' ħames snin (l-Artikolu 11 tal-Att tal-1976). Għaldaqstant, l-elezzjonijiet tal-2019 saru bejn it-23 u s-26 ta' Mejju. L-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2024 se jsiru bejn is-6 u d-9 ta' Ġunju.

**G.** L-għażliet tal-votanti li jibdlu l-ordni tal-kandidati fil-listi

Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, il-votanti jistgħu jitfgħu vot ta' preferenza biex ibiddlu l-ordni tal-ismijiet fil-lista. Madankollu, f'sitt' Stati Membri (il-Ġermanja, Spanja, Franza, il-Portugall, l-Ungerija u r-Rumanija) il-listi huma magħluqa (ma jkunx hemm voti ta' preferenza). F'Malta u fl-Irlanda, l-elettorat jagħżel il-kandidati wieħed wara l-ieħor fl-ordni tal-preferenza tiegħu (vot uniku trasferibbli).

**H.** Il-mili ta' siġġijiet li jitħallew battala waqt il-leġiżlatura

F'xi Stati Membri, is-siġġijiet li jitbattlu jiġu allokati lill-ewwel kandidati mhux eletti fl-istess lista (possibbilment wara aġġustament biex jiġu riflessi l-voti li jkunu ġabu l-kandidati). Fi Stati Membri oħrajn, is-siġġijiet battala jiġu allokati lil sostituti u jekk ma jkunx hemm sostituti, l-ordni tal-kandidati fuq il-listi jkun il-kriterju deċiżiv. F'xi Stati Membri oħrajn, il-Membri tal-PE għandhom id-dritt li jirritornaw jagħmlu parti mill-Parlament Ewropew ladarba r-raġuni għat-tluq tagħhom ma tkunx għadha valida.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Sa mis-sittinijiet, il-Parlament Ewropew kemm-il darba semma fehmtu dwar kwistjonijiet ta' liġi elettorali u ressaq proposti skont l-Artikolu 138 tat-Trattat KE (issa l-Artikolu 223 tat-TFUE). In-nuqqas ta' proċedura ġenwinament uniformi f'dak li jirrigwarda l-elezzjoni għall-Parlament Ewropew juri kemm hu diffiċli li wieħed jarmonizza tradizzjonijiet nazzjonali differenti. L-għażla prevista fit-Trattat ta' Amsterdam li jiġu adottati prinċipji komuni sa ċertu punt għamlitha possibbli li jingħelbu dawn id-diffikultajiet. L-ambizzjoni stabbilita fl-Artikolu 223 tat-TFUE li tiġi adottata proċedura uniformi, li tirrikjedi l-kunsens tal-Parlament Ewropew, għad trid tiġi ssodisfata. L-isforzi kontinwi tal-Parlament biex tiġi modernizzata u "Ewropizzata" l-proċedura elettorali komuni wasslu għal proposta fl-1997 għal proċedura elettorali uniformi; is-sustanza tagħha ġiet inkorporata fid-deċiżjoni tal-Kunsill tal-2002. Fil-11 ta' Novembru 2015, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar ir-riforma tal-liġi elettorali tal-Unjoni Ewropea. L-inizjattiva leġiżlattiva mill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali pproponiet emendi għall-Att Elettorali tal-1976 bil-għan li l-elezzjonijiet Ewropej isiru aktar demokratiċi u li tiżdied il-parteċipazzjoni pubblika fil-proċess elettorali. L-emendi proposti tal-Parlament ġew parzjalment aċċettati u inkorporati fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2018/994

tat-13 ta' Lulju 2018. Madankollu, il-Kunsill ma setax jaqbel mal-proposta tal-Parlament li tiġi stabbilita kostitwenza konġunta u li jinħatru kandidati ewlenin għall-kariga ta' President tal-Kummissjoni.

Wara r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Frar 2018 dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Parlament ivvota favur it-tnaqqis tan-numru ta' siġġijiet tiegħu minn 751 għal 705 wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE u t-tqassim mill-ġdid ta' wħud mis-siġġijiet li saru disponibbli bil-Brexit fost dawk il-pajjiżi tal-UE li huma kemxejn sottorappreżentati (1.3.3). Fit-13 ta' Settembru 2023, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni li tagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li żżid l-għadd ta' siġġijiet fil-Parlament Ewropew għall-elezzjonijiet tal-2024 minn 705 għal 720.

Fit-22 ta' Novembru 2012, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni li tħeġġeġ lill-partiti politiċi Ewropej jinnominaw kandidati għall-kariga ta' President tal-Kummissjoni matul l-elezzjonijiet tal-2014, sabiex tissaħħaħ il-leġittimità politika tal-Parlament u tal-Kummissjoni. Dawn l-arranġamenti ġew implimentati qabel l-elezzjonijiet tal-2014 u, għall-ewwel darba, ħarġu kandidati ewlenin għall-elezzjonijiet tal-2014. Fl-aħħar nett, b'riżultat tal-elezzjonijiet tal-2014, wieħed minn dawk il-kandidati, Jean-Claude Juncker, ġie elett bħala President tal-Kummissjoni mill-Parlament Ewropew, fit-22 ta' Ottubru 2014. Fid-deċiżjoni tas-7 ta' Frar 2018 dwar ir-reviżjoni tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament iddikjara li kien lest li jirrifjuta kull kandidat għal President tal-Kummissjoni Ewropea li ma jkunx nominat bħala kandidat ewlieni ("Spitzenkandidat") ta' partit politiku Ewropew qabel l-elezzjonijiet Ewropej tal-2019; madankollu, wara l-elezzjonijiet tal-2019, Ursula von der Leyen, li ma kinitx Spitzenkandidat, ġiet eletta President tal-Kummissjoni Ewropea. Fit-22 ta' Novembru 2023, il-plenarja tal-Parlament ivvutat dwar proposti għar-reviżjoni tat-Trattati, inkluża bidla radikali tal-mod kif tiġi eletta l-Kummissjoni.

Fl-2003, ġiet stabbilita sistema ta' finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej li tippermetti wkoll li jitwaqqfu fondazzjonijiet politiċi (1.3.3) fil-livell tal-UE. Ir-Regolament (KE) Nru 2004/2003 ġie mħassar u sostitwit bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej. Ir-regolament tal-2014 ġie emendat wara r-riżoluzzjoni tal-15 ta' Ġunju 2017 tal-Parlament dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi u tal-fondazzjonijiet politiċi fil-livell Ewropew. Fir-riżoluzzjoni, ġew enfasizzati nuqqasijiet rigward il-livell ta' kofinanzjament u l-possibbiltà tas-sħubija multipartitika tal-Membri tal-PE, fi sforz biex jiġi żgurat li l-flejjes pubbliċi jintużaw kif xieraq fil-finanzjament tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej permezz tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/673 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Mejju 2018.

Avvenimenti reċenti wrew ir-riskji potenzjali għall-proċessi elettorali u għad-demokrazija li jistgħu jinħolqu minn komunikazzjoni online (manipulazzjoni ta' data personali f'kuntest elettorali). Sabiex jiġi evitat l-użu illegali ta' data personali, ġew adottati b'mod sussegwenti emendi ġodda għar-Regolament tal-2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (ir-Regolament (UE, Euratom) 2019/493 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2019 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 rigward proċedura ta' verifika relatata mal-ksur ta' regoli dwar il-protezzjoni ta' data personali fil-kuntest tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew). Ir-regoli l-ġodda miftiehma bejn il-Parlament u l-Kunsill huma mfassla biex jipproteġu l-proċess elettorali minn kampanji online ta'

diżinformazzjoni li jagħmlu użu ħażin mid-data personali tal-votanti u jippermettu l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet finanzjarji fuq il-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej li deliberatament jinfluwenzaw, jew jippruvaw jinfluwenzaw, ir-riżultati tal-elezzjonijiet Ewropej billi jieħdu vantaġġ minn ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.

Barra minn hekk, wara r-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar il-pjattaformi online u s-suq uniku diġitali li fiha stieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-possibbiltà ta' intervent leġiżlattiv biex jillimita t-tixrid tal-kontenut falz, f'April 2018 il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titlu "L-indirizzar tad-diżinformazzjoni online: Approċċ Ewropew" u pproponiet Kodiċi ta' Prattika għall-UE kollha, li ġie ffirmat minn tliet pjattaformi online f'Settembru 2018. Il-pjan ta' azzjoni kontra d-diżinformazzjoni tal-Kummissjoni ta' Diċembru 2018, fost miżuri oħra jħeġġeġ lill-pjattaformi online jimplimentaw b'mod rapidu u effettiv l-impenji u jiffokaw fuq azzjonijiet urġenti għall-elezzjonijiet Ewropej, inkluż billi jitħassru l-kontijiet foloz, isir tikkettar tal-attivitajiet ta' messaġġi permezz ta' bots u billi jkun hemm kooperazzjoni ma' verifikaturi tal-fatti u riċerkaturi sabiex tinstab id-diżinformazzjoni u l-kontenut ivverifikat għall-fatti jsir aktar viżibbli. Fit-tħejjija għall-elezzjonijiet Ewropej ta' Mejju 2019, il-Kummissjoni talbet lit-tliet pjattaformi firmatarji tal-Kodiċi ta' Prattika jirrappurtaw kull xahar dwar l-azzjonijiet li jkunu ħadu biex itejbu l-iskrutinju tat-tqegħid ta' reklami, jiżguraw it-trasparenza tar-reklamar politiku u dak ibbażat fuq il-kwistjonijiet u biex jindirizzaw il-kontijiet foloz u l-użu ħażin tal-bots.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru 2020 dwar analiżi tal-elezzjonijiet Ewropej, il-Parlament irrakkomanda li dawn li ġejjin jiġu eżaminati bil-ħsieb li jittejjeb il-proċess elettorali Ewropew, b'mod partikolari matul il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa:

— Metodi ġodda ta' votazzjoni remota għaċ-ċittadini matul l-elezzjonijiet Ewropej f'ċirkostanzi speċifiċi jew eċċezzjonali;
— Regoli komuni ta' ammissjoni għall-kandidati u regoli komuni dwar il-kampanji u l-finanzjament;
— Standards armonizzati għal drittijiet tal-vot passivi u attivi fl-Istati Membri kollha, inkluża riflessjoni dwar it-tnaqqis tal-età minima tal-votanti fl-Istati Membri kollha għal 16-il sena;
— Dispożizzjonijiet dwar perjodi ta' assenza għall-Membri, pereżempju fil-każ ta' liv tal-maternità, liv tal-ġenituri jew mard serju.

Il-Parlament stieden lill-Istati Membri jiżguraw li ċ-ċittadini kollha tagħhom li jgawdu mid-dritt li jivvutaw, inklużi ċ-ċittadini tal-UE li jgħixu barra mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom, il-persuni mingħajr dar u l-priġunieri li jingħataw dan id-dritt skont il-liġi nazzjonali, ikunu jistgħu jeżerċitawh.

## IR-RIFORMA TAL-ATT ELETTORALI EWROPEW

Bil-pożizzjoni tiegħu tat-3 ta' Mejju 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, il-Parlament nieda riforma tal-Att Elettorali Ewropew, li tfittex li tittrasforma s-27 elezzjoni separata u r-regoli diverġenti tagħhom f'elezzjoni Ewropea unika bi standards minimi komuni. Bis-sistema proposta tal-Parlament, kull votant ikollu żewġ voti: wieħed biex jeleġġi Membri tal-Parlament Ewropew mill-kostitwenzi nazzjonali, u ieħor f'kostitwenza tal-Unjoni Ewropea kollha ta' 28 siġġu addizzjonali. Biex tiġi garantita rappreżentanza ġeografika bilanċjata f'dawn il-listi, l-Istati Membri jinqasmu

fi tliet gruppi skont id-daqs tal-popolazzjoni tagħhom. Il-listi jimtlew proporzjonalment bil-kandidati magħżula minn dawk il-gruppi. Listi ta' kandidati għall-UE kollha jiġu sottomessi mill-entitajiet elettorali Ewropej, bħall-koalizzjonijiet tal-partiti politiċi nazzjonali u/jew assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-votanti jew il-partiti politiċi Ewropej.

Proposti oħra jinkludu:

— Id-9 ta' Mejju bħala l-jum ta' votazzjoni Ewropea komuni;
— Id-dritt li l-Ewropej kollha ta' 18-il sena jew aktar jikkontestaw l-elezzjoni;
— Limitu elettorali obbligatorju ta' mill-anqas 3.5% għall-kostitwenzi kbar ta' 60 siġġu jew aktar;
— Aċċess ugwali għall-elezzjonijiet għaċ-ċittadini kollha, inklużi dawk b'diżabbiltà u l-opportunità tal-votazzjoni bil-posta;
— Ugwaljanza bejn il-ġeneri obbligatorja permezz ta' "listi alternanti" jew kwoti;
— Id-dritt li ċ-ċittadini jivvutaw għall-President tal-Kummissjoni f'sistema ta' kandidat ewlieni (Spitzenkandidaten) permezz ta' listi għall-UE kollha.

Awtorità elettorali Ewropea ġdida titwaqqaf biex tissorvelja l-proċess u tiżgura l-konformità mar-regoli l-ġodda.

Kif stabbilit fl-Artikolu 223 tat-TFUE, l-inizjattiva leġiżlattiva tal-Parlament jeħtieġ li tiġi approvata unanimament mill-Kunsill. Imbagħad terġa' tiġi lura l-Parlament biex il-Membri tal-PE jkunu jistgħu japprovawha, qabel ma tiġi approvata mill-Istati Membri kollha skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom. In-negozjati mal-Kunsill jibdew ladarba l-Istati Membri jkunu adottaw il-pożizzjonijiet tagħhom.

L-abbozz ta' att leġiżlattiv bħalissa qed jiġi analizzat mill-Kunsill fil-konfigurazzjoni tal-Affarijiet Ġenerali tiegħu. L-ewwel dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-proposta sar fit-18 ta' Ottubru 2022. Ir-riżervi identifikati minn xi Stati Membri jirrigwardaw il-proposti għal kostitwenza madwar l-UE kollha bbażata fuq listi tranżnazzjonali u l-elementi tal-proposta li jimplikaw armonizzazzjoni tas-sistema elettorali użata fl-elezzjonijiet Ewropej.

Din l-iskeda informattiva ġiet imħejjija mid-Dipartiment Tematiku tal-Parlament Ewropew għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali.

Mariusz Maciejewski
11/2023

# 1.3.5. IL-PARLAMENT EWROPEW: IR-RELAZZJONIJIET MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI

Il-progress tal-integrazzjoni Ewropea biddel ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali. Għadd ta' strumenti ta' kooperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali ġew introdotti bil-għan li jiggarantixxu skrutinju demokratiku effikaċi tal-leġiżlazzjoni Ewropea fil-livelli kollha. Din it-tendenza ssaħħet permezz tad-dispożizzjonijiet introdotti bit-Trattat ta' Liżbona.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 12 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), il-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea u l-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità.

## L-OBJETTIVI

**A.** Il-bażi loġika għall-kooperazzjoni

Il-proċess proprju tal-integrazzjoni Ewropea jinvolvi t-trasferiment tar-responsabbiltajiet li kienu jiġu eżerċitati mill-gvernijiet nazzjonali għal istituzzjonijiet konġunti b'poteri ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u b'hekk jiċkien ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali bħala leġiżlaturi, awtoritajiet baġitarji u korpi responsabbli għall-iskrutinju tal-eżekuttiv. Filwaqt li inizjalment il-Kunsill kellu bosta mir-responsabbiltajiet trasferiti mil-livell nazzjonali għal dak tal-UE, il-Parlament Ewropew progressivament kiseb rwol parlamentari sħiħ.

- Il-parlamenti nazzjonali bdew iqisu l-iskrutinju aktar effikaċi fuq l-attivitajiet tal-UE tal-gvernijiet tagħhom u r-relazzjonijiet eqreb mal-Parlament Ewropew bħala mezz biex tiżdied l-influwenza tagħhom fuq it-tfassil tal-politika tal-UE u biex fl-istess ħin jiżguraw li l-UE tinbena fuq prinċipji demokratiċi.
- Min-naħa tiegħu, il-Parlament Ewropew ġeneralment kien tal-opinjoni li r-relazzjonijiet mill-qrib mal-parlamenti nazzjonali jgħinuh isaħħaħ il-leġittimità tiegħu u jqarreb lill-UE lejn iċ-ċittadini tiegħu.

**B.** L-evoluzzjoni tal-kuntest tal-kooperazzjoni

Inizjalment ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali naqas hekk kif l-integrazzjoni Ewropea mxiet 'il quddiem: is-setgħat tal-UE żdiedu u l-oqsma ta' kompetenza tagħha ġew estiżi, filwaqt li l-votazzjoni b'maġġoranza saret ir-regola fil-Kunsill u l-poteri leġiżlattivi tal-Parlament Ewropew żdiedu wkoll.

Sal-1979, il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali kellhom rabtiet organiċi, peress li l-Membri tal-PE kienu maħturin mill-parlamenti nazzjonali stess. L-elezzjonijiet diretti tal-Parlament kissru dawk ir-rabtiet u għal madwar għaxar snin prattikament ma kien hemm ebda relazzjoni. Il-bżonn li jerġgħu jiġu stabbiliti r-rabtiet inħass wara l-1989: saru taħditiet u bdew jiġu stabbiliti rabtiet ġodda biex jissostitwixxu r-rabtiet organiċi oriġinali. It-Trattat ta' Maastricht għen billi inkluda żewġ dikjarazzjonijiet (Nru 13 u Nru 14) dwar is-suġġett, li pprevedew b'mod partikolari:

- ir-rikonoxximent xieraq tar-rwol tal-parlamenti nazzjonali fil-funzjonament tal-Unjoni Ewropea (il-gvernijiet rispettivi tagħhom jeħtiġilhom jinfurmawhom "fil-ħin

opportun" dwar il-proposti leġiżlattivi tal-UE u konferenzi konġunti jridu jsiru meta jkun hemm bżonn);

- kooperazzjoni eqreb bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali, fis-sura ta' rabta aktar sistematika, skambji ta' informazzjoni, laqgħat regolari u possibbilment konċessjoni ta' faċilitajiet reċiproċi.

Barra minn hekk, il-parlamenti nazzjonali progressivament kisbu setgħat ta' skrutinju fuq l-attivitajiet tal-UE tal-gvernijiet tagħhom bħala riżultat ta' riformi kostituzzjonali, impenji governattivi, bidliet fil-metodi operattivi tagħhom stess u interpretazzjoni tar-regoli kostituzzjonali nazzjonali maħruġa mill-qrati kostituzzjonali ta' xi Stati Membri. Il-kumitati tagħhom li jispeċjalizzaw fl-affarijiet tal-UE kellhom rwol kruċjali f'dan l-iżvilupp, b'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew.

Il-Protokoll dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali anness mat-Trattat ta' Amsterdam ħeġġeġ involviment ikbar tal-parlamenti nazzjonali fl-attivitajiet tal-UE u talab li d-dokumenti ta' konsultazzjoni u l-proposti jintbagħtu immedjatament biex il-parlamenti nazzjonali jkunu jistgħu jeżaminawhom qabel il-Kunsill jieħu deċiżjoni. Il-parlamenti nazzjonali żvolġew rwol importanti waqt id-dibattiti tal-Konvenzjoni dwar il-Futur tal-Ewropa (1.1.4), li matulha kienu wkoll is-suġġett ta' wieħed mill-11-il grupp ta' ħidma. F'Mejju 2006, il-Kummissjoni qablet li tgħaddi l-proposti l-ġodda kollha u d-dokumenti ta' konsultazzjoni lill-parlamenti nazzjonali. Bit-Trattat ta' Liżbona, dan id-"djalogu politiku" sar rekwiżit ġuridiku għall-Kummissjoni. It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jagħti d-dritt lill-parlamenti nazzjonali li jirċievu firxa usa' ta' informazzjoni mill-istituzzjonijiet tal-UE, li huma meħtieġa jgħaddu l-abbozzi tal-atti leġiżlattivi kollha u jinnotifikaw lill-parlamenti nazzjonali bl-applikazzjonijiet għall-adeżjoni mal-UE. It-Trattat ta' Liżbona kompla jsaħħaħ ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali billi jinvolvihom fil-proċeduri għar-reviżjoni tat-Trattati kif ukoll fil-mekkaniżmi ta' evalwazzjoni għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE fl-ispazji ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Huwa fformalizza wkoll il-kooperazzjoni interparlamentari bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew f'konformità mal-Protokoll dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE.

Barra minn dan, it-Trattat ta' Liżbona żied b'mod konsiderevoli r-rwol tal-parlamenti nazzjonali fil-proċess leġiżlattiv billi introduċa mekkaniżmu ta' twissija bikrija, jiġifieri, sistema li tippermetti li l-parlamenti nazzjonali jiżguraw li l-proposti leġiżlattivi jkunu konsistenti mal-prinċipju ta' sussidjarjetà (il-Protokolli Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea u l-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità). Fi żmien tmien ġimgħat mid-data tat-trażmissjoni ta' proposta leġiżlattiva, il-parlamenti nazzjonali jistgħu jibagħtu opinjoni motivata lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni filwaqt li jiddikjaraw għaliex huma jqisu li l-abbozz inkwistjoni ma jikkonformax mal-prinċipju ta' sussidjarjetà. Il-proposti leġiżlattivi jistgħu jiġu mblukkati jekk ikun hemm kunsens fost maġġoranza tal-kmamar. Madankollu, id-deċiżjoni finali titħalla f'idejn l-awtoritajiet leġiżlattivi (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill) (1.2.2). Dan il-mekkaniżmu ġie attivat tliet darbiet minn mindu daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Liżbona: f'Mejju 2012 fir-rigward ta' proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-eżerċizzju tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li tagħti servizz ("Monti II")[1] u f'Ottubru 2013 fir-rigward ta' proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif

[1]COM(2012)0130.

tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew[2], u f'Mejju 2016 fir-rigward ta' proposta għal rieżami tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema[3]. Il-parlamenti nazzjonali jistgħu jqajmu tħassib rigward is-sussidjarjetà u jattivaw il-karta oranġjo u s-safra meta jintlaħqu s-sollijiet neċessarji. Din il-verifika tas-sussidjarjetà hija kompetenza esklużiva tal-parlamenti nazzjonali. Ir-rwol tal- parlamenti reġjonali f'din il-proċedura jinsab fl-Artikolu 6 tal-Protokoll Nru 2 li jgħid: "Kull parlament nazzjonali jew kull kamra ta' parlament nazzjonali jistgħu jikkonsultaw, fejn ikun xieraq, mal-parlamenti reġjonali li jkollhom setgħat leġiżlattivi." Għalhekk, sottomissjonijiet diretti li jaslu mill-parlamenti reġjonali ma jitqisux, skont it-Trattati, bħala sottomissjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali dwar is-sussidjarjetà. L-opinjonijiet tagħhom għandhom jaslu permezz tal-parlamenti nazzjonali. Madankollu, meta l-Parlament Ewropew jirċievi osservazzjoni mingħand parlament reġjonali, din tintbagħat għal skopijiet ta' informazzjoni lis-servizzi kompetenti, inkluż il-kumitat responsabbli għall-kontenut, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli għar-relazzjonijiet mal-awtoritajiet reġjonali, u lis-servizzi ta' riċerka u dokumentazzjoni. It-Trattat fih ukoll artikoli ġodda li jiċċaraw ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-istruttura istituzzjonali tal-UE (l-Artikoli 10 u 12 tat-TUE).

Sa mill-bidu tal-kriżi tad-dejn sovran fl-UE f'Marzu 2010, ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali taż-żona tal-euro fir-ratifika jew fir-reviżjoni tal-pakketti ta' salvataġġ, enfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib u skambju kontinwu ta' informazzjoni bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew. L-Artikolu 13 tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja, li daħal fis-seħħ f'Jannar 2013, jipprevedi kooperazzjoni speċifika bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew għal kontroll parlamentari fl-oqsma ta' governanza ekonomika u finanzjarja.

## IL-KISBIET: L-ISTRUMENTI TAL-KOOPERAZZJONI

### A. Konferenzi tal-Presidenti tal-Assemblej Parlamentari tal-Unjoni Ewropea

Wara laqgħat li saru fl-1963 u fl-1973, il-konferenzi ġew formalment introdotti fl-1981. Filwaqt li jlaqqgħu l-presidenti tal-parlamenti nazzjonali u tal-Parlament Ewropew, il-konferenzi fil-bidu kienu jsiru kull sentejn. Dawn ikunu preparati minn laqgħat tas-Segretarji Ġenerali u jiddiskutu kwistjonijiet preċiżi rigward il-kooperazzjoni bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew. F'dawn l-aħħar snin, il-Presidenti ltaqgħu kull sena. Sa mill-1995, il-Parlament Ewropew żamm relazzjonijiet mill-qrib mal-parlamenti tal-pajjiżi assoċjati u applikanti. Il-presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti ta' dawn il-pajjiżi ltaqgħu regolarment biex jiddiskutu l-istrateġiji ta' adeżjoni u kwistjonijiet oħrajn ta' attwalità.

### B. L-ECPRD

Il-"konferenza importanti" ta' Vjenna fl-1977 stabbiliet iċ-Ċentru Ewropew tar-Riċerka u tad-Dokumentazzjoni Parlamentari (ECPRD). Iċ-Ċentru huwa network ta' servizzi ta' dokumentazzjoni u riċerka li jikkooperaw mill-qrib biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-informazzjoni (inklużi bażijiet ta' data nazzjonali u Ewropej) u jikkoordinaw ir-riċerka biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-ħidma. Huwa jiċċentralizza u jiċċirkola r-riżultati u ħoloq sit web biex jittejbu l-iskambji ta' informazzjoni. Id-direttorju tiegħu jiffaċilita l-kuntatt bejn id-dipartimenti ta' riċerka tal-parlamenti membri. Iċ-Ċentru huwa mmexxi b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-

[2]COM(2013)0534.
[3]COM(2016)0128.

Ewropa. Huwa jinkludi l-parlamenti mill-Istati Membri tal-UE u tal-Kunsill tal-Ewropa, u s-servizzi tiegħu jistgħu jintużaw ukoll mill-parlamenti tal-Istati li għandhom status ta' osservatur fl-Assemblea Parlamentari.

**C.** Konferenza tal-parlamenti tal-Komunità

L-idea ta' din il-konferenza ġiet ikkonkretizzata f'Ruma fl-1990 taħt l-isem "Seduta Ewropea". Is-suġġett kien "il-futur tal-Komunità; l-implikazzjonijiet, għall-Komunità u għall-Istati Membri, tal-proposti li jikkonċernaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Unjoni Politika u, b'mod aktar partikolari, ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali u tal-Parlament Ewropew", u kien hemm 258 parteċipant, 173 mill-parlamenti nazzjonali u 85 mill-Parlament Ewropew. Qatt ma reġgħet saret laqgħa oħra bħal din.

**D.** Konferenza tal-Kumitati Parlamenti għall-Affarijiet tal-Unjoni tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea — COSAC

Oriġinarjament proposta tal-President tal-Assemblea Nazzjonali Franċiża, il-Konferenza ilha tiltaqa' kull sitt xhur mill-1989, u tlaqqa' flimkien lill-kumitati tal-affarijiet tal-UE tal-parlamenti nazzjonali kif ukoll lill-Membri tal-Parlament Ewropew. Fil-laqgħat tagħha, kull parlament huwa rappreżentat minn sitt Membri. Il-konferenza tissejjaħ mill-parlament tal-pajjiż li jkollu f'idejh il-presidenza tal-UE u t-tħejjija ssir b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew flimkien mal-parlamenti tat-Trojka, filwaqt li kull konferenza tiddiskuti s-suġġetti prinċipali tal-integrazzjoni Ewropea. Il-COSAC mhix korp ta' teħid ta' deċiżjonijiet, iżda pjuttost ta' konsultazzjoni u ta' koordinazzjoni parlamentari li tadotta d-deċiżjonijiet tagħha b'kunsens. Il-Protokoll dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea jiddikjara b'mod speċifiku li l-COSAC tista' tagħmel kull kontribut li tqis xieraq għall-istituzzjonijiet tal-UE. Madankollu, il-kontributi li jsiru mill-COSAC bl-ebda mod ma jorbtu lill-parlamenti nazzjonali jew jippreġudikaw il-pożizzjoni tagħhom.

**E.** Laqgħat Parlamentari Konġunti

Abbażi tal-esperjenza tal-Konvenzjoni Ewropea, il-membri parlamentari kemm tal-Parlament Ewropew kif ukoll tal-parlamenti nazzjonali ħasbu li jkun loġiku li jiġi stabbilit forum permanenti għal kooperazzjoni politika sabiex jiġu indirizzati temi speċifiċi. Sa mill-2005, għaldaqstant, il-Membri tal-PE u l-membri parlamentari nazzjonali kellhom laqgħat parlamentari konġunti biex jindirizzaw kwistjonijiet importanti li jolqtu lill-parlamenti fil-kuntest tal-proċess tat-tfassil ta' politiki u tal-bini tal-istituzzjonijiet tal-UE.

**F.** Strumenti oħra ta' kooperazzjoni

Il-maġġoranza tal-kumitati permanenti tal-Parlament Ewropew jikkonsultaw lill-kontropartijiet tagħhom fil-livell nazzjonali, waqt il-laqgħat bilaterali jew multilaterali u żjarat minn presidenti u rapporteurs.

Kuntatti bejn il-gruppi politiċi tal-Parlament Ewropew u l-ekwivalenti fil-parlamenti nazzjonali żviluppaw sa livelli differenti, skont il-partiti politiċi jew il-pajjiżi involuti.

Il-kooperazzjoni amministrattiva qed tiżviluppa fil-forma ta' traineeships fil-Parlament Ewropew u skambji ta' uffiċjali. L-uffiċċji tal-biċċa l-kbira tar-rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali jinsabu fl-istess bini tal-Parlament Ewropew bħad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali. L-iskambju reċiproku tal-informazzjoni dwar il-ħidma parlamentari, speċjalment rigward il-leġiżlazzjoni, qed isir dejjem aktar importanti, u jibbaża fuq it-teknoloġija moderna tal-informazzjoni, bħan-network IPEX

ibbażat fuq l-internet, li huwa msaħħaħ minn pjattaforma elettronika tal-iskambju tad-data u ta' komunikazzjoni: il-Pjattaforma għal Skambju Interparlamentari tal-UE.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Fid-19 ta' April 2018, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jikkonċernaw il-parlamenti nazzjonali[4], li fiha jindika li l-parlamenti nazzjonali qed jitjiebu u jikkontribwixxu b'mod attiv għall-funzjonament kostituzzjonali tajjeb tal-Unjoni Ewropea, u b'hekk jissaħħu l-pluraliżmu u l-leġittimità demokratika. Huwa jirrikonoxxi wkoll li l-obbligu ta' rendikont tal-gvernijiet nazzjonali lejn il-parlamenti nazzjonali jibqa' l-"element ċentrali tar-rwol tal-kmamar parlamentari nazzjonali fl-Unjoni Ewropea". Filwaqt li jfakkar li s-sistema ta' twissija bikrija (STB) rarament intużat minn mindu daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Liżbona, il-Parlament Ewropew jemmen li tista' tiġi riformata fil-qafas attwali tat-Trattat. F'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni Ewropea timplimenta "perjodu ta' notifika teknika" sabiex tagħti aktar żmien bejn id-data li fiha l-parlamenti nazzjonali jirċievu l-abbozzi ta' atti leġiżlattivi u d-data li fiha jibda l-perjodu ta' tmien ġimgħat. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew jappoġġja l-possibbiltà li l-parlamenti nazzjonali jressqu proposti kostruttivi lill-Kummissjoni sabiex jinfluwenzaw b'mod pożittiv id-dibattitu Ewropew u s-setgħa ta' inizjattiva tal-Kummissjoni. Fl-aħħar nett, iressaq għadd ta' suġġerimenti li għandhom l-għan li jsaħħu l-istrumenti eżistenti ta' kooperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali.

Kull sena, id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali tal-Parlament Ewropew jippubblika rapport annwali dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali tal-UE. Ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet u l-iżviluppi kollha fil-kooperazzjoni interparlamentari mal-parlamenti nazzjonali, li tinvolvi 39 parlament u kamra nazzjonali fis-27 Stat Membru u l-Parlament Ewropew. Skont ir-Rapport Annwali 2022, is-suġġetti ewlenin diskussi fil-laqgħat interparlamentari matul dik is-sena kienu s-sigurtà u l-azzjoni esterna tal-UE b'rispons għall-gwerra fl-Ukrajna, l-irkupru wara l-pandemija tal-COVID-19, is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, NextGenerationEU u l-pjanijiet ta' rkupru ekonomiku, u l-eżitu tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa.

Eeva Pavy
10/2023

[4]Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' April 2018 dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jikkonċernaw il-parlamenti nazzjonali (ĠU C 390, 18.11.2019, p. 121).

# 1.3.6. IL-KUNSILL EWROPEW

Il-Kunsill Ewropew, magħmul mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri, jagħti l-impetu meħtieġ għall-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea u jistabbilixxi l-linji gwida politiċi ġenerali. Il-President tal-Kummissjoni huwa membru wkoll, iżda m'għandux vot. Il-President tal-Parlament Ewropew jindirizza l-Kunsill Ewropew fil-bidu tal-laqgħat tiegħu. It-Trattat ta' Liżbona stabbilixxa l-Kunsill Ewropew bħala istituzzjoni tal-Unjoni u fdalu presidenza fit-tul.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 13, 15, 26, 27 u 42(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

## L-ISTORJA

Il-Kunsill Ewropew illum huwa l-konferenza tas-summit tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri tal-UE. L-ewwel wieħed minn dawn is-summits sar f'Pariġi fl-1961 u, mill-1969, dawn is-"summits Ewropej" saru aktar frekwenti.

Fis-summit Ewropew ta' Pariġi ta' Frar 1974 ġie deċiż li dawn il-laqgħat tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern, minn dakinhar 'il quddiem kellhom isiru fuq bażi regolari taħt l-isem ta' "Kunsill Ewropew", sabiex ikun jista' jieħu approċċ ġenerali għall-problemi tal-integrazzjoni Ewropea u jiżgura li l-attivitajiet tal-UE jiġu kkoordinati kif suppost.

L- Att Uniku Ewropew(1986) daħħal lill-Kunsill Ewropew fil-korp tat-Trattati tal-Komunità għall-ewwel darba, iddefinixxa l-kompożizzjoni tiegħu u stabbilixxa żewġ laqgħat fis-sena.

It- Trattat ta' Maastricht(1992) ifformalizza r-rwol tiegħu fil-proċess istituzzjonali tal-UE.

It-Trattat ta' Liżbona (magħruf formalment bħala t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, 2009) għamel il-Kunsill Ewropew istituzzjoni sħiħa tal-UE (l-Artikolu 13) u ddefinixxa l-kompiti tiegħu, li huma li "jipprovdi l-Unjoni bl-impetu meħtieġ għall-iżvilupp tagħha" u "jiddefinixxi d-direzzjonijiet u l-prijoritajiet politiċi ġenerali tagħha" (l-Artikolu 15). Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Kunsill") qablu li jaqsmu t-Taqsima II tal-baġit tal-UE (l-Artikolu 43(b) tar-Regolament Finanzjarju), li hija r-raġuni għala l-baġit ġenerali għandu 10 taqsimiet biss, u mhux 11, minkejja l-fatt li l-Kunsill Ewropew u l-Kunsill huma istituzzjonijiet separati.

## L-ORGANIZZAZZJONI

Il-Kunsill Ewropew, li jissejjaħ mill-President tiegħu, ilaqqa' flimkien lill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tas-27 Stat Membru u l-President tal-Kummissjoni (l-Artikolu 15(2) tat-TUE). Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jipparteċipa fil-ħidma tiegħu. Normalment il-President tal-Parlament Ewropew jiġi mistieden jitkellem fil-bidu tal-laqgħa (l-Artikolu 235(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)).

Il-President jiġi elett mill-Kunsill Ewropew innifsu għal terminu ta' sentejn u nofs li jista' jiġġedded darba, u jirrappreżenta lill-UE fid-dinja ta' barra. Ir-rwol tal-President huwa stabbilit fl-Artikolu 15 tat-TUE. Il-President attwali Charles Michel beda l-ewwel mandat

tiegħu fl-1 ta’ Diċembru 2019 u reġa’ ġie elett f’Marzu 2022 għat-tieni mandat mill-1 ta’ Ġunju 2022 sat-30 ta’ Novembru 2024.

Il-Kunsill Ewropew normalment jiddeċiedi dwar kwistjonijiet b’kunsens, iżda għadd ta’ ħatriet importanti jsiru b’maġġoranza kwalifikata (b’mod partikolari dik tal-President tiegħu, l-għażla tal-kandidat għall-kariga ta’ President tal-Kummissjoni Ewropea u l-ħatra tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà u tal-President tal-Bank Ċentrali Ewropew).

Il-Kunsill Ewropew normalment jiltaqa’ tal-anqas erba’ darbiet fis-sena. Mill-2008 ’l hawn, il-Kunsill beda jiltaqa’ aktar ta’ spiss, b’mod partikolari waqt il-kriżi finanzjarja u l-kriżi tad-dejn taż-żona tal-euro li ġiet warajha. Dan l-aħħar, il-Kunsill Ewropew kien ukoll okkupat ħafna bil-flussi migratorji lejn l-UE u bi kwistjonijiet relatati mas-sigurtà interna.

Fl-2016, il-Kapijiet ta’ Stat jew ta’ Gvern bdew jiltaqgħu wkoll f’format ta’ “UE-27”, mingħajr ir-Renju Unit. Għall-ewwel, jiġifieri qabel in-notifika formali tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE skont l-Artikolu 50 tat-TUE f’Marzu 2017, dawn il-laqgħat kienu informali. Wara n-notifika, saru diversi laqgħat formali tal-“Kunsill Ewropew (Artikolu 50)” tal-UE-27 flimkien ma’ laqgħat regolari.

Barra minn hekk, il-membri tal-Kunsill Ewropew jiltaqgħu fil-format ta’ “konferenzi intergovernattivi” (IGCs): f’dawn il-konferenzi, ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri jitlaqqgħu biex jiddiskutu u jiftiehmu dwar bidliet fit-trattati tal-UE. Qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta’ Lizbona fl-2009, din kienet l-unika proċedura għar-reviżjoni tat-trattati. Illum tissejjaħ ukoll il-“proċedura ta’ reviżjoni ordinarja”. L-IGC, li tissejjaħ mill-President tal-Kunsill Ewropew, tiddeċiedi dwar il-bidliet fit-trattati b’mod unanimu.

## IR-RWOL

### A. Il-post fis-sistema istituzzjonali tal-UE

Skont l-Artikolu 13 tat-TUE, il-Kunsill Ewropew jagħmel parti mill-“qafas istituzzjonali uniku” tal-Unjoni. Madankollu, ir-rwol tiegħu hu li jipprovdi impetu politiku ġenerali aktar milli jaġixxi bħala entità li tieħu d-deċiżjonijiet f’sens ġuridiku. Huwa jieħu deċiżjonijiet b’konsegwenzi ġuridiċi għall-UE f’ċirkustanzi straordinarji biss (ara l-punt C(2) hawn taħt), iżda maż-żmien kiseb għadd ta’ setgħat deċiżjonali istituzzjonali. Il-Kunsill Ewropew issa huwa awtorizzat jadotta atti vinkolanti li jistgħu jiġu kkontestati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, inkluż għal nuqqas ta’ teħid ta’ azzjoni (l-Artikolu 265 tat-TFUE).

L-Artikolu 7(2) tat-TUE jagħtih is-setgħa li jagħti bidu għall-proċedura li tissospendi d-drittijiet ta’ Stat Membru minħabba ksur serju tal-prinċipji tal-UE, soġġett għall-kunsens tal-Parlament.

### B. Ir-relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet l-oħra

Il-Kunsill Ewropew jieħu d-deċiżjonijiet b’mod kompletament indipendenti u fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ma jkollux bżonn inizjattiva mill-Kummissjoni jew l-involviment tal-Parlament.

Madankollu, it-Trattat ta’ Lizbona jżomm rabta organizzattiva mal-Kummissjoni, peress li l-President tagħha huwa membru mingħajr vot tal-Kunsill Ewropew, u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà jieħu sehem fid-dibattiti. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew sikwit jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta rapporti bi tħejjija għal-laqgħat tiegħu. L-Artikolu 15(6)(d) tat-TUE jiddisponi li l-President tal-

Kunsill Ewropew għandu jippreżenta rapport lill-Parlament wara kull waħda mil-laqgħat tiegħu. Ta' kull xahar, il-President tal-Kunsill Ewropew jiltaqa' wkoll mal-President tal-Parlament, kif ukoll mal-mexxejja tal-gruppi politiċi. Fi Frar 2011, il-President f'dak iż-żmien qabel li jwieġeb mistoqsijiet bil-miktub mill-MEPs dwar l-attivitajiet politiċi tiegħu. Madankollu, il-Parlament jista' wkoll jeżerċita ċerta influwenza informali permezz tal-preżenza tal-President tiegħu fil-laqgħat tal-Kunsill Ewropew u fil-laqgħat ta' qabel il-Kunsill Ewropew tal-mexxejja tal-partiti fil-familji politiċi Ewropej rispettivi tagħhom, kif ukoll permezz tar-riżoluzzjonijiet li jadotta dwar punti fuq l-aġenda tal-laqgħat, dwar l-eżitu tal-laqgħat u dwar ir-rapporti formali ppreżentati mill-Kunsill Ewropew.

Bit-Trattat ta' Liżbona, il-kariga l-ġdida ta' Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà saret entità supplimentari ta' proposti u implimentazzjoni fil-qasam tal-politika barranija f'isem il-Kunsill Ewropew. Il-President tal-Kunsill Ewropew huwa responsabbli għar-rappreżentanza esterna tal-Unjoni fi kwistjonijiet li jikkonċernaw il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tagħha, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

## C. Is-setgħat

### 1. Istituzzjonali

Il-Kunsill Ewropew jipprovdi l-UE "bl-impetu meħtieġ għall-iżvilupp tagħha" u "jiddefinixxi d-direzzjonijiet u l-prijoritajiet politiċi ġenerali tagħha" (l-Artikolu 15(1) tat-TUE). Jiddeċiedi wkoll b'maġġoranza kwalifikata dwar il-formazzjoni tal-Kunsill u l-kalendarju tar-rotazzjoni tal-presidenzi.

### 2. Kwistjonijiet ta' politika estera u ta' sigurtà (5.1.1) u (5.1.2)

Il-Kunsill Ewropew jiddefinixxi l-prinċipji u l-linji gwida ġenerali tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) u jieħu deċiżjonijiet dwar strateġiji komuni għall-implimentazzjoni tagħha (l-Artikolu 26 tat-TUE). Jiddeċiedi, b'unanimità, jirrakkomandax lill-Istati Membri jimxu lejn id-definizzjoni progressiva ta' politika tad-difiża komuni tal-UE, skont l-Artikolu 42(2) tat-TUE.

Jekk Stat Membru jkollu l-ħsieb li jopponi l-adozzjoni ta' deċiżjoni għal raġunijiet importanti ta' politika nazzjonali, il-Kunsill jista' jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata li jirreferi l-kwistjoni lill-Kunsill Ewropew sabiex tittieħed deċiżjoni unanima (l-Artikolu 31(2) tat-TUE). L-istess proċedura tista' tapplika jekk l-Istati Membri jiddeċiedu li jistabbilixxu kooperazzjoni msaħħa f'dan il-qasam (l-Artikolu 20 tat-TUE).

Ir-rakkomandazzjoni Nru 21 taċ-ċittadini adottata waqt il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa titlob li l-UE ttejjeb il-kapaċità tagħha li tieħu deċiżjonijiet rapidi u effettivi, partikolarment permezz ta' bidla mill-unanimità għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-qasam tal-PESK u bit-tisħiħ tar-rwol tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà. Fir- riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar it-talba biex titlaqqa' Konvenzjoni għar-reviżjoni tat-Trattati, il-Parlament issottometta proposti għal emendi tat-trattati lill-Kunsill fl-ambitu tal-proċedura ta' reviżjoni ordinarja stabbilita fl-Artikolu 48 tat-TUE. Waħda mill-proposti ewlenin kienet li jiġi permess li deċiżjonijiet fil-Kunsill isiru b'votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata minflok b'unanimità f'oqsma rilevanti, bħall-adozzjoni ta' sanzjonijiet u f'każ ta' emerġenza. Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali tal-Parlament qed iħejji wkoll rapport dwar l-implimentazzjoni tal-klawżoli "passerelle" fit-Trattati tal-UE (jiġifieri klawżoli li jippermettu t-tibdil ta' proċedura leġiżlattiva mingħajr emenda formali tat-

trattati), li jipproponi li jiġu attivati klawżoli “passerelle” f’xi oqsma ta’ politika ta’ prijorità, bħall-Politika Estera u ta’ Sigurtà Komuni.

**3.** Il-governanza ekonomika u l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) (1.4.3)

Sa mill-2009, bil-kriżi tad-dejn sovran, il-Kunsill Ewropew u s-summits taż-żona tal-euro saru l-protagonisti fl-indirizzar tal-konsegwenzi tal-kriżi bankarja globali. Diversi Stati Membri rċevew pakketti ta’ għajnuna finanzjarja permezz ta’ ftehimiet ad hoc jew temporanji li ddeċidew dwarhom il-Kapijiet ta’ Stat jew ta’ Gvern u sussegwentement ġew ratifikati fl-Istati Membri. Mill-2012, l-għajnuna finanzjarja bdiet tingħata permezz tal-Mekkaniżmu Ewropew ta’ Stabbiltà (ESM). Il-gvernijiet tal-Istati Membri, bil-parteċipazzjoni attiva tal-Kummissjoni, il-Parlament u l-Bank Ċentrali Ewropew, fasslu trattat internazzjonali – it-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza (imsejjaħ ukoll “Patt Fiskali”) – li jippermetti kontroll aktar strett tal-politiki baġitarji u soċjoekonomiċi tal-Istati Membri. Dan iqajjem dejjem aktar mistoqsijiet dwar ir-rwol tal-Kummissjoni u l-Parlament fil-governanza ekonomika taż-żona tal-euro.

Il-Kunsill Ewropew għandu wkoll rwol importanti fis-Semestru Ewropew. Fil-laqgħat tar-rebbiegħa jfassal orjentamenti politiċi fir-rigward tar-riforma makroekonomika, fiskali u strutturali, kif ukoll politiki favur it-tkabbir. Fil-laqgħat tiegħu f’Ġunju japprova r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-valutazzjoni tal-Programmi Nazzjonali ta’ Riforma mfassla mill-Kummissjoni u diskussi fil-Kunsill.

Ikun involut ukoll fin-negozjati tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP), fejn jiżvolġi rwol fundamentali biex jintlaħaq qbil politiku dwar kwistjonijiet politiċi ewlenin fir-regolament dwar il-QFP, bħal-limiti tan-nefqa, il-programmi tal-infiq u l-finanzjament (ir-riżorsi).

**4.** Il-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija f’materji kriminali (4.2.6 u 4.2.7)

Fuq talba ta’ membru tal-Kunsill, il-Kunsill Ewropew jiddeċiedi jekk jistabbilixxix kooperazzjoni msaħħa f’settur relatat ma’ dan il-qasam (l-Artikolu 20 tat-TUE). It-Trattat ta’ Liżbona daħħal bosta klawsoli “passerelle” ġodda li jippermettu lill-Kunsill Ewropew ibiddel il-formula dwar kif tittieħed deċiżjoni fil-Kunsill mill-unanimità għal votazzjoni b’maġġoranza (1.2.4).

## IL-KISBIET

Il-Kunsill Ewropew stabbilixxa aġenda strateġika ta’ ħames snin (2019–2024) li tidentifika oqsma ta’ prijorità għal azzjoni u fokus aktar fit-tul tal-UE. Minbarra l-aġenda strateġika, il-programmi ta’ ħidma tagħha għal perjodu qasir, l-hekk imsejħa Aġendi tal-Mexxejja, jistabbilixxu suġġetti għal-laqgħat li jmiss tal-Kunsill Ewropew u s-summits internazzjonali. Pereżempju, l-Aġenda indikattiva tal-Mexxejja ppubblikata fi Frar 2023 , stabbiliet il-prijoritajiet indikattivi għall-perjodu minn Jannar sa Lulju 2023, li jinkludew, b’mod partikolari, l-appoġġ kontinwu tal-UE lill-Ukrajna b’rispons għall-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja, l-ekonomija u t-tisħiħ tal-kompetittività fit-tul fl-UE u l-awtonomija strateġika tal-UE, inkluż għas-sigurtà u l-enerġija.

L-adozzjoni tal-Aġenda Strateġika 2023–2029 hija ppjanata għal Ġunju 2024. Sabiex jitniedu diskussjonijiet minn qabel, il-President Michel bagħat ittra qabel il-Kunsill Ewropew ta’ Ġunju 2023. Huwa ssuġġerixxa erba’ oqsma ewlenin għall-aġenda li jmiss: il-konsolidazzjoni tal-bażi ekonomika u soċjali tal-UE (it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-kompetittività, l-innovazzjoni, is-saħħa); l-indirizzar tal-isfida tal-enerġija; it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta’ sigurtà u ta’ difiża tal-UE; u l-approfondiment tal-impenn tal-

UE mal-bqija tad-dinja. Barra minn hekk, huwa ssuġġerixxa t-tisħiħ tal-approċċ ġenerali tal-UE dwar il-migrazzjoni.

**A.** Qafas finanzjarju pluriennali

Sabiex jgħinu lill-UE tinbena mill-ġdid wara l-pandemija u jappoġġaw l-investiment fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-mexxejja tal-Kunsill Ewropew, fil- laqgħa speċjali tagħhom mis-17 sal-21 ta' Lulju 2020, qablu dwar pakkett komprensiv ta' EUR 1 824,3 biljun li jikkombina kemm il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) kif ukoll sforz straordinarju ta' rkupru taħt l-istrument Next Generation EU (NGEU).

**B.** Il-politika estera u ta' sigurtà

Il-politika estera u ta' sigurtà ilha element importanti fil-laqgħat tas-summits tal-Kunsill Ewropew sa mill-bidu tas-snin 90. Id-deċiżjonijiet li ttieħdu f'dan il-qasam jinkludu:

— is-sigurtà internazzjonali u l-ġlieda kontra t-terroriżmu;

— il-politika Ewropea tal-viċinat u r-relazzjonijiet mar-Russja;

— ir-relazzjonijiet mal-pajjiżi tal-Mediterran u l-Lvant Nofsani.

Meta kien qed jiltaqa' f' Helsinki fl-10 u l-11 ta' Diċembru 1999, il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jsaħħaħ il-PESK billi jiżviluppa kapaċitajiet ta' ġestjoni ta' kriżijiet militari u mhux militari.

Fil- laqgħa tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill Ewropew approva l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà.

Fil- laqgħa tiegħu tat-22 u t-23 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill Ewropew qabel dwar il-ħtieġa li titnieda kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) biex jissaħħu s-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa. Il-PESCO ġiet stabbilita b'deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2017. L-Istati Membri kollha tal-UE jieħdu sehem fil-PESCO, ħlief id-Danimarka u Malta. B'kollox, bħalissa hemm 46 proġett fis-seħħ fl-ambitu tal-PESCO.

Fil- laqgħa speċjali tiegħu tas-17 sal-21 ta' Lulju 2020imsemmija hawn fuq , il-Kunsill Ewropew qabel li tiġi stabbilita Faċilità Ewropea għall-Paċi bħala strument barra l-baġit biex jiġu ffinanzjati azzjonijiet fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża. Il-limitu massimu finanzjarju għall-Faċilità għall-perjodu 2021–2027 ġie stabbilit għal EUR 5 biljun, li għandhom jiġu ffinanzjati bħala punt barra l-baġit barra mill-QFP permezz ta' kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri bbażati fuq skema ta' kontribuzzjonijiet tal-introjtu nazzjonali gross (ING).

Fil-laqgħa speċjali tiegħu tat-30 u l-31 ta' Mejju 2022, il-Kunsill Ewropew ikkundanna l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u qabel dwar is-sitt pakkett ta' sanzjonijiet, li jkopri ż-żejt grezz u l-prodotti tal-petroleum ikkonsenjati mir-Russja lill-Istati Membri. Ġiet introdotta eċċezzjoni temporanja għaż-żejt grezz imwassal minn pipeline. Il-mexxejja ħeġġew lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jiffinalizza u jadotta s-sanzjonijiet il-ġodda mingħajr dewmien.

Skont il-konklużjonijiet tal- laqgħa tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Marzu 2023, "l-Unjoni Ewropea tinsab b'mod sod u sħiħ mal-Ukrajna u ser tkompli tipprovdi appoġġ politiku, ekonomiku, militari, finanzjarju u umanitarju b'saħħtu lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha tiegħu sakemm tieħu."

**C.** It-tkabbir (5.5.1)

Il-Kunsill Ewropew stabbilixxa t-termini għal kull ċiklu ta' tkabbir tal-UE. Fl-1993, f'Copenhagen, lesta l-pedamenti għal aktar adeżjonijiet (il-Kriterji ta' Copenhagen).

F’laqgħat fis-snin ta’ wara komplew jiġu speċifikati l-kriterji għall-ammissjoni u r-riformi istituzzjonali mitluba minn qabel.

Il-Kunsill Ewropew ta’ Copenhagen (fit-12 u t-13 ta’ Diċembru 2002) iddeċieda dwar id-dħul ta’ Ċipru, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, is-Slovakkja u s-Slovenja fl-1 ta’ Mejju 2004. Ir-Rumanija u l-Bulgarija ssieħbu fl-Unjoni fl-1 ta’ Jannar 2007.

Waqt laqgħa fil-Lussemburgu fit-3 ta’ Ottubru 2005, il-Kunsill approva qafas ta’ negozjati mal-Kroazja u t-Turkija dwar l-adeżjoni tagħhom fl-UE. It-Trattat ta’ Adeżjoni mal-Kroazja ġie ffirmat fid-9 ta’ Diċembru 2011, u l-Kroazja ssieħbet fl-1 ta’ Lulju 2013.

Fl-14 ta’ Diċembru 2021, il-Kunsill Affarijiet Ġenerali adotta l-konklużjonijiet tiegħu dwar it-tkabbir u l-proċess ta’ stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni għall-Montenegro, is-Serbja, it-Turkija, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta’ Fuq, l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina u l-Kosovo, li fihom ġie evalwat il-progress magħmul f’kull wieħed minn dawn il-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali.

Fit-23 ta’ Ġunju 2022, il-Kunsill Ewropew ta l-istatus ta’ kandidat lill-Ukrajna, wara l-applikazzjoni għas-sħubija tiegħu tat-28 ta’ Frar 2022, u stieden lill-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill dwar l-issodisfar tal-kundizzjonijiet speċifikati fl-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni għas-sħubija. Passi ulterjuri jiġu deċiżi mill-Kunsill ladarba dawn il-kundizzjonijiet kollha jkunu ġew sodisfatti b’mod sħiħ.

Fil- konklużjonijiet tal-laqgħa speċjali tiegħu tad-9 ta’ Frar 2023, il-Kunsill Ewropew “jirrikonoxxi l-isforzi konsiderevoli li l-Ukrajna wriet f’dawn l-aħħar xhur biex tilħaq l-objettivi li jirfdu l-istatus ta’ kandidat tagħha għas-sħubija fl-UE. Huwa jilqa’ l-isforzi ta’ riforma tal-Ukrajna fi żminijiet diffiċli bħal dawn u jħeġġeġ lill-Ukrajna tkompli f’din it-triq u tissodisfa l-kondizzjonijiet speċifikati fl-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tagħha għas-sħubija sabiex tavvanza lejn sħubija futura fl-UE.”

**D.** Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea

Fit-23 ta’ Marzu 2018, il-Kunsill Ewropew (Artikolu 50), imlaqqa’ f’format ta’ UE-27, adotta l-linji gwida dwar il-qafas għal relazzjoni mar-Renju Unit wara l-Brexit. Skont dawn il-linji gwida, l-UE riedet li jkollha l-eqreb sħubija possibbli mar-Renju Unit, u li din tkun tkopri l-kooperazzjoni kummerċjali u ekonomika kif ukoll is-sigurtà u d-difiża, fost oqsma oħra.

Fis-17 ta’ Ottubru 2019, il-Kunsill Ewropew, imlaqqa’ f’format ta’ UE-27, approva l-ftehim rivedut dwar il-ħruġ u d-dikjarazzjoni politika riveduta li n-negozjaturi tal-UE u tar-Renju Unit kienu laħqu qbil dwarhom dakinhar stess. Il-ħsieb wara dan il-ftehim kien li r-Renju Unit ikun jista’ joħroġ mill-Unjoni Ewropea b’mod ordinat.

Fid-29 ta’ Ottubru 2019, wara talba mir-Renju Unit, il-Kunsill Ewropew adotta deċiżjoni biex il-perjodu msemmi fl-Artikolu 50(3) tat-TUE jiġi estiż sal-31 ta’ Jannar 2020 u b’hekk ikun hemm aktar żmien għar-ratifika tal-ftehim dwar il-ħruġ. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ daħal fis-seħħ fil-31 ta’ Jannar 2020. Dan immarka t-tmiem tal-perjodu previst skont l-Artikolu #50 tat-TUE u l-bidu ta’ perjodu ta’ tranżizzjoni li ntemm fil-31 ta’ Diċembru 2020. Ir-Renju Unit m’għadux Stat Membru tal-UE; issa sar pajjiż terz.

**E.** Ir-riformi istituzzjonali

Fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew f’Tampere (fil-15 u s-16 ta’ Ottubru 1999) il-Kunsill iddeċieda dwar arranġamenti għall-abbozzar tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-

UE (4.1.2). Il-Kunsill Ewropew ta' Helsinki (Diċembru 1999) sejjaħ il-konferenza intergovernattiva bi tħejjija għat-Trattat ta' Nizza.

Il-Kunsill Ewropew ta' Laeken (fl-14 u l-15 ta' Diċembru 2001) iddeċieda li jsejjaħ Konvenzjoni dwar il-Futur tal-Ewropa, li fasslet it-Trattat Kostituzzjonali li falla (1.1.4). Wara sentejn u nofs ta' diffikultajiet istituzzjonali, il-Kunsill Ewropew tal-21 u t-22 ta' Ġunju 2007 adotta mandat dettaljat għal konferenza intergovernattiva li wasslet biex fit-13 ta' Diċembru 2007 jiġi ffirmat it-Trattat ta' Liżbona, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009 (1.1.5). Fil-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill Ewropew adotta d-deċiżjoni li emendat l-Artikolu 136 u wittiet it-triq għall-ħolqien tal-ESM fl-2012.

Fid-28 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill Ewropew adotta deċiżjoni dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropewbiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jdaħħlu l-miżuri interni meħtieġa għall-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet tal-Parlament għal-leġiżlatura 2019-2024[1].

Il-kriżijiet ta' dan l-aħħar, b'mod partikolari l-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra fl-Ukrajna, urew il-bżonn ta' riformi istituzzjonali biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tirreaġixxi għal sitwazzjonijiet urġenti b'mod f'waqtu u effettiv.

Fir- riżoluzzjoni tiegħu dwar l-eżitu tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa adottata fl-4 ta' Mejju 2022, il-Parlament laqa' l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Konferenza, irrikonoxxa li dawn jirrikjedu bidliet fit-Trattati u talab lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali tiegħu jħejji proposti għal riforma tat-Trattati tal-UE permezz ta' konvenzjoni skont l-Artikolu 48 tat-TUE. Fid-9 ta' Ġunju 2023, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar it-talba biex titlaqqa' Konvenzjoni għar-reviżjoni tat-Trattati. Waħda mill-proposti ewlenin hija li ssir riforma fil-proċeduri ta' votazzjoni sabiex jiġi permess li d-deċiżjonijiet fil-Kunsill isiru b'votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata minflok b'unanimità f'oqsma rilevanti, bħall-adozzjoni ta' sanzjonijiet u tal-hekk imsejħa klawżoli "passerelle", u f'każ ta' emerġenza.

Eeva Pavy
10/2023

[1]Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2018/937 tat-28 ta' Ġunju 2018 li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

# 1.3.7. IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Flimkien mal-Parlament, il-Kunsill huwa l-istituzzjoni li tadotta l-leġiżlazzjoni tal-UE permezz ta' regolamenti u direttivi u tħejji deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet mhux vinkolanti. Fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu, jieħu d-deċiżjonijiet permezz ta' maġġoranza sempliċi, maġġoranza kwalifikata jew b'mod unanimu, skont il-bażi ġuridika tal-att li jkun jirrikjedi l-approvazzjoni tiegħu.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

Fil-qafas istituzzjonali uniku tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill jeżerċita s-setgħat mogħtija lilu permezz tal-Artikolu 16 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikoli 237 sa 243 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## IR-RWOL

**A.** Il-leġiżlazzjoni

Abbażi tal-proposti ppreżentati mill-Kummissjoni, il-Kunsill jadotta l-leġiżlazzjoni tal-UE fil-forma ta' regolamenti u direttivi, b'mod konġunt mal-Parlament skont l-Artikolu 294 tat-TFUE (il-proċedura leġiżlattiva ordinarja) jew waħdu, wara konsultazzjoni mal-Parlament (1.2.3). Il-Kunsill jadotta wkoll deċiżjonijiet individwali u rakkomandazzjonijiet mhux vinkolanti (l-Artikolu 288 tat-TFUE) u joħroġ riżoluzzjonijiet. Il-Kunsill u l-Parlament jistabbilixxu r-regoli ġenerali li jirregolaw l-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni jew riżervati għall-Kunsill stess (l-Artikolu 291(3) tat-TFUE).

**B.** Il-baġit

Il-Kunsill huwa wieħed miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja, l-oħra hi l-Parlament. Flimkien jadottaw il-baġit tal-Unjoni Ewropea (1.2.5). Il-Kunsill jadotta wkoll, skont proċedura leġiżlattiva speċjali u filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu, deċiżjonijiet li jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet li japplikaw għas-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE u l-qafas finanzjarju pluriennali (l-Artikoli 311 u 312 tat-TFUE). Fil-każ tal-aħħar, il-Parlament jeħtieġ jagħti l-kunsens tiegħu permezz ta' maġġoranza tal-Membri tiegħu. L-aħħar qafas finanzjarju pluriennali (2021–2027) ġie adottat mill-Parlament f'Novembru 2020. Il-Kunsill jaqsam it-Taqsima II tal-baġit tal-Unjoni Ewropea mal-Kunsill Ewropew (l-Artikolu 43(b) tar-Regolament Finanzjarju), minkejja l-fatt li dawn huma żewġ istituzzjonijiet separati.

**C.** Is-setgħat l-oħra

**1.** Il-ftehimiet internazzjonali

Il-Kunsill jikkonkludi l-ftehimiet internazzjonali tal-Unjoni Ewropea, li jiġu nnegozjati mill-Kummissjoni u fil-maġġoranza tal-każijiet jirrikjedu l-approvazzjoni tal-Parlament (l-Artikolu 289 tat-TFUE).

**2.** Il-ħatriet

Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata (mit-Trattat ta' Nizza 'l hawn), jaħtar lill-membri tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.

### 3. Il-politika ekonomika

Il-Kunsill jikkoordina l-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri (l-Artikolu 121 tat-TFUE) u, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Bank Ċentrali Ewropew, jieħu deċiżjonijiet politiċi fil-qasam monetarju. Regoli speċjali japplikaw għall-membri tal-Grupp tal-Euro, li jeleġġu president għal mandat ta' sentejn u nofs (l-Artikoli 136 u 137 tat-TFUE). Normalment, il-ministri tal-finanzi tal-Grupp tal-Euro jiltaqgħu jum qabel il-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji.

Il-Kunsill iwettaq ukoll għadd ta' funzjonijiet ta' governanza ekonomika fi ħdan il-qafas tas-Semestru Ewropew. Fil-bidu taċ-ċiklu, fil-ħarifa, huwa jqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għaż-żona tal-euro abbażi tal-istħarriġ annwali dwar it-tkabbir, imbagħad f'Ġunju u f'Lulju jadotta r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż wara li dawn ikunu ġew approvati mill-Kunsill Ewropew.

L-Artikolu 136 tat-TFUE ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2011/199/UE u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2013, wara r-ratifika mill-Istati Membri kollha. Issa jipprovdi l-bażi ġuridika għall-mekkaniżmi ta' stabbiltà bħal pereżempju l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (2.6.8).

### 4. Il-politika estera u ta' sigurtà komuni (5.1.1) u (5.1.2)

It-Trattat ta' Liżbona ta personalità ġuridika lill-Unjoni Ewropea, li ħadet post il-Komunità Ewropea. It-Trattat il-ġdid neħħa wkoll l-istruttura ta' tliet pilastri. Il-Ġustizzja u l-Intern saru qasam ta' politika tal-UE integrat bis-sħiħ, fejn il-proċedura leġiżlattiva ordinarja tapplika kważi fil-każijiet kollha. Madankollu, rigward il-politika estera u ta' sigurtà, il-Kunsill għadu jaġixxi skont regoli speċifiċi meta jadotta pożizzjoni komuni u azzjoni konġunta jew meta jfassal konvenzjoni.

Il-formula tat-Trojka preċedenti ġiet sostitwita b'sistema ġdida: il-Kunsill għall-Affarijiet Barranin, presedut fuq bażi permanenti mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, issa jikkollabora mill-qrib mal-Kummissjoni. Dan il-Kunsill huwa assistit mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

## L-ORGANIZZAZZJONI

### A. Il-kompożizzjoni

### 1. Il-membri

Il-Kunsill huwa kompost minn rappreżentant ta' kull Stat Membru, fuq livell ministerjali, "li jista' jimpenja lill-gvern tal-Istat Membru li hu jirrappreżenta" (l-Artikolu 16(2) tat-TUE).

### 2. Il-presidenza

Bl-eċċezzjoni tal-Kunsill Affarijiet Barranin, il-Kunsill huwa presedut mir-rappreżentant tal-Istat Membru li jkollu l-presidenza tal-Unjoni Ewropea: dan jinbidel kull sitt xhur, fl-ordni li l-Kunsill jiddeċiedi b'mod unanimu (l-Artikolu 16(9) tat-TUE). Il-presidenza tal-formazzjonijiet kollha tal-Kunsill ħlief dik tal-affarijiet barranin issir minn gruppi stabbiliti minn qabel ta' tliet Stati Membri għal perjodi ta' 18-il xahar, fejn kull membru jkollu l-presidenza tal-Kunsill għal sitt xhur.

L-ordni tal-presidenzi għall-ħames snin li ġejjin hija din: l-Iżvezja u Spanja fl-2023, il-Belġju u l-Ungerija fl-2024, il-Polonja u d-Danimarka fl-2025, Ċipru u l-Irlanda fl-2026

u l-Litwanja u l-Greċja fl-2027. Il-Kunsill Ewropew jista’ jibdel l-ordni (l-Artikolu 236(b) tat-TFUE).

### 3. Il-korpi preparatorji

Kumitat magħmul mir-rappreżentanti permanenti tal-Istati Membri jħejji l-ħidma tal-Kunsill u jwettaq il-kompiti li l-Kunsill jassenjalu (l-Artikolu 240 tat-TFUE). Dan il-kumitat, magħruf bħala l-Coreper, huwa ppresedut minn rappreżentant tal-Istat Membru li jkollu l-presidenza tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali, jiġifieri l-presidenza b’rotazzjoni. Madankollu, il-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà, li jissorvelja s-sitwazzjoni internazzjonali fl-oqsma koperti mill-politika estera u ta’ sigurtà komuni, huwa presedut minn rappreżentant tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà.

Il-Coreper jiltaqa’ kull ġimgħa biex iħejji l-ħidma tal-Kunsill u jikkoordina l-attivitajiet marbuta mal-kodeċiżjoni flimkien mal-Parlament. Il-Coreper huwa maqsum f’żewġ gruppi: il-Coreper I, li jikkonsisti minn viċi rappreżentanti permanenti, iħejji l-ħidma fl-oqsma l-aktar tekniċi, fosthom l-agrikoltura, l-impjiegi, l-edukazzjoni u l-ambjent; il-Coreper II, li jittratta kwistjonijiet li jappartjenu iżjed għall-qasam ta’ “politika għolja”, b’mod partikolari l-affarijiet barranin, ekonomiċi u monetarji u l-ġustizzja u l-affarijiet interni. Il-Coreper huwa megħjun fil-ħidma ta’ tħejjija tiegħu minn madwar għaxar kumitati u mitt grupp ta’ ħidma speċjalizzat.

## B. Il-funzjonament

Skont il-qasam ikkonċernat, il-Kunsill jieħu d-deċiżjoni tiegħu permezz ta’ maġġoranza sempliċi, maġġoranza kwalifikata jew b’mod unanimu (1.2.3) u (1.2.4). Meta l-Kunsill jaġixxi f’kapaċità leġiżlattiva, il-laqgħat tiegħu jkunu miftuħin għall-pubbliku (l-Artikolu 16(8) tat-TUE). Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill jinħatar mill-Kunsill skont l-Artikolu 240 tat-TFUE. Il-laqgħat tal-Kunsill isiru fi Brussell, iżda anki fil-Lussemburgu (is-sessjonijiet ta’ April, ta’ Ġunju u ta’ Ottubru). Attwalment hemm għaxar formazzjonijiet tal-Kunsill, li tlieta minnhom jiltaqgħu regolarment (Affarijiet Ġenerali, Affarijiet Barranin, u Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECOFIN)).

### 1. Il-maġġoranza sempliċi

Din tfisser li deċiżjoni jitqies li tkun ittieħdet meta jkun hemm aktar voti favur milli kontra. Kull membru tal-Kunsill għandu vot wieħed. Għalhekk, il-maġġoranza sempliċi tintlaħaq jekk 14-il membru tal-Kunsill jivvutaw favur. Ir-regola tal-maġġoranza sempliċi hija applikabbli meta t-Trattat ma jipprevedix mod ieħor (l-Artikolu 238(1) tat-TFUE). Għalhekk din hija l-proċess awtomatiku ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet. Fil-prattika, madankollu, ir-regola tapplika biss għal numru żgħir ta’ deċiżjonijiet: ir-regoli interni tal-Kunsill, l-organizzazzjoni tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, u r-regoli li jirregolaw il-kumitati previsti fit-Trattat.

### 2. Il-maġġoranza kwalifikata

#### a. Il-mekkaniżmu

Ir-regola tal-maġġoranza kwalifikata tal-Kunsill tinsab fit-Trattat ta’ Liżbona, fl-Artikolu 16(4), l-ewwel paragrafu, tat-TUE. Skont dan l-Artikolu, tali maġġoranza kwalifikata teħtieġ l-appoġġ ta’ mill-inqas 55% tal-membri tal-Kunsill li jkunu jirrappreżentaw mill-inqas 65% tal-popolazzjoni tal-UE. Fil-prattika, dan ifisser l-appoġġ ta’ mill-inqas 15-il Stat Membru minn 27. F’każijiet meta l-proposta ma tkunx ġejja mill-Kummissjoni jew mir-Rappreżentant Għoli, tapplika r-regola ta’ “maġġoranza kwalifikata msaħħa”, li skontha l-perċentwal meħtieġ ta’ membri tal-Kunsill li jivvutaw

favur huwa 72% (inklużi mill-inqas 20 Stat Membru minn 27), li għal darb’oħra jkunu jirrappreżentaw mill-inqas 65% tal-popolazzjoni tal-UE.

**b.** Il-kamp ta’ applikazzjoni

It-Trattat ta’ Liżbona reġa’ estenda l-kamp ta’ applikazzjoni tat-teħid tad-deċiżjonijiet b’votazzjoni b’maġġoranza kwalifikata (VMK). Dan introduċa jew estenda l-VMK għal 68 bażi ġuridika, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet b’mod konġunt mal-introduzzjoni tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja (inklużi ħafna oqsma li kienu jaqgħu taħt it-tielet pilastru). Il-VMK tapplika wkoll għall-ħatra tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni u l-membri tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (1.2.3 u 1.2.4).

**3.** L-unanimità

L-unanimità hija meħtieġa biss mit-Trattat għal deċiżjonijiet fi ftit oqsma, bħalma huma t-tassazzjoni u l-politika soċjali. Din is-sitwazzjoni nżammet mit-Trattat ta’ Liżbona. L-Artikolu 48(7) tat-TUE jipprevedi klawżola *passerelle* ġenerali applikabbli għall-politiki kollha tal-UE li, skont ċerti kundizzjonijiet, tagħti l-possibbiltà ta’ deroga mill-proċeduri leġiżlattivi inizjalment previsti mit-trattati. Konsegwentement, dan jippermetti lill-Kunsill jadotta deċiżjonijiet dwar ċerti kwistjonijiet b’maġġoranza kwalifikata minflok b’unanimità: il-klawżoli *passerelle* jippermettu bidla mill-proċedura leġiżlattiva speċjali għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja u mill-votazzjoni b’unanimità għall-VMK. Madankollu, klawżola *passerelle* xorta tista’ tiġi attivata biss jekk deċiżjoni tiġi adottata unanimament mill-Kunsill jew mill-Kunsill Ewropew. Konsegwentement, l-Istati Membri kollha jridu jaqblu qabel ma tkun tista’ tiġi attivata tali klawżola.

Fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2018, il-President Juncker ħabbar rieżami komprensiv tal-klawżoli *passerelle*. B’riżultat ta’ dan, il-Kummissjoni sal-lum ippubblikat erba’ komunikazzjonijiet, dwar il-politika estera u ta’ sigurtà komuni (Settembru 2018), it-tassazzjoni (Jannar 2019), l-enerġija u l-klima (April 2019) u l-politika soċjali (2019).

B’mod ġenerali, il-Kunsill jipprova jikseb l-unanimità anke meta ma jkunx hemm bżonn. Din il-preferenza tmur lura għall-Kompromess tal-Lussemburgu tal-1966, li temm tilwima bejn Franza u l-Istati Membri l-oħra meta Franza rrifjutat it-tranżizzjoni mill-unanimità għall-votazzjoni b’maġġoranza kwalifikata għal ċerti oqsma. It-test tal-kompromess jgħid: “Meta, fil-każ ta’ deċiżjonijiet li jistgħu jittieħdu b’votazzjoni b’maġġoranza dwar proposta mill-Kummissjoni, ikun hemm l-interessi ta’ sieħeb wieħed jew iktar fin-nofs, il-Membri tal-Kunsill għandhom jistinkaw, biex fi ħdan perjodu ta’ żmien raġonevoli, jaslu għal soluzzjonijiet li jkunu jistgħu jiġu adottati mill-Membri kollha tal-Kunsill u fl-istess ħin li jirrispettaw l-interessi reċiproċi tagħhom u dawk tal-Komunità”.

Soluzzjoni simili nstabet fl-1994 fil-Kompromess ta’ Ioannina sabiex jiġu protetti dawk l-Istati Membri li jkunu waslu biex jikkostitwixxu minoranza li timblokka. Skont dan l-arranġament, jekk il-pajjiżi inkwistjoni jesprimu l-intenzjoni tagħhom li jopponu t-teħid ta’ xi deċiżjoni mill-Kunsill b’maġġoranza kwalifikata, il-Kunsill jagħmel dak kollu fis-setgħa tiegħu, fi spazju ta’ żmien raġonevoli, biex tinstab soluzzjoni aċċettabbli għal maġġoranza kbira ta’ Stati Membri.

Skont l-Artikolu 48 tat-TUE, kwalunkwe reviżjoni tat-trattati fundaturi teħtieġ unanimità, u dan ġie kkunsidrat bħala restrizzjoni kbira fir-riforma tal-Unjoni ta’ 27 Stat Membru. Biex jingħeleb ir-rekwiżit tal-unanimità, l-Istati Membri kkonkludew ftehimiet internazzjonali barra mill-ordni legali tal-UE. Dan seħħ għall-ewwel darba b’riżultat tal-

kriżi tal-euro, bl-adozzjoni, fl-2012, tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (il-patt fiskali) u t-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES), kif ukoll, fl-2014, il-Ftehim Intergovernattiv dwar it-Trasferiment u l-Mutwalizzazzjoni tal-Kontribuzzjonijiet għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (il-Ftehim SRF). Skont l-Artikolu 14(3) tal-patt fiskali, dan se japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu biss għal dawk l-istati li jkunu rratifikawh. Peress li jirrikjedi ratifika minn 12-il pajjiż taż-żona tal-euro biss, il-patt stabbilixxa approvazzjoni minn minoranza ta' Stati Membri bħala kundizzjoni għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Fil-kuntest tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u l-pandemija tal-COVID-19, il-Parlament, fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar azzjoni koordinata tal-UE biex tikkumbatti l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha, ippropona "setgħat akbar lill-Unjoni fil-każ ta' theddid transfruntier għas-saħħa" u talab "li tiġi attivata l-klawżola *passerelle* ġenerali biex tħaffef il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-kwistjonijiet kollha li jistgħu jgħinu l-indirizzar tal-isfidi tal-kriżi tas-saħħa attwali". Fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar it-talba biex titlaqqa' Konvenzjoni għar-reviżjoni tat-Trattati, il-Parlament issottometta proposti għal emendi tat-trattati lill-Kunsill fl-ambitu tal-proċedura ta' reviżjoni ordinarja stabbilita fl-Artikolu 48 tat-TUE. L-emendi ssuġġeriti jippermettu li d-deċiżjonijiet fil-Kunsill isiru b'votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata minflok b'unanimità f'oqsma rilevanti, bħall-adozzjoni ta' sanzjonijiet u f'każ ta' emerġenza.

Fid-diskors tagħha fl-avveniment tal-għeluq tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa fid-9 ta' Mejju 2022, il-President tal-Kummissjoni, Ursula von der Leyen, affermat mill-ġdid ir-rieda tal-Kummissjoni li timplimenta l-proposti taċ-ċittadini adottati dwar li negħlbu l-imblokk tal-votazzjoni b'unanimità. Skont il-Kummissjoni, "issa sta għalina li nagħżlu l-aktar mod dirett biex naslu, jew billi nużaw il-limiti sħaħ ta' dak li nistgħu nagħmlu fi ħdan it-Trattati, jew, iva, billi nbiddlu t-Trattati jekk ikun hemm bżonn". Fil-11 ta' Lulju 2023, il-Parlament addotta riżoluzzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-klawżoli "passerelle" fit-Trattati tal-UE, li jipproponi li l-klawżoli *passerelle* jiġu attivati f'xi oqsma ta' politika prijoritarji, b'mod partikolari l-politika estera u ta' sigurtà komuni, il-politika tal-enerġija u l-kwistjonijiet ta' tassazzjoni b'dimensjoni ambjentali.

Eeva Pavy
10/2023

# 1.3.8. IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni hija l-istituzzjoni tal-UE li għandha l-monopolju fuq l-inizjattiva leġiżlattiva u setgħat eżekuttivi importanti f'politiki bħall-kompetizzjoni u l-kummerċ estern. Hija l-korp eżekuttiv ewlieni tal-Unjoni Ewropea u hija ffurmata minn Kulleġġ ta' membri magħmul minn Kummissarju wieħed għal kull Stat Membru. Il-Kummissjoni tissorvelja l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u r-rispett tat-Trattati mill-Istati Membri; tippresiedi wkoll il-kumitati responsabbli għall-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE. Is-sistema ta' komitoloġija preċedenti ġiet sostitwita bi strumenti ġuridiċi ġodda, jiġifieri l-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Artikoli 234, 244 sa 250, 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u t-Trattat li jistabbilixxi Kunsill wieħed u Kummissjoni waħda tal-Komunitajiet Ewropej ("It-Trattat li Jgħaqqad")[1].

## L-ISTORJA

Fil-bidu, kull Komunità kellha l-korp eżekuttiv tagħha: l-Awtorità Għolja għall-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) (1951) u Kummissjoni għal kull waħda miż-żewġ komunitajiet stabbiliti bit-Trattat ta' Ruma fl-1957: il-KEE u l-Euratom. Permezz tat-Trattat li Jgħaqqad tat-8 ta' April 1965, kemm l-istrutturi eżekuttivi tal-KEFA, il-KEE u l-Euratom u l-baġits ta' dawk l-istituzzjonijiet (bil-Kummissjoni bħala l-aktar waħda importanti) ingħaqdu f'Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej waħda (1.1.2). Meta t-Trattat KEFA ġie fi tmiemu 50 sena wara li ġie stabbilit fl-2002, ġie deċiż[2] li l-assi tal-KEFA għandhom jerġgħu jingħataw lill-Kummissjoni, li tkun responsabbli għat-tlestija ta' operazzjonijiet pendenti, għall-ġestjoni tal-assi tal-KEFA u għall-iżgurar tal-finanzjament ta' attivitajiet ta' riċerka f'setturi relatati mal-industrija tal-faħam u tal-azzar.

## IL-KOMPOŻIZZJONI U L-ISTATUS ĠURIDIKU

**A.** In-numru ta' membri

Għal żmien twil il-Kummissjoni kienet magħmula minn tal-anqas Kummissarju wieħed iżda mhux aktar minn tnejn għal kull Stat Membru. It-Trattat ta' Liżbona oriġinarjament kien jistipula li, mill-1 ta' Novembru 2014, in-numru ta' membri tal-Kummissjoni kellu jkun ekwivalenti għal żewġ terzi tal-għadd ta' Stati Membri. Fl-istess ħin, daħħal element ta' flessibbiltà billi ppermetta lill-Kunsill Ewropew jiddetermina l-għadd ta' Kummissarji (l-Artikolu 17(5) tat-TUE). Fl-2009, il-Kunsill Ewropew iddeċieda li l-Kummissjoni għandha tkompli tikkonsisti minn għadd ta' membri ugwali għall-għadd ta' Stati Membri.

[1]ĠU 152, 13.7.1967, p. 2.
[2]Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/78/KE tal-1 ta' Frar 2003 li tistabbilixxi l-linji gwida tekniki multiannwali għall-programm ta' riċerka tal-Fond ta' Riċerka għal Faħam u l-Azzar, ĠU L 29, 5.2.2003, p. 28.

### B. Il-metodu ta' ħatra

It-Trattat ta' Lisbona jistipula li r-riżultati tal-elezzjonijiet Ewropej iridu jiġu kkunsidrati meta l-Kunsill Ewropew, wara konsultazzjonijiet xierqa (kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni 11 dwar l-Artikolu 17(6) u (7) tat-TUE bħala anness tat-Trattat) u filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jipproponi l-kandidat għal President tal-Kummissjoni lill-Parlament. Dan il-kandidat jiġi elett mill-Parlament b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu (l-Artikolu 17(7) tat-TUE).

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Kunsill"), filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata u bi qbil komuni mal-President elett, jadotta l-lista tal-persuni l-oħra li jipproponi biex jinħatru bħala membri tal-Kummissjoni, abbażi tas-suġġerimenti magħmula mill-Istati Membri.

Il-President u l-membri l-oħra tal-Kummissjoni, inkluż ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, huma soġġetti għal vot ta' approvazzjoni, bħala korp, mill-Parlament u mbagħad jinħatru mill-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

Mit-Trattat ta' Maastricht 'l hawn, il-mandat ta' Kummissarju sar daqs it-terminu leġiżlattiv tal-Parlament ta' ħames snin u jista' jiġġedded.

### C. Ir-responsabbiltà

#### 1. Ir-responsabbiltà personali (l-Artikolu 245 tat-TFUE)

Il-Membri tal-Kummissjoni huma mitluba:

— ikunu għalkollox indipendenti fil-qadi ta' dmirijiethom, fl-interess ġenerali tal-Unjoni; b'mod partikolari, la jistgħu jfittxu u lanqas jieħdu istruzzjonijiet mill-ebda gvern jew korp estern ieħor;

— li ma jinvolvu ruħhom f'ebda ħidma oħra, kemm jekk bi ħlas jew mingħajru.

Il-Kummissarji jistgħu jitneħħew b'mod obbligatorju mill-kariga mill-Qorti tal-Ġustizzja, fuq talba tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni nnifisha, f'każ li dawn jiksru kwalunkwe wieħed minn dawn l-obbligi jew jekk jinstabu ħatja ta' mġiba ħażina serja (l-Artikolu 247 tat-TFUE).

#### 2. Ir-responsabbiltà kollettiva

Il-Kummissjoni hija responsabbli kollettivament quddiem il-Parlament skont l-Artikolu 234 tat-TFUE. Jekk il-Parlament jadotta mozzjoni ta' ċensura kontra l-Kummissjoni, il-membri kollha tagħha għandhom jirriżenjaw, inkluż ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, minn dak li jikkonċerna l-kariga li jaqdi fil-Kummissjoni.

## L-ORGANIZZAZZJONI U L-OPERAT

Il-Kummissjoni taħdem taħt il-gwida politika tal-President tagħha, li jiddeċiedi dwar l-organizzazzjoni interna tagħha. Il-President jalloka s-setturi ta' ħidma tagħha lill-membri. Dan jagħti lil kull Kummissarju r-responsabbiltà għal settur politiku speċifiku u l-awtorità fuq id-dipartimenti amministrattivi kkonċernati. Wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Kulleġġ, il-President jaħtar lill-Viċi Presidenti minn fost il-membri tiegħu. Ir-Rappreżentant Għoli huwa awtomatikament Viċi President tal-Kummissjoni. Membru tal-Kummissjoni jrid jirriżenja jekk il-President jitolbu jagħmel hekk, soġġett għall-approvazzjoni tal-Kulleġġ.

Il-Kummissjoni għandha Segretarjat Ġenerali li jikkonsisti minn 33 direttorat ġenerali, li jiżviluppaw, jimmaniġġjaw u jimplimentaw il-politika, il-liġi u l-fondi tal-UE. Barra minn hekk, hemm ukoll 20 dipartiment speċjali (servizzi u aġenziji), li jittrattaw kwistjonijiet *ad hoc* jew orizzontali. Dawn jinkludu l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, is-Servizz Legali, l-Arkivji Storiċi, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, iċ-Ċentru Ewropew ta' Strateġija Politika u t-Taskforce dwar in-negozjati tal-Artikolu 50 mar-Renju Unit. Hemm ukoll sitt aġenziji eżekuttivi, bħall-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka, li jwettqu kompiti ddelegati lilhom mill-Kummissjoni iżda li għandhom il-personalità ġuridika tagħhom stess. Ħlief għal ftit eċċezzjonijiet, il-Kummissjoni tieħu d-deċiżjonijiet b'vot ta' maġġoranza mill-membri tagħha (l-Artikolu 250 tat-TFUE).

Il-Kummissjoni tiltaqa' kull ġimgħa biex tiddiskuti kwistjonijiet politikament sensittivi u tadotta l-proposti li jrid jintlaħaq ftehim dwarhom permezz ta' proċedura orali, filwaqt li kwistjonijiet inqas sensittivi jiġu adottati permezz ta' proċedura bil-miktub. Miżuri li jirrigwardaw il-ġestjoni jew l-amministrazzjoni jistgħu jiġu adottati permezz ta' sistema ta' awtorizzazzjoni, li permezz tagħha l-Kulleġġ jagħti lil wieħed mill-membri tiegħu l-awtorità li jieħu deċiżjonijiet f'ismu (dan huwa partikolarment rilevanti f'oqsma bħall-għajnuna għall-agrikoltura jew miżuri anti-dumping), jew permezz ta' sottodelega, fejn id-deċiżjonijiet jiġu ddelegati lil livell amministrattiv, normalment lid-Diretturi Ġenerali.

## IS-SETGĦAT

**A.** Is-setgħa ta' inizjattiva

Bħala regola, il-Kummissjoni għandha monopolju fuq l-inizjattiva fit-tfassil tal-liġijiet tal-UE (l-Artikolu 17(2) tat-TUE). Hija tfassal proposti għal atti li jridu jiġu adottati miż-żewġ istituzzjonijiet li jieħdu d-deċiżjonijiet, il-Parlament u l-Kunsill.

**1.** Inizjattiva sħiħa: is-setgħa ta' proposta

**a.** Inizjattiva leġiżlattiva

Is-setgħa ta' proposta hija l-forma sħiħa tas-setgħa ta' inizjattiva, peress li hija dejjem esklużiva u restrittiva fuq l-awtorità li tieħu d-deċiżjonijiet, li ma tistax tieħu deċiżjoni sakemm ma jkunx hemm proposta u d-deċiżjoni tagħha trid tkun ibbażata fuq il-proposta kif ippreżentata.

Il-Kummissjoni tfassal u tressaq lill-Kunsill u lill-Parlament kwalunkwe proposta leġiżlattiva (għal regolamenti jew direttivi) li tkun meħtieġa għall-implimentazzjoni tat-Trattati (1.2.3).

**b.** Inizjattiva baġitarja

Il-Kummissjoni tfassal l-abbozz ta' baġit, u tipproponih lill-Kunsill u lill-Parlament skont l-Artikolu 314 tat-TFUE (1.2.5). Kull sena, l-istituzzjonijiet kollha għajr il-Kummissjoni jfasslu estimi, inklużi d-dħul kollu u n-nefqa kollha tagħhom, li jibagħtu lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Lulju (l-Artikolu 39(1) tar-Regolament Finanzjarju). Barra minn hekk, kull korp li huwa stabbilit skont it-Trattati, li għandu personalità ġuridika u li jirċievi kontribuzzjoni li titħallas mill-baġit jibgħat estimi lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar ta' kull sena. Il-Kummissjoni mbagħad tibgħat id-dikjarazzjoni tal-estimi tal-aġenziji tal-UE lill-Parlament u lill-Kunsill u tipproponi l-ammont tal-kontribuzzjoni għal kull korp tal-UE u n-numru ta' persunal li tqis li jeħtieġ għas-sena finanzjarja li jmiss.

Fir-rigward tas-sistema ta' riżorsi proprji tal-UE, id-Deċiżjoni bażika dwar ir-Riżorsi Proprji trid tiġi adottata unanimament mill-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni (l-

Artikolu 17 tat-TUE) u wara konsultazzjoni mal-Parlament, b'konformità ma' proċedura leġiżlattiva speċjali. Huwa possibbli li jiġu stabbiliti kategoriji ġodda ta' riżorsi proprji u li dawk eżistenti jiġu aboliti fi kwalunkwe ħin (l-Artikolu 311(3) tat-TFUE), iżda tali deċiżjonijiet jistgħu jiġu adottati biss abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni (l-Artikolu 17(2) tat-TUE). Barra minn hekk, filwaqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew u lill-Qorti tal-Awdituri, il-Kunsill jiddetermina l-metodi u l-proċedura li permezz tagħhom id-dħul tal-baġit isir disponibbli għall-baġit tal-UE (l-Artikolu 322(2) tat-TFUE).

**c.** Relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi

Meta l-Kunsill ikun ta mandat, il-Kummissjoni hija responsabbli għan-negozjar ta' ftehimiet internazzjonali skont l-Artikoli 207 u 218 tat-TFUE, li mbagħad jitressqu quddiem il-Kunsill għal konklużjoni. Dan jinkludi n-negozjati dwar l-adeżjoni għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (l-Artikolu 6(2) tat-TUE). Fir-rigward tal-politika għall-affarijiet barranin u ta' sigurtà, huwa r-Rappreżentant Għoli li jinnegozja l-ftehimiet. Skont l-Artikolu 50 tat-TUE u l-Artikolu 218(3) tat-TFUE, il-Kummissjoni tissottometti wkoll rakkomandazzjonijiet dwar il-bidu tan-negozjati rigward il-ħruġ mill-UE.

**2.** Inizjattiva limitata: is-setgħa ta' rakkomandazzjoni jew ta' opinjoni

**a.** Fil-kuntest tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (2.6.2)

Il-Kummissjoni għandha rwol fil-ġestjoni tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM). Hija tressaq lill-Kunsill:

— rakkomandazzjonijiet għall-abbozz ta' linji gwida ġenerali tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri, u twissijiet jekk ikun hemm riskju li dawk il-politiki ma jkunux kompatibbli mal-linji gwida (l-Artikolu 121(4) tat-TFUE);

— proposti għal valutazzjoni biex il-Kunsill ikun jista' jiddetermina jekk Stat Membru għandux żbilanċ eċċessiv (l-Artikolu 126(6) tat-TFUE);

— rakkomandazzjonijiet dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu jekk Stat Membru mhux fiż-żona tal-euro jsib ruħu f'diffikultajiet fil-bilanċ tal-pagamenti, kif previst fl-Artikolu 143 tat-TFUE;

— rakkomandazzjonijiet għar-rata tal-kambju bejn il-munita unika u muniti oħrajn u għal orjentazzjonijiet ġenerali għall-politika tar-rata tal-kambju, kif previst fl-Artikolu 219 tat-TFUE;

— valutazzjoni tal-pjanijiet ta' politika nazzjonali u preżentazzjoni ta' abbozz ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fil-qafas tas-Semestru Ewropew.

**b.** Fil-qafas tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni

F'dan il-qasam, ħafna kompetenzi ġew ittrasferiti mill-Kummissjoni għar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u għas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE). Madankollu, il-Kummissjoni tista' tappoġġja lir-Rappreżentant Għoli (RGħ) meta jipproponi lill-Kunsill kwalunkwe deċiżjoni relatata mal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (l-Artikolu 30 tat-TUE). Ir-RGħ huwa wkoll Viċi President tal-Kummissjoni.

**B.** Is-setgħa li tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni

It-Trattati jesiġu li l-Kummissjoni tiżgura li dawn jiġu implimentati tajjeb, flimkien ma' kwalunkwe deċiżjoni li tittieħed għal dak il-għan (leġiżlazzjoni sekondarja). Dan huwa

r-rwol tagħha bħala gwardjan tat-Trattati. Dan ir-rwol jitwettaq prinċipalment permezz tal-proċedura applikata għall-Istati Membri meta ma jkunux issodisfaw obbligu skont it-Trattati, kif stabbilit fl-Artikolu 258 tat-TFUE.

### C. Is-setgħat ta' implimentazzjoni

#### 1. Mogħtija mit-Trattati

Is-setgħat ewlenin li għandha l-Kummissjoni huma dawn:

- l-implimentazzjoni tal-baġit (l-Artikolu 17(1) tat-TUE, l-Artikolu 317 tat-TFUE). Ladarba l-baġit ikun ġie adottat, mill-1 ta' Jannar tas-sena finanzjarja ta' wara, kull Stat Membru jagħmel il-pagamenti dovuti lill-UE[3] permezz ta' kontribuzzjonijiet ta' kull xahar lill-baġit tal-UE li jiġu ddepożitati f'kont bankarju f'isem il-Kummissjoni Ewropea fil-ministeru tal-finanzi nazzjonali jew fil-bank ċentrali;
- L-awtorizzazzjoni lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri ta' salvagwardja stipulati fit-Trattati, partikolarment waqt il-perjodi tranżizzjonali (pereżempju l-Artikolu 201 tat-TFUE);
- l-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni, partikolarment billi l-għajnuna mill-Istat jinżamm taħt rieżami, skont l-Artikolu 108 tat-TFUE.

Fil-każ tal-pakketti ta' salvataġġ finanzjarju li jindirizzaw il-kriżi tad-dejn li qed jaffaċċjaw xi Stati Membri, il-Kummissjoni hija responsabbli għall-ġestjoni tal-fondi maħluqa u garantiti mill-baġit tal-UE. Għandha wkoll is-setgħa li tibdel il-proċedura ta' votazzjoni fil-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES), biex il-Bord tal-Gvernaturi jkun jista' jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata speċjali (85%) minflok jaġixxi bl-unanimità, jekk tiddeċiedi (flimkien mal-BĊE) li n-nuqqas ta' adozzjoni ta' deċiżjoni għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja tqiegħed f'riskju s-sostenibbiltà ekonomika u finanzjarja taż-żona tal-euro (l-Artikolu 4(4) tat-Trattat MES) (2.6.8).

#### 2. Delegati mill-Parlament u mill-Kunsill

Skont l-Artikolu 291 tat-TFUE, il-Kummissjoni teżerċita s-setgħat li ngħatawlha għall-implimentazzjoni tal-atti leġiżlattivi stabbiliti mill-Parlament u mill-Kunsill.

It-Trattat ta' Liżbona introduċa "regoli u prinċipji ġenerali ġodda dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni" (l-Artikolu 291(3) tat-TFUE u r-Regolament (UE) Nru 182/2011). Dawn jieħdu post il-mekkaniżmi preċedenti tal-kumitat b'żewġ arranġamenti ġodda, jiġifieri l-proċedura konsultattiva u l-proċedura ta' eżami. Id-dritt ta' skrutinju mogħti lill-Parlament u lill-Kunsill huwa inkluż formalment, u fil-każ ta' kunflitt, l-istess hija dispożizzjoni għal proċedura ta' appell.

#### 3. Atti delegati

It-Trattat ta' Liżbona introduċa wkoll kategorija ġdida ta' atti, li jaqgħu bejn l-atti leġiżlattivi u l-atti ta' implimentazzjoni. Dawn l-"atti delegati mhux leġiżlattivi" (l-Artikolu 290 tat-TFUE) huma "atti ta' applikazzjoni ġenerali sabiex jissupplementaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv" (imsejjaħ ukoll l-"att bażiku"). Bħala prinċipju, il-Parlament għandu l-istess drittijiet ta' sorveljanza bħall-Kunsill.

---

[3]kif speċifikat fir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 609/2014, ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39.

**D.** Is-setgħat regolatorji u konsultattivi

It-Trattati rarament jagħtu setgħat regolatorji sħaħ lill-Kummissjoni. Eċċezzjoni għal dik ir-regola huwa l-Artikolu 106 tat-TFUE, li jawtorizza lill-Kummissjoni tinforza l-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-impriżi pubbliċi u l-impriżi li joperaw servizzi ta' importanza ekonomika ġenerali. Fejn neċessarju, dan jindirizza d-direttivi jew id-deċiżjonijiet xierqa lill-Istati Membri.

It-Trattati jagħtu lill-Kummissjoni s-setgħa li tagħmel rakkomandazzjonijiet jew li tippreżenta rapporti u opinjonijiet f'diversi każijiet. Jipprevedu wkoll li għandha tiġi kkonsultata dwar ċerti deċiżjonijiet, bħal pereżempju l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda mal-Unjoni (l-Artikolu 49 tat-TUE). Il-Kummissjoni tiġi kkonsultata wkoll, b'mod partikolari, dwar bidliet fl-istatuti ta' istituzzjonijiet u korpi oħra, bħall-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew, tal-Ombudsman Ewropew u tal-Qorti tal-Ġustizzja.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Kummissjoni hija l-interlokutur prinċipali tal-Parlament fir-rigward ta' kwistjonijiet leġiżlattivi u baġitarji. L-iskrutinju min-naħa tal-Parlament tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni u t-twettiq tiegħu huwa dejjem aktar importanti sabiex tiġi żgurata leġittimità demokratika aħjar fil-governanza tal-UE. L-abbozz ta' baġit annwali huwa proposta li fiha l-abbozz ta' baġit li għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-1 ta' Settembru tas-sena li tippreċedi dik li fiha l-baġit għandu jiġi implimentat (sena n-1). Il-Kummissjoni tibgħat ukoll dik il-proposta, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-parlamenti nazzjonali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfassal id-dikjarazzjoni tal-estimi tagħha stess, li tibgħat ukoll separatament lill-Parlament u lill-Kunsill għall-approvazzjoni. B'konformità mal-Artikolu 319 tat-TFUE, il-Parlament għandu d-dritt jagħti l-kwittanza lill-Kummissjoni.

Id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji tittieħed b'konformità ma' proċedura leġiżlattiva speċjali (l-Artikolu 289(2) tat-TFUE), fuq proposta mill-Kummissjoni (l-Artikolu 311(2) tat-TFUE) u wara **konsultazzjoni mal-Parlament**. Billi d-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji tiġi adottata skont din il-proċedura ta' konsultazzjoni, il-miżuri ta' implimentazzjoni korrispondenti (b'konformità mal-Artikolu 291(2) tat-TFUE) jiġu adottati mill-Kunsill wara li jkun kiseb l-**approvazzjoni tal-Parlament**, abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni (l-Artikolu 311(3) tat-TFUE).

Il-Kummissjoni Ewropea għandha żżomm djalogu kontinwu mal-Parlament Ewropew matul il-mandat kollu tagħha, li jibda bis-seduti ta' smigħ tal-Kummissarji nnominati u jkompli bl-impenji speċifiċi meħuda matul dawn is-seduti ta' smigħ, il-monitoraġġ ta' nofs it-terminu ta' dawk l-impenji u d-djalogu strutturat sistematiku ma' kumitati Parlamentari speċifiċi.

Skont it-Trattat ta' Maastricht, imsaħħaħ bit-Trattat ta' Liżbona, il-Parlament Ewropew għandu dritt ta' inizjattiva leġiżlattiva li jippermettilu jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposta. Il-Parlament Ewropew jista' jintroduċi wkoll rekwiżiti ta' rapportar fil-leġiżlazzjoni tiegħu, li jobbligaw lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta rapporti ta' implimentazzjoni.

Il-Kummissjoni Ewropea xi drabi tonqos milli tikkonforma mat-talbiet tal-Parlament Ewropew għal proposti (bħal fil-każ tar-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2023 lill-Kunsill u lill-Kummissjoni wara l-investigazzjoni ta' allegati kontravenzjonijiet u amministrazzjoni ħażina fl-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fir-

rigward tal-użu tal-Pegasus u ta’ software ta’ spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti) jew iddewwem il-preżentazzjoni ta’ rapporti ta’ implimentazzjoni importanti (eż. l-ewwel rapport dwar l-applikazzjoni u l-funzjonament tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi[4]).

Wara li l-każ *Schrems II* wassal għall-invalidazzjoni tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1250 dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni pprovduta mill-ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar l-iskambju ta’ data, minħabba tħassib li ċ-ċittadini tal-UE ma kinux protetti fl-iskambji transatlantiċi ta’ data, il-Parlament Ewropew ikkritika l-fatt li l-Kummissjoni kienet poġġiet ir-relazzjonijiet mal-Istati Uniti qabel l-interessi taċ-ċittadini tal-UE, u li b’hekk il-Kummissjoni kienet ħalliet il-kompitu li tiddefendi l-liġi tal-UE għaċ-ċittadini individwali[5]. Minkejja din il-kritika, u riżoluzzjoni oħra tal-Parlament li tikkonkludi li l-Qafas tal-Privatezza tad-Data UE-Istati Uniti jonqos milli joħloq ekwivalenza essenzjali fil-livell ta’ protezzjoni, fl-10 ta’ Lulju 2023 il-Kummissjoni adottat it-tielet deċiżjoni tagħha dwar il-livell adegwat ta’ protezzjoni tad-data personali skont il-Qafas tal-Privatezza tad-Data UE-Istati Uniti.

Din l-iskeda informattiva tħejjiet mid-Dipartiment Tematiku tal-Parlament Ewropew għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali.

Mariusz Maciejewski
11/2023

[4]Vogiatzoglou P. et al., “Assessment of the implementation of the Law Enforcement Directive” (Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi), Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali, Parlament Ewropew, Diċembru 2022

[5]Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta’ Mejju 2021 dwar is-sentenza tal-QĠUE tas-16 ta’ Lulju 2020 – Data Protection Commissioner vs Facebook Ireland Limited u Maximillian Schrems (“Schrems II”), Kawża C-311/18 (ĠU ĠU C 15, 12.1.2022, p. 176), il-paragrafu 28.

# 1.3.9. IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) hija waħda mis-seba' istituzzjonijiet tal-UE. Hija magħmula minn żewġ qrati: il-Qorti tal-Ġustizzja proprja u l-Qorti Ġenerali. Hija responsabbli għall-ġuriżdizzjoni tal-Unjoni Ewropea. Il-qrati jiżguraw l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni korretta tad-dritt primarju u sekondarju tal-UE fit-territorju tal-UE. Huma jeżaminaw il-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-UE u jiddeċiedu jekk l-Istati Membri jkunux issodisfaw l-obbligi tagħhom li joħorġu mid-dritt primarju u sekondarju. Il-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi wkoll interpretazzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fuq talba tal-imħallfin nazzjonali.

## IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**A.** Il-bażi ġuridika

— L-Artikolu 19 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Artikoli 251 sa 281 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Artikolu 136 tat-Trattat Euratom, u l-Protokoll Nru 3, anness mat-Trattati dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (l-"Istatut");

— Ir-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

— Il-baġit tal-UE (Taqsima 4).

**B.** Il-kompożizzjoni u l-istatut

**1.** Is-sħubija

**a.** In-numru ta' membri (l-Artikolu 19 tat-TUE u l-Artikolu 252 tat-TFUE)

Imħallef wieħed għal kull Stat Membru (27). Il-Qorti hija assistita minn 11-il avukat ġenerali. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja jaħtru minn fosthom President u Viċi President għal mandat ta' tliet snin li jista' jiġi mġedded.

**b.** Ir-rekwiżiti (l-Artikolu 19 tat-TUE u l-Artikolu 253 tat-TFUE)

— L-imħallfin u l-avukati ġenerali jeħtiġilhom ikollhom il-kwalifiki meħtieġa sabiex jeżerċitaw l-ogħla karigi ġudizzjarji fil-pajjiżi rispettivi tagħhom jew ikunu esperti legali b'għarfien rikonoxxut;

— Ma jridx ikun hemm dubju dwar l-indipendenza tagħhom.

**c.** Il-proċedura ta' ħatra (l-Artikolu 253 tat-TFUE)

Hekk kif joqrob it-tmiem tal-mandat tal-imħallfin u l-avukati ġenerali, ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri jipproċedu għall-ħatra ta' mħallfin jew avukati ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja bi qbil komuni wara konsultazzjoni ma' bord responsabbli għall-għoti ta' opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati prospettivi (l-Artikolu 255 tat-TFUE).

**2.** Il-karatteristiċi tal-kariga

**a.** It-tul tal-mandat (l-Artikolu 253 tat-TFUE u l-Istatut)

Sitt snin. Sostituzzjoni parzjali kull tliet snin, nofs l-imħallfin u l-avukati ġenerali jiġu sostitwiti b'mod alternattiv. L-imħallfin u l-avukati ġenerali li jispiċċaw mill-kariga jistgħu jinħatru mill-ġdid.

**b.** Il-privileġġi u l-immunitajiet (l-Istatut)

L-imħallfin u l-avukati ġenerali jibbenefikaw mill-immunità minn proċedimenti legali. Huma jkomplu jibbenefikaw minn din l-immunità għall-atti uffiċjali tagħhom wara t-tmiem tal-kariga tagħhom. Ma jistgħux jitneħħew mill-kariga tagħhom jekk mhux b'deċiżjoni unanima tal-Qorti.

**c.** L-obbligi (l-Istatut)

L-imħallfin u l-avukati ġenerali:

- Jieħdu ġurament (jiġifieri jaħilfu li jaqdu dmirijiethom b'mod indipendenti u b'imparzjalità u li jħarsu s-segretezza) qabel jibdew jaqdu dmirijiethom;
- Ma jistgħu jeżerċitaw l-ebda funzjoni politika jew amministrattiva u l-ebda attività professjonali oħra;
- Jintrabtu li jirrispettaw l-obbligi marbuta mal-kariga tagħhom.

**C.** L-organizzazzjoni u l-funzjonament (l-Artikolu 253 tat-TFUE u l-Istatut)

**1.** L-istruttura istituzzjonali

L-Istatut irid jiġi stabbilit fi Protokoll separat, anness mat-Trattati (l-Artikolu 281 tat-TFUE). Il-Qorti taħtar il-President tagħha u Viċi President minn fost il-membri tagħha għal mandat ta' tliet snin li jista' jiġi mġedded (l-Artikolu 9a tal-Protokoll Nru 3). Il-President jidderieġi l-ħidma tal-Qorti u jippresiedi waqt is-seduti ta' smigħ u d-deliberazzjonijiet tas-Seduta Plenarja jew tal-Awla Manja. Il-Viċi President jassisti lill-President fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu u jieħu postu meta jkun meħtieġ. Il-Qorti taħtar ir-Reġistratur tagħha. Ir-Reġistratur huwa s-Segretarju Ġenerali tal-istituzzjoni u jamministra d-dipartimenti tagħha taħt l-awtorità tal-President tal-Qorti.

**2.** Il-funzjonament

Il-Qorti tistabbilixxi r-Regoli ta' Proċedura tagħha, li jridu jiġu approvati mill-Kunsill, permezz ta' deċiżjoni b'maġġoranza kwalifikata. Il-Qorti tista' tiltaqa' f'Seduta Plenarja b'27 imħallef, f'Awla Manja ta' 15-il imħallef jew f'awli ta' tlieta jew ħames imħallfin. L-istituzzjoni hija ffinanzjata mill-baġit tal-UE, fejn għandha t-taqsima speċifika tagħha (it-Taqsima 4).

**D.** Il-kisbiet

Il-Qorti tal-Ġustizzja wriet li hija xprun tal-proċess ta' integrazzjoni Ewropea.

**1.** Il-prattika ġenerali

Is-sentenza tagħha tal-15 ta' Lulju 1964 fil-kawża *Costa* vs *ENEL* kienet fundamentali biex id-dritt Komunitarju jiġi definit bħala ordinament indipendenti li jipprevali fuq id-dispożizzjonijiet ġuridiċi nazzjonali u b'hekk ġie stabbilit il-prinċipju tas-supremazija tad-

dritt tal-UE[1]. Bl-istess mod, is-sentenza tagħha tal-5 ta' Frar 1963 fil-kawża *Van Gend u Loos* stabbiliet il-prinċipju tal-applikazzjoni immedjata tad-dritt Komunitarju quddiem il-qrati tal-Istati Membri. Sentenzi sinifikanti oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem jinkludu s-sentenza tal-14 ta' Mejju 1974 fil-Kawża *Nold*, meta l-Qorti ddikjarat li d-drittijiet fundamentali tal-bniedem jagħmlu parti integrali mill-prinċipji ġenerali tad-dritt li hija tiżgura l-osservanza tagħhom (4.1.2).

**2.** F'oqsma speċifiċi

— Id-dritt ta' stabbiliment: is-sentenza tat-8 ta' April 1976 fil-kawża *Royer*, li fiha l-Qorti kkonfermat id-dritt li ċittadin ta' Stat Membru jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, indipendentement minn kwalunkwe permess ta' residenza maħruġ mill-pajjiż ospitanti;

— Il-moviment liberu tal-merkanzija: is-sentenza tal-20 ta' Frar 1979 fil-kawża *Cassis de Dijon*, fejn il-Qorti ddeċidiet li kull prodott li jkun ġie maħdum u kkummerċjalizzat b'mod legali fi Stat Membru jrid, bħala prinċipju, jiġi aċċettat fis-suq ta' Stat Membru ieħor.

— Il-ġuriżdizzjoni esterna tal-Komunità: is-sentenza dwar il-Ftehim Ewropew dwar it-trasport bit-triq tal-31 ta' Marzu 1971 fil-kawża *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, li rrikonoxxiet id-dritt tal-Komunità li tikkonkludi ftehimiet internazzjonali fl-oqsma li huma suġġetti għar-regoli Komunitarji;

— Sentenzi reċenti li stabbilew l-obbligu fuq l-Istati Membri li jħallsu d-danni meta ma jkunux ittrasponew id-direttivi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, jew dawk li jkunu ttrasponewhom tard;

— Diversi sentenzi fil-qasam tas-sigurtà soċjali u l-kompetizzjoni;

— Sentenzi relatati mal-ksur tad-dritt tal-UE mill-Istati Membri, li huma essenzjali għat-tħaddim bla xkiel tas-suq komuni;

— Protezzjoni tad-data: is-sentenza dwar livell xieraq ta' protezzjoni fil-kawża Schrems I (2015) u s-sentenza dwar it-Tarka tal-Privatezza UE-US fil-kawża Schrems II (2020), li invalidaw id-deċiżjonijiet ta' adegwatezza tal-Kummissjoni dwar l-Istati Uniti bil-għan li jiġu protetti l-prinċipji fundamentali tad-dritt Ewropew u jiġi żgurat sett b'saħħtu ta' rekwiżiti għall-protezzjoni tad-data.

Wieħed mill-akbar merti tal-Qorti kien id-dikjarazzjoni tagħha dwar il-prinċipju li skontu t-Trattati ma jridux jiġu interpretati b'mod riġidu, iżda jridu jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-istat tal-integrazzjoni u tal-għanijiet tat-Trattati nfushom. Dan il-prinċipju ppermetta lill-UE tilleġiżla f'oqsma li dwarhom ma hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika tat-Trattati, pereżempju fil-ġlieda kontra t-tniġġis (fis-sentenza tat-13 ta' Settembru 2005 (Kawża C-176/03), il-Qorti fil-fatt awtorizzat lill-UE tistabbilixxi regoli fil-qasam tad-dritt kriminali meta dawn ikunu "meħtieġa" biex jintlaħaq l-għan li jitħares l-ambjent).

Fl-2022, tressqu 806 kawżi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li minnhom 546 kienu jikkonċernaw proċedimenti għal deċiżjoni preliminari, 37 azzjoni diretta u 209 appelli kontra deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali. Ġew riżolti 808 kawżi, inklużi 564 proċediment għal deċiżjoni preliminari, 36 azzjoni diretta u 196 appell kontra deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali. L-Istati Membri li minnhom joriġinaw l-ogħla numru ta' talbiet huma l-

[1]Ziller J., *La primauté du droit de l'Union européenne* (Is-supremazija tad-dritt tal-Unjoni Ewropea), Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Parlament Ewropew, Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali, Parlament Ewropew, Mejju 2022.

Ġermanja (98), l-Italja (63), il-Bulgarija (43) u Spanja (41). It-tul medju tal-proċedimenti kien ta' 16-il xahar punt 4[2]. Kien hemm 1 111-il kawża pendenti sal-31 ta' Diċembru 2022.

## IL-QORTI ĠENERALI

**A.** Il-bażi ġuridika

L-Artikoli 254 sa 257 tat-TFUE, l-Artikolu 40 tat-Trattat Euratom, u t-Titolu IV tal-Protokoll Nru 3, anness mat-Trattati dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

**B.** It-tul tal-mandat u l-Istatut (l-Artikolu 254 tat-TFUE)

**1.** Is-sħubija

**a.** Numru (l-Artikolu 19 tat-TUE u l-Artikolu 254 tat-TFUE)

L-Artikolu 254 tat-TFUE jipprevedi li n-numru ta' mħallfin għandu jiġi stabbilit mill-Istatut. L-Artikolu 48 tal-Protokoll Nru 3 dwar dan l-Istatut, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (UE, Euratom) 2016/1192 tas-6 ta' Lulju 2016, jipprevedi li l-Qorti Ġenerali għandha tkun komposta minn żewġ imħallfin għal kull Stat Membru (attwalment 54). L-imħallfin jiġu maħtura bi qbil komuni mill-gvernijiet tal-Istati Membri, wara konsultazzjoni ma' kumitat inkarigat li jagħti opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati biex jaqdu d-dmirijiet ta' mħallef. Il-mandat tagħhom huwa ta' sitt snin u jista' jiġi mġedded. L-imħallfin jistgħu jintalbu jeżerċitaw il-kariga ta' avukat ġenerali, peress li, għad-differenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali ma għandhiex avukati ġenerali permanenti.

**b.** Ir-rekwiżiti

L-istess bħal dawk tal-Qorti tal-Ġustizzja (l-Artikolu 19 tat-TUE). Għall-ħatra fil-Qorti Ġenerali, il-kandidati jeħtiġilhom ikollhom il-kapaċitajiet meħtieġa għal ħatra f'kariga ġudizzjarja għolja.

**c.** Il-proċedura ta' ħatra

L-istess bħal dik tal-Qorti tal-Ġustizzja.

**2.** Il-karatteristiċi tal-kariga

L-istess bħal dawk tal-Qorti tal-Ġustizzja.

**C.** L-organizzazzjoni u l-funzjonament

L-imħallfin jaħtru l-President tagħhom minn fosthom għal perjodu ta' tliet snin u r-Reġistratur tagħhom għal mandat ta' sitt snin, għalkemm il-Qorti Ġenerali tuża s-servizzi tal-Qorti tal-Ġustizzja għar-rekwiżiti lingwistiċi u amministrattivi tagħha.

Bi ftehim mal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali tistabbilixxi r-Regoli ta' Proċedura tagħha (l-Artikolu 254.5 tat-TFUE). Il-Qorti Ġenerali tiltaqa' f'awli ta' tlieta jew ħames imħallfin. Il-Qorti Ġenerali tiltaqa' f'Seduta Plenarja jew fl-Awla Manja jew inkella tkun ikkostitwita minn imħallef wieħed. Aktar minn 80 % tal-kawżi mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali jinstemgħu minn awla ta' tliet imħallfin. Emendi reċenti għar-Regoli ta' Proċedura (April 2023) jippermettu l-użu tal-vidjokonferenzi waqt is-seduti ta' smigħ (l-Artikolu 107a tar-Regoli ta' Proċedura). Se jkun hemm ukoll il-kunċett il-ġdid ta' "kawża pilota" (l-Artikolu 71a tar-Regoli ta' Proċedura), li jqajjem l-istess punt ta' liġi. Jekk il-

[2]Ir-Rapport Annwali tal-QĠUE għall-2022.

kundizzjonijiet jiġu ssodisfati, wieħed mill-każijiet jista' jiġi identifikat bħala l-każ pilota u l-oħrajn jibqgħu.

Prinċipalment, jistgħu jitressqu proċedimenti quddiem il-Qorti Ġenerali, fl-ewwel istanza, b'rikorsi diretti ppreżentati minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, meta dawn ikunu kkonċernati direttament u individwalment, kif ukoll mill-Istati Membri kontra l-atti tal-istituzzjonijiet, tal-korpi jew tal-organi tal-Unjoni, kif ukoll fil-kuntest ta' rikorsi diretti intiżi għall-kumpens għad-danni kkawżati mill-istituzzjonijiet jew mill-persunal tagħhom. Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali jistgħu jkunu suġġetti għal appell, limitat għal punti ta' liġi, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Bħala medja, madwar 30% tad-deċiżjonijiet mill-Qorti Ġenerali huma kkontestati.

Il-Parlament u l-Kunsill jistgħu jistabbilixxu qrati speċjalizzati annessi mal-Qorti Ġenerali sabiex jieħdu konjizzjoni fl-ewwel istanza ta' ċerti kategoriji ta' azzjonijiet jew proċedimenti f'oqsma speċifiċi. Biex jistabbilixxu dawn il-qrati, il-Parlament u l-Kunsill jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Fl-2022, tressqu 904 kawżi quddiem il-Qorti Ġenerali u ġew riżolti 858 kawża, li minnhom 792 kienu jikkonċernaw rikorsi diretti (270 kawża dwar il-propjetà intellettwali u industrijali, 76 kawża dwar l-għajnuna mill-Istat u l-kompetizzjoni, 66 dwar is-servizz pubbliku tal-UE u 380 kawża dwar rikorsi diretti oħra). Parti li ma tkunx tista' tħallas il-kostijiet tal-proċedimenti tista' tapplika għal għajnuna legali bla ħlas (54 każ fl-2022). It-tul medju tal-proċedimenti kien ta' 16-il xahar punt 2. Kien hemm 1 474 kawża pendenti sal-31 ta' Diċembru 2022[3].

## L-EKS TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU TAL-UNJONI EWROPEA

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (stabbilit fl-2004) kellu l-kariga li jittratta t-tilwim li jopponi l-istituzzjonijiet tal-UE u l-aġenti tagħhom meta dawn ma kinux ir-responsabbiltà ta' qorti nazzjonali. Bħala parti minn żieda ġenerali fl-għadd totali ta' mħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ġie xolt fl-1 ta' Settembru 2016 u ġie integrat fil-Qorti Ġenerali bir-Regolament (UE, Euratom) 2016/1192 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar it-trasferiment lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-ġuriżdizzjoni fl-ewwel istanza f'tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-persunal tagħha. Il-kawżi pendenti li kien hemm quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-31 ta' Awwissu 2016 ġew trasferiti lill-Qorti Ġenerali b'effett mill-1 ta' Settembru 2016. Il-Qorti Ġenerali għadha qed tittratta dawn il-kawżi fl-istat li kienu jinsabu fih f'dik id-data u d-dispożizzjonijiet proċedurali meħuda mill-eks Tribunal għas-Servizz Pubbliku baqgħu applikabbli.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Sa mill-1990, sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward rikors tal-Parlament fil-qafas tal-proċedura leġiżlattiva dwar l-adozzjoni ta' miżuri sanitarji li għandhom jittieħdu wara l-inċident nukleari ta' Chernobyl tat lill-Parlament id-dritt li jressaq rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għas-salvagwardja tal-prerogattivi tiegħu fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva.

F'konformità mal-Artikolu 257 tat-TFUE, il-Parlament u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jistgħu jistabbilixxu qrati speċjalizzati annessi mal-

[3]Ir-Rapport Annwali tal-QĠUE għall-2021.

Qorti Ġenerali sabiex jieħdu konjizzjoni fl-ewwel istanza ta' ċerti kategoriji ta' rikorsi jew proċedimenti f'oqsma speċifiċi. Il-Parlament u l-Kunsill għandhom l-obbligu li jaġixxu permezz ta' regolamenti jew fuq proposta tal-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Qorti tal-Ġustizzja jew fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni.

F'konformità mal-Artikolu 281 tat-TFUE, l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jiġi emendat mill-Parlament u mill-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja (fil-forma ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill). Eżempju ta' din il-parteċipazzjoni tal-Parlament hija l-proposta tal-Qorti tal-Ġustizzja stess tas-26 ta' Marzu 2018 biex temenda l-Istatut tagħha, li tirrigwarda l-possibbiltà ta' ċerti bidliet fid-diviżjoni tal-ġuriżdizzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali fir-rigward ta' deċiżjonijiet preliminari.

Il-Parlament huwa wieħed mill-istituzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 263 tat-TFUE li jistgħu jressqu rikorsi (bħala parti) quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

F'konformità mal-Artikolu 218(11) tat-TFUE, il-Parlament jista' jitlob l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk ftehim internazzjonali ppjanat huwiex kompatibbli mat-Trattati. F'każ ta' opinjoni negattiva mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-ftehim ippjanat ma jistax jidħol fis-seħħ sakemm ma jiġix emendat jew it-Trattati ma jiġux riveduti. Pereżempju, f'Lulju 2019 il-Parlament talab opinjoni legali dwar jekk il-proposti għall-adeżjoni mill-UE għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) kinux kompatibbli mat-Trattati (Opinjoni 1/19).

Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, il-kandidati għall-kariga ta' mħallef u ta' avukat ġenerali issa l-ewwel jiġu vvalutati minn kumitat ta' seba' persuni, li waħda minnhom tkun proposta mill-Parlament Ewropew (l-Artikolu 255 tat-TFUE, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 128 tar-regoli ta' Proċedura tal-Parlament) permezz ta' riżoluzzjoni plenarja.

F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422, fil-21 ta' Diċembru 2020 il-Qorti tal-Ġustizzja ppreżentat rapport dwar il-funzjonament tal-Qorti Ġenerali, li tħejja minn konsulent estern. B'mod partikolari, l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 jirrikjedi li r-rapport jiffoka fuq l-effiċjenza tal-Qorti Ġenerali, il-ħtieġa u l-effikaċja taż-żieda għal 56 imħallef, l-użu u l-effikaċja tar-riżorsi u l-istabbiliment ulterjuri ta' awli speċjalizzati u/jew tibdiliet strutturali oħrajn.

Fid-19 ta' Settembru 2023, il-Kumitat JURI adotta abbozz ta' rapport dwar proposta li temenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE). Il-proposta għandha l-għan li tittrasferixxi l-ġuriżdizzjoni dwar deċiżjonijiet preliminari f'għadd ta' oqsma speċifiċi mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ġenerali u li testendi r-rekwiżit li jinkiseb permess għal appell fil-każ ta' appelli kontra ċerti deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali. Ir-rapport tal-Kumitat JURI tressaq għall-plenarja fis-27 ta' Settembru 2023, li kkonferma d-deċiżjoni tal-Kumitat JURI li jidħol f'negozjati interistituzzjonali fl-4 ta' Ottubru 2023.

Din l-iskeda informattiva ġiet imħejjija mid-Dipartiment Tematiku tal-Parlament Ewropew għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali.

Udo Bux / Mariusz Maciejewski
11/2023

# 1.3.10. IL-KOMPETENZI TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

Din l-iskeda informattiva tiddeskrivi liema huma l-kompetenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE), li tikkonsisti f’żewġ qrati, li huma l-Qorti tal-Ġustizzja proprja u l-Qorti Ġenerali, u toffri mezzi differenti ta’ rimedju, kif stabbilit fl-Artikolu 19 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Artikoli 251-281 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Artikolu 136 tal-Euratom, u l-Protokoll Nru 3 anness mat-Trattati dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

## IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**A.** Proċedimenti diretti kontra l-Istati Membri jew istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni Ewropea.

Il-Qorti tiddeċiedi dwar il-proċedimenti kontra l-istati jew l-istituzzjonijiet li ma jkunux wettqu l-obbligi tagħhom skont id-dritt tal-UE.

**1.** Proċedimenti kontra Stat Membru li jonqos milli jwettaq obbligu

Dawn ir-rikorsi jitressqu:

— Jew mill-Kummissjoni, wara proċedura għal deċiżjoni preliminari (l-Artikolu 258 tat-TFUE): opportunità għall-Istat biex iressaq l-osservazzjonijiet u l-opinjoni motivata tiegħu (1.3.8);

— Jew minn Stat Membru kontra Stat Membru ieħor wara li jkun ressaq il-kwistjoni quddiem il-Kummissjoni (l-Artikolu 259 tat-TFUE).

Ir-rwol tal-Qorti:

— tikkonferma li l-Istat naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu u f’dak il-każ l-Istat huwa mistenni jieħu l-miżuri meħtieġa biex iwaqqaf il-ksur immedjatament.

— Jekk, wara li jitressaq rikors ieħor mill-Kummissjoni, il-Qorti ssib li l-Istat Membru kkonċernat ma kkonformax mas-sentenza tagħha, tista’ timponi fuqu penali finanzjarja (somma f’daqqa fissa u/jew ħlas ta’ penali perjodiku) bl-ammont jiġi determinat mill-Qorti abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni (l-Artikolu 260 tat-TFUE).

**2.** Proċedimenti għal annullament jew għal nuqqas ta’ teħid ta’ azzjoni kontra l-istituzzjonijiet tal-UE

Suġġett: każijiet fejn l-applikant jitlob l-annullament ta’ miżura li allegatament tmur kontra d-dritt tal-UE (annullament: l-Artikolu 263 tat-TFUE) jew, f’każijiet ta’ ksur tad-dritt tal-UE, fejn istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija naqsu milli jaġixxu (l-Artikolu 265 tat-TFUE).

Rinviju: jistgħu jitressqu rikorsi mill-Istati Membri, l-istituzzjonijiet innifishom jew minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika jekk ir-rikorsi jkunu relatati ma’ miżura (b’mod partikolari regolament, direttiva jew deċiżjoni) adottata minn istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-UE u jkunu indirizzati lilhom.

Ir-rwol tal-Qorti: il-Qorti tiddikjara l-att null jew li kien hemm nuqqas ta' teħid ta' azzjoni, u f'dak il-każ l-istituzzjoni kkonċernata tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tikkonforma mas-sentenza tal-Qorti (l-Artikolu 266 tat-TFUE).

**3.** Proċedimenti diretti oħra

Peress li l-Qorti Ġenerali għandha ġuriżdizzjoni fir-rikorsi kollha tal-ewwel istanza msemmija fl-Artikoli 263, 265, 268, 270 u 272 tat-TFUE, huma biss ir-rikorsi kontra deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jimponu penali fuq ditti (l-Artikolu 261) li għandhom jitressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll dawk previsti fl-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja (kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE, Euratom) 2019/629 tas-17 ta' April 2019). L-Artikolu 51 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprevedi li, b'deroga mir-regola stabbilita fl-Artikolu 256(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-ġurisdizzjoni għandha tkun riżervata għall-Qorti tal-Ġustizzja fir-rikorsi msemmija fl-Artikoli 263 u 265 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea meta jitressqu minn Stat Membru kontra:

- Azzjonijiet jew in-nuqqas li tittieħed azzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill, jew minn dawk l-istituzzjonijiet li jaġixxu b'mod konġunt, ħlief għal:
  - deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
  - atti tal-Kunsill adottati skont regolament tal-Kunsill dwar miżuri li jipproteġu l-kummerċ fis-sens tal-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
  - atti tal-Kunsill li permezz tagħhom il-Kunsill jeżerċita s-setgħat ta' implimentazzjoni skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
- Xi azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni tal-Kummissjoni skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 331 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-ġuriżdizzjoni hija wkoll riżervata għall-Qorti tal-Ġustizzja fir-rikorsi msemmija fl-istess Artikoli meta dawn jitressqu minn xi istituzzjoni tal-Unjoni kontra xi azzjoni jew nuqqas ta' teħid ta' azzjoni mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill, minn dawk iż-żewġ istituzzjonijiet f'azzjoni konġunta, jew mill-Kummissjoni, jew jitressqu minn istituzzjoni tal-Unjoni kontra azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**B.** Proċedimenti indiretti: kwistjoni ta' validità mressqa quddiem qorti jew tribunal nazzjonali (l-Artikolu 267 tat-TFUE - deċiżjonijiet preliminari)

- Normalment il-qrati nazzjonali huma responsabbli għall-applikazzjoni tad-dritt tal-UE meta kawża tkun teżiġi dan. Madankollu, meta titqajjem kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-liġi quddiem qorti jew tribunal nazzjonali, il-qorti jew it-tribunal jistgħu jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni preliminari. Jekk din tkun qorti tal-aħħar istanza, huwa obbligatorju li l-kwistjoni titressaq quddiem il-Qorti. Il-qorti nazzjonali tippreżenta l-kwistjoni/kwistjonijiet dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-UE, ġeneralment fil-forma ta' deċiżjoni ġudizzjarja, skont ir-regoli proċedurali nazzjonali. Madankollu, fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Diċembru 2018 fil-Kawża C-493/17 (Weiss), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "għandha tirrifjuta li tiddeċiedi domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali meta jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni jew l-evalwazzjoni tal-validità ta' regola tal-Unjoni mitluba ma għandha l-ebda relazzjoni mar-realtà

jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika". Ir-Reġistru jinnotifika t-talba lill-partijiet fil-proċedimenti nazzjonali u anki lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Huma għandhom xahrejn li fihom għandhom jippreżentaw kwalunkwe osservazzjoni bil-miktub lill-Qorti tal-Ġustizzja.

**C.** Il-kompetenza fit-tieni istanza

Il-Qorti għandha l-kompetenza li tirrieżamina appelli li jkunu limitati għal punti legali fid-deċiżjonijiet u d-digrieti tal-Qorti Ġenerali. L-appelli m'għandhomx effett sospensiv.

Jekk l-appell huwa kkunsidrat ammissibbli u fondat tajjeb, il-Qorti tal-Ġustizzja twarrab id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali u tiddeċiedi l-każ hi stess, jew inkella għandha tirreferi l-każ lura lill-Qorti Ġenerali, li hija marbuta bid-deċiżjoni.

## IL-KISBIET

Il-Qorti tal-Ġustizzja wriet li hi fattur importanti ħafna- li xi wħud jgħidu wkoll li hi forza ewlenija- fl-integrazzjoni Ewropea.

**A.** B'mod ġenerali

Is-sentenza tagħha tal-5 ta' Frar 1963 fil-Kawża 26-62 (Van Gend & Loos) stabbiliet il-prinċipju tal-applikazzjoni diretta tad-dritt Komunitarju fil-qrati tal-Istati Membri. Bl-istess mod, is-sentenza tagħha tal-15 ta' Lulju 1964 fil-Kawża 6-64 (Costa vsE.N.E.L.) kienet fundamentali biex id-dritt Komunitarju jiġi definit bħala ordinament indipendenti li jipprevali fuq id-dispożizzjonijiet legali nazzjonali. Il-Qorti tal-Ġustizzja dejjem invokat l-awtorità finali sabiex tiddetermina r-relazzjoni bejn id-dritt tal-Unjoni u d-dritt nazzjonali. Fil-kawżi determinanti *Van* Gend & Loos u Costa vs E.N.E.L., il-Qorti żviluppat id-duttrini fundamentali tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni. Skont dawn id-duttrini, id-dritt tal-UE għandu supremazija assoluta fuq il-liġi domestika, u din is-supremazija għandha titqies mill-qrati domestiċi fid-deċiżjonijiet tagħhom. Fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Diċembru 1970 fil-Kawża 11-70 (Internationale Handelsgesellschaft) il-Qorti ddeċidiet li d-dritt tal-Unjoni igawdi minn supremazija anki fir-rigward tad-drittijiet fundamentali ggarantiti fil-kostituzzjonijiet nazzjonali. Fil-punt 3 tal-motivi tagħha għal deċiżjoni f'din il-kawża, il-Qorti ddikjarat: "Il-validità ta' miżura tal-Komunità jew l-effett tagħha fit-territorju ta' Stat Membru ma jistgħux jiġu affettwati b'allegazzjonijiet li din tmur kontra d-drittijiet fundamentali kif ifformulati fil-kostituzzjoni ta' dak l-Istat Membru jew il-prinċipji ta' struttura kostituzzjonali nazzjonali." Il-Qorti kkonfermat dawn id-duttrini f'kawżi sussegwenti (ara l-Kawża 106/77, Simmenthal (1978), il-Kawża 149/79, il-Kummissjoni vs il-Belġju (1980), il-Kawżi C-46/93 & C-48/93, Brasserie du Pêcheur u Factortame II (1996), il-Kawża C-473/93, il-Kummissjoni vs il-Lussemburgu, (1996), il-Kawża C-213/07, Michaniki, (2008)). F'din il-ġurisprudenza, il-Qorti żviluppat strumenti dottrinali biex tagħti lill-qrati tal-Istati Membri ċertu ammont ta' diskrezzjoni u biex tieħu l-interessi tagħhom bis-serjetà. Barra minn hekk, il-Qorti xi drabi taġġusta b'mod impliċitu l-ġurisprudenza tagħha stess sabiex tqis it-tħassib tal-qrati tal-Istati Membri. Fattur importanti huwa li l-Qorti żviluppat ġurisprudenza fil-qasam tad-drittijiet fundamentali taħt pressjoni mill-qrati tal-Istati Membri: wara t-twaqqif tal-Komunitajiet Ewropej, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet inizjalment irreżistiet l-introduzzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-ordinament ġuridiku tal-KE (il-Kawża 36/59, Ruhrkohlen-Verkaufsgesellschaft (1960)). Madankollu, meta l-qrati kostituzzjonali tal-Istati Membri rreżistew, il-Qorti tal-Ġustizzja biddlet ir-rotta. Filwaqt li antiċipat is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali Federali Ġermaniża u tal-Qorti Kostituzzjonali Taljana,

il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li d-drittijiet fundamentali "jiffurmaw parti integrali mill-prinċipji ġenerali tal-liġi" fil- kawża Internationale Handelsgesellschaft.

**B.** Fi kwistjonijiet speċifiċi

— Il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem jinkludu s-sentenza tal-14 ta' Mejju 1974 fil-Kawża 4-73 (Nold Kohlen- und Baustoffgroßhandlung vs il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej), fejn il-Qorti ddikjarat li d-drittijiet fundamentali tal-bniedem huma parti integrali mill-prinċipji ġenerali tad-dritt li hija tħares (4.1.1).

— Il-moviment liberu tal-merkanzija: is-sentenza tal-20 ta' Frar 1979 fil-Kawża 120/78 (Cassis de Dijon), li fiha l-Qorti ddeċidiet li kwalunkwe prodott li jiġi mmanifatturat u kkumerċjalizzat b'mod legali fi Stat Membru, fil-prinċipju jrid jiġi permess fis-suq ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor.

— Il-moviment liberu tal-persuni: is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 1995 fil-Kawża C-415/93 (Bosman) iddikjarat li l-isport professjonali huwa attività ekonomika li l-eżerċizzju tagħha ma jistax jiġi mfixkel minn regoli ta' federazzjonijiet tal-futbol li jirregolaw it-trasferiment ta' plejers jew li jillimitaw l-għadd ta' ċittadini ta' Stati Membri oħra.

— Il-ġuriżdizzjoni esterna tal-Komunità: is-sentenza tal-31 ta' Marzu 1971 fil-Kawża 22-70 (il-Kummissjoni vs il-Kunsill), li rrikonoxxiet id-dritt tal-Komunità li tikkonkludi ftehimiet internazzjonali fi sferi fejn japplikaw ir-regolamenti tal-Komunità.

— Fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Novembru 1991 fil-Kawżi C-6/90 u C-9/90 (Francovich u Oħrajn), il-Qorti żviluppat kunċett fundamentali ieħor: ir-responsabbiltà ta' Stat Membru lejn individwi għal danni kkawżati lilhom minn ksur minn dak l-Istat Membru minħabba nuqqas min-naħa tiegħu li jittrasponi d-direttivi fid-dritt nazzjonali jew li jagħmel dan fi żmien xieraq.

— Diversi sentenzi jittrattaw is-sigurtà soċjali (il-Kawża 43-75, Defrenne (1976), dwar paga ugwali għall-irġiel u n-nisa) u s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema (il-Kawża C-173/99, BECTU (2001)).

Fir-rigward tal-prinċipju ta' proporzjonalità, fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Ġunju 2015 (Kawża C-62/14, Gauweiler u Oħrajn), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-prinċipju ta' proporzjonalità jirrikjedi li l-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi mfittxija mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni u ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet. Għaldaqstant, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE jeħtiġilhom jevalwaw l-interessi varji inkwistjoni b'tali mod li ma jħallux żvantaġġi jkunu ċarament sproporzjonati minn mal-objettivi li qed jiġu segwiti[1].Wieħed mill-merti kbar tal-Qorti kien id-dikjarazzjoni tagħha rigward il-prinċipju li t-Trattati ma jridux jiġu interpretati b'mod riġidu iżda jridu jitqiesu fid-dawl tal-istat ta' integrazzjoni u tal-objettivi tat-Trattati nnifishom. Dan il-prinċipju ppermetta li leġiżlazzjoni tiġi adottata f'oqsma fejn ma hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika tat-Trattat, bħall-ġlieda kontra t-tniġġis: fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Settembru 2005 fil-Kawża C-176/03 (il-Kummissjoni vs il-Kunsill), il-Qorti awtorizzat lill-Unjoni Ewropea sabiex tieħu miżuri relatati mad-dritt kriminali fejn "meħtieġ" sabiex jintlaħaq l-objettiv segwit fir-rigward tal-protezzjoni ambjentali.

---

[1]Il-Kawża C-493/17 (Weiss), paragrafu 93.

In-Network Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea (JNEU) ġie stabbilit fuq l-inizjattiva tal-President tal-QĠUE u l-Presidenti tal-qrati kostituzzjonali u supremi tal-Istati Membri fl-2017, fl-okkażjoni tas-60 anniversarju mill-iffirmar tat-Trattati ta' Ruma.

Huwa mfassal biex jippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni dwar ġurisprudenza bejn il-qrati nazzjonali parteċipanti u l-QĠUE. F'sit b'aċċess limitat, il-qrati nazzjonali parteċipanti u l-QĠUE jippubblikaw informazzjoni dwar il-ġurisprudenza tagħhom fir-rigward tad-dritt tal-UE, dwar kwistjonijiet li l-qrati nazzjonali kienu rreferew lill-QĠUE għal deċiżjoni preliminari, u dwar noti u studji.

Il-pjattaforma kollaborattiva tal-JNEU disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE tiġbor flimkien il-ħidma mwettqa mill-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE u l-imħallfin nazzjonali matul l-attivitajiet ġudizzjarji tagħhom. L-imħallfin għandhom aċċess għal għodda li tippermettilhom jagħmlu l-ġurisprudenza u r-riċerka u xogħol ta' analiżi tagħhom disponibbli għall-kontropartijiet tagħhom, bil-ħsieb li jaqsmu l-għarfien u jtejbu l-effiċjenza.

Hija għandha aktar minn 2,000 utent fil-qrati kostituzzjonali u supremi tal-Istati Membri.

## IL-QORTI ĠENERALI

(1.3.9)

**A.** Il-kompetenza tal-Qorti Ġenerali (l-Artikolu 256 tat-TFUE)

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tikkonsisti f'żewġ qrati, il-Qorti tal-Ġustizzja proprja u l-Qorti Ġenerali. Peress li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġuriżdizzjoni esklużiva fuq ir-rikorsi bejn l-istituzzjonijiet u dawk imressqa minn Stat Membru kontra l-Parlament Ewropew u/jew kontra l-Kunsill, il-Qorti Ġenerali għandha ġuriżdizzjoni, fil-prima istanza, fir-rikorsi l-oħra kollha ta' dan it-tip, partikolarment f'rikorsi mressqa minn individwi u dawk imressqa minn Stat Membru kontra l-Kummissjoni.

It-TFUE jipprevedi li l-Qorti Ġenerali jkollha l-ġuriżdizzjoni biex tisma' fil-prima istanza rikorsi kif imsemmija fl-Artikoli 263, 265, 268, 270 u 272 tat-TFUE, partikolarment fl-oqsma li ġejjin, ħlief jekk ir-rikorsi jkunu mressqa mill-Istati Membri, mill-istituzzjonijiet tal-UE jew mill-Bank Ċentrali Ewropew, li f'dak il-każ jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja (l-Artikolu 51 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE):

- Rikorsi għal annullament ta' atti tal-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji tal-UE jew għal nuqqas ta' azzjoni kontra l-istituzzjonijiet minn individwi jew persuni ġuridiċi (l-Artikoli 263 u 265 tat-TFUE);
- Rikorsi mressqa minn Stati Membri kontra l-Kummissjoni;
- Rikorsi għall-kumpens ta' danni kkawżati mill-istituzzjonijiet jew korpi, uffiċċji jew aġenziji tal-UE jew il-persunal tagħhom (l-Artikolu 268 tat-TFUE);
- Tilwim li jikkonċerna kuntratti konklużi minn jew f'isem l-Unjoni li espliċitament jagħtu ġuriżdizzjoni lill-Qorti Ġenerali (l-Artikolu 272 tat-TFUE);
- Rikorsi relatati ma' proprjetà intellettwali mressqa kontra l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u kontra l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti;
- Tilwim bejn l-Unjoni u l-impjegati tagħha, inkluż it-tilwim bejn l-istituzzjonijiet kollha u l-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji kollha, minn naħa, u l-impjegati tagħhom, min-naħa l-oħra.

L-Istatut jista' jestendi l-ġuriżdizzjoni tal-Qorti Ġenerali għal oqsma oħra.

B'mod ġenerali, is-sentenzi mogħtija mill-Qorti Ġenerali fil-prima istanza jistgħu jkunu soġġetti għad-dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, iżda dan hu limitat għal punti legali.

**B.** Deċiżjonijiet preliminari

Il-Qorti Ġenerali għandha l-ġuriżdizzjoni li tagħti deċiżjonijiet preliminari (l-Artikolu 267 tat-TFUE) fl-oqsma stabbiliti mill-Istatut (l-Artikolu 256(3) tat-TFUE). Madankollu, minħabba li ma ġiet introdotta l-ebda dispożizzjoni fl-Istatut f'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja attwalment għandha ġuriżdizzjoni unika sabiex tagħti deċiżjonijiet preliminari.

**C.** Il-kompetenza tal-appelli

Deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ġenerali, limitati għal punti legali, jistgħu, sa xahrejn wara, ikunu soġġetti għal appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

## IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU TAL-UNJONI EWROPEA

Fl-1 ta' Settembru 2016, it-tilwim bejn l-Unjoni u l-membri tal-persunal tagħha kienu ttrasferiti lill-Qorti Ġenerali (1.3.9), li kien ifisser ix-xoljiment tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea, li nħoloq fl-2004. Ir-Regolament (UE, Euratom) 2016/1192 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar it-trasferiment lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-ġuriżdizzjoni fl-ewwel istanza f'tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-persunal tagħha ħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/752/KE, Euratom, li tistabbilixxi t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea. Il-kawżi pendenti quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ġew ittrasferiti quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkompli tittratta dawk il-kawżi hekk kif ikunu f'dik id-data, u jibqgħu applikabbli l-passi proċedurali li kienu ttieħdu mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku f'dawn il-kawżi.

Ġie introdott reġim tranżizzjonali fir-rigward tal-appelli li jkunu qegħdin jiġu eżaminati meta ġiet ittrasferita l-ġuriżdizzjoni fl-1 ta' Settembru 2016, jew li ġew ippreżentati wara din id-data, mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. Il-Qorti Ġenerali jibqa' jkollha il-ġuriżdizzjoni sabiex tisma' u tiddetermina appelli bħal dawn. Barra minn hekk, l-Artikoli 9 sa 12 tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jridu jibqgħu applikabbli għall-proċedimenti inkwistjoni.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Skont l-Artikolu 257 tat-TFUE, il-Parlament u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jistgħu jistabbilixxu qrati speċjalizzati annessi mal-Qorti Ġenerali sabiex jisimgħu u jiddeterminaw fil-prima istanza ċerti kategoriji ta' rikorsi jew proċedimenti mressqa f'oqsma speċifiċi. Il-Parlament u l-Kunsill huma meħtieġa jaġixxu permezz ta' regolamenti jew fuq proposta tal-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Qorti tal-Ġustizzja, jew fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni.

Skont l-Artikolu 281 tat-TFUE, l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jiġi stabbilit fi Protokoll 3 separat, u l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-

proċedura leġiżlattiva ordinarja[2], jistgħu jemendaw dan l-Istatut. Il-Parlament Ewropew bħalissa qed jirrieżamina proposta biex jiġi emendat il-Protokoll 3.

Il-Parlament huwa wieħed mill-istituzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 263 tat-TFUE li jistgħu jressqu rikorsi (bħala parti) quddiem il-Qorti.

F'konformità mal-Artikolu 218(11) tat-TFUE, il-Parlament jista' jitlob opinjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk ftehim internazzjonali previst huwiex kompatibbli mat-Trattati. Meta l-opinjoni tal-Qorti tkun kuntrarja, il-ftehim maħsub ma jistax jidħol fis-seħħ sakemm ma jiġix emendat jew it-Trattati ma jiġux riveduti.

Din l-iskeda informattiva hija mħejjija mid-Dipartiment Tematiku tal-Parlament Ewropew għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali.

Udo Bux / Mariusz Maciejewski
11/2023

[2]Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 741/2012 tal-11 ta' Awwissu 2012, ir-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tas-16 ta' Diċembru 2015 u r-Regolament (UE, Euratom) 2016/1192 tas-6 ta' Lulju 2016 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

# 1.3.11. IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW (BĊE)

Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) huwa l-istituzzjoni ċentrali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u ilu responsabbli għall-politika monetarja fiż-żona tal-euro sa mill-1 ta' Jannar 1999. Il-BĊE, flimkien mal-banek ċentrali nazzjonali, jikkostitwixxu s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ). L-objettiv ewlieni tas-SEBĊ huwa li tiggarantixxi l-istabbiltà tal-prezzijiet. Mill-2014, il-BĊE kien responsabbli għal kompiti relatati mas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet tal-kreditu fl-ambitu tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

— l-Artikoli 3 u 13 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE);

— l-Artikoli 3(1)(c), 119, 123, 127-134, 138-144, 219 u 282-284 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE);

— il-Protokoll (Nru 4) dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE); il-Protokoll (Nru 16) dwar Ċerti Dispożizzjonijiet li Jirrigwardaw id-Danimarka; annessi mat-TUE u t-TFUE;

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ir-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU));

— ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment (ir-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM)).

## L-ORGANIZZAZZJONI U L-OPERAT

Skont it-Trattati, ir-responsabbiltajiet prinċipali tal-BĊE jinkludu t-twettiq tal-politika monetarja għaż-żona tal-euro. Barra minn hekk, ir-Regolament dwar l-MSU kkonferixxa lill-BĊE ċerti funzjonijiet superviżorji għal istituzzjonijiet ta' kreditu sa minn Novembru 2014.

**A.** Funzjoni monetarja

Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) hija magħmula mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri kollha, inklużi dawk li ma adottawx l-euro. L-Eurosistema, sadanittant, tinkludi l-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali ta' dawk l-Istati Membri biss li adottaw l-euro. It-TFUE jirreferi għas-SEBĊ aktar milli għall-Eurosistema, għaliex tfassal fuq il-premessa li l-Istati Membri kollha kienu eventwalment se jadottaw l-euro. Għall-Istati Membri li għadhom ma adottawx l-euro (minħabba li għandhom deroga jew esklużjoni fakultattiva), ċerti dispożizzjonijiet tat-Trattat li jirreferu għas-SEBĊ mhumiex applikabbli, u dan ifisser li r-referenzi ġenerali tat-Trattat għas-SEBĊ fil-prattika prinċipalment jirreferu għall-Eurosistema. L-indipendenza tal-BĊE hija stabbilita fl-Artikolu 130 tat-TFUE: "Fl-eżerċizzju tas-setgħat u fit-twettiq tal-kompiti u d-dmirijiet tagħhom mogħtija lilhom fit-Trattati u bl-Istatuti tas-

SEBĊ u tal-BĊE, la l-BĊE, u lanqas bank ċentrali nazzjonali, jew membru tal-korpi deċiżjonali tagħhom ma għandu jfittex jew jieħu struzzjonijiet minn istituzzjonijiet, korpi u organi tal-Unjoni, minn xi gvern ta' Stat Membru jew minn xi korp ieħor".

**1.** Il-korpi deċiżjonali

Il-korpi deċiżjonali tal-BĊE huma l-Kunsill Governattiv, il-Bord Eżekuttiv u l-Kunsill Ġenerali. Is-SEBĊ huwa mmexxi mill-korpi deċiżjonali tal-BĊE.

**a.** Il-Kunsill Governattiv

Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE huwa magħmul mill-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE u mill-Gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri taż-żona tal-euro. Jifformula l-politika monetarja u jistabbilixxi l-linji gwida neċessarji għall-implimentazzjoni tagħha. Il-Kunsill Governattiv jadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-BĊE, jeżegwixxi funzjonijiet konsultattivi u jiddeċiedi kif is-SEBĊ għandha tiġi rrappreżentata fil-kooperazzjoni internazzjonali. Il-Kunsill Governattiv jista' jiddelega wkoll ċerti setgħat lill-Bord Eżekuttiv. Il-Kunsill Governattiv normalment jiltaqa' darbtejn fix-xahar u jkollu sistema ta' rotazzjoni ta' kull xahar ta' drittijiet tal-vot. Il-Gvernaturi mill-pajjiżi klassifikati mill-ewwel sal-ħames post skont id-daqs tal-ekonomiji tagħhom u s-setturi finanzjarji tagħhom jikkondividu erba' drittijiet tal-vot. Il-15-il pajjiż li fadal jikkondividu 11-il dritt tal-vot. Minbarra l-Gvernaturi tal-bank ċentrali nazzjonali, il-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għandhom drittijiet tal-vot permanenti.

**b.** Il-Bord Eżekuttiv

Il-Bord Eżekuttiv huwa magħmul mill-President, il-Viċi President u erba' membri oħra. Dawn jinħatru mill-Kunsill Ewropew b'maġġoranza kwalifikata fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill wara li jkun ikkonsulta mal-Parlament u mal-Kunsill Governattiv. Il-mandat huwa ta' tmien snin u ma jistax jiġi mġedded. Il-Bord Eżekuttiv huwa responsabbli għall-amministrazzjoni kurrenti u ta' kuljum tal-BĊE. Huwa jimplimenta l-politika monetarja skont il-linji gwida u d-deċiżjonijiet adottati mill-Kunsill Governattiv. Jipprovdi wkoll istruzzjonijiet lill-banek ċentrali nazzjonali u jħejji l-laqgħat tal-Kunsill Governattiv.

**c.** Il-Kunsill Ġenerali

Il-Kunsill Ġenerali huwa t-tielet korp deċiżjonali tal-BĊE, iżda biss sakemm jibqa' Stati Membri li jkunu għadhom ma adottawx l-euro. Huwa magħmul mill-President u l-Viċi President tal-BĊE u mill-Gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri kollha. Membri oħra tal-Bord Eżekuttiv jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Kunsill Ġenerali, iżda m'għandhomx drittijiet tal-vot.

**2.** L-objettivi u l-kompiti

F'konformità mal-Artikolu 127(1) tat-TFUE, l-objettiv primarju tas-SEBĊ huwa ż-żamma tal-istabbiltà tal-prezzijiet. Mingħajr preġudizzju għal dan, is-SEBĊ tappoġġa wkoll il-politiki ekonomiċi ġenerali tal-Unjoni bil-għan li tgħin biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni, li huma elenkati fl-Artikolu 3 tat-TUE. Is-SEBĊ taġixxi skont il-prinċipju ta' ekonomija ta' suq miftuħ b'kompetizzjoni libera u f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 119 tat-TFUE. Il-kompiti bażiċi mwettqa permezz tas-SEBĊ huma: id-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja tal-Unjoni; it-twettiq tal-operazzjonijiet ta' kambju konsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 219 tat-TFUE; iż-żamma u l-amministrazzjoni tar-riżervi monetarji tal-Istati Membri; u l-promozzjoni tal-ħidma bla ostakoli tas-sistemi ta' pagament.

### 3. Is-setgħat u l-istrumenti

Il-BĊE għandu d-dritt esklussiv li jawtorizza l-ħruġ tal-karti tal-flus tal-euro. L-Istati Membri jistgħu joħorġu muniti tal-euro, iżda dan għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni mill-BĊE dwar il-volum tal-ħruġ (l-Artikolu 128 tat-TFUE). Il-BĊE joħroġ regolamenti u jieħu deċiżjonijiet li huma neċessarji għat-twettiq tal-kompiti mogħtija lis-SEBĊ skont it-Trattat u l-Istatut tal-BĊE. Barra minn hekk, il-BĊE jagħmel rakkomandazzjonijiet u jagħti opinjonijiet (l-Artikolu 132 tat-TFUE). Il-BĊE jeħtieġlu jiġi kkonsultat dwar kull att propost mill-UE fi ħdan l-oqsma ta’ kompetenza tiegħu kif ukoll mill-awtoritajiet nazzjonali dwar kwalunkwe abbozz ta’ dispożizzjoni leġiżlattiva fl-oqsma ta’ kompetenza tiegħu (l-Artikolu 127(4) tat-TFUE). Huwa jista’ jippreżenta opinjonijiet dwar kwistjonijiet li jiġi kkonsultat dwarhom. Il-BĊE huwa kkonsultat ukoll dwar deċiżjonijiet li jistabbilixxu pożizzjonijiet komuni jew dwar miżuri relatati mar-rappreżentazzjoni unifikata taż-żona tal-euro f’istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (l-Artikolu 138 tat-TFUE). Bl-għajnuna tal-banek ċentrali nazzjonali, il-BĊE jiġbor l-informazzjoni tal-istatistika neċessarja jew mingħand l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew direttament mingħand l-operaturi ekonomiċi (l-Artikolu 5 tal-Istatut tal-BĊE). L-Istatut tal-BĊE jelenka l-istrumenti differenti li l-BĊE jista’ juża sabiex jissodisfa l-funzjonijiet monetarji tiegħu. Il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jiftħu kontijiet għal istituzzjonijiet ta’ kreditu, entitajiet pubbliċi u parteċipanti oħra tas-suq, u jaċċettaw assi bħala kollateral. Jista’ jwettaq operazzjonijiet tas-suq miftuħ u ta’ kreditu u jeħtieġ riżervi minimi. Il-Kunsill Governattiv jista’ jiddeċiedi wkoll dwar strumenti oħra ta’ kontroll monetarju b’maġġoranza ta’ żewġ terzi. Madankollu, l-Artikolu 123 tat-TFUE jipprojbixxi l-finanzjament monetarju u jistabbilixxi limiti dwar l-użu tal-istrumenti tal-politika monetarja. Biex jiżgura sistemi effiċjenti u b’saħħithom ta’ kklerjar u ta’ pagament, il-BĊE jista’ jipprovdi infrastruttura u jistabbilixxi politiki ta’ sorveljanza. Il-BĊE jista’ jistabbilixxi wkoll relazzjonijiet ma’ banek ċentrali u istituzzjonijiet finanzjarji f’pajjiżi oħra u ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali.

### 4. Stati Membri b’deroga jew esklużjoni fakultattiva

L-Artikoli 139-144 tat-TFUE jistabbilixxu dispożizzjonijiet speċjali għal Stati Membri li skont it-Trattat huma obbligati jadottaw l-euro iżda sa issa għadhom ma ssodisfawx il-kundizzjonijiet biex jagħmlu dan (“Stati Membri b’deroga”). Ċerti dispożizzjonijiet tat-Trattat mhumiex applikabbli għal dawn l-Istati Membri, eż. l-objettivi u l-kompiti tas-SEBĊ (l-Artikolu 127(1)-(3), (5) tat-TFUE) u l-ħruġ ta’ muniti tal-euro (l-Artikolu 128 tat-TFUE). Id-Danimarka ngħatat l-esklużjoni fakultattiva u għalhekk mhijiex obbligata tingħaqad maż-żona tal-euro, kif definit fil-Protokoll Nru 16 mehmuż mat-TFUE.

## B. Il-funzjoni superviżorja

Il-BĊE ilu minn Novembru 2014 responsabbli mis-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu kollha fl-Istati Membri li jipparteċipaw fl-MSU, jew direttament għall-ikbar banek jew indirettament għal istituzzjonijiet ta’ kreditu oħra. Jikkoopera mill-qrib f’din il-funzjoni mal-entitajiet l-oħra fis-Sistema Ewropea tas-Superviżjoni Finanzjarja. L-MSU huwa magħmul mill-BĊE u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istati Membri taż-żona tal-euro. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro jistgħu jipparteċipaw fl-MSU. Il-BĊE direttament jissorvelja l-ikbar banek, filwaqt li s-superviżuri nazzjonali jkomplu jimmonitorjaw il-bqija tal-banek.

1. Il-Bord Superviżorju

Il-Bord Superviżorju tal-BĊE huwa magħmul minn President, Viċi President, erba' rappreżentanti tal-BĊE (li l-kompiti tagħhom jistgħu ma jkunux direttament relatati mal-funzjoni monetarja tal-BĊE) u rappreżentant wieħed tal-awtorità nazzjonali kompetenti f'kull Stat Membru li jipparteċipa fl-MSU. Il-Parlament Ewropew jeħtieġlu japprova n-nomini tal-BĊE għal President u Viċi President. Id-deċiżjonijiet mill-Bord Superviżorju jittieħdu b'maġġoranza sempliċi. Il-Bord Superviżorju huwa korp intern inkarigat mill-ippjanar, il-preparazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet ikkonferiti lill-BĊE. Jipprepara u jipproponi abbozzi kompleti ta' deċiżjonijiet superviżorji għall-Kunsill Governattiv. Dawn jiġu adottati jekk il-Kunsill Governattiv ma jiċħadhomx f'perjodu ta' żmien speċifikat. Jekk Stat Membru parteċipant li mhuwiex fiż-żona tal-euro ma jaqbilx ma' abbozz ta' deċiżjoni tal-Bord Superviżorju, tapplika proċedura speċjali u l-Istat Membru kkonċernat jista' saħansitra jitlob it-terminazzjoni tal-kooperazzjoni mill-qrib.

2. L-objettivi u l-kompiti

Bħala superviżur bankarju, il-kompiti tal-BĊE jinkludu l-għoti u l-irtirar tal-awtorizzazzjoni għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, l-iżgurar tal-konformità mar-rekwiżiti prudenzjali, it-twettiq ta' rieżami superviżorju u l-parteċipazzjoni f'superviżjoni supplimentari tal-konglomerati finanzjarji. Huwa wkoll inkarigat li jindirizza r-riskju sistemiku u makroprudenzjali.

3. Is-setgħat u l-istrumenti

Sabiex jissodisfa r-rwol superviżorju tiegħu, il-BĊE għandu setgħat investigattivi (talbiet għall-informazzjoni, investigazzjonijiet ġenerali u spezzjonijiet fuq il-post) u setgħat superviżorji speċifiċi (eż. l-awtorizzazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu). Il-BĊE għandu wkoll is-setgħa li jimponi penali amministrattivi. Jista' wkoll jitlob lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jżommu kapital ta' lqugħ ogħla.

C. Funzjonijiet oħra

Bażijiet ġuridiċi oħra jikkonferixxu kompiti addizzjonali lill-BĊE. It-Trattat dwar il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (fis-seħħ sa minn Settembru 2012) ikkonferixxa lill-BĊE ċerti kompiti b'rabta mal-għoti ta' assistenza finanzjarja, primarjament valutazzjoni u analiżi. Skont ir-regolamenti fundaturi tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), li huwa responsabbli għas-sorveljanza makroprudenzjali tas-sistema finanzjarja fl-UE, il-BĊE jipprovdi s-segretarjat għall-BERS u l-President tal-BĊE jaġixxi wkoll bħala president tal-BERS. Il-BĊE għandu rwol konsultattiv fil-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu skont id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek u r-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni. Fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni, il-BĊE jivvaluta jekk istituzzjoni ta' kreditu tkunx qed tfalli jew aktarx li tfalli, u jinforma lill-Kummissjoni u lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni kif xieraq.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-President tal-BĊE jirrapporta lill-Parlament dwar kwistjonijiet monetarji fi Djalogu Monetarju trimestrali. Il-BĊE jipprepara wkoll rapport annwali dwar il-politika monetarja li jiġi ppreżentat fil-Parlament. Il-Parlament jadotta riżoluzzjoni dwar dan ir-rapport annwali. Il-Membri tal-PE jistgħu jressqu mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub lill-BĊE. Il-

Parlament jiġi kkonsultat ukoll fil-proċedura ta’ ħatra tal-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE.

Ir-responsabbiltajiet superviżorji l-ġodda tal-BĊE huma akkumpanjati minn rekwiżiti ta’ obbligu ta’ rendikont addizzjonali skont ir-Regolament dwar l-MSU. Il-modalitajiet prattiċi għal dan huma rregolati minn ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-BĊE. L-arranġamenti ta’ obbligu ta’ rendikont jinkludu l-preżenza tal-President tal-Bord Superviżorju fis-seduti ta’ smigħ tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji; it-tweġibiet għall-mistoqsijiet li jagħmel il-Parlament; u diskussjonijiet orali kunfidenzjali mal-President u mal-Viċi President tal-kumitat kompetenti fuq talba. Barra minn hekk, il-BĊE jipprepara rapport superviżorju annwali, li jiġi ppreżentat lill-Parlament mill-President tal-Bord Superviżorju.

Dražen Rakić / MAJA SABOL
04/2023

# 1.3.12. IL-QORTI TAL-AWDITURI

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) hija responsabbli għall-awditjar tal-finanzi tal-UE. Bħala l-awditur estern tal-UE, din tikkontribwixxi għat-titjib fil-ġestjoni finanzjarja tal-UE u taġixxi bħala l-gwardjan indipendenti tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini tal-Unjoni.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

— L-Artikoli 285 sa 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

— Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ara b'mod partikolari t-Titolu XIV dwar l-awditjar estern u l-kwittanza).

## L-ISTRUTTURA

**A.** Il-Membri

**1.** L-għadd ta' Membri

Membru wieħed għal kull Stat Membru (it-Trattat ta' Nizza fformalizza dik li sa dak iż-żmien kienet l-unika proċedura rikonoxxuta), għaldaqstant fil-prinċipju hemm 27.

**2.** Ir-rekwiżiti

Il-Membri jeħtiġilhom:

— Ikunu parti jew kienu parti minn korpi esterni tal-awditjar fil-pajjiżi rispettivi tagħhom, jew ikunu kwalifikati b'mod speċjali għal din il-kariga;

— Juru li ma hemm l-ebda dubju rigward l-indipendenza tagħhom.

**3.** Il-proċedura tal-ħatra

Il-Membri jinħatru:

— Mill-Kunsill, permezz ta' maġġoranza kwalifikata;

— Fuq ir-rakkomandazzjoni ta' kull Stat Membru fir-rigward tas-siġġu tiegħu stess;

— Wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

**B.** Il-mandat

**1.** It-tul tal-mandat

Mandat ta' sitt snin, li jista' jiġġedded.

**2.** L-istatus

Il-Membri jgawdu l-istess privileġġi u immunitajiet li japplikaw għall-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja.

**3.** Id-dmirijiet

Il-Membri jeħtiġilhom "ikunu kompletament indipendenti fil-qadi ta' dmirijiethom". Dan ifisser li:

— Ma jistgħu jfittxu jew jieħdu istruzzjonijiet mingħand ebda sors estern;

— Jeħtieġilhom jastjenu minn kwalunkwe azzjoni li tkun inkompatibbli ma' dmirijiethom;

— Ma jistgħu jinvolvu ruħhom fl-ebda attività professjonali oħra, kemm jekk bi ħlas u kemm jekk le;

— Jekk jiksru dawn il-kundizzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tneħħihom mill-kariga.

**C.** L-organizzazzjoni

Il-Kulleġġ jaħtar il-President tiegħu minn fost il-Membri tiegħu għal mandat ta' tliet snin li jista' jiġġedded.

Il-Qorti torganizza ruħha f'ħamest ikmamar, b'responsabbiltà għal oqsma speċifiċi ta' nefqa u dħul:

— Kamra I: Użu sostenibbli tar-riżorsi naturali;

— Kamra II: Investiment għall-koeżjoni, għat-tkabbir u għall-inklużjoni;

— Kamra III: Azzjoni esterna, sigurtà u ġustizzja;

— Kamra IV: Regolamentazzjoni tas-swieq u ekonomija kompetittiva;

— Kamra V: Finanzjament u amministrazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

Kull Kamra għandha żewġ oqsma ta' responsabbiltà: l-ewwel nett, li tadotta rapporti speċjali, rapporti annwali speċifiċi u opinjonijiet; it-tieni, li tħejji abbozzi ta' osservazzjonijiet għar-rapporti annwali dwar il-baġit ġenerali tal-UE u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u abbozzi ta' opinjonijiet għall-adozzjoni mill-Qorti kollha kemm hi.

Il-Qorti għandha madwar 980 membru tal-persunal u hija bbażata fil-Lussemburgu.

## IS-SETGĦAT

**A.** L-awditi tal-Qorti

**1.** Il-qasam ta' responsabbiltà

Il-mandat tal-Qorti jkopri l-eżami tal-kontijiet ta' kwalunkwe dħul jew nefqa tal-Unjoni Ewropea jew ta' kwalunkwe korp tal-UE. Il-Qorti twettaq l-awditi tagħha sabiex tikseb aċċertament raġonevoli rigward:

— L-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea (awditu finanzjarju);

— Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (awditu tal-konformità); u

— Kemm tkun tajba l-ġestjoni finanzjarja (awditu tal-prestazzjoni).

**2.** Il-metodi tal-awditjar

L-awditu tal-Qorti huwa kontinwu; jista' jitwettaq qabel ma jingħalqu l-kontijiet għas-sena finanzjarja inkwistjoni. Dan ikun ibbażat fuq rekords u jista' jitwettaq fil-bini ta':

— Istituzzjonijiet u aġenziji tal-UE;

— Kwalunkwe korp li jiġġestixxi d-dħul jew in-nefqa f'isem l-UE;

— Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tirċievi pagamenti mill-baġit tal-UE.

Fl-Istati Membri, l-awditu jitwettaq f'kooperazzjoni mal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar nazzjonali. Dawk awditjati jintalbu jibagħtu lill-Qorti kwalunkwe dokument jew informazzjoni li jidhrilha li jkunu meħtieġa għall-finijiet tagħha.

Il-Qorti m'għandhiex setgħat investigattivi. Għalhekk, din tirrapporta każijiet possibbli ta' frodi u ta' korruzzjoni lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u/jew lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, li mbagħad jittrattaw il-każijiet skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

**3.** Ir-rapporti tal-awditjar

Wara l-awditi tagħha, il-Qorti tippubblika:

— Rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE u tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluża d-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni, b'enfasi fuq il-konformità u r-regolarità (sal-15 ta' Novembru, jew qabel); mill-2022, l-aspetti tal-prestazzjoni reġgħu qed jiġu ttrattati fil-qafas tar-rapporti annwali u fir-rapporti speċjali (b'kuntrast mas-snin 2019-2021 meta kien hemm rapport annwali dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE);

— Rapporti annwali speċifiċi dwar l-aġenziji, il-korpi deċentralizzati u l-impriżi konġunti tal-UE;

— Rapporti speċjali dwar suġġetti ta' interess, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet ta' ġestjoni finanzjarja tajba u nfiq speċifiku jew oqsma ta' politika;

— Rieżamijiet li jkopru politiki u suġġetti ta' ġestjoni minn perspettiva wiesgħa, jippreżentaw analiżi ta' oqsma jew kwistjonijiet li għadhom mhumiex awditjati jew jistabbilixxu bażi fattwali dwar ċerti suġġetti.

**B.** Is-setgħat konsultattivi

F'konformità mal-Artikolu 287(4) tat-TFUE, istituzzjonijiet oħrajn jistgħu jitolbu lill-Qorti tagħti l-opinjoni tagħha meta jaħsbu li jkun xieraq. L-opinjoni tal-Qorti hija obbligatorja meta l-Kunsill:

— Jadotta regolamenti finanzjarji li jispeċifikaw il-proċedura għall-istabbiliment u għall-implimentazzjoni tal-baġit u għall-preżentazzjoni u għall-awditjar tal-kontijiet;

— Jiddetermina l-metodi u l-proċedura li bihom ir-riżorsi proprji tal-UE jsiru disponibbli għall-Kummissjoni;

— Jistipula regoli li jikkonċernaw ir-responsabbiltà tal-kontrolluri finanzjarji, tal-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni u tal-uffiċjali tal-kontabbiltà; jew

— Jadotta miżuri kontra l-frodi.

## IR-RAPPORTI ANNWALI TAL-QORTI GĦALL-2022

**A.** Ir-rapport annwali tal-QEA għall-2022

Ir-rata ta' żball kumplessiva tan-nefqa żdiedet minn 3.0% fl-2021 għal 4.2% fl-2022. Mill-infiq awditjat, 66% kienu nefqa b'riskju għoli, jiġifieri prinċipalment pagamenti bbażati fuq rimborżi, li għalihom japplikaw regoli u kriterji ta' eliġibbiltà kumplessi. Dan it-tip ta' pagament spiss isir fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni u l-programmi tal-iżvilupp rurali, li huma amministrati fl-ambitu ta' ġestjoni kondiviża bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

Ir-rata ta' żball għal dan it-tip ta' pagament hija stmata għal 6% (meta mqabbla ma' 4.7% fl-2021 u 4.0% fl-2020), li hija ogħla mil-livell limitu ta' materjalità u ġiet ikklassifikata bħala "pervażiva". Għaldaqstant, għar-raba' sena konsekuttiva, il-Qorti ħarġet opinjoni negattiva dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet (aktar

milli opinjoni kwalifikata, kif kien il-każ għas-snin 2016-2018), li tenfasizza problemi persistenti li jeħtieġ li jiġu indirizzati.

Minbarra l-awditu tagħha tal-infiq fl-ambitu tal-baġit regolari tal-UE, il-Qorti pprovdiet opinjoni separata dwar in-nefqa fl-ambitu tal-Fond għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF). Se tkompli tagħmel dan sakemm idum jeżisti l-fond. Il-finanzjament mill-RRF jiġi żborżat ladarba jintlaħqu ċerti stadji importanti u miri. Il-Qorti awditjat it-13-il pagament ta' għotja kollha li saru fl-2022, li jammontaw għal EUR 46.9 biljun u inkluż l-approvazzjoni tal-prefinanzjament relatat ta' EUR 6.8 biljun, u vverifikat jekk l-281 stadju importanti u mira relatati ma' dawn il-pagamenti ta' għotja kinux intlaħqu, inklużi l-valutazzjonijiet preliminari tal-Kummissjoni. Sabet li 15 mill-281 stadju importanti u mira kienu ġew affettwati minn kwistjonijiet ta' regolarità u jew ma kinux ġew issodisfati b'mod sodisfaċenti jew inkella ma kinux konformi mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà. Filwaqt li l-impatt finanzjarju minimu tagħhom huwa stmat li huwa qrib il-limitu ta' materjalità, ma hija pprovduta l-ebda rata ta' żball, peress li l-metodoloġija tal-Kummissjoni għas-sospensjoni tal-pagamenti hija bbażata fuq sentenzi u għalhekk miftuħa għall-interpretazzjoni. Il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni ttejjeb il-valutazzjonijiet preliminari u l-awditi *ex post* sabiex (a) tiżgura li l-pagamenti jsiru matul il-perjodi ta' eliġibbiltà u li l-għotjiet ma jintużawx biex jissostitwixxu n-nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti; u (b) tiżgura li l-miri u l-istadji importanti li diġà ntlaħqu ma jitreġġgħux lura. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tivverifika jekk il-pjanijiet nazzjonali rieżaminati għall-irkupru u r-reżiljenza jiddefinux b'mod ċar l-istadji importanti u l-miri kollha u jkoprux l-elementi ewlenin kollha ta' miżura.

**B.** Il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE – Kapitolu 3 tar-Rapport Annwali

Għall-2019, l-2020 u l-2021, il-Qorti qasmet ir-rapport annwali tagħha f'żewġ partijiet bħala parti minn proġett pilota – l-ewwel, ir-rapport annwali tagħha li jiffoka fuq l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-UE u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u, it-tieni, rapport dwar il-prestazzjoni tal-programmi ta' nfiq tal-baġit tal-UE.

Fl-2022, il-Qorti waqqfet ir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni u integrat mill-ġdid l-aspetti tal-prestazzjoni fil-Kapitolu 3 tar-rapport annwali. Dan il-kapitolu jipprovdi ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tat-28 rapport speċjali tal-QEA fl-2022 f'ħames oqsma strateġiċi, jiġifieri (i) ir-rispons għall-COVID-19, (ii) il-kompetittività, (iii) ir-reżiljenza u l-valuri Ewropej, (iv) it-tibdil fil-klima, l-ambjent u r-riżorsi naturali; u (v) il-politiki fiskali u l-finanzi pubbliċi. Wara s-sommarju tal-messaġġi ewlenin għal kull qasam, ir-rapport annwali jagħti eżempji ta' azzjonijiet tal-Kummissjoni fis-segwitu għar-rapporti speċjali u jiġbor fil-qosor ir-reazzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Qorti tal-Awdituri ġiet stabbilita fl-1977 fuq inizjattiva tal-Parlament. Din saret istituzzjoni tal-UE fl-1993. Minn dakinhar 'l hawn, din għenet lill-Parlament u lill-Kunsill jeżerċitaw ir-rwol tagħhom li jikkontrollaw l-implimentazzjoni tal-baġit. Ir-rapporti annwali u r-rapporti speċjali jservu bħala l-bażi tal-eżerċizzju annwali tal-Parlament għall-kwittanza.

Il-Membri tal-Qorti huma mistiedna jippreżentaw ir-rapporti tagħhom fil-laqgħat tal-kumitati u jwieġbu għall-mistoqsijiet imqajma mill-Membri tal-PE – primarjament fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT) tal-Parlament, iżda anki f'laqgħat konġunti tal-Kumitat CONT ma' kumitat speċjalizzat wieħed jew aktar, jew, xi drabi, f'każijiet ta' interess limitat għall-Kumitat CONT, f'kumitat speċjalizzat biss. Kull sena, il-

Qorti tal-Awdituri u l-Kumitat CONT jorganizzaw laqgħat li matulhom il-membri tal-Kumitat CONT jiddiskutu mal-Membri tal-Qorti l-prijoritajiet politiċi tagħhom, il-programm ta' ħidma annwali tal-Qorti, arranġamenti dettaljati għal kooperazzjoni, eċċ. Darba fis-sena, il-President tal-QEA jattendi laqgħa tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati tal-Parlament biex jippreżenta l-programm ta' ħidma annwali tal-QEA u jistieden lill-kumitati kollha jippreżentaw is-suġġerimenti tagħhom għall-eżerċizzju ta' programmazzjoni li jmiss. Il-Parlament jagħmel ukoll suġġerimenti dwar dawn il-kwistjonijiet fir-riżoluzzjonijiet annwali tiegħu dwar il-kwittanza tal-Qorti tal-Awdituri.

Għandu jiġi osservat ukoll li l-Kumitat CONT jorganizza seduti ta' smigħ ta' kandidati nominati għall-kariga ta' Membru tal-Qorti. Barra minn hekk, l-għarfien espert tal-Qorti jgħin lill-Membri tal-PE fl-abbozzar tal-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet finanzjarji.

Għal aktar informazzjoni dwar dan is-suġġett, jekk jogħġbok żur is-sit web tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit.

Vera Milicevic
03/2024

# 1.3.13. IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) hu korp konsultattiv tal-Unjoni Ewropea, ibbażat fi Brussell. Huwa magħmul minn 329 membru. L-opinjonijiet tiegħu huma meħtieġa abbażi ta' konsultazzjoni obbligatorja fl-oqsma stabbiliti mit-Trattati jew ta' konsultazzjoni volontarja mill-Kummissjoni, mill-Kunsill jew mill-Parlament. Il-Kumitat jista' wkoll joħroġ opinjonijiet fuq l-inizjattiva tiegħu stess. Il-membri tiegħu mhuma marbutin bl-ebda istruzzjoni. Għandhom jaqdu dmirijiethom b'indipendenza sħiħa, fl-interess ġenerali tal-UE.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 13(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Artikoli 301-304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/853 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u d-deċiżjonijiet sussegwenti tal-Kunsill, li jaħtru l-membri tal-KESE, fuq proposta ta' diversi Stati Membri, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/1392 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025.

## IL-KOMPOŻIZZJONI

**A.** In-numru u l-allokazzjoni nazzjonali tas-siġġijiet (Artikolu 301 tat-TFUE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/853 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew).

Il-KESE bħalissa għandu 329 membru, maqsumin bejn l-Istati Membri kif ġej:

- 24 kull wieħed għall-Ġermanja, Franza u l-Italja;
- 21 kull wieħed għall-Polonja u Spanja;
- 15 għar-Rumanija;
- 12 kull wieħed għall-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Greċja, l-Iżvezja, in-Netherlands, il-Portugall u l-Ungerija;
- 9 kull wieħed għad-Danimarka, il-Finlandja, l-Irlanda, il-Kroazja, il-Litwanja u s-Slovakkja;
- 7 kull wieħed għall-Estonja, il-Latvja u s-Slovenja;
- 6 kull wieħed għal-Lussemburgu u Ċipru;
- 5 għal Malta.

Globalment, id-daqs tal-kumitat ġie mnaqqas minn 350 membru għal 329 b'effett mill-1 ta' Frar 2020 (wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE).

**B.** Metodu ta' ħatra (Artikolu 302 tat-TFUE)

Il-membri tal-Kumitat jinħatru mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata, abbażi ta' proposti mill-Istati Membri (bħal f'dan l-eżempju). Il-Kunsill jikkonsulta lill-Kummissjoni dwar dawn in-nomini (Artikolu 302(2) tat-TFUE). L-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li d-diversi kategoriji ta' attività ekonomika u soċjali jkunu rappreżentati b'mod adegwat.

Fil-prattika, terz tas-siġġijiet imur għal min iħaddem, terz għall-impjegati u t-terz l-ieħor għal gruppi oħra (bdiewa, negozjanti, professjonisti liberi, konsumaturi, eċċ.).

In-numru massimu ta' membri tal-KESE skont it-Trattat ta' Lisbona hu 350 (Artikolu 301 tat-TFUE). Għal ftit żmien dan il-limitu nqabeż bejn Lulju 2013 u Settembru 2015 minħabba l-adeżjoni tal-Kroazja fl-1 ta' Lulju 2013. Wara li żdiedu disa' siġġijiet għall-Istat Membru l-ġdid, in-numru totali ta' membri żdied għal 353 (minn 344). Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1157 adattat il-kompożizzjoni tal-KESE b'segwitu għall-adeżjoni tal-Kroazja: in-numru ta' membri għall-Estonja, Ċipru u l-Lussemburgu tnaqqas b'wieħed kull wieħed sabiex tiġi tindirizzata d-diskrepanza bejn in-numru massimu ta' membri tal-KESE stabbilita fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 301 tat-TFUE u n-numru ta' membri b'segwitu għall-adeżjoni tal-Kroazja. Għalhekk, in-numru ta' membri għal-Lussemburgu u Ċipru naqas minn sitta għal ħamsa kull wieħed, u n-numru ta' membri għall-Estonja minn sebgħa għal sitta. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/853 iddeterminat il-kompożizzjoni finali tal-KESE bi qbil mat-tqassim tas-siġġijiet fil-Kumitat tar-Reġjuni, li wkoll għandu 329 membru u fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, li wassal għal 24 siġġu vakanti. Bħala riżultat ta' dan, in-numru ta' membri għal-Lussemburgu u għal Ċipru għal darb'oħra żdied minn ħamsa għal sitta, u n-numru ta' membri għall-Estonja minn sitta għal sebgħa.

**C.** Tip ta' mandat (Artikolu 301 tat-TFUE)

Il-membri tal-kumitat huma nominati mill-gvernijiet nazzjonali u jinħatru mill-Kunsill għal mandat ta' ħames snin li jista' jiġġedded (Artikolu 302 tat-TFUE). Jinsiltu minn gruppi b'interess ekonomiku u soċjali fl-Ewropa. L-aħħar tiġdid sar f'Ottubru 2015 għall-mandat 2015-2020.

Jagħmlu parti minn wieħed minn dawn il-gruppi:

— Min iħaddem (Grupp I);

— Ħaddiema (Grupp II);

— Diversità Ewropa (Grupp III).

Il-membri jeħtiġilhom jaqdu dmirijiethom b'indipendenza sħiħa, fl-interess ġenerali tal-Unjoni (Artikolu 300(4) tat-TFUE). Kull darba li siġġu ta' membru jew membru supplenti fil-KESE jsir vakanti wara t-tmiem tal-mandat tiegħu, tkun meħtieġa deċiżjoni separata tal-Kunsill biex dak il-membru jiġi sostitwit.

## L-ORGANIZZAZZJONI U L-PROĊEDURI

Il-KESE mhuwiex fost l-istituzzjonijiet elenkati fl-Artikolu 13(1) tat-TUE. Madankollu, l-Artikolu 13(4) jiddikjara li l-KESE jassisti lill-Parlament, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni billi jeżerċita attivitajiet konsultattivi.

— Il-President u l-Bureau, kull wieħed b'mandat ta' sentejn u nofs, jinħatru mill-Kumitat minn fost il-membri tiegħu.

— Il-Kumitat jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

— Jista' jiltaqa' fuq l-inizjattiva tiegħu stess, iżda normalment jiltaqa' fuq talba tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni.

— Bħala għajnuna biex iħejji l-opinjonijiet tiegħu, għandu s-sitt sezzjonijiet speċjalizzati li ġejjin għad-diversi oqsma ta' attività tal-UE (u jista' jwaqqaf sottokumitati biex jittrattaw suġġetti speċifiċi):

— Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent (NAT);

— Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali (ECO);

— Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza (SOC);

— Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni (REX);

— Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum (INT);

— Sezzjoni għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni (TEN).

Il-KESE huwa assistit minn segretarjat ġenerali, immexxi minn Segretarju Ġenerali li jirrapporta lill-President. Is-segretarjat ġenerali jipprovdi lill-membri tal-KESE b'appoġġ politiku, komunikattiv, organizzattiv, lingwistiku u materjali. Is-segretarjat ġenerali huwa magħmul minn madwar 700 membru tal-persunal. Għal raġunijiet ta' effiċjenza, il-KESE jaqsam is-servizzi permanenti tas-segretarjat tiegħu fi Brussell mas-segretarjat tal-Kumitat tar-Reġjuni (fir-rigward tas-sede tiegħu fi Brussell, ara l-Protokoll Nru 6 tat-Trattat ta' Lisbona dwar il-lokalità tas-sede tal-istituzzjonijiet). Barra minn hekk, il-Bureau tal-Parlament daħal ukoll fi ftehim mal-Kumitat, fil-qafas tal-proċedura baġitarja tal-2014, bil-għan li b'mod konġunt iżidu l-effiċjenza fil-qasam tat-traduzzjoni. Il-Kumitat għandu baġit amministrattiv annwali, inkluż fit-taqsima VI tal-baġit tal-UE, ta' EUR 142,5 miljun (2020) – żieda ta' 4,22 % meta mqabbel mal-baġit tal-2019 – li minnhom EUR 130,9 miljun intefqu jew ġew riportati għall-2021 bħala impenji. Iż-żieda totali għall-abbozz ta' estimi baġitarji tal-2022 meta mqabbla mal-2021 hija ta' EUR 5 970 705 jew 4.12 %.

## IS-SETGĦAT

Il-KESE ġie stabbilit permezz tat-Trattati ta' Ruma tal-1957 bil-għan li jinvolvi lil gruppi b'interess ekonomiku u soċjali fil-ħolqien tas-suq komuni u li jipprovdi mekkaniżmi istituzzjonali sabiex il-Kummissjoni u l-Kunsill tal-Ministri jkunu mgħarrfa dwar kwistjonijiet Ewropej. L-Att Uniku Ewropew (1986) u t-Trattat ta' Maastricht (1992) wessgħu l-firxa ta' kwistjonijiet li għandhom jiġu riferuti lill-kumitat. It-Trattat ta' Amsterdam kompla wessa' l-oqsma għar-riferiment għall-Kumitat, u sar possibbli li jiġi kkonsultat mill-Parlament. Bħala medja, il-KESE jipproduċi 170 dokument ta' konsultazzjoni u opinjoni fis-sena (li minnhom madwar 15% joħroġhom fuq inizjattiva tiegħu stess). L-opinjonijiet huma ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali. Il-kumitat għandu wkoll funzjoni konsultattiva (Artikolu 300 tat-TFUE). L-iskop tiegħu hu li jinforma lill-istituzzjonijiet responsabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE bl-opinjonijiet tar-rappreżentanti tal-attivitajiet ekonomiċi u soċjali.

### A. Opinjonijiet maħruġa fuq talba tal-istituzzjonijiet tal-UE

#### 1. Konsultazzjoni obbligatorja

F'ċerti oqsma msemmija speċifikament, it-TFUE jistabbilixxi li deċiżjoni tista' tittieħed biss wara li l-Kunsill jew il-Kummissjoni jkunu kkonsultaw lill-KESE. Dawn l-oqsma huma:

— il-politika agrikola (Artikolu 43);

— il-moviment liberu tal-persuni u tas-servizzi (Artikoli 46, 50 u 59);

— il-politika tat-trasport (Artikoli 91, 95 u 100);

— l-armonizzazzjoni tat-tassazzjoni indiretta (Artikolu 113);
— l-approssimazzjoni tal-liġijiet dwar is-suq intern (Artikoli 114 u 115);
— il-politika tal-impjieg (Artikoli 148, 149 u 153);
— il-politika soċjali, l-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali u ż-żgħażagħ (Artikoli 156, 165 u 166);
— is-saħħa pubblika (Artikolu 168);
— il-protezzjoni tal-konsumatur (Artikolu 169);
— in-networks trans-Ewropej (Artikolu 172);
— il-politika industrijali (Artikolu 173);
— il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali (Artikolu 175);
— ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-ispazju (Artikoli 182 u 188);
— l-ambjent (Artikolu 192).

**2.** Konsultazzjoni volontarja

Il-Parlament, il-Kummissjoni jew il-Kunsill jistgħu wkoll jikkonsultaw lill-KESE dwar kwalunkwe suġġett li jqisu xieraq. Meta dawn l-istituzzjonijiet jikkonsultaw lill-kumitat, kemm jekk fuq bażi obbligatorja kif ukoll fuq bażi volontarja, jistgħu jimponu terminu ta' żmien (ta' mill-anqas xahar), u n-nuqqas ta' opinjoni wara dan it-terminu ma jistax iżommhom milli jieħdu azzjoni oħra (Artikolu 304 tat-TFUE).

**B.** Il-ħruġ ta' opinjoni fuq l-inizjattiva tal-kumitat stess

Il-kumitat jista' jiddeċiedi li joħroġ opinjoni kull meta jidhirlu li tali azzjoni tkun xierqa.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Skont il-ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Parlament u l-KESE tal-5 ta' Frar 2014, iż-żewġ istituzzjonijiet impenjaw ruħhom li jikkooperaw sabiex isaħħu l-leġittimità demokratika tal-UE. B'mod speċifiku, huma qablu li:

— Il-KESE se jħejji valutazzjonijiet tal-impatt bl-informazzjoni u l-materjali rilevanti mis-soċjetà ċivili dwar kif qed taħdem leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE u liem nuqqasijiet jeħtieġ li jitqiesu meta titfassal u tiġi riveduta leġiżlazzjoni tal-UE Dan jintbagħat lill-Parlament fi żmien xieraq qabel il-bidu tal-proċedura ta' emenda.
— Fil-laqgħat tal-kumitat parlamentari rilevanti kollha, siġġu wieħed se jkun riżervat għal membru tal-KESE. Ir-rapporteurs tal-KESE se jiġu mistiedna jippreżentaw opinjonijiet sostanzjali f'seduti ta' smigħ tal-kumitati parlamentari rilevanti.
— Il-kooperazzjoni leġiżlattiva ġenerali u l-pjan ta' ħidma jiġu diskussi darbtejn fis-sena bejn il-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, il-Presidenti tal-kumitati tal-Parlament u l-President tal-KESE.

Udo Bux / Mariusz Maciejewski
11/2023

# 1.3.14. IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Il-Kumitat tar-Reġjuni jinkludi 329 membru li jirrappreżentaw lill-awtoritajiet reġjonali u lokali tas-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Huwa joħroġ opinjonijiet li jintalbu fil-każijiet tal-konsultazzjoni obbligatorja (kif meħtieġ mit-Trattati) u fil-każijiet ta’ konsultazzjoni volontarja, u, fejn ikun xieraq, joħroġ opinjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess. Il-membri tiegħu mhuma marbuta b’ebda mandat obbligatorju. Huma jeżerċitaw dmirijiethom b’indipendenza sħiħa, fl-interess ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 13(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Artikolu 300 u l-Artikoli 305 sa 307 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u diversi deċiżjonijiet tal-Kunsill li jaħtru lill-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat, kif propost mill-Istati Membri, għall-mandat tagħhom ta’ ħames snin.

## L-OBJETTIVI

Il-Kumitat tar-Reġjuni (KtR), li ġie stabbilit fl-1994, b’segwitu għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta’ Maastricht, huwa korp konsultattiv li jirrappreżenta l-interessi tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fl-Unjoni Ewropea u jindirizza opinjonijiet f’isimhom lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. Il-Membri jistgħu, pereżempju, ikunu mexxejja ta’ awtoritajiet reġjonali, sindki jew rappreżentanti eletti jew mhux eletti tar-reġjuni u tal-bliet tas-27 Stat Membru tal-UE.

Fi kliem id-dikjarazzjoni tal-missjoni tiegħu stess, il-KtR huwa assemblea politika msawra minn persuni eletti fil-livell reġjonali u lokali li jaħdmu għall-integrazzjoni Ewropea. Jirrappreżenta lit-territorji, ir-reġjuni, il-bliet u l-muniċipalitajiet kollha tal-UE fil-livell istituzzjonali.

Il-missjoni tiegħu hija li jinvolvi lill-awtoritajiet reġjonali u lokali fil-proċess Ewropew tat-teħid tad-deċiżjonijiet u jħeġġeġ parteċipazzjoni akbar min-naħa taċ-ċittadini. Huwa korp politiku li jlaqqa’ flimkien u jagħti s-setgħa lir-rappreżentanti eletti lokalment fl-Ewropa, inklużi 329 membru u 329 membru supplenti minn 300 reġjun, 100 000 awtorità lokali u miljun politiku lokali li jirrappreżentaw 441 miljun ċittadin tal-UE.

Biex jiżvolġi aħjar dan ir-rwol, il-KtR ilu jfittex li jingħata d-dritt li jirreferi l-każijiet ta’ ksur tal-prinċipju ta’ sussidjarjetà quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Issa, b’segwitu għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta’ Lisbona, għandu dak id-dritt skont it-termini tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta’ sussidjarjetà u proporzjonalità.

Skont it-tliet prijoritajiet politiċi tal-KtR għall-2020-2025, adottati f’Lulju 2020, id-deċiżjonijiet kollha meħuda fil-livell tal-UE biex jiġu indirizzati t-trasformazzjonijiet soċjetali ewlenin li qed jiffaċċjaw l-irħula, il-bliet u r-reġjuni llum, bħall-pandemiji globali, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, l-isfidi demografiċi u l-flussi migratorji, iridu jittieħdu kemm jista’ jkun qrib iċ-ċittadini f’konformità mal-prinċipju ta’ sussidjarjetà.

Prijorità 1: Inressqu lill-Ewropa eqreb taċ-ċittadini: id-demokrazija u l-futur tal-UE. L-immodernizzar u t-tisħiħ tad-demokrazija fil-livelli kollha tal-gvern sabiex l-UE twieġeb b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet reali tan-nies.

Prijorità 2: Il-ġestjoni tat-trasformazzjonijiet soċjetali fundamentali: nibnu komunitajiet reġjonali u lokali reżiljenti, nirrispondu għall-pandemiji globali, it-tranżizzjonijiet klimatiċi, diġitali u demografiċi, kif ukoll il-fluss tal-migrazzjoni permezz ta' approċċ Ewropew koerenti, integrat u lokali.

Prijorità 3: Il-koeżjoni, il-valur fundamentali tagħna: politiki tal-UE bbażati fuq il-post li jpoġġu lill-UE għas-servizz taċ-ċittadini tagħha u l-postijiet tal-għajxien tagħhom. Il-koeżjoni mhijiex flus, hija valur fundamentali tal-UE mfassal biex irawwem il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

## L-ORGANIZZAZZJONI

**A.** Il-kompożizzjoni (l-Artikolu 305 tat-TFUE, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852[1])

**1.** L-għadd u l-allokazzjoni nazzjonali tas-siġġijiet

Bi qbil mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019, il-Kumitat tar-Reġjuni huwa magħmul minn 329 membru u għadd indaqs ta' membri supplenti, imqassma bejn l-Istati Membri kif ġej:

— 24 għal Franza, il-Ġermanja u l-Italja;

— 21 għall-Polonja u Spanja;

— 15 għar-Rumanija;

— 12 għall-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Greċja, l-Iżvezja, in-Netherlands, il-Portugall u l-Ungerija;

— 9 għad-Danimarka, il-Finlandja, l-Irlanda, il-Kroazja, il-Litwanja u s-Slovakkja;

— 7 għall-Estonja, il-Latvja u s-Slovenja;

— 6 għal Ċipru u l-Lussemburgu;

— 5 għal Malta.

**2.** Kif jinħatru

Il-membri jinħatru għal ħames snin mill-Kunsill li jaġixxi b'unanimità fuq il-proposti li jsiru mill-Istat Membru kkonċernat (l-Artikolu 305 tat-TFUE). Għall-perjodu ta' bejn is-26 ta' Jannar 2020 u l-25 ta' Jannar 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni. Fl-20 ta' Jannar 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/102, li biha ħatar ukoll il-membri u l-membri supplenti li għalihom irċieva proposti mill-Istat Membru rispettiv wara l-20 ta' Diċembru 2019. Il-mandat tagħhom huwa rinnovabbli. Il-membri jeħtiġilhom ikollhom mandat elettorali f'awtorità reġjonali jew lokali, jew ikollhom l-obbligu li jagħtu rendikont politiku ta' għemilhom lil assemblea eletta (l-Artikolu 300(3) tat-TFUE). Kull darba li siġġu ta' membru jew membru supplenti fil-KtR isir vakanti fi tmiem il-mandat tagħhom (eż. fi tmiem il-mandat reġjonali jew lokali li

[1]Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni, ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

abbażi tiegħu jkun ġie propost il-membru), ikun hemm bżonn ta' deċiżjoni separata tal-Kunsill.

**B.** L-istruttura (l-Artikolu 306 tat-TFUE)

Il-Kumitat tar-Reġjuni jeleġġi lill-President u l-uffiċjali tiegħu minn fost il-membri tiegħu għal mandat ta' sentejn u nofs. Huwa jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu abbażi tal-Artikolu 306 tat-TFUE u jippreżentahom lill-Kunsill għall-approvazzjoni. Bħala regola, jorganizza sitt sessjonijiet plenarji fis-sena. Skont l-affiljazzjoni politika tal-Membri tiegħu, bħalissa jopera f'sitt gruppi politiċi.

Il-presidenti ta' dawk il-gruppi jiltaqgħu bħala l-Konferenza tal-Presidenti, li tħejji l-ħidma tal-Assemblea Plenarja, tal-Bureau u tal-kummissjonijiet u tiffaċilita t-tfittxija għal kunsens politiku dwar id-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu.

Il-plenarja tiġi ppreseduta mill-[President](#) tal-assemblea (l-Artikolu 306 tat-TFUE) u l-funzjonijiet ewlenin tagħha huma li tadotta opinjonijiet, rapporti u riżoluzzjonijiet, tadotta l-abbozz tal-estimi tal-infiq u tad-dħul tal-KtR, tadotta l-programm politiku tiegħu fil-bidu ta' kull mandat, teleġġi l-President, l-Ewwel Viċi President u l-bqija tal-membri tal-Bureau, tistabbilixxi l-kummissjonijiet tematiċi fi ħdan l-istituzzjoni, kif ukoll tadotta u tirrevedi r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

Il-ħidma tal-KtR issir fi ħdan sitt kummissjonijiet speċjalizzati, li jħejju l-abbozzi ta' opinjoni u ta' riżoluzzjoni li sussegwentement jitressqu għall-adozzjoni fil-plenarja: il-Kummissjoni għaċ-Ċittadinanza, il-Governanza u l-Affarijiet Istituzzjonali u Esterni (CIVEX), il-Kummissjoni għall-Politika ta' Koeżjoni Territorjali u l-Baġit tal-UE (COTER), il-Kummissjoni għall-Politika Ekonomika (ECON), il-Kummissjoni għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Enerġija (ENVE), il-Kummissjoni għar-Riżorsi Naturali (NAT) u l-Kummissjoni għall-Politika Soċjali, l-Edukazzjoni, l-Impjieg, ir-Riċerka u l-Kultura (SEDEC).

Għal finijiet ta' effiċjenza, il-Kumitat jikkondividi wħud mis-servizzi tas-Segretarjat permanenti tiegħu fi Brussell (ara [l-Protokoll Nru 6 dwar il-lokalità tas-sede tal-istituzzjonijiet u ta' ċerti organi, korpi, uffiċċji, aġenziji u dipartimenti tal-UE](#)) mas-Segretarjat tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Anke l-Bureau tal-Parlament Ewropew laħaq ftehim mal-KtR biex b'mod konġunt jiggwadanjaw fl-effiċjenza fil-qasam tat-traduzzjoni. Il-KtR (Taqsima 7 tal-baġit tal-UE) għandu baġit amministrattiv ta' madwar EUR 101,5 miljun (2020).

## L-ATTRIBUZZJONIJIET

**A.** L-għoti ta' opinjoni fuq talba ta' istituzzjonijiet oħra

**1.** Il-konsultazzjonijiet obbligatorji

F'ċerti każijiet, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom l-obbligu li jikkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni qabel jiddeċiedu fuq kwistjonijiet li jikkonċernaw:

— l-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali u ż-żgħażagħ (l-Artikolu 165 tat-TFUE);

— il-kultura (l-Artikolu 167 tat-TFUE);

— is-saħħa pubblika (l-Artikolu 168 tat-TFUE);

— in-networks trans-Ewropej fl-oqsma tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija (l-Artikolu 172 tat-TFUE);

— il-koeżjoni ekonomika u soċjali (l-Artikoli 175, 177 u 178 tat-TFUE).

**2.** Il-konsultazzjonijiet volontarji

Il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament jistgħu jikkonsultaw ukoll lill-Kumitat tar-Reġjuni rigward kwalunkwe kwistjoni oħra li jqisu xierqa.

Meta l-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni jikkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni (sew jekk ikun b'mod obbligatorju u sew jekk b'mod volontarju), huma jistgħu jistabbilixxu skadenza (ta' xahar minn tal-anqas bi qbil mal-Artikolu 307 tat-TFUE) biex jagħti r-risposta tiegħu. F'każ li l-iskadenza tgħaddi mingħajr ma tkun inħarġet opinjoni, huma jkunu jistgħu jipproċedu mingħajr il-benefiċċju ta' opinjoni. Bħala eżempju ta' kooperazzjoni volontarja, f'Diċembru 2020 il-Kummissjoni u l-KtR qablu dwar sħubija dwar l-integrazzjoni tal-migranti bil-għan li jingħaqdu flimkien biex jappoġġaw il-ħidma dwar l-integrazzjoni fil-bliet u r-reġjuni tal-UE. Din is-sħubija tibni fuq l-inizjattiva tal-KtR tal-2019 "Bliet u Reġjuni għall-Integrazzjoni tal-Migranti" u tipprovdi pjattaforma politika għas-sindki Ewropej u l-mexxejja reġjonali biex jikkondividu l-informazzjoni u juru eżempji pożittivi tal-integrazzjoni tal-migranti u r-rifuġjati.

**B.** L-għoti ta' opinjoni fuq l-inizjattiva tal-Kumitat stess

**1.** Kull darba li jiġi kkonsultat il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni jiġi informat dwar dan u jista' joħroġ huwa wkoll opinjoni dwar is-suġġett jekk jikkunsidra li jkunu involuti l-interessi reġjonali tiegħu.

**2.** Bħala regola ġenerali, il-KtR jista' joħroġ opinjoni kull meta jqis li tali azzjoni tkun xierqa. Pereżempju, il-Kumitat ħareġ opinjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess f'dawn l-oqsma li ġejjin: l-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), in-networks trans-Ewropej, it-turiżmu, il-fondi strutturali, is-saħħa (il-ġlieda kontra d-drogi), l-industrija, l-iżvilupp urban, il-programmi ta' taħriġ u l-ambjent.

**C.** Tressiq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea – stħarriġ ġudizzjarju ex post

Il-Kumitat jista' wkoll jiftaħ proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jissalvagwardja l-prerogattivi allokati lilu (l-Artikolu 263 tat-TFUE). Fi kliem ieħor, huwa jista' jiftaħ proċediment quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jekk jikkunsidra li ma jkunx ġie kkonsultat meta suppost kellu jkun jew jekk il-proċeduri ta' konsultazzjoni ma jkunux ġew applikati b'mod korrett (l-annullament ta' atti (1.3.10)).

Id-dritt li jitressqu proċeduri skont l-Artikolu 8 tal-Protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, anness mat-Trattat ta' Lisbona,jekk il-proċeduri ta' konsultazzjoni ma jkunux ġew applikati b'mod korrett, jippermetti lill-Kumitat tar-Reġjuni jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tivverifika jekk att leġiżlattiv li jaqa' fl-ambitu tal-isfera ta' kompetenza tal-Kumitat jikkonformax mal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew (Anness VI, punt XII) jagħtu lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (REGI) r-responsabbiltà għaż-żamma tar-relazzjonijiet mal-KtR, l-organizzazzjonijiet ta' kooperazzjoni bejn ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali u reġjonali.

Skont il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-KtR tal-5 ta' Frar 2014:

— Il-KtR iħejji valutazzjonijiet tal-impatt dwar il-proposti għal leġiżlazzjoni tal-UE, li mbagħad jibgħat lill-Parlament fi żmien xieraq qabel ma tibda l-proċedura emendatorja. Dawn il-valutazzjonijiet tal-impatt jinkludu dettalji fil-livelli nazzjonali,

reġjonali u lokali dwar kif qed taħdem il-leġiżlazzjoni eżistenti, flimkien ma' opinjonijiet dwar titjib għal-leġiżlazzjoni proposta.

— Membru wieħed tal-KtR jiġi mistieden għal-laqgħat kollha tal-kumitati rilevanti tal-Parlament. Dan ir-rapporteur jew kelliem jippreżenta l-opinjonijiet tal-KtR. Min-naħa tagħhom, ir-rapporteurs tal-Parlament jistgħu jattendu l-laqgħat tal-kumitati tal-KtR.

— Il-kooperazzjoni leġiżlattiva ġenerali u l-pjan ta' ħidma jiġu diskussi darbtejn fis-sena bejn il-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati tal-Parlament u l-kontroparti tal-President fil-Kumitat tar-Reġjuni.

Sa mill-2008, il-Kumitat REGI u l-Kummissjoni COTER organizzaw laqgħa konġunta annwali fil-qafas tal-avveniment "Open Days: il-Ġimgħa Ewropea tar-Reġjuni u l-Bliet".

Din l-iskeda informattiva hija mħejjija mid-Dipartiment Tematiku tal-Parlament Ewropew għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali.

Udo Bux / Mariusz Maciejewski
11/2023

# 1.3.15. IL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT

Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) jippromwovi l-objettivi tal-Unjoni Ewropea billi jipprovdi finanzjament ta' proġetti fit-tul, garanziji u konsulenza. Huwa jappoġġja proġetti kemm fi ħdan l-UE kif ukoll lil hinn minnha. L-azzjonisti tiegħu huma l-Istati Membri tal-UE. Il-BEI huwa l-azzjonist maġġoritarju tal-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) u ż-żewġ organizzazzjonijiet flimkien jiffurmaw il-Grupp tal-BEI.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

- L-Artikoli 308 u 309 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Aktar dispożizzjonijiet rigward il-BEI jinsabu fl-Artikoli 15, 126, 175, 209, 271, 287, 289 u 343 tat-TFUE;
- Il-Protokoll (Nru 5) dwar l-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Protokoll (Nru 28) dwar il-Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali li huma mehmuża mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## L-OBJETTIVI

Skont l-Artikolu 309 tat-TFUE, il-kompitu tal-BEI huwa li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ibbilanċjat u kostanti tas-suq intern fl-interess tal-Unjoni. Il-BEI, fis-setturi kollha tal-ekonomija, jiffaċilita l-finanzjament tal-proġetti li:

- ifittxu li jiżviluppaw reġjuni inqas żviluppati;
- ifittxu li jimmodernizzaw jew jikkonvertu l-intrapriżi, jew jiżviluppaw attivitajiet ġodda li ma jistgħux jiġu ffinanzjati kompletament bil-mezzi disponibbli fl-Istati Membri individwali;
- ikunu ta' interess komuni għal bosta Stati Membri.

Huwa jikkontribwixxi wkoll għall-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni (l-Artikolu 175 tat-TFUE u l-Protokoll Nru 28). Minbarra dan, huwa jappoġġja l-implimentazzjoni ta' miżuri lil hinn mill-UE li jappoġġjaw il-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni (l-Artikolu 209 tat-TFUE). L-attivitajiet tal-BEI jiffokaw fuq sitt oqsma ta' prijorità: il-klima u l-ambjent; l-iżvilupp; l-innovazzjoni u l-ħiliet; in-negozji ż-żgħar; l-infrastruttura; u l-koeżjoni.

## IR-RIŻORSI U L-ISTRUMENTI

### A. Ir-riżorsi

Sabiex jilħaq l-għanijiet tiegħu, il-BEI primarjament jagħmel użu mir-riżorsi proprji tiegħu u s-swieq kapitali internazzjonali (l-Artikolu 309 tat-TFUE).

#### 1. Ir-riżorsi proprji

Ir-riżorsi proprji huma pprovduti mill-membri tal-BEI, jiġifieri l-Istati Membri (l-Artikolu 308 tat-TFUE). Il-kontribuzzjoni għall-kapital minn kull Stat Membru individwali hija stabbilita fl-Artikolu 4 tal-Istatut tal-BEI u tiġi kkalkolata skont il-piż ekonomiku tal-

Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jżidu s-sottoskrizzjonijiet kapitali tagħhom fuq bażi volontarja. Il-kapital sottoskritt totali tal-BEI jammonta għal EUR 248.8 biljun.

**2.** Is-swieq kapitali

Il-BEI jakkwista l-maġġoranza tar-riżorsi tas-self tiegħu minn swieq kapitali internazzjonali, prinċipalment permezz tal-ħruġ ta' bonds. Huwa wieħed mill-akbar mutwanti sovranazzjonali fid-dinja. Il-klassifikazzjoni tal-kreditu eċċellenti hija importanti sabiex jinkiseb finanzjament kosteffiċjenti. L-aġenziji ewlenin tal-klassifikazzjoni tal-kreditu attwalment jattribwixxu l-ogħla klassifikazzjoni lill-BEI, u dan jirrifletti l-kwalità tal-portafoll tas-self tiegħu. Il-BEI ġeneralment jiffinanzja terz ta' kull proġett, iżda l-finanzjament ta' appoġġ jista' jilħaq il-50 %.

**B.** L-istrumenti

Il-BEI juża firxa wiesgħa ta' strumenti differenti, iżda prinċipalment juża self u garanziji. Madankollu, ġew żviluppati wkoll għadd ta' strumenti oħra aktar innovattivi bi profil ta' riskju ogħla. Se jkunu ddisinjati aktar strumenti f'kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE. Il-finanzjament provdut mill-BEI jista' jiġi kkombinat ukoll ma' finanzjament minn sorsi oħra tal-UE (*inter alia*, il-baġit tal-UE), proċess magħruf bħala "taħlit" ("blending"). Minbarra l-finanzjament tal-proġetti, il-BEI għandu wkoll funzjoni konsultattiva.

Is-self huwa pprovdut fil-forma ta' self dirett jew intermedju. Is-self dirett ta' proġetti huwa soġġett għal ċerti kundizzjonijiet, pereżempju t-total tal-ispejjeż ta' investiment irid ikun iktar minn EUR 25 miljun, u s-self jista' jkopri biss sa 50 % tal-ispejjeż tal-proġett. Is-self intermedju jikkonsisti f'self lill-banek lokali jew intermedjarji oħra li, min-naħa tagħhom, jappoġġjaw lill-benefiċjarju finali. Il-maġġoranza tas-self isir fl-UE.

Minbarra l-attivitajiet ta' self aktar tradizzjonali tiegħu, il-BEI juża wkoll faċilitajiet ta' taħlit biex iħallat is-self tiegħu ma' għotjiet minn korpi pubbliċi jew organizzazzjonijiet filantropiċi.

## IT-TMEXXIJA U L-ISTRUTTURA

**A.** It-tmexxija

Il-BEI għandu personalità ġuridika, f'konformità mal-Artikolu 308 tat-TFUE. Huwa mmexxi u amministrat minn Bord tal-Gvernaturi, Bord tad-Diretturi u Kumitat ta' Tmexxija. Kumitat tal-Verifika jeżamina l-attivitajiet tal-Bank.

Il-Bord tal-Gvernaturi huwa magħmul minn ministri maħtura mill-Istati Membri. Jistabbilixxi direttivi ġenerali għall-politika tal-kreditu tal-Bank u jiżgura l-implimentazzjoni tagħha. Huwa meħtieġ, fost affarijiet oħra:

- li jiddeċiedi jekk il-kapital sottoskritt għandux jiżdied;
- jiffissa l-prinċipji applikabbli għall-operazzjonijiet ta' finanzjament imwettqa fil-qafas tal-kompiti tal-Bank;
- jiddeċiedi dwar l-għoti ta' finanzi għall-operazzjonijiet ta' investiment li jridu jsiru, parzjalment jew għal kollox, lil hinn mill-UE;
- u japprova r-rapport annwali tal-Bord tad-Diretturi, il-karta tal-bilanċ annwali, ir-rapport tal-introjtu, u r-Regoli ta' Proċedura tal-Bank.

Il-Bord tad-Diretturi jikkonsisti minn 28 direttur u 31 direttur supplenti. Id-diretturi jinħatru mill-Bord tal-Gvernaturi għal ħames snin. Kull Stat Membru u l-Kummissjoni jinnominaw direttur kull wieħed. Il-Bord tad-Diretturi jiddeċiedi dwar: l-għoti ta' finanzjamenti, b'mod

partikolari fil-forma ta' self u garanziji; il-konklużjoni ta' kuntratti ta' self; l-iffissar ta' rati ta' mgħax fuq is-self mogħti, kif ukoll il-kummissjoni u imposti oħra. Huwa jiżgura li l-Bank huwa mmexxi b'mod xieraq u ġestit f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati u tal-Istatut u mad-direttivi ġenerali stabbiliti mill-Bord tal-Gvernaturi.

Il-Kumitat ta' Tmexxija jikkonsisti minn President u tmien Viċi Presidenti, maħtura għal perjodu ta' sitt snin mill-Bord tal-Gvernaturi fuq proposta tal-Bord tad-Diretturi. Il-ħatriet tagħhom jistgħu jiġġeddu. Huwa responsabbli għall-operazzjoni ta' kuljum tal-Bank, taħt l-awtorità tal-President u s-superviżjoni tal-Bord tad-Diretturi; iħejji d-deċiżjonijiet tal-Bord tad-Diretturi, u jiżgura li dawn id-deċiżjonijiet jiġu implimentati.

Il-Kumitat ta' Verifika jikkonsisti minn sitt membri maħtura mill-Bord tal-Gvernaturi. Kull sena, il-Kumitat ta' Verifika jivverifika li l-operazzjonijiet tal-Bank tmexxew sew u l-kotba tiegħu nżammu b'mod xieraq.

**B.** L-istruttura

Il-Grupp tal-BEI ġie stabbilit fl-2000 u jikkonsisti mill-BEI u l-FEI, li twaqqaf fl-1994 u twaqqaf bħala sħubija pubblika-privata ma' tliet gruppi ta' azzjonisti ewlenin: il-BEI, bħala l-azzjonist maġġoritarju bi 62.2 %, il-Kummissjoni (30 %), u bosta istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi u privati (7.8 %). Il-FEI jipprovdi diversi forom ta' strumenti ta' kapital ta' riskju, pereżempju l-kapital ta' riskju nnifsu. Is-self tal-FEI huwa ffokat fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u juża firxa wiesgħa ta' strumenti innovattivi bil-għan li jtejjeb l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament.

## PJAN TA' INVESTIMENT GĦALL-EWROPA

Minn mindu bdiet il-kriżi ekonomika u finanzjarja globali, l-UE sofriet minn livelli baxxi ta' investiment. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Pjan ta' Investiment għall-Ewropa" pprovdiet gwida dwar kif terġa' tingħata l-ħajja lill-investiment fl-UE, jinħolqu l-impjiegi u jitrawmu t-tkabbir fit-tul u l-kompetittività. Għal dan l-għan, ir-Regolament (UE) 2015/1017 li joħloq il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) kien adopted fil-25 ta' Ġunju 2015.

Il-FEIS għandu l-għan li jiġġenera investiment privat permezz tal-mobilizzazzjoni tal-fondi pubbliċi u joħloq ambjent favorevoli għall-investiment. Intużaw garanzija inizjali tal-UE ta' EUR 16-il biljun lill-BEI, flimkien ma' impenn ta' EUR 5 biljun mill-BEI nnifsu, biex jiġu mmobilizzati fondi privati, u sa nofs l-2018 il-FEIS qabeż l-għan tiegħu li jiġġenera EUR 315-il biljun addizzjonali f'finanzi għall-investiment fl-UE.

Ir-Regolament dwar il-FEIS stabbilixxa wkoll iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti (EIAH) bil-għan li jipprovdi assistenza konsultattiva u teknika għall-identifikazzjoni, it-tħejjija u l-iżvilupp ta' proġetti ta' investiment.

Ir-Regolament dwar il-FEIS 2.0 ġie adottat f'Diċembru 2017 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2018. Dan ir-Regolament estenda d-durata tal-FEIS (sal-aħħar tal-2020) u kompla jtejjeb il-fond u l-EIAH, bil-għan li jiġu mobilizzati EUR 500 biljun ta' finanzjament addizzjonali għall-investiment.

## INVESTEU

Adottat f'Marzu 2021 bħala s-suċċessur tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, InvestEU jiġbor flimkien il-FEIS u 13-il strument finanzjarju ieħor tal-UE. Huwa jiffoka fuq erba' oqsma ta' politika ewlenin (l-infrastruttura sostenibbli; ir-riċerka, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni; SMEs; l-investiment soċjali u l-ħiliet) u għandu l-

għan li jimmobilizza EUR 372 biljun f'investiment addizzjonali bejn l-2021 u l-2027. Il-programm jikkonsisti mill-Fond InvestEU, iċ-Ċentru ta' Konsulenza InvestEU u l-Portal InvestEU.

L-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jużaw InvestEU biex jimplimentaw il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF).

## IL-"BANK KLIMATIKU" TAL-UE

F'Ġunju 2019, il-Kunsill Ewropew talab lill-BEI "jintensifika l-attivitajiet tiegħu b'appoġġ għal azzjoni klimatika". Il-BEI wieġeb f'Novembru 2019 bi strateġija ġdida dwar il-klima u politika ġdida dwar is-self fis-settur tal-enerġija.

Il-BEI impenja ruħu li jallinja l-attivitajiet ta' finanzjament kollha tiegħu mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. B'mod partikolari, il-BEI se jżid is-sehem ta' investimenti fl-ambitu tal-prijorità "azzjoni klimatika u sostenibbiltà ambjentali" sa 50 % sal-2025. Il-BEI waqaf jiffinanzja proġetti tal-fjuwils fossili fi tmiem l-2021.

Il-politika l-ġdida tal-BEI dwar is-self fis-settur tal-enerġija, li se tirregola l-attivitajiet tiegħu fis-settur tal-enerġija, hija bbażata fuq ħames prinċipji:

- li tiġi prijoritizzata l-effiċjenza fl-enerġija bil-ħsieb li tiġi appoġġjata l-mira l-ġdida tal-UE fl-ambitu tad-Direttiva tal-UE dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija;
- li jingħata lok għad-dekarbonizzazzjoni tal-enerġija permezz ta' żieda fl-appoġġ għal teknoloġija b'livell baxx jew żero ta' karbonju, bil-għan li jinkiseb sehem ta' 32 % ta' enerġija rinnovabbli fl-UE kollha sal-2030;
- li jiżdied il-finanzjament għall-produzzjoni deċentralizzata tal-enerġija, il-ħżin innovattiv tal-enerġija u l-mobilità elettronika;
- li jiġi żgurat l-investiment fil-grilja li huwa essenzjali għal sorsi ta' enerġija intermittenti u ġodda bħal dawk eoliċi u solari, kif ukoll it-tisħiħ tal-interkonnessjonijiet transfruntiera; and
- li jiżdied l-impatt tal-investiment biex tiġi appoġġjata t-trasformazzjoni tal-enerġija lil hinn mill-UE.

## IR-RISPONS GĦALL-KRIŻI TAL-COVID-19

Fl-2020, bħala parti mir-rispons tal-UE għall-konsegwenzi ekonomiċi tal-kriżi tal-COVID-19, il-BEI ħoloq fond ta' garanzija ta' EUR 25 biljun biex jippermetti lill-Grupp tal-BEI jżid l-appoġġ tiegħu għall-kumpaniji fl-Istati Membri kollha billi jimmobilizza ammont addizzjonali sa EUR 200 biljun.

Dan ġie flimkien ma' pakkett ta' appoġġ immedjat ta' mhux aktar minn EUR 40 biljun, li kkonsista fi:

- skemi ta' garanzija dedikati għall-banek ibbażati fuq programmi eżistenti, għal skjerament immedjat, li jimmobilizzaw finanzjament sa EUR 20 biljun;
- linji ta' likwidità dedikati għall-banek biex jiżguraw EUR 10 biljun addizzjonali ta' appoġġ għall-kapital operatorju għall-SMEs u għall-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja; and

— programmi ta’ xiri ta’ titoli garantiti b’assi dedikati biex jippermettu lill-banek jittrasferixxu riskju fuq portafolli ta’ self lill-SMEs, billi jimmobilizzaw EUR 10 biljun ta’ appoġġ ieħor.

## RISPONS GĦALL-INVAŻJONI RUSSA TAL-UKRAJNA

L-attivitajiet tal-BEI relatati mal-Ukrajna jmorru lura għall-2007. Huwa jopera fl-Ukrajna f’konformità mal-politika Ewropea tal-viċinat, is-Sħubija tal-Lvant u ftehimiet bilaterali oħra tal-UE. Mill-invażjoni Russa tal-Ukrajna ’l hawn, il-BEI żied l-appoġġ tiegħu. Il-finanzjament mill-istrument għandu l-għan li jgħin lill-Ukrajna tirranġa l-infrastruttura li ġarrbet ħsara, terġa’ tibda s-servizzi muniċipali u tappoġġja miżuri urġenti ta’ effiċjenza enerġetika bi tħejjija għall-istaġun ta’ kesħa. Barra minn hekk, il-BEI kkoordina donazzjonijiet ta’ għajnuna umanitarja filwaqt li pprijoritizza l-għajnuna ta’ emerġenza għall-persuni milquta mill-kunflitt fl-Ukrajna u fil-pajjiżi ġirien tagħha.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Skont l-Artikolu 308 tat-TFUE, il-Parlament jiġi kkonsultat meta jiġi emendat l-Istatut tal-BEI. Il-BEI jagħti rendikont dirett lill-Istati Membri. M’għandux obbligi ta’ rapportar formali lill-Parlament, u lanqas mhu responsabbli għalih. Madankollu, f’ġest ta’ rieda tajba, il-President tal-BEI jaċċetta stediniet biex jidher fil-plenarja u fil-laqgħat rilevanti tal-kumitati tal-Parlament, u l-BEI huwa miftuħ għal mistoqsijiet mill-Membri tal-PE.

Kull sena, il-kumitat parlamentari Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT) jirrieżamina l-attivitajiet tal-BEI u jippreżenta rapport fil-plenarja, li għaliha jiġi mistieden il-President tal-BEI.

Fl-ambitu tar-Regolament eżistenti, il-Parlament japprova l-ħatra tad-Direttur Amministrattiv u l-Viċi Direttur Amministrattiv tal-FEIS. L-approprjazzjonijiet annwali mill-baġit tal-UE relatati mal-fond ta’ garanzija jiġu awtorizzati mill-Parlament u mill-Kunsill bħala parti mill-proċedura baġitarja annwali.

Il-Parlament kien involut, bħala koleġiżlatur, fl-adozzjoni tal-inizjattivi tal-FEIS u ta’ InvestEU.

Għal aktar informazzjoni dwar dan is-suġġett, jekk jogħġbok żur is-sit web tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali.

Christian Scheinert
10/2023

# 1.3.16. L-OMBUDSMAN EWROPEW

L-Ombudsman Ewropew imexxi inkjesti dwar każijiet ta' amministrazzjoni ħażina mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea, billi jaġixxi fuq inizjattiva proprja jew abbażi ta' lmenti minn ċittadini tal-UE, jew minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika residenti fi Stat Membru jew li fih ikollha l-uffiċċju reġistrat tagħha. L-Ombudsman jiġi elett mill-Parlament Ewropew għat-tul tal-leġislatura Parlamentari.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 20, 24 u 228 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 43 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

L-istatus u d-dmirijiet tal-Ombudsman Ewropew ġew spjegati mill-Parlament Ewropew f'deċiżjoni tad-9 ta' Marzu 1994 li ttieħdet wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u bl-approvazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea[1]. L-Ombudsman Ewropew imbagħad adotta dispożizzjonijiet li jimplimentaw dik id-deċiżjoni. Id-deċiżjoni tħassret u ġiet sostitwita b'Regolament tal-Parlament Ewropew tal-24 ta Ġunju 2021, bl-istess proċedura[2]. Il-proċeduri għall-elezzjoni u t-tneħħija tal-Ombudsman Ewropew huma stabbiliti fl-Artikoli 231 sa 233 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew.

## L-OBJETTIVI

Stabbilit mit-Trattat ta' Maastricht (1992) l-Ombudsman Ewropew huwa korp li għandu l-għan li:

— itejjeb il-protezzjoni taċ-ċittadini jew ta' kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika residenti fi Stat Membru jew li fih ikollha l-uffiċċju reġistrat tagħha, b'rabta ma' każijiet ta' amministrazzjoni ħażina mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea; u

— b'hekk, issaħħaħ it-trasparenza u r-responsabbiltà demokratika fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u fl-amministrazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE.

**A.** L-istatus

**1.** L-elezzjoni

**a.** Ir-rekwiżiti

L-Ombudsman Ewropew għandu jintgħażel minn persuni li:

— huma ċittadini tal-UE;

— igawdu minn drittijiet ċivili u politiċi sħaħ;

— joffru kull garanzija ta' indipendenza;

---

[1]ĠU L 113, 4.5.1994, p. 15 – emendat bid-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2002 (ĠU L 92, 9.4.2002, p. 13) u tat-18 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 189, 17.7.2008, p. 25).
[2]Ir-Regolament (UE, Euratom) 2021/1163 tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi r-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tad-dmirijiet tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew) u li jħassar id-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom (ĠU L 253, 16.7.2021, p. 1).

— jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa biex f'pajjiżhom iwettqu l-ogħla funzjonijiet ġuridiċi jew ikollhom il-kompetenza u l-kwalifiki meħtieġa biex jissodisfaw id-dmirijiet mistennija mill-Ombudsman Ewropew;

— ma kinux membri ta' gvernijiet nazzjonali jew membri tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew, jew tal-Kummissjoni Ewropea fi żmien sentejn qabel id-data tal-pubblikazzjoni tas-sejħa għan-nomini.

**b.** Il-proċedura:

Fil-bidu ta' kull leġiżlatura parlamentari jew fl-eventwalità ta' mewt, riżenja jew tneħħija mill-kariga tal-Ombudsman Ewropew, il-President tal-Parlament Ewropew joħroġ talba għal nomini għall-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew u jagħti limitu ta' żmien sa meta dawn jistgħu jiġu ppreżentati. In-nomini jridu jiġu appoġġati minn mill-inqas 40 Membru tal-Parlament Ewropew li jiġu minn mill-inqas żewġ Stati Membri. In-nomini jitressqu quddiem il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, li mbagħad jikkunsidra l-ammissibbiltà tagħhom. Il-Kumitat jista' jitlob li jisma' lill-persuni nominati. Lista ta' nomini ammissibbli mbagħad titressaq għall-votazzjoni fil-Parlament Ewropew. L-Ombudsman Ewropew jiġi elett b'maġġoranza tal-voti mitfugħa.

**2.** Il-mandat

**a.** It-tul ta' żmien

L-Ombudsman Ewropew jiġi elett mill-Parlament Ewropew wara kull elezzjoni Ewropea għat-tul tal-leġiżlatura tiegħu. Huwa jista' jerġa' jiġi rielett.

**b.** L-obbligi

Matul il-mandat, l-Ombudsman Ewropew għandu:

— ikun kompletament indipendenti u imparzjali fil-qadi ta' dmirijietu;

— ma jitlobx jew jaċċetta istruzzjonijiet minn kwalunkwe gvern, istituzzjoni, korp, uffiċċju jew entità;

— jastjeni minn kull att li ma jkunx kompatibbli ma' dmirijietu;

— ma jimpenjax ruħu f'xi dmirijiet politiċi jew amministrattivi oħra, jew xi okkupazzjoni oħra, kemm jekk bi qligħ jew le.

**3.** It-tneħħija

L-Ombudsman Ewropew jista' jitneħħa mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) fuq talba tal-Parlament Ewropew jekk ma jibqax jissodisfa aktar il-kundizzjonijiet rikjesti għall-qadi ta' dmirijietu jew jekk jinstab ħati ta' każ serju ta' kondotta ħażina.

**B.** Ir-rwol

**1.** Il-kamp ta' applikazzjoni

L-Ombudsman Ewropew jittratta każijiet ta' amministrazzjoni ħażina mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea.

**a.** L-Ombudsman Ewropew jista' jsib amministrazzjoni ħażina jekk istituzzjoni tonqos milli tirrispetta:

— id-drittijiet fundamentali;

— ir-regoli jew il-prinċipji ġuridiċi;

— il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba.

L-inkjesti tal-Ombudsman Ewropew jikkonċernaw prinċipalment:

— it-trasparenza fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fil-lobbjar/l-obbligu ta' rendikont;

— l-aċċess għad-dokumenti;

— il-kultura tas-servizz;

— ir-rispett għad-drittijiet proċedurali;

— l-użu xieraq tad-diskrezzjoni;

— ir-rispett tad-drittijiet fundamentali;

— ir-reklutaġġ;

— il-ġestjoni tajba tal-kwistjonijiet u l-ħatriet tal-persunal tal-UE;

— il-ġestjoni finanzjarja soda;

— l-etika;

— il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet fl-UE.

Madwar terz tal-inkjesti li l-Ombudsman Ewropew iwettaq kull sena jikkonċernaw nuqqas ta' informazzjoni jew rifjut li tingħata informazzjoni.

**b.** L-eċċezzjonijiet

Il-każijiet li ġejjin ma jistgħux jiġu investigati:

— l-azzjoni tal-QĠUE li taġixxi fir-rwol ġudizzjarju tagħha. L-inkjesti tal-Ombudsman Ewropew dwar il-QĠUE jittrattaw biss l-attivitajiet mhux ġudizzjarji tagħha, pereżempju, offerti, kuntratti u każijiet tal-persunal;

— l-ilmenti kontra awtoritajiet lokali, reġjonali jew nazzjonali, anke meta dawn l-ilmenti jirreferu għal kwistjonijiet marbuta mal-Unjoni Ewropea;

— l-azzjonijiet minn qrati jew ombudsmen nazzjonali: l-Ombudsman Ewropew ma jservix ta' qorti tal-appell kontra deċiżjonijiet meħuda minn dawn il-korpi;

— il-każijiet li ma jkunux għaddew mill-proċeduri amministrattivi xierqa tal-organizzazzjonijiet konċernati minn qabel;

— l-ilmenti kontra uffiċjali individwali tal-UE rigward l-imġiba tagħhom.

**2.** Ir-referenzi

L-Ombudsman Ewropew iwettaq inkjesti li jidhirlu li jkun hemm raġuni għalihom, fuq inizjattiva proprja jew abbażi ta' lmenti mressqa lilu minn ċittadini tal-UE jew minn kull persuna fiżika jew ġuridika residenti fi Stat Membru jew li fih ikollha l-uffiċċju reġistrat tagħha, jew direttament jew permezz ta' Membru tal-Parlament Ewropew, għajr fejn il-fatti allegati jkunu jew kienu suġġetti għal proċedimenti ġuridiċi.

**3.** Is-setgħat fit-tmexxija tal-inkjesti

L-Ombudsman Ewropew jista' jitlob informazzjoni minn:

— istituzzjonijiet u korpi, li huma meħtieġa li jipprovdulu l-informazzjoni li jitlobhom u li jtuh aċċess għad-dokumenti konċernati, għajr jekk ikunu pprojbiti li jagħmlu dan għal raġunijiet ta' segretezza ġġustifikati kif jixraq;

— uffiċjali u impjegati oħra ta' dawn l-istess istituzzjonijiet u korpi, li jintalbu jixhdu fuq talba tal-Ombudsman Ewropew, minkejja li jibqgħu marbuta bir-regoli li huma suġġetti għalihom;

— l-awtoritajiet tal-Istati Membri, li jridu jikkonformaw dment li tali divulgazzjoni ma tkunx ipprojbita bil-liġi jew b'regolament. Anke f'każijiet bħal dawn, l-Ombudsman Ewropew jista' jikseb l-informazzjoni bil-kundizzjoni li ma jiżvelahiex.

Jekk ma jiksibx l-għajnuna meħtieġa, l-Ombudsman Ewropew jinforma lill-Parlament Ewropew, li mbagħad jieħu l-miżuri meħtieġa. L-Ombudsman Ewropew jista' wkoll jikkoopera mal-kontropartijiet tiegħu fl-Istati Membri, suġġett għad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali kkonċernat. Jekk jidher li l-informazzjoni tkun relatata ma' kwistjoni li tinvolvi d-dritt kriminali, l-Ombudsman Ewropew minnufih javża lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF). Jekk ikun il-każ, l-Ombudsman Ewropew jista' wkoll jinforma lill-istituzzjoni tal-UE li lejha jkun responsabbli l-uffiċjal jew il-membru tal-persunal ikkonċernat.

**4.** Ir-riżultati tal-inkjesti

Kull fejn huwa possibbli, l-Ombudsman Ewropew għandu jaġixxi b'kooperazzjoni mal-istituzzjoni jew mal-korp ikkonċernat sabiex tinstab soluzzjoni li tissodisfa lil min ikun ressaq l-ilment. Jekk l-Ombudsman Ewropew jistabbilixxi li seħħ każ ta' amministrazzjoni ħażina, ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu jiġu riferuti lill-istituzzjoni jew lill-korp ikkonċernat u dawn ikollhom perjodu ta' tliet xhur biex jinfurmaw lill-Ombudsman dwar l-opinjoni tagħhom. Jekk l-istituzzjoni ma taċċettax ir-rakkomandazzjonijiet proposti, l-Ombudsman Ewropew jista' jfassal rapport speċjali li jintbagħat lill-Parlament Ewropew. Min-naħa tiegħu, il-Parlament Ewropew jista' jfassal rapport dwar ir-rapport speċjali ppreżentat mill-Ombudsman Ewropew. Fl-aħħar nett, l-Ombudsman Ewropew għandu jinforma lil min ressaq l-ilment dwar ir-riżultat tal-inkjesta, l-opinjoni mogħtija mill-istituzzjoni jew mill-korp ikkonċernat u bi kwalunkwe rakkomandazzjoni personali.

**C.** L-amministrazzjoni

L-Ombudsman Ewropew huwa assistit minn segretarjat, li l-persunal tiegħu jkun suġġett għar-regoli tas-servizz ċivili Ewropew. L-Ombudsman Ewropew jaħtar il-kap tas-segretarjat.

**D.** L-attivitajiet

L-ewwel Ombudsman Ewropew, is-Sur Jacob Söderman, qeda żewġ mandati, minn Lulju tal-1995 sal-31 ta' Marzu 2003. Matul il-mandat tiegħu, il-Parlament Ewropew approva l-Kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba (2001). Dan huwa kodiċi ta' proċedura li jqis il-prinċipji tad-dritt amministrattiv Ewropew inklużi fil-ġurisprudenza tal-QĠUE u jispira ruħu mill-leġislazzjonijiet nazzjonali. L-Ombudsman Ewropew juża dan il-kodiċi meta jkun qed jinvestiga amministrazzjoni ħażina, billi jistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet ta' dan il-kodiċi fl-inkjesti tiegħu. Barra minn hekk, il-kodiċi jservi wkoll ta' gwida u ta' riżorsa għall-uffiċjali tal-UE, billi jinkoraġġixxi l-ogħla standards ta' amministrazzjoni.

Nikiforos Diamandouros kien Ombudsman Ewropew minn April 2003 sal-14 ta' Marzu 2013, meta kien irriżenja b'effett mill-1 ta' Ottubru 2013. Fil-11 ta' Lulju 2006, huwa ppreżenta proposta dwar aġġustamenti għall-Istatut tal-Ombudsman Ewropew, li ġiet appoġġata mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. L-istatut ġie emendat biex isaħħaħ u jikkjarifika r-rwol tal-Ombudsman Ewropew, pereżempju

f'termini ta' aċċess għad-dokumenti u ta' notifika ta' informazzjoni lill-OLAF f'każ li din jista' jkun li taqa' taħt il-kompetenza tiegħu.

L-eks Ombudsman Irlandiża, Emily O'Reilly, ħadet il-kariga tagħha ta' Ombudsman Ewropew fl-1 ta' Ottubru 2013, wara li ġiet eletta fil-kariga mill-Parlament Ewropew waqt is-sessjoni parzjali ta' Ġunju 2013, hija ġiet rikonfermata darbtejn, wara l-elezzjonijiet Ewropej tal-2014 u tal-2019. Hija tejbet il-viżibbiltà tar-rwol tal-Ombudsman Ewropew billi ffukat fuq l-aktar kwistjonijiet rilevanti għaċ-ċittadini tal-UE, billi żgurat li l-UE tikseb l-ogħla standards ta' amministrazzjoni, trasparenza u etika. Hija ppromwoviet it-trasparenza fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE u b'mod partikolari fit-trilogi u fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll fir-rigward tal-lobbjar, il-gruppi ta' esperti, il-kunflitti ta' interess, ir-revolving doors, l-aġenziji tal-UE (bħall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, Frontex), u n-negozjati internazzjonali (bħas-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment). Hija ħadmet biex ittejjeb ir-regoli dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta, dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej u dwar id-diżabilitajiet. Hija eżaminat ukoll każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fir-rigward tal-ħatra ta' eks Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea. L-Ombudsman Ewropew jikkoordina wkoll in-Network Ewropew tal-Ombudsmen u mill-2017 ta "l-Premju għal Amministrazzjoni Tajba" darba kull sentejn.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Għalkemm huwa indipendenti għalkollox fit-twettiq ta' dmirijietu, l-Ombudsman Ewropew huwa ombudsman parlamentari. Huwa għalhekk li l-Artikolu 228 TFUE, li jittratta l-Parlament Ewropew, huwa msemmi fil-Kapitolu 1. L-Ombudsman Ewropew għandu relazzjonijiet mill-qrib ħafna mal-Parlament Ewropew, li għandu s-setgħa esklużiva li jeleġġi l-Ombudsman u li jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tneħħih, li jistabbilixxi r-regoli li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dmirijietu, jgħinu fl-investigazzjonijiet tiegħu u jirċievi r-rapporti tiegħu. Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, abbażi tar-Regoli ta' Proċedura (l-Artikolu 232), ta' kull sena jħejji rapport dwar ir-rapport annwali rigward l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew. F'dawn ir-rapporti, huwa ripetutament esprima l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-ħidma tal-Ombudsman Ewropew u enfasizza li l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jikkooperaw bis-sħiħ mal-Ombudsman Ewropew sabiex jiżdiedu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Fit-12 Frar 2019 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar abbozz ta' regolament li jipproponi statut aġġornat tal-Ombudsman Ewropew, bil-għan li jissaħħu l-indipendenza u s-setgħat tiegħu. Wara li kiseb l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea u l-kunsens tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fit-18 ta' Ġunju 2021, fl-24 ta' Ġunju 2021 il-Parlament Ewropew adotta r-Regolament li jistabbilixxi l-Istatut il-ġdid tal-Ombudsman Ewropew, li jikkodifika ħafna mill-prattiki tax-xogħol tal-uffiċċju, bħas-setgħa li jniedi inkjesti fuq inizjattiva proprja.

Georgiana Sandu
10/2023

# 1.4. IL-FINANZJAMENT

# 1.4.1. ID-DĦUL TAL-UNJONI

Il-baġit tal-UE huwa ffinanzjat kważi kollu (’il fuq minn 90%) minn riżorsi proprji. Id-dħul annwali jrid ikopri kompletament in-nefqa annwali. Is-sistema tar-riżorsi proprji hija deċiża mill-Kunsill fuq bażi ta’ unanimità, wara li titqies l-opinjoni tal-Parlament Ewropew, u teħtieġ ir-ratifika tal-Istati Membri. Riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji magħmula minn żewġ pakketti ta’ riżorsi proprji ġodda ġiet proposta mill-Kummissjoni fl-2022 u l-2023.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

- L-Artikoli 311 u 322(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 106a u 171 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika;
- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2053 tal-14 ta’ Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea;
- Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/768 tat-30 ta’ April 2021 li jistabbilixxi miżuri ta’ implimentazzjoni għas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea, ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta’ Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti, u r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/769 tat-30 ta’ April 2021 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta’ riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa fuq il-valur miżjud, u r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/770 tat-30 ta’ April 2021 dwar il-kalkolu tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ li mhux qed jiġi riċiklat, dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex titqiegħed għad-dispożizzjoni dik ir-riżorsa proprja, fuq il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti, u fuq ċerti aspetti tar-riżorsa proprja bbażata fuq id-dħul nazzjonali gross.

## L-OBJETTIV

Biex l-Unjoni Ewropea jkollha awtonomija finanzjarja fil-limiti tad-dixxiplina baġitarja.

## L-OPERAT

Id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji tal-21 ta’ April 1970 tat lill-Komunità Ekonomika Ewropea (KEE) ir-riżorsi proprji tagħha. Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta’ Diċembru 2020, il-livell tar-riżorsi proprji li jistgħu jiġu mobilizzati kull sena bħalissa huma limitati għal massimu ta’ 1.4% tal-introjtu nazzjonali gross (ING) tal-UE. Peress li n-nefqa globali ma tistax teċċedi d-dħul totali, in-nefqa hija ristretta wkoll b’dan il-limitu massimu (1.4.3). Fil-prattika, il-qafas finanzjarju pluriennali attwali (QFP) 2021-2027 (1.4.3) jiffissa l-limitu massimu ta’ nefqa f’livell ekwivalenti għal madwar 1.4% tal-ING tal-UE.

## IL-KOMPOŻIZZJONI TAD-DĦUL

**1.** Ir-riżorsi proprji "tradizzjonali"

Dawn jikkonsistu f'dazji doganali, dazji agrikoli u imposti fuq iz-zokkor miġbura mill-1970. Il-perċentwal li jista' jinżamm mill-Istati Membri biex ikopri l-ispejjeż tal-ġbir reġa' żdied għal 25% minn 20%. Ir-riżorsi proprji "tradizzjonali" issa ġeneralment jirrappreżentaw madwar 10-15% tad-dħul tar-riżorsi proprji[1].

**2.** Ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT

Din tikkonsisti fi trasferiment ta' perċentwal tal-istima tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) miġbura mill-Istati Membri lejn l-Unjoni. Għalkemm prevista fid-Deċiżjoni tal-1970, din ir-riżorsa ġiet applikata biss meta s-sistemi tal-VAT tal-Istati Membri ġew armonizzati fl-1979. Ir-riżorsa tal-VAT issa tirrappreżenta wkoll madwar 10% tad-dħul tar-riżorsi proprji.

**3.** Ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING

Din ir-riżorsa proprja tikkonsisti f'imposta ta' perċentwal uniformi fuq l-ING tal-Istati Membri stipulat fil-proċedura baġitarja ta' kull sena, u kienet inħolqot bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/376/KEE tal-24 ta' Ġunju 1988. Oriġinarjament kellha tingħabar biss jekk ir-riżorsi proprji l-oħra ma jkunux koprew in-nefqa kollha, iżda issa tiffinanzja l-parti l-kbira tal-baġit tal-UE. Ir-riżorsa bbażata fuq l-ING ittriplat mill-aħħar tas-snin disgħin, u issa ġeneralment tirrappreżenta madwar 60-70% tad-dħul tar-riżorsi proprji.

**4.** Riżorsa Proprja bbażata fuq il-plastik

Din hija l-ewwel kategorija ġdida ta' riżorsi proprji introdotta mill-1 ta' Jannar 2020 mid-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji tal-2020. Hija kontribuzzjoni nazzjonali fuq il-bażi tal-kwantità ta' skart mill-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat, b'rata ta' ġbir ta' EUR 0.80 għal kull kilo. Mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri b'ING *per capita* taħt il-medja tal-UE titnaqqas somma f'daqqa annwali li tikkorrispondi għal 3.8 kilogrammi ta' skart tal-plastik *per capita*. Id-dħul minn din ir-riżorsa jipprovdi madwar 3-4% tal-baġit tal-UE.

**5.** Dħul ieħor u l-bilanċ riportat mis-sena preċedenti

Dħul ieħor jinkludi t-taxxi mħallsa mill-persunal tal-UE fuq is-salarji tagħhom, il-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi li mhumiex fl-UE għal programmi tal-UE, il-pagamenti ta' mgħax u l-multi mħallsa minn kumpaniji li jiksru l-liġijiet tal-UE. F'każ ta' surplus, il-bilanċ minn kull sena finanzjarja jiddaħħal fil-baġit għas-sena ta' wara bħala dħul. Dħul ieħor, bilanċi u aġġustamenti tekniċi oħra ġeneralment jammontaw għal madwar 2-8% tad-dħul totali.

**6.** Mekkaniżmi ta' korrezzjoni

Is-sistema tar-riżorsi proprji ntużat wkoll biex tikkoreġi l-iżbilanċi baġitarji bejn il-kontribuzzjonijiet nett tal-Istati Membri. Għalkemm ir-"rifużjoni tar-Renju Unit" introdotta fl-1984 ma għadhiex tapplika, id-Danimarka, il-Ġermanja, in-Netherlands, l-Awstrija u l-Iżvezja se jkomplu jibbenefikaw mill-korrezzjonijiet b'somma f'daqqa matul il-perjodu 2021-2027.

[1]Kontijiet Annwali Konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-Sena finanzjarja 2021.

**7.** Self

Il-baġit tal-UE ma jistax ikollu defiċit, u l-finanzjament tan-nefqa tiegħu permezz ta' self mhuwiex permess. Madankollu, sabiex jiġu ffinanzjati l-għotjiet u s-self ipprovduti mill-iskema ta' rkupru Next GenerationEU (NGEU), il-Kummissjoni ġiet awtorizzata, fuq bażi eċċezzjonali u temporanja, tissellef sa EUR 750 biljun (fi prezzijiet tal-2018) mis-swieq kapitali. Is-self nett ġdid għandu jieqaf fi tmiem l-2026, u wara dan ikunu permessi biss operazzjonijiet ta' rifinanzjament. Il-Kummissjoni qed tapplika strateġija ta' self diversifikata, li tikkombina l-użu ta' bonds fit-tul, bonds ekoloġiċi u kambjali fuq żmien qasir mibjugħa minn sindakazzjoni u rkantijiet, flimkien ma' komunikazzjoni miftuħa u trasparenti permezz ta' deċiżjonijiet annwali ta' self u pjanijiet ta' finanzjament semiannwali.

## LEJN IR-RIFORMA TAR-RIŻORSI PROPRJI TAL-UE

It-Trattat ta' Lisbona afferma li l-baġit għandu jkun iffinanzjat kollu kemm hu minn riżorsi proprji, u żamm is-setgħa tal-Kunsill li, wara konsultazzjoni mal-Parlament, jadotta unanimament deċiżjoni dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni[2], sabiex jiġu stabbiliti kategoriji ġodda ta' riżorsi proprji u jitneħħew dawk eżistenti. Stabbilixxa wkoll li l-Kunsill jista' jadotta biss il-miżuri ta' implimentazzjoni għal dawn id-deċiżjonijiet bl-approvazzjoni tal-Parlament.

F'Jannar 2017, il-grupp ta' livell għoli maħluq fl-2014 biex iwettaq rieżami ġenerali tas-sistema tar-riżorsi proprji (il-"grupp Monti") ippreżenta r-rapport finali tiegħu dwar modi aktar trasparenti, sempliċi, ekwi u demokratikament responsabbli għall-finanzjament tal-baġit tal-UE. Il-konklużjoni ewlenija kienet li l-baġit tal-UE kien jeħtieġ riforma, kemm mill-aspett tad-dħul kif ukoll minn dak tan-nefqa, sabiex ikun jista' jindirizza l-isfidi attwali u jikseb riżultati tanġibbli għaċ-ċittadini tal-UE.

Abbażi ta' dan ir-rapport u d-Dokument ta' Riflessjoni dwar il-Futur tal-Finanzi tal-UE sussegwenti, il-Kummissjoni għamlet proposti[3] fit-2 ta' Mejju 2018 biex tissimplifika r-riżorsa proprja attwali bbażata fuq il-VAT u biex tintroduċi sett ta' riżorsi proprji ġodda. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll l-abolizzjoni tar-rifużjonijiet kollha u t-tnaqqis minn 20% għal 10% tas-sehem tad-dħul doganali li l-Istati Membri jżommu bħala spejjeż tal-ġbir, kif ukoll żieda fil-limitu massimu fuq is-sejħiet annwali għar-riżorsi proprji biex jitqies l-ING totali iżgħar tal-UE-27 u tal-integrazzjoni proposta tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fil-baġit tal-UE.

## IL-FEHMIET TAL-PARLAMENT EWROPEW

Abbażi tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tat-Trattat ta' Lisbona, il-Parlament talab ripetutament biex issir riforma approfondita tas-sistema tar-riżorsi proprji f'għadd ta' pożizzjonijiet u riżoluzzjonijiet f'dawn l-aħħar snin[4]. Il-Parlament enfasizza l-problemi

[2]Kwalunkwe deċiżjoni bħal din jeħtieġ li tiġi rratifikata mill-Istati Membri.
[3]Il-Qorti tal-Awdituri tat opinjoni dwar il-proposti fid-29 ta' Novembru 2018 (Opinjoni Nru 5/2018).
[4]Il-pożizzjoni tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej; il-pożizzjoni tas-16 ta' April 2014 dwar l abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji; ir-Riżoluzzjoni tas-6 ta' Lulju 2016 dwar it-tħejjija tar-reviżjoni postelettorali tal-QFP 2014-2020: l-input tal-Parlament qabel il-proposta tal-Kummissjoni; ir-Riżoluzzjoni tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP 2014-2020; ir-Riżoluzzjoni tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar id-Dokument ta' Riflessjoni dwar il-Futur tal-Finanzi tal-UE; ir-Riżoluzzjoni tal-14 ta' Marzu 2018 dwar riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea; ir-Riżoluzzjoni tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 u r-riżorsi proprji; ir-Riżoluzzjoni tal-14 ta' Novembru 2018 dwar il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027, ir-Riżoluzzjoni tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 u r-riżorsi proprji: wasal iż-żmien li nissodisfaw l-aspettattivi taċ-ċittadini.

bis-sistema tar-riżorsi proprji, b'mod partikolari l-kumplessità eċċessiva tagħha u d-dipendenza finanzjarja tagħha fuq il-kontribuzzjonijiet nazzjonali.

Bil-ħsieb li jinkiseb baġit tal-UE aktar stabbli li jkun imfassal biex jappoġġja l-objettivi tal-politika tal-UE, huwa appella ripetutament għal pakkett ambizzjuż u bbilanċjat ta' riżorsi proprji ġodda tal-UE li jkun ġust, sempliċi, trasparenti u fiskalment newtrali għaċ-ċittadini. Il-Parlament insista wkoll fuq riformi biex il-ġbir tad-dħul jiġi simplifikat aktar, ikun aktar trasparenti u aktar demokratiku, biex jitnaqqas is-sehem tal-kontribuzzjonijiet tal-ING, biex tiġi riformata jew eliminata r-riżorsa tal-VAT u biex jitneħħew gradwalment il-forom kollha ta' rifużjoni.

## PROPOSTI TA' RIFORMA

Fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta' bejn is-17 u l-21 ta' Lulju 2020, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern qablu fuq QFP ġdid, l-NGEU, fuq żieda tal-limitu massimu għall-pagamenti u fuq riżorsa proprja ġdida bbażata fuq skart tal-plastik mhux riċiklat li għandha tiġi applikata minn Jannar 2021. Dan kien ibbażat fuq il-proposta tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2020, li tissellef sa €750 biljun billi toħroġ bonds fis-swieq internazzjonali f'isem l-UE b'perjodi ta' maturità ta' bejn it-3 snin u t-30 sena, sabiex tiġġieled kontra l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19. Sabiex issostni l-obbligazzjonijiet imġarrba mill-UE biex eventwalment tħallas lura l-finanzjament tas-suq li jinġabar, il-Kummissjoni pproponiet li, eċċezzjonalment u temporanjament, tgħolli l-limitu massimu tar-riżorsi proprji b'0.6% tal-ING tal-UE aktar miż-żieda permanenti proposta minn 1.2% għal 1.4% tal-ING b'kunsiderazzjoni tal-kuntest ekonomiku l-ġdid. .

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Lulju 2020, il-Parlament saħaq li l-ħolqien ta' riżorsi proprji ġodda addizzjonali biss jista' jgħin biex jitħallas lura d-dejn tal-UE filwaqt li jiġi salvat il-baġit tal-UE u tittaffa l-pressjoni fiskali fuq it-teżori nazzjonali u ċ-ċittadini tal-UE. Fis-16 ta' Settembru 2020, l-opinjoni tal-Parlament fil-qafas tal-proċedura ta' konsultazzjoni tenniet sejħiet għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda abbażi ta' pjan direzzjonali, u għall-abolizzjoni tar-rifużjonijiet kollha.

Fl-10 ta' Novembru 2020, in-negozjaturi tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni laħqu ftehim politiku fuq il-QFP, ir-riżorsi proprji u ċerti aspetti li jikkonċernaw il-governanza tal-istrument ta' rkupru. Anness ġdid għall-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, jistabbilixxi pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda matul il-perjodu 2021-2027. Id-dħul minn riżorsi proprji ġodda għandu jkun biżżejjed biex ikopri l-ħlas lura tal-NGEU, filwaqt li kwalunkwe dħul li jibqa' għandu jiffinanzja l-baġit tal-UE, f'konformità mal-prinċipju tal-universalità. Il-kalendarju vinkolanti jirrikjedi li l-Kummissjoni tagħmel proposti sa Ġunju 2021 għal riżorsi proprji ġodda bbażati fuq mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera, fuq imposta diġitali u fuq ETS riveduta (li għandhom jiġu introdotti sal-1 ta' Jannar 2023), u li sa Ġunju 2024, tagħmel proposti dwar riżorsi proprji ġodda addizzjonali li jistgħu jinkludu Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji u kontribuzzjoni finanzjarja marbuta mas-settur korporattiv (possibbilment bażi komuni ġdida għat-taxxa korporattiva). Skont id-Deċiżjoni l-ġdida dwar ir-Riżorsi Proprji adottata fl-14 ta' Diċembru 2020, ir-rifużjonijiet għal ċerti Stati Membri nżammu u l-ispejjeż tal-ġbir żdiedu minn 20% għal 25%.

Wara r-ratifika tagħha mill-Istati Membri kollha sal-31 ta' Mejju 2021, id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji ġiet applikata b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2021.

Wara l-proposti tal-14 ta’ Lulju 2021 għar-reviżjoni tal-EU ETS u l-introduzzjoni ta’ mekkaniżmu ta’ aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri, fit-22 ta’ Diċembru 2021 ġiet ippubblikata proposta għal ġenerazzjoni li jmiss ta’ riżorsi proprji tal-UE. Hija tispeċifika li 25% tad-dħul mill-kwoti tal-ETS irkantati, 75 % tal-introjtu ġġenerat mill-mekkaniżmu ta’ aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri u 15 % tas-sehem tal-profitti residwi riallokati lill-Istati Membri tal-UE skont il-ftehim tal-OECD/G20 dwar it-tassazzjoni korporattiva internazzjonali (l-ewwel pilastru) jitħallsu fil-baġit tal-UE. Fit-23 ta’ Novembru 2022, il-Parlament adotta emendi għall-proposta, li qed tistenna deċiżjoni tal-Kunsill. Il-Parlament adotta wkoll riżoluzzjoni fl-10 ta’ Mejju 2023 li tissuġġerixxi riżorsi proprji ġodda addizzjonali.

Fl-20 ta’ Ġunju 2023, il-Kummissjoni ppubblikat il-proposti tagħha għat-tieni pakkett ta’ riżorsi proprji. Dan kien jinkludi riżorsa proprja statistika temporanja, imħallsa bħala kontribuzzjoni nazzjonali fuq il-profitti tal-kumpanija ta’ 0.5% tal-bażi nozzjonali tal-profitt tal-kumpanija tal-UE (abbażi tas-surplus operatorju gross għas-setturi tal-korporazzjonijiet finanzjarji u mhux finanzjarji, ikkalkulat mill-Eurostat). Eventwalment, dan se jiġi sostitwit b’riżorsa proprja ġenwina bbażata fuq it-tassazzjoni korporattiva, kontribuzzjoni mill-inizjattiva tal-futur Intrapriżi fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT). Il-proposta tipprevedi wkoll żieda fir-rata ta’ ġbir tar-riżorsa proprja tal-ETS minn 25% għal 30%, ġustifikata miż-żieda fil-prezzijiet tal-karbonju. Il-pakkett propost jista’ jirriżulta fi dħul annwali addizzjonali ta’ madwar EUR 23 biljun mill-2024 u EUR 36 biljun mill-2028, li jikkorrispondi għal madwar 18-20 % tad-dħul totali.

Andras Schwarcz
10/2023

# 1.4.2. L-INFIQ TAL-UE

L-infiq tal-baġit huwa approvat b'mod konġunt mill-Kunsill u mill-Parlament. Il-baġit annwali tal-UE jrid jirrispetta l-limiti massimi tal-infiq maqbula fil-kuntest tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għal intestaturi differenti, jiġifieri l-kategoriji ta' nefqa differenti, bħalma huma dawk dwar is-suq uniku, il-koeżjoni u r-riżorsi naturali. L-istrumenti ta' flessibbiltà jiżguraw li l-UE tkun tista' tirreaġixxi f'każ ta' ħtiġijiet mhux previsti. L-użu tal-garanziji baġitarji u tal-istrumenti finanzjarji joħloq effett ta' lieva fir-rigward tal-infiq tal-UE. Minbarra l-QFP, l-infiq totali tal-UE għall-perjodu 2021-2027 jinkludi l-istrument temporanju għall-irkupru Next Generation EU, li se jgħin lill-ekonomija tal-UE tirkupra mill-kriżi tal-COVID-19.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

— L-Artikoli 310-325 u 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikoli 106a, 171-182 u 203 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika;

— Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012;

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ir-Regolament dwar il-QFP);

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19;

— Il-Ftehim Interistituzzjonali (FII) tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda.

## L-OBJETTIV

Il-finanzjament tal-politiki tal-Unjoni Ewropea fil-limiti tad-dixxiplina baġitarja, f'konformità mar-regoli u l-proċeduri fis-seħħ.

## IL-PRINĊIPJI BAŻIĊI

Il-baġit tal-UE jobdi d-disa' regoli ġenerali tal-unità, il-preċiżjoni baġitarja, l-annwalità[1], l-ekwilibriju, l-unità tal-kontijiet (l-euro), l-universalità, l-ispeċifikazzjoni (kull

[1]L-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit għandhom ikunu awtorizzati għal sena finanzjarja li tibda fl-1 ta' Jannar u tintemm fil-31 ta' Diċembru.

approprjazzjoni hi allokata għal tip ta’ nefqa partikolari), il-ġestjoni finanzjarja tajba u t-trasparenza, skont l-Artikoli 6 sa 38 tar-Regolament dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-UE.

Ir-regola tal-annwalità trid tiġi rrikonċiljata mal-ħtieġa li jkunu ġestiti azzjonijiet pluriennali, li żdiedet l-importanza tagħhom fil-baġit. Għalhekk, il-baġit jinkludi approprjazzjonijiet differenzjati li jikkonsistu minn dan li ġej:

- approprjazzjonijiet ta’ impenn, li jkopru n-nefqa totali matul is-sena finanzjarja kurrenti b’rabta mal-obbligi legali kkuntrattati għal attivitajiet li jdumu għaddejjin għadd ta’ snin;
- approprjazzjonijiet ta’ pagament, li jkopru n-nefqa marbuta mal-implimentazzjoni ta’ impenji kkuntrattati matul is-sena finanzjarja kurrenti jew dawk ta’ qabel.

Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta’ Diċembru 2020 jistipula li l-Kummissjoni jeħtieġ li tħejji rapport annwali li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-konsegwenzi finanzjarji u baġitarji ta’ diversi attivitajiet tal-UE, kemm jekk iffinanzjati mill-baġit tal-UE kif ukoll jekk le. Dan ir-rapport irid ikun fih informazzjoni dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-UE, operazzjonijiet varji ta’ għoti u teħid ta’ self - inkluż il-Mekkaniżmu Ewropew ta’ Stabbiltà u l-Faċilità Ewropea ta’ Stabbiltà Finanzjarja (2.6.8) - u mekkaniżmi futuri possibbli oħra. Barra minn hekk, ir-rapport irid jinkludi informazzjoni dwar in-nefqa għall-klima, in-nefqa li tikkontribwixxi għat-twaqqif u t-treġġigħ lura tat-tnaqqis tal-bijodiversità, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti fil-programmi rilevanti kollha tal-UE.

## L-ISTRUTTURA TAL-BAĠIT IBBAŻATA FUQ IL-KARATTERISTIĊI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET

**1.** Nefqa operattiva / nefqa amministrattiva / baġits ta’ attività individwali

Il-baġit ġenerali huwa maqsum f’10 taqsimiet, waħda għal kull istituzzjoni. Filwaqt li t-taqsimiet tal-istituzzjonijiet l-oħra jikkonsistu essenzjalment minn nefqa amministrattiva, it-taqsima tal-Kummissjoni (it-Taqsima III) tikkonsisti minn nefqa operattiva biex tiffinanzja azzjonijiet u programmi u l-ispejjeż amministrattivi marbuta mal-implimentazzjoni tagħhom (l-assistenza teknika, l-aġenziji u r-riżorsi umani). Fl-2022, in-nefqa amministrattiva globali kienet tikkorrispondi għal 6.26 % tal-baġit totali ta’ EUR 169.52 biljun.

Il-Kummissjoni tuża nomenklatura baġitarja li tippreżenta r-riżorsi skont l-oqsma ta’ politika u l-programmi, filwaqt li tallinja l-oqsma tal-programmi ma’ “clusters ta’ programmi”, u b’hekk tagħmilha eħfef li jiġu vvalutati l-ispiża u l-effikaċja ta’ kull politika tal-UE.

**2.** Qafas finanzjarju pluriennali (QFP) (1.4.3)

Sa mill-1988, l-infiq tal-Komunità/UE tqiegħed f’qafas pluriennali, li jaqsam il-baġit f’intestaturi li jikkorrispondu għal oqsma ta’ politika wesgħin, b’limiti massimi ta’ nfiq li jirriflettu l-prijoritajiet baġitarji ewlenin għall-perjodu kopert. L-ewwel perjodu ta’ programmazzjoni dam ħames snin, filwaqt li t-tul ta’ żmien tal-perjodi sussegwenti u tal-perjodu attwali huwa ta’ seba’ snin. Il-baġits annwali jridu jirrispettaw il-limiti stabbiliti fil-qafas pluriennali.

L-infiq totali tal-UE għall-perjodu 2021-2027 jammonta għal EUR 1 824.3 biljun u jikkonsisti minn EUR 1 074.3 biljun għall-QFP u EUR 750 biljun għall-NGEU. Il-baġit

tal-QFP se jkompli jiżdied bl-ammont ta' EUR 11-il biljun bis-saħħa tal-aġġustament speċifiku għall-programm stabbilit fl-Artikolu 5 tar-Regolament dwar il-QFP.

Il-baġit il-ġdid tal-UE jappoġġja l-modernizzazzjoni permezz ta' xi programmi emblematiċi bħalma huma Orizzont Ewropa, InvestEU u l-Fond għall-Ġestjoni tal-Fruntieri, u se jappoġġja t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali permezz tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-programm Ewropa Diġitali.

Il-politika agrikola modernizzata għadha l-akbar politika f'termini ta' allokazzjoni baġitarja, segwita mill-qrib mill-politika ta' koeżjoni u t-tnejn li huma għandhom l-għan li jappoġġjaw it-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi. It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi tqassim tal-baġit 2022 skont l-oqsma ta' politika, kif definiti fil-QFP għall-perjodu 2021-2027.

Baġit tal-UE għall-2022: it-tqassim tal-approprjazzjonijiet ta' impenn f'kategoriji tal-QFP

| Intestatura tal-QFP | EUR biljun | % |
|---|---|---|
| Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali | 21.78 | 12.9% |
| Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri | 56.04 | 33.1% |
| Riżorsi Naturali u Ambjent | 56.24 | 33.2% |
| Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri | 3.09 | 1.8% |
| Sigurtà u Difiża | 1.79 | 1.1% |
| Il-Viċinat u d-Dinja | 17.17 | 10.1% |
| Amministrazzjoni Pubblika Ewropea | 10.62 | 6.3% |
| Strumenti Tematiċi Speċjali | 2.8 | 1.7% |
| Totali | 169.52 | 100.0% |

**3.** L-istrumenti ta' flessibbiltà u l-istrumenti tematiċi speċjali

Minbarra l-infiq ipprogrammat għall-finanzjament tal-politiki tal-UE fil-qafas ta' programmi pluriennali, xi riżorsi finanzjarji ġew riżervati fil-baġit tal-UE f'każ ta' bżonn ta' rispons għal kriżijiet u sitwazzjonijiet mhux mistennija. L-istrumenti ta' flessibbiltà u l-istrumenti tematiċi speċjali jistgħu jintużaw f'każ ta' kriżijiet ekonomiċi (eż. il-FEG - il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni), diżastri naturali, kriżijiet ta' saħħa pubblika u emerġenzi umanitarji (eż. l-SEAR - ir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza) jew ħtiġijiet mhux previsti oħra (eż. l-Istrument ta' Flessibbiltà) fl-Istati Membri tal-UE, fil-pajjiżi kandidati u f'pajjiżi barra mill-UE. Tali finanzjament jippermetti li jiġu koperti ħtiġijiet finanzjarji eċċezzjonali limitati.

## L-ISTRUMENT TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-IRKUPRU - NEXT GENERATION EU (NGEU)

Permezz ta' dan l-istrument, il-Kummissjoni se timmobilizza EUR 750 biljun fi prezzijiet tal-2018, li minnhom, madwar EUR 390 biljun jistgħu jintużaw għall-għotjiet u madwar EUR 360 biljun jistgħu jintużaw għall-għoti ta' self, apparti l-baġit fit-tul għall-perjodu 2021-2027, sabiex jgħinu fil-bini mill-ġdid tal-UE wara l-COVID-19. Il-Kummissjoni se tingħata s-setgħa, skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji[2], li tissellef fondi mis-swieq kapitali f'isem l-UE. Il-ħlas lura tal-kapital ta' tali fondi li għandhom jintużaw għan-nefqa (EUR 390 biljun fi prezzijiet tal-2018) u l-imgħax dovut relatat se

[2]Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea, ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1.

jkollhom jiġu ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-UE, inkluż permezz ta’ dħul suffiċjenti minn riżorsi proprji ġodda introdotti b’mod gradwali mill-2021. (1.4.1)

L-istrument tal-Unjoni Ewropea għall-irkupru għandu jiffoka b’mod partikolari fuq (a) ir-restawr tal-impjiegi u l-ħolqien tal-impjiegi; (b) riformi u investimenti li jagħtu spinta ġdida lill-potenzjal għat-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni fost l-Istati Membri u tiżdied ir-reżiljenza tagħhom; (c) miżuri għan-negozji, speċjalment l-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju, milquta mill-impatt ekonomiku tal-kriżi tal-COVID-19, u t-tisħiħ tat-tkabbir sostenibbli fl-UE, inkluż l-investiment finanzjarju dirett fl-intrapriżi; (d) miżuri għar-riċerka u l-innovazzjoni b’rispons għall-kriżi tal-COVID-19; (e) żieda fil-livell ta’ tħejjija tal-UE għall-kriżijiet u l-kapaċità ta’ rispons tal-UE immedjat u effikaċi f’każ ta’ emerġenzi kbar, inklużi il-kumulazzjoni ta’ riżerva ta’ provvisti u tagħmir mediku essenzjali u l-akkwist tal-infrastruttura meħtieġa għar-rispons rapidu għall-kriżijiet; (f) miżuri biex jiġi żgurat li tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija b’impatt newtrali fuq il-klima ma tiġix ipperikolata mill-kriżi tal-COVID-19; (g) miżuri li jindirizzaw l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali.

Fit-12 ta’ Frar 2021 intlaħaq ftehim dwar il-Faċilità l-ġdida għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) bil-ħsieb li tappoġġja lill-Istati Membri b’investimenti u riformi. Il-faċilità se tqiegħed EUR 672.5 biljun (prezzijiet tal-2018) għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri f’self u għotjiet, li se jiġu implimentati permezz tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (NRRPs). Il-pjanijiet jeħtieġ li jkun fihom riformi u investimenti li jkopru oqsma ta’ politika ewlenin (sitt pilastri[3]), imexxu ’l quddiem it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tas-Semestru Ewropew.

Fil-kuntest tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna, il-Kummissjoni adottat il-komunikazzjoni “REPowerEU” fit-18 ta’ Mejju 2022, li tistabbilixxi strateġija għat-tnaqqis tad-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija Russi. Skont il-valutazzjoni tal-Kummissjoni, strateġija bħal din tkun teħtieġ EUR 210 biljun f’investimenti addizzjonali biex tilħaq l-għan tagħha. B’dak l-għan, il-Kummissjoni pproponiet, fost miżuri oħra[4], li temenda r-Regolament RRF biex tqassam mill-ġdid sa EUR 225 biljun tas-self li jifdal mill-RRF. Il-ħsieb hu li dawn ir-riżorsi jintużaw għall-finanzjament ta’ kapitolu ġdid ta’ NRRPs b’miżuri speċifiċi għad-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija u għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament jikkondividi l-awtorità baġitarja mal-Kunsill, u s-setgħat f’dan il-qasam kienu minn fost dawk tal-ewwel li nkisbu mill-Membri tal-PE fis-snin sebgħin (1.2.5). Is-setgħat baġitarji huma relatati mal-istabbiliment tal-ammont globali u d-distribuzzjoni tal-infiq annwali tal-UE, kif ukoll l-eżerċizzju ta’ kontroll fuq l-implimentazzjoni tal-baġit.

Il-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament huwa responsabbli għan-negozjati dwar il-QFP u l-adozzjoni tal-baġit annwali f’isem il-Parlament u jirrappreżenta l-fehmiet tal-Parlament fin-negozjati mal-Kunsill. Normalment jirnexxilu jreġġa’ lura l-biċċa l-kbira tat-tnaqqis

[3]It-tranżizzjoni ekoloġika; it-trasformazzjoni diġitali; il-koeżjoni ekonomika, il-produttività u l-kompetittività; il-koeżjoni soċjali u territorjali; ir-reżiljenza sanitarja, ekonomika, soċjali u istituzzjonali; il-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss.

[4]REPowerEU tipprevedi wkoll finanzjament ġdid permezz tal-allokazzjoni ta’ EUR 20 biljun ta’ kwoti tal-iskema għall-iskambju ta’ kwoti tal-emissjonijiet (ETS) miżmuma fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq, kif ukoll trasferimenti minn fondi ta’ koeżjoni (sa 12.5 % tal-allokazzjonijiet tal-Istati Membri) u trasferimenti tal-iżvilupp rurali (FAEŻR) (ukoll 12.5 % tal-allokazzjoni tagħhom).

propost mill-Kunsill u jaċċetta żidiet prijoritarji li jirriżultaw mill-emendi tiegħu (għalkemm mhux dejjem tad-daqs inizjali tagħhom).

Fin-negozjati għall-QFP 2021-2027, il-Parlament b'mod partikolari ddefenda u fil-biċċa l-kbira, kiseb (a) żieda tal-limitu massimu tal-QFP u tisħiħ ta' għadd ta' programmi emblematiċi; (b) impenn li jiġu introdotti riżorsi proprji ġodda tal-UE bl-għan li tal-inqas jiġu koperti l-ispejjeż relatati mal-NGEU (kapital u mgħax); (c) ir-rwol tiegħu fl-implimentazzjoni tal-Istrument għall-Irkupru, f'konformità mal-metodu Komunitarju; (d) l-importanza tal-kontribut tal-baġit tal-UE għall-kisba tal-objettivi tal-klima u tal-bijodiversità u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel; (e) l-introduzzjoni tal-mekkaniżmu l-ġdid għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE minn ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt (1.4.3).

Il-Parlament insista wkoll b'mod sistematiku fuq it-trasparenza baġitarja u l-iskrutinju xieraq tal-operazzjonijiet u l-istrumenti kollha ffinanzjati mill-baġit tal-UE.

Il-Parlament huwa l-awtorità ta' kwittanza (l-Artikolu 319 tat-TFUE) li għaliha l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit iħejji l-ħidma kollha dwar l-iskrutinju politiku tal-implimentazzjoni baġitarja (1.4.5). Kull sena, il-proċedura tal-kwittanza tirrifletti l-konklużjonijiet tiegħu fi tmiem proċess dwar il-mod li bih il-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra jkunu użaw il-baġit tal-UE. L-għan tagħha hi li tivverifika jekk l-implimentazzjoni tkunx saret skont ir-regoli rilevanti (il-konformità), inklużi l-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba (il-prestazzjoni).

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament jorganizza laqgħa annwali mal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) (1.3.15) sabiex jifli bir-reqqa l-attivitajiet finanzjarji tiegħu, u jħejji rapport annwali li jivvaluta l-prestazzjoni u r-riżultati tal-passat tal-BEI. Il-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament qablu li jipproduċu rapport annwali li jivvaluta l-azzjonijiet attwali u futuri tal-BEI; huma jalternaw bħala l-kumitat responsabbli. Filwaqt li jqis li l-istrumenti finanzjarji jistgħu jkunu għodda utli sabiex jitkattar l-impatt tal-fondi tal-UE, il-Parlament enfasizza li dawn għandhom jiġu implimentati taħt kundizzjonijiet stretti, billi jiġu evitati riskji baġitarji. Għal dak il-għan, regoli dettaljati għall-użu tal-istrumenti finanzjarji ġew inklużi fir-Regolament Finanzjarju.

Il-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament huma responsabbli b'mod konġunt għall-iskrutinju tal-RRF, permezz ta' Grupp ta' Ħidma u Djalogi dwar l-Irkupru u r-Reżiljenza ta' darbtejn fix-xahar mal-Kummissjoni.

Francisco Padilla Olivares
03/2023

# 1.4.3. QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI

Sal-lum ġew adottati sitt oqfsa finanzjarji pluriennali (QFP), inkluż il-QFP 2021-2027. It-Trattat ta’ Liżbona ttrasforma l-QFP minn ftehim interistituzzjonali għal regolament. Stabbilit għal perjodu ta’ mill-inqas ħames snin, l-għan tal-QFP huwa li jiżgura li n-nefqa tal-UE tiżviluppa b’mod ordnat u fil-limiti tar-riżorsi proprji tagħha. Dan jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet li magħhom irid jikkonforma l-baġit annwali tal-UE. Ir-Regolament dwar il-QFP jistabbilixxi limiti massimi għan-nefqa għall-kategoriji wiesgħa tal-infiq imsejħa intestaturi. Wara l-proposti inizjali tagħha tat-2 ta’ Mejju 2018 u wara t-tifqigħa tal-COVID-19, fis-27 ta’ Mejju 2020 il-Kummissjoni pproponiet pjan ta’ rkupru (NextGenerationEU) li kien jinkludi proposti riveduti għall-QFP 2021-2027 u r-riżorsi proprji, u l-istabbiliment ta’ strument ta’ rkupru b’valur ta’ EUR 750 biljun (fi prezzijiet tal-2018). Il-pakkett ġie adottat fis-16 ta’ Diċembru 2010 wara li seħħew in-negozjati interistituzzjonali. Rieżami tal-funzjonament tal-QFP, u, kif xieraq, proposti għal reviżjoni, huma mistennija sal-1 ta’ Jannar 2024, data li l-Parlament talab li tiġi antiċipata.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

- L-Artikolu 312 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
- Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta’ Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027;
- Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta’ Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19
- Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta’ Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f’materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta’ riżorsi proprji ġodda.

## L-ISFOND

Fis-snin tmenin, inħolqot atmosfera ta’ kunflitt fir-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet minħabba inkompatibbiltà dejjem akbar bejn ir-riżorsi disponibbli u l-ħtiġijiet reali tal-baġit. Il-kunċett ta’ perspettiva finanzjarja pluriennali ġie żviluppat bħala tentattiv biex inaqqas il-kunflitt, iżid id-dixxiplina baġitarja u jtejjeb l-implimentazzjoni permezz ta’ ppjanar aħjar. L-ewwel ftehim interistituzzjonali (FII) għal dan il-għan ġie konkluż fl-1988. Dan kien fih il-perspettiva finanzjarja għall-1988-1992 (magħrufa wkoll bħala l-pakkett Delors I), li kellha l-għan li tforni r-riżorsi meħtieġa għall-implimentazzjoni baġitarja tal-Att Uniku Ewropew. Fid-29 ta’ Ottubru 1993 intlaħaq qbil dwar FII ġdid, flimkien mal-perspettiva finanzjarja għall-1993-1999 (il-pakkett Delors II), li ppermetta l-irduppjar tal-Fondi Strutturali u ż-żieda tal-limitu massimu tar-riżorsi proprji (1.4.1.1). It-tielet FII dwar il-perspettiva finanzjarja għall-2000-2006, magħruf ukoll bħala l-Aġenda 2000, ġie ffirmat fis-6 ta’ Mejju 1999, u wieħed mill-għanijiet ewlenin tiegħu kien li jiżgura r-riżorsi neċessarji għall-finanzjament tat-tkabbir. Il-qbil dwar ir-raba’ FII, li kopra l-perjodu 2007-2013, intlaħaq fis-17 ta’ Mejju 2006.

It-Trattat ta' Lizbona ttrasforma l-QFP minn ftehim interistituzzjonali għal regolament tal-Kunsill li għandu jiġi adottat unanimament, suġġett għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, skond proċedura leġiżlattiva speċjali. Minbarra li jiddetermina "l-ammonti tal-limiti massimi annwali ta' approprjazzjonijiet għal impenji skont il-kategorija tal-infiq u tal-limitu massimu annwali ta' approprjazzjonijiet għall-pagamenti", l-Artikolu 312 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jiddikjara li l-QFP irid ukoll "jistabbilixxi kwalunkwe dispożizzjoni oħra meħtieġa għat-tħaddim tajjeb tal-proċedura annwali tal-baġit".

Il-ħames QFP, li jkopri l-perjodu 2014-2020, kien l-ewwel wieħed li ra tnaqqis fl-ammonti globali f'termini reali. Waħda mill-prekundizzjonijiet tal-Parlament biex jaċċetta l-QFP kienet għalhekk reviżjoni obbligatorja ta' nofs it-terminu li tagħti lok għall-valutazzjoni mill-ġdid u l-aġġustament tal-ħtiġijiet baġitarji matul il-perjodu tal-QFP, jekk dan ikun meħtieġ. Il-ftehim żgura wkoll, *inter alia*, aktar flessibbiltà biex jippermetti l-użu sħiħ tal-ammonti ppjanati u fehim dwar it-triq lejn sistema ġenwina ta' riżorsi proprji għall-UE. Fl-20 ta' Ġunju 2017 ġie adottat QFP rivedut għall-2014-2020 b'appoġġ addizzjonali għall-miżuri relatati mal-migrazzjoni, l-impjiegi u t-tkabbir. L-Istrument ta' Flessibbiltà u r-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza ġew imsaħħa wkoll, u dan ippermetta li aktar fondi jiġu trasferiti aktar faċilment bejn l-intestaturi u s-snin tal-baġit, sabiex tkun possibbli reazzjoni għal avvenimenti mhux previsti u għal prijoritajiet ġodda.

## IL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI 2021-2027

Fit-2 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat proposti leġiżlattivi għal QFP li jkopri s-snin mill-2021 sal-2027. Il-proposta tal-Kummissjoni kienet tammonta għal EUR 1 134.6 biljun (fi prezzijiet tal-2018) f'approprjazzjonijiet ta' impenn, li jirrappreżentaw 1.11% tal-ING tal-UE-27. Din kien fiha, fost oħrajn, żidiet għall-ġestjoni tal-fruntieri, il-migrazzjoni, is-sigurtà, id-difiża, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u r-riċerka. Ġie propost tnaqqis b'mod partikolari għall-politika ta' koeżjoni u dik agrikola. L-arkitettura ġenerali kellha tiġi razzjonalizzata (37 programm ta' nefqa minflok 58) u l-Kummissjoni pproponiet sett ta' strumenti speċjali barra mil-limiti massimi tal-QFP biex tittejjeb il-flessibbiltà fl-ibbaġitjar tal-UE. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) se jkun integrat fil-QFP. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li timmodernizza s-sistema tad-dħul, bl-introduzzjoni ta' diversi kategoriji ġodda ta' riżorsi proprji.

Fl-14 ta' Marzu 2018 u fit-30 ta' Mejju 2018 il-Parlament adotta riżoluzzjonijiet dwar il-QFP għall-2021-2027. Fl-14 ta' Novembru 2018, il-Parlament kompla jiddeskrivi l-mandat ta' negozjar tiegħu, inklużi l-emendi għar-Regolament dwar il-QFP u għall-proposti għall-FII, u ġabra sħiħa ta' ċifri bi tqassim skont l-intestatura u l-programm. Huwa speċifika li l-limitu massimu tal-QFP għall-impenji għandu jiżdied mill-1.0% (għall-UE-28) għall-1.3% tal-ING tal-UE (għall-UE-27), jiġifieri EUR 1 324 biljun (fi prezzijiet tal-2018), li jikkorrispondu għal żieda ta' 16.7% fuq il-proposta tal-Kummissjoni. L-allokazzjonijiet għall-politika agrikola komuni u l-politika ta' koeżjoni għandhom jibqgħu l-istess f'termini reali, filwaqt li diversi prijoritajiet – inklużi Orizzont Ewropa, Erasmus + u LIFE – għandhom jissaħħu aktar; għandhom jinħolqu Garanzija għat-Tfal ġdida (EUR 5.9 biljun) u Fond għal Tranżizzjoni Enerġetika ġdid (EUR 4.8 biljun); il-finanzjament għall-aġenziji deċentralizzati involuti fil-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri għandu jiżdied b'aktar minn erba' darbiet (għal aktar minn EUR 12-il biljun). Il-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE għall-ilħuq tal-objettivi klimatiċi għandha tiġi stabbilita fuq minimu ta' 25% tan-nefqa tal-QFP għall-2021-2027, tiġi integrata fl-oqsma ta' politika

rilevanti kollha, u tiżdied għal 30% sa mhux aktar tard mill-2027. Ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP għandha tkun obbligatorja.

Fit-30 ta' Novembru 2018 u fil-5 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill ippubblika abbozz ta' "kaxxa ta' negozjar", li tinkludi wkoll kwistjonijiet orizzontali u settorjali li normalment jaqgħu taħt il-programmi ta' nfiq suġġetti għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja (li safa kkritikat mill-Parlament)[1]. Il-Kunsill kien favur ammont globali tal-QFP ta' EUR 1 087 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn, fi prezzijiet tal-2018 (1.07% tal-ING tal-UE-27), ferm aktar baxx mill-aspettattivi tal-Parlament.

Fl-10 ta' Ottubru 2019 u fit-13 ta' Mejju 2020, il-Parlament aġġorna l-mandat tiegħu wara l-elezzjonijiet Ewropej u talab lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal pjan ta' kontinġenza tal-QFP biex tipprovdi xibka ta' sikurezza biex tipproteġi l-benefiċjarji tal-programmi tal-Unjoni f'każ li jkun hemm bżonn li l-QFP attwali jiġi estiż, fid-dawl tan-nuqqas ta' qbil fi ħdan il-Kunsill Ewropew.

Sadattant, fl-14 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni ressqet proposta għal Fond għal Tranżizzjoni Ġusta bħala element addizzjonali fil-pakkett ta' proposti għall-QFP, bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19 u l-effetti ekonomiċi serji tal-lockdowns meħtieġa, il-Kummissjoni ppubblikat proposti emendati fis-27 u t-28 ta' Mejju 2020[2] għal QFP ta' EUR 1 100 biljun u strument ta' rkupru addizzjonali, NextGenerationEU (NGEU)[3], b'valur ta' EUR 750 biljun (fi prezzijiet tal-2018), li minnhom EUR 500 biljun se jitħallsu fil-forma ta' għotjiet u EUR 250 biljun fil-forma ta' self. Il-pakkett kien jinvolvi proposti leġiżlattivi għal strumenti finanzjarji ġodda kif ukoll bidliet għall-programmi tal-QFP diġà mressqa. Il-finanzjament tal-pakkett addizzjonali kellu jiġi żgurat billi jittieħed self fis-swieq finanzjarji. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni emendat ukoll il-proposta għal Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji biex tippermetti s-self sas-somma ta' EUR 750 biljun. Finalment, il-pakkett tal-Kummissjoni kien jinkludi żieda ta' EUR 11.5 miljun fil-limitu massimu għall-impenji għas-sena 2020 fi ħdan il-QFP 2014-2020, bil-għan li jiġi mobilizzat l-appoġġ qabel il-QFP il-ġdid.

Fil-21 ta' Lulju 2020, il-Kunsill Ewropew adotta konklużjonijiet[4] dwar l-isforz ta' rkupru (NextGenerationEU), il-QFP 2021-2027, u r-riżorsi proprji. Sforz ta' rkupru fl-ammont ta' EUR 750 biljun ġie approvat għas-snin 2021-2023. Madankollu, il-komponent tal-għotjiet tnaqqas minn EUR 500 biljun għal EUR 390 biljun u dak tas-self żdied minn EUR 250 biljun għal EUR 360 biljun. Il-Kunsill Ewropew irrifjuta r-reviżjoni 'l fuq tal-limitu massimu tal-QFP għas-sena 2020. Il-limitu massimu globali għall-impenji fil-QFP 2021-2027 ġie stabbilit f'EUR 1 074.3 biljun. Barra minn hekk, il-konklużjonijiet iddikjaraw li kien ser jiġi introdott reġim ta' kondizzjonalità biex jiġu protetti l-baġit u l-NGEU. Mill-1 ta' Jannar 2021 intlaħaq qbil dwar riżorsa proprja ġdida bbażata fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat u kienet ippjanata ħidma favur l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji oħra matul il-QFP 2021-2027, biex jintużaw għall-ħlasijiet lura bikrija tas-self fil-qafas tan-NGEU. Il-bażi ġuridika proposta tal-NGEU kienet l-Artikolu 122 tat-TFUE, li jippermetti lill-UE tistabbilixxi miżuri xierqa għas-sitwazzjoni ekonomika b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill, mingħajr ma jiġi involut il-Parlament fil-proċedura leġiżlattiva.

---

[1]Ara, pereżempju, il-paragrafi 14-16 tar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2019.
[2]Il-baġit tal-UE jmexxi l-pjan ta' rkupru għall-Ewropa.
[3]Proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea insostenn tal-irkupru wara l-pandemija tal-COVID-19.
[4]Laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew (is-17, it-18, id-19, l-20 u l-21 ta' Lulju 2020) – Konklużjonijiet.

Il-Parlament immedjatament irreaġixxa għal dawn il-konklużjonijiet f'riżoluzzjoni adottata fit-23 ta' Lulju 2020, li fiha talab il-ħolqien tal-istrument ta' rkupru bħala att storiku, iżda ddeplora t-tnaqqis li sar għal programmi orjentati lejn il-futur. Insista li żidiet immirati flimkien maċ-ċifri proposti mill-Kunsill Ewropew iridu jiffokaw fuq programmi relatati mal-klima, it-tranżizzjoni diġitali, is-saħħa, iż-żgħażagħ, il-kultura, l-infrastruttura, ir-riċerka, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-solidarjetà. Barra minn hekk, huwa tenna li mhux se jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-QFP mingħajr ftehim dwar ir-riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE, bil-għan li tal-inqas jiġu koperti l-ispejjeż relatati mal-NGEU (il-kapital u l-interess), sabiex jiġu żgurati l-kredibbiltà u s-sostenibbiltà tiegħu. Il-Parlament talab ukoll, bħala parti mill-awtorità baġitarja, li jkun involut bis-sħiħ fl-istrument ta' rkupru, f'konformità mal-metodu Komunitarju.

It-taħditiet trilaterali bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni bdew f'Awwissu 2020 u ġew konklużi fl-10 ta' Novembru 2020. Ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-QFP 2021-2027 ġie adottat fis-17 ta' Diċembru, wara l-approvazzjoni tal-Parlament.

Is-27 Stat Membru kollha rratifikaw id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji sal-31 ta' Mejju 2021, u dan ippermetta lill-UE tibda toħroġ dejn fis-swieq kapitali taħt l-NGEU.

Mekkaniżmu ġdid li jipproteġi l-baġit tal-UE minn ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt, li jikkostitwixxi kundizzjoni oħra stabbilita mill-Parlament għall-approvazzjoni tiegħu, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021.

Qafas finanzjarju pluriennali (UE-27) (EUR miljun, prezzijiet tal-2018)

| Approprjazzjonijiet ta' impenn | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | Total 2021-2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. Suq uniku, innovazzjoni u diġitali | 19 712 | 19 666 | 19 133 | 18 633 | 18 518 | 18 646 | 18 473 | 132 781 |
| 2. Koeżjoni, reżiljenza u valuri | 49 741 | 51 101 | 52 194 | 53 954 | 55 182 | 56 787 | 58 809 | 377 768 |
| 2a. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 45 411 | 45 951 | 46 493 | 47 130 | 47 770 | 48 414 | 49 066 | 330 235 |
| 2b. Reżiljenza u valuri | 4 330 | 5 150 | 5 701 | 6 824 | 7 412 | 8 373 | 9 743 | 47 533 |
| 3. Riżorsi naturali u ambjent | 55 242 | 52 214 | 51 489 | 50 617 | 49 719 | 48 932 | 48 161 | 356 374 |
| li minnhom: nfiq marbut mas-suq u ħlasijiet diretti | 38 564 | 38 115 | 37 604 | 36 983 | 36 373 | 35 772 | 35 183 | 258 594 |
| 4. Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri | 2 324 | 2 811 | 3 164 | 3 282 | 3 672 | 3 682 | 3 736 | 22 671 |
| 5. Sigurtà u difiża | 1 700 | 1 725 | 1 737 | 1 754 | 1 928 | 2 078 | 2 263 | 13 185 |
| 6. Viċinat u d-dinja | 15 309 | 15 522 | 14 789 | 14 056 | 13 323 | 12 592 | 12 828 | 98 419 |
| 7. Amministrazzjoni pubblika Ewropea | 10 021 | 10 215 | 10 342 | 10 454 | 10 554 | 10 673 | 10 843 | 73 102 |
| li minnhom: nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet | 7 742 | 7 878 | 7 945 | 7 997 | 8 025 | 8 077 | 8 188 | 55 852 |
| TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN | 154 049 | 153 254 | 152 848 | 152 750 | 152 896 | 153 390 | 155 113 | 1 074 300 |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA’ PAGAMENT | 156 557 | 154 822 | 149 936 | 149 936 | 149 936 | 149 936 | 149 936 | 1 061 058 |

Il-qbil politiku jkopri mhux biss il-QFP 2021-2027, iżda wkoll is-sistema futura tar-riżorsi proprji u l-miżuri ta’ sostenn għall-NGEU, l-istrument għall-irkupru l-ġdid. Minbarra r-Regolament QFP tas-17 ta’ Diċembru 2020, il-kompromess huwa rifless fi ftehim interistituzzjonali (FII) u sett ta’ dikjarazzjonijiet konġunti.

Il-Parlament irnexxielu jiggarantixxi b’mod partikolari:

— Ammont addizzjonali ta’ EUR 15-il biljun meta mqabbel mal-proposta ta’ Lulju 2020, għall-programmi ewlenin: Orrizont Ewropa, Erasmus+, il-programm l-UE għas-Saħħa, InvestEU, il-Fond għall-Ġestjoni tal-Fruntieri, l-Istrument ta’ Viċinat, ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta’ Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI), l-Għajnuna Umanitarja, il-programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri, Ewropa Kreattiva ;

— Pjan direzzjonali legalment vinkolanti għall-introduzzjoni ta’ riżorsi proprji ġodda tal-UE;

— Żieda progressiva tal-limitu massimu kumplessiv għall-QFP 2021-2027 minn EUR 1 074.3 biljun għal EUR 1 085.3 biljun fi prezzijiet tal-2018 (spjegazzjoni hawn isfel);

— Ammont addizzjonali ta’ EUR 1 biljun għall-Istrument ta’ Flessibbiltà;

— Pass proċedurali ġdid (il-“proċedura ta’ skrutinju baġitarju”) għall-istabbiliment ta’ mekkaniżmi futuri għal kriżi bbażati fuq l-Artikolu 122 tat-TFUE, b’implikazzjonijiet baġitarji potenzjalment sinifikanti;

— L-involviment tal-Parlament fl-użu tad-dħul assenjat estern (EAR) tal-NGEU, rivalutazzjoni ġenerali tal-EAR u l-għoti u t-teħid b’self fir-reviżjoni li jmiss tar-Regolament Finanzjarju, u tal-arranġamenti għall-kooperazzjoni fin-negozjati futuri tal-QFP;

— Metodoloġija mtejba li tittraċċa l-klima biex tintlaħaq il-mira ta’ mill-inqas 30% tan-nefqa tal-QFP/NGEU biex jiġu appoġġati l-objettivi klimatiċi[5];

— Mira annwali ġdida tal-bijodiversità (7.5% fl-2024 u 10% fl-2026 u fl-2027) u t-tfassil ta’ metodoloġija biex titkejjel in-nefqa relevanti għall-ġeneru;

— Riforma tal-ġbir, il-kwalità u l-komparabbiltà tad-data dwar il-benefiċjarji sabiex il-baġit tal-UE jiġi protett aħjar, inkluża n-nefqa tal-NGEU.

Komponenti oħra tal-QFP 2021-2027 li jikkorrispondu għall-prijoritajiet tal-Parlament jinkludu:

— L-integrazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fil-baġit tal-UE;

— Il-livelli globali ta’ finanzjament għall-agrikoltura u l-koeżjoni ta’ daqs komparabbli għall-2014-2020;

— Il-ħolqien tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

Is-sors ewlieni għaż-żidiet (EUR 11-il biljun) jiġi minn mekkaniżmu ġdid marbut mal-multi miġbura mill-Unjoni u jirriżulta f’allokazzjonijiet addizzjonali awtomatiċi għall-

[5]Fil-21 ta’ Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppubblikat l-approċċ tagħha għall-integrazzjoni tal-klima fil-QFP 2021-2027 u l-NGEU f’dokument ta’ ħidma tal-persunal.

programmi kkonċernati fl-2022-2027. Il-limitu massimu globali ta' seba' snin tal-QFP għalhekk se jilħaq EUR 1 085.3 biljun fi prezzijiet tal-2018 b'mod inkrementali, jiġifieri EUR 2 biljun ogħla f'termini reali mil-limitu ekwivalenti tal-QFP 2014-2020 (EUR 1 083.3 biljun fi prezzijiet tal-2018 mingħajr ir-Renju Unit, u bil-FEŻ). Żidiet ulterjuri (EUR 2.5 biljun) jiġu minn bilanċi li jibqgħu mhux allokati fil-limiti massimi stabbiliti mill-Kunsill Ewropew. EUR 1 biljun jiġi minn rimborżi mill-Faċilità ta' Investiment tal-AKP (Fond Ewropew għall-Iżvilupp) għall-benefiċċju tal-NDICI. EUR 0.5 biljun jiġi minn approprjazzjonijiet diżimpenjati fil-qasam tar-riċerka għall-benefiċċju ta' Orizzont Ewropa (l-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju).

Skont il-FII, il-ħlasijiet lura u l-interessi tal-irkupru tad-dejn għandhom jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-UE taħt il-limiti massimi tal-QFP għall-perjodu 2021-2027, "inkluż permezz ta' dħul suffiċjenti minn riżorsi proprji ġodda introdotti wara l-2021". Dan mingħajr preġudizzju għal kif din il-kwistjoni se tiġi indirizzata fil-QFP futuri mill-2028 'l hemm u l-mira espressa li jiġu ppreservati l-programmi u l-fondi tal-UE.

Fit-22 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni pproponiet riżorsi proprji ġodda u emenda mmirata tar-Regolament QFP. Il-Parlament adotta riżoluzzjoni interim dwar din l-emenda fit-13 ta' Settembru 2022. L-emenda hija mmirata, fost affarijiet oħra, biex jiġi introdott mekkaniżmu ġdid li jippermetti li l-limiti massimi jiżdiedu b'mod awtomatiku sabiex jakkomodaw kwalunkwe dħul addizzjonali li jirriżulta minn riżorsi proprji ġodda għall-ħlas lura bikri tad-dejn ta' NextGenerationEU.

Il-Kummissjoni ddikjarat li sal-1 ta' Jannar 2024[6] se tippreżenta rieżami tal-funzjonament tal-QFP u, jekk ikun il-każ, tressaq proposti ta' reviżjoni. Fil-Komunikazzjoni tagħha tat-18 ta' Mejju 2022 dwar l-għajnuna lill-Ukrajna u r-rikostruzzjoni tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li "dawn il-ħtiġijiet mhux previsti maħluqa mill-gwerra fl-Ewropa jmorru lil hinn mill-mezzi disponibbli fil-qafas finanzjarju pluriennali attwali". ".

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2022/2496 emenda l-QFP bħala parti minn pakkett adottat mill-Parlament fl-24 ta' Novembru 2022, skont proċedura ta' urġenza. Dan jestendi l-kopertura baġitarja attwalment applikabbli għas-self lill-Istati Membri għal self ta' assistenza makrofinanzjarja lill-Ukrajna, għas-snin 2023 u 2024: f'każ ta' inadempjenza, l-ammonti meħtieġa jiġu mmobilizzati lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, sal-limiti tal-limitu massimu tar-riżorsi proprji (mill-hekk imsejjaħ marġni ta' manuvra). Total ta' EUR 18-biljun f'assistenza makrofinanzjarja huwa mistenni li jiġi pprovdut lill-Ukrajna fl-2023.

Fid-19 ta' Mejju 2022, il-Parlament talab "proposta leġiżlattiva għal reviżjoni komprensiva tal-QFP mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-ewwel trimestru tal-2023". Biex jistabbilixxi l-aġenda, fil-15 ta' Diċembru 2022, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar "It-titjib tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027:baġit reżiljenti tal-UE adattat għal sfidi ġodda", li jistabbilixxi t-talbiet ewlenin tagħha:

— Flessibbiltà suffiċjenti u kapaċità ta' rispons għall-kriżijiet,

— Riżorsi addizzjonali biex jiġu ffinanzjati ambizzjonijiet ġodda ta' politika jew biex jagħmlu tajjeb għan-nuqqas ta' finanzjament eżistenti,

[6]Dan ġie kkonfermat fl-Ittra ta' Intenzjoni tal-2022 dwar l-Istat tal-Unjoni tal-14 ta' Settembru 2022 indirizzata mill-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill.

— It-tqegħid tal-ħlas lura tad-dejn tan-NextGenerationEU lil hinn mil-limiti massimi tal-infiq biex titnaqqas il-pressjoni miż-żieda fir-rati tal-imgħax, jiġu salvagwardjati l-programmi u jinħoloq spazju biex il-baġit jirrispondi meta jkun meħtieġ.

Għal aktar informazzjoni dwar dan is-suġġett, żur is-sit web tal-Kumitat għall-Baġits.

Alix Delasnerie
04/2023

# 1.4.4. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT

Il-Kummissjoni, soġġetta għall-kontroll politiku tal-Parlament Ewropew, timplimenta l-baġit fuq ir-responsabbiltà tagħha stess b'kooperazzjoni mal-Istati Membri.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

— L-Artikoli 290, 291, 317, 318, 319, 321, 322 u 323 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 179 tat-Trattat Euratom;

— Ir-Regolament Finanzjarju, jiġifieri r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni;

— Il-Ftehim Interistituzzjonali (FII) tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda.

## L-OBJETTIVI

Il-Kummissjoni hija responsabbli għall-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa tal-baġit b'konformità mat-Trattati, skont id-dispożizzjonijiet u l-istruzzjonijiet stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, u fil-limitu tal-approprjazzjonijiet awtorizzati (1.4.3).

L-Istati Membri jikkooperaw mal-Kummissjoni biex jiżguraw li l-approprjazzjonijiet jintużaw skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda, jiġifieri ekonomija, effiċjenza u effikaċja.

## DESKRIZZJONI

**A.** Mekkaniżmu bażiku

L-implimentazzjoni tal-baġit hija magħmula minn żewġ operazzjonijiet prinċipali: l-impenji u l-ħlasijiet. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-impenn ta' nfiq, tittieħed deċiżjoni biex jintuża ammont partikolari ta' linja baġitarja speċifika biex tiġi ffinanzjata attività speċifika. Ladarba l-impenji legali korrispondenti (eż. kuntratti) jiġu stabbiliti u tkun saret l-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' servizzi, xogħol jew provvisti, tiġi awtorizzata n-nefqa u jitħallsu l-ammonti dovuti.

**B.** Metodi ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista' timplimenta l-baġit bi kwalunkwe wieħed mill-modi li ġejjin:

— Direttament ("ġestjoni diretta") permezz tad-dipartimenti tagħha, jew permezz ta' aġenziji eżekuttivi;

— B'mod konġunt mal-Istati Membri ("ġestjoni kondiviża");

— Indirettament ("ġestjoni indiretta"), billi l-implimentazzjoni tal-baġit tiġi fdata lil entitajiet u persuni, eż. pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u oħrajn.

Fil-prattika, madwar 70 % tal-baġit jintnefaq permezz ta' "ġestjoni kondiviża" (bl-Istati Membri jqassmu l-fondi u jiġġestixxu n-nefqa), madwar 20 % permezz ta' "ġestjoni diretta" mill-Kummissjoni jew l-aġenziji eżekuttivi tagħha, u l-10 % li jifdal permezz ta' "ġestjoni indiretta"[1].

Is-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja tipprovdi informazzjoni dwar il-benefiċjarji tal-fondi ġestiti direttament mill-Kummissjoni. Min-naħa l-oħra, kull Stat Membru huwa responsabbli għall-pubblikazzjoni tad-data dwar il-benefiċjarji tal-fondi li jamministra taħt ġestjoni indiretta u kondiviża.

L-Artikolu 317 tat-TFUE jispeċifika li l-Kummissjoni jeħtiġilha timplimenta l-baġit f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u li r-regolamenti magħmula skont l-Artikolu 322 tat-TFUE jridu jistabbilixxu l-obbligi ta' kontroll u ta' awditu tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-baġit kif ukoll ir-responsabbiltajiet li joħorġu minn dan.

Barra minn hekk, fil-kuntest usa' tal-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE, l-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet li jirregolaw is-setgħat delegati u s-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni u, b'mod partikolari, il-kontroll eżerċitat fuq il-Kummissjoni f'dan ir-rigward mill-Istati Membri, mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew.

Skont l-Artikolu 290 tat-TFUE, att leġiżlattiv jista' jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti mhux leġiżlattivi sabiex jissupplimentaw "ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv". Il-Parlament u l-Kunsill għandhom id-dritt jirrevokaw tali delega ta' setgħat lill-Kummissjoni, jew joġġezzjonaw għaliha, biex b'hekk ma jħalluhiex tidħol fis-seħħ.

L-Artikolu 291 tat-TFUE jirregola s-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni. Filwaqt li l-Artikolu 291(1) jistabbilixxi li l-Istati Membri huma responsabbli għall-adozzjoni tal-miżuri kollha tad-dritt nazzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti, l-Artikolu 291(2) jipprevedi li dawn l-atti jagħtu setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni jew, fil-każijiet tal-Artikoli 24 u 26 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), lill-Kunsill, meta "jkun hemm bżonn ta' kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti". Skont l-Artikolu 291(3) tat-TFUE, il-Parlament u l-Kunsill jistabbilixxu, permezz ta' regolamenti, ir-regoli li jikkonċernaw il-modalitajiet ta' kontroll tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni.

Fl-2020, l-istituzzjonijiet qablu dwar FII ġdid "dwar kooperazzjoni baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar ir-riżorsi proprji l-ġodda, inkluż pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda". Adottat b'mod parallel mar-Regolament dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għall-2021-2027, l-għan tiegħu mhuwiex biss li jiżgura l-kooperazzjoni kontinwa bejn l-istituzzjonijiet dwar kwistjonijiet baġitarji, iżda wkoll li jtejjeb il-proċedura baġitarja annwali tal-Unjoni u, permezz ta' pjan direzzjonali stabbilit f'anness, jiffaċilita l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda għall-UE taħt dan il-QFP.

L-Artikolu 291 tat-TFUE huwa ssupplimentat bir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni. Dan il-kontroll huwa eżerċitat permezz tal-kumitati magħmula mir-rappreżentanti tal-Istati Membri u ppreseduti minn rappreżentant tal-

[1]Data pprovduta għall-2021-2027 mid-Direttorat Ġenerali għall-Baġit tal-Kummissjoni.

Kummissjoni. Ir-Regolament jippreskrivi żewġ tipi ġodda ta' proċedura, applikabbli skont il-kamp ta' applikazzjoni tal-att inkwistjoni: skont il-proċedura ta' eżami, il-Kummissjoni ma tistax tadotta l-miżura jekk il-kumitat jagħti opinjoni negattiva; skont il-proċedura konsultattiva, il-Kummissjoni obbligata tagħti "l-akbar konsiderazzjoni" għall-konklużjonijiet tal-kumitati, iżda mhijiex marbuta bl-opinjoni.

L-Istati Membri li jimplimentaw il-baġit b'mod skorrett huma sanzjonati skont il-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet u fil-kuntest tal-kontrolli tal-eliġibbiltà: wara verifiki mwettqa mill-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri, id-dħul li l-gvernijiet nazzjonali jirċievu mill-baġit tal-UE huwa kkumpensat b'talba għal ħlas lura ta' fondi mħallsa indebitament. Id-deċiżjonijiet dwar tali korrezzjonijiet jittieħdu mill-Kummissjoni skont il-proċeduri msemmija qabel għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni (1.4.5).

Il-Qorti tal-Awdituri spiss ikkritikat l-implimentazzjoni tal-baġit f'ċerti setturi partikolari (1.3.12).

## C. Regoli ta' implimentazzjoni

Ir-Regolament Finanzjarju fih il-prinċipji u r-regoli kollha li jirregolaw l-implimentazzjoni tal-baġit. Huwa għandu karattru orizzontali, minħabba li huwa applikabbli għall-oqsma kollha ta' nfiq u għad-dħul kollu. Regoli ulterjuri applikabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit jinsabu fir-regolamenti marbuta mas-setturi, li jkopru politiki partikolari tal-UE.

L-ewwel Regolament Finanzjarju kien oriġinarjament adottat fil-21 ta' Diċembru 1977. F'Settembru 2016, il-Kummissjoni ressqet proposta għal Regolament Finanzjarju ġdid li jissostitwixxi lil dak preċedenti (flimkien mar-Regoli ta' Applikazzjoni tiegħu), kif ukoll jemenda 14-il regolament settorjali ieħor u deċiżjoni li kull waħda minnhom ikollha regoli finanzjarji. L-objettivi ddikjarati tal-proposta kienu li jkun hemm ġabra unika ta' regoli, li jiġu simplifikati r-regoli finanzjarji tal-UE u li dawn isiru aktar flessibbli. Il-Kumitat għall-Baġits flimkien mal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit kienu l-kumitati responsabbli fil-Parlament. Il-proċess leġiżlattiv dam għaddej sa Lulju 2018, meta l-Parlament adotta t-test maqbul fis-sessjoni plenarja[2]. Ir-Regolament Finanzjarju mbagħad ġie ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali fit-30 ta' Lulju 2018 u daħal fis-seħħ fit-2 ta' Awissu 2018. Madankollu, il-biċċa l-kbira tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid dwar l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet amministrattivi tal-istituzzjonijiet Ewropej ma kinux daħlu fis-seħħ qabel l-1 ta' Jannar 2019[3].

L-istrument prinċipali tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit, u s-sorveljanza tal-eżekuzzjoni tiegħu, huwa s-sistema tal-kontabbiltà kompjuterizzata ABAC (kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti). Il-Kummissjoni ħadet azzjoni biex tilħaq l-ogħla standards internazzjonali fil-kontabbiltà, b'mod partikolari l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku stabbiliti mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC). Il-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE applikabbli għall-kuntratti tal-akkwist pubbliku (provvista, xogħol u servizzi 2.1.10) hija aspett importanti tal-implimentazzjoni tal-baġit. Barra minn hekk, is-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES) issaħħaħ il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Din tippermetti l-identifikazzjoni bikrija, l-esklużjoni u l-penali finanzjarja ta' persuni u

[2]Il-Kunsill imbagħad adotta l-att fl-istess xahar.
[3]L-Artikolu 282(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid.

entitajiet mhux affidabbli li japplikaw għal fondi tal-UE jew li jkunu daħlu f'impenji legali mal-Kummissjoni jew ma' istituzzjonijiet oħra[4].

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

L-ewwel nett, bħala wieħed miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja, il-Parlament jinfluwenza minn qabel l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE permezz tal-emendi magħmula u d-deċiżjonijiet meħuda fil-kuntest tal-proċedura baġitarja (1.2.5) dwar l-allokazzjoni tal-fondi. Il-Parlament jista' jiddeċiedi li jirrikorri għall-mekkaniżmu ta' riżerva baġitarja fejn, jekk ikollu xi dubji rigward il-ġustifikazzjoni tal-infiq jew tal-kapaċità tal-Kummissjoni li timplimentah, il-Parlament jista' jiddeċiedi li jqiegħed il-fondi mitluba f'riżerva sakemm il-Kummissjoni tipprovdi evidenza adegwata. Tali evidenza tiġi pprovduta bħala parti mir-rikjesta għal trasferiment tal-fondi mir-riżerva. Il-proposti għal trasferimenti jridu jkunu approvati kemm mill-Parlament kif ukoll mill-Kunsill. L-approprjazzjonijiet ma jistgħux jiġu implimentati qabel ma jkunu trasferiti mir-riżerva għal-linja baġitarja rilevanti.

It-tieni nett, il-proċedura ta' kwittanza (1.4.5) tippermetti lill-Parlament jikkontrolla l-implimentazzjoni tal-baġit attwali. Minkejja li l-parti l-kbira tikkonċerna l-perjodu tal-kwittanza, ħafna mill-mistoqsijiet li jsiru lill-Kummissjoni min-naħa tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament – fl-ambitu tal-proċedura ta' kwittanza – jirrigwardaw l-implimentazzjoni tal-baġit attwali. Ir-riżoluzzjoni dwar il-kwittanza, li hija parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza, fiha bosta obbligi u rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Kummissjoni u lil entitajiet oħra involuti fl-implimentazzjoni tal-baġit.

Skont it-Trattat ta' Lisbona, il-Parlament, flimkien mal-Kunsill, huwa responsabbli għall-istabbiliment tar-"regoli finanzjarji li jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura li għandha tiġi adottata għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit u għall-preżentazzjoni u l-verifika tal-kontijiet" (Artikolu 322(1) tat-TFUE).

Barra minn hekk, fi kważi l-oqsma politiċi kollha, il-Parlament jinfluwenza l-implimentazzjoni tal-baġit permezz tal-attivitajiet leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi tiegħu, pereżempju permezz ta' rapporti u riżoluzzjonijiet jew sempliċiment billi jindirizza mistoqsijiet orali jew bil-miktub lill-Kummissjoni.

F'dawn l-aħħar ftit snin, il-Parlament saħħaħ il-kontroll politiku tiegħu fuq il-Kummissjoni billi introduċa strumenti li jippermettu skambju ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-fondi u l-ammont tal-impenji pendenti (jiġifieri impenji ġuridiċi li għadhom ma ġewx onorati bi ħlas). Dawn jistgħu jsiru problematiċi jekk jakkumulaw fuq perjodi itwal, u għalhekk il-Parlament qiegħed jitfa' pressjoni fuq il-Kummissjoni biex iżżommhom taħt kontroll.

Qed jiġu żviluppati strumenti ġodda biex ikun jista' jsir monitoraġġ aħjar tal-proċess tal-implimentazzjoni u jitjieb il-valur għall-flus tal-programmi tal-UE. Għal dan l-iskop, il-Parlament jitlob Dikjarazzjonijiet ta' Attività ta' kwalità għolja (imħejjija mill-Kummissjoni fil-qafas tad-dokumenti ta' ħidma tagħha dwar l-abbozz preliminari tal-baġit ġenerali) u l-preżentazzjoni regolari tal-analiżi tal-kosteffettività għal programmi tal-UE.

Għal aktar informazzjoni dwar dan is-suġġett, jekk jogħġbok żur is-sit web tal-Kumitat għall-Baġits.

---

[4]Hija rregolata mir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data.

Stefan Schulz
04/2023

# 1.4.5. IL-KONTROLL BAĠITARJU

Kull istituzzjoni tal-UE u l-Istati Membri jagħmlu skrutinju tal-baġit tal-UE. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Parlament Ewropew iwettqu kontrolli dettaljati f'diversi livelli. Kull sena, il-Parlament jagħmel skrutinju tal-implimentazzjoni tal-baġit bil-għan li jagħti kwittanza lill-Kummissjoni, lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE u lill-aġenziji deċentralizzati tal-UE.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

— L-Artikoli 287, 317, 318, 319, 322 u 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE);

— Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE, u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ara b'mod partikolari t-Titolu II, il-Kapitolu 7 dwar il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja u l-prestazzjoni tajba u t-Titolu XIV dwar awditjar estern u l-kwittanza);

— Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, Parti III;

— Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, Titolu II, Kapitolu 6, Artikoli 99, 100 u 104; Titolu V, Kapitolu 2, Artikolu 134; Anness V:

## L-OBJETTIVI

Għandhom jiġu żgurati l-legalità, il-preċiżjoni u l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-operazzjonijiet baġitarji u tas-sistemi ta' kontroll finanzjarju, kif ukoll il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-UE (ekonomija, effiċjenza u effikaċja), u, fir-rigward tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Parlament Ewropew, għandu jiġi żgurat li dawn l-objettivi jintlaħqu (kriterji tal-prestazzjoni).

## IL-KISBIET

### A. Il-kontroll fil-livell nazzjonali

Il-kontroll inizjali tad-dħul u l-infiq isir fil-parti l-kbira tiegħu mill-awtoritajiet nazzjonali. Dawn żammew is-setgħat tagħhom, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda r-riżorsi proprji tradizzjonali (1.4.1), qasam li fih jistgħu jwettqu l-proċeduri meħtieġa għall-ġbir u l-verifika tal-ammonti kkonċernati. Il-kontroll baġitarju jiġi eżerċitat ukoll permezz tal-ġlieda kontra l-irregolaritajiet u l-frodi (1.4.6). In-nefqa operazzjonali tal-istrumenti li jaqgħu taħt il-ġestjoni kondiviża, bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew (li flimkien jiffurmaw il-Fondi Strutturali), kif ukoll il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp

Rurali (FAEŻR), hija wkoll suġġetta għal skrutinju l-ewwel nett mill-awtoritajiet tal-Istati Membri.

**B.** Il-kontroll fil-livell tal-Unjoni

**1.** Intern

F'kull istituzzjoni, il-kontroll huwa eżerċitat mill-uffiċjali awtorizzanti u l-kontabilisti u mbagħad mill-awditur intern tal-istituzzjoni.

**2.** Estern: mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (1.3.12)

Il-kontroll estern isir mill-istituzzjonijiet ta' awditjar nazzjonali u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), li kull sena tippreżenta rapporti dettaljati lill-awtorità tal-baġit f'konformità mal-Artikolu 287 tat-TFUE, jiġifieri:

— Id-"dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom" (magħrufa bħala DAS);

— Ir-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali, inklużi l-baġits tal-istituzzjonijiet u l-korpi satelliti kollha;

— Rapporti annwali speċifiċi dwar l-aġenziji u l-korpi tal-UE;

— Rapporti speċjali dwar kwistjonijiet speċifiċi (awditi tal-konformità u tal-prestazzjoni);

— Opinjonijiet (dwar liġijiet ġodda jew emendati li għandhom impatt sinifikanti fuq il-ġestjoni finanzjarja tal-UE);

— Rieżamijiet li jkopru politiki u suġġetti ta' maniġment janalizzaw oqsma jew kwistjonijiet li jkunu għadhom mhumiex awditjati jew jistabbilixxu bażi fattwali dwar ċerti suġġetti;

— Fi proġett pilota ta' sentejn, il-QEA ppubblikat rapport dwar il-prestazzjoni ġenerali tal-baġit tal-UE għall-proċeduri ta' kwittanza tal-2019 u tal-2020 rispettivament.

Il-QEA tfassal regolarment rapporti dwar operazzjonijiet mutwatarji u mutwanti u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), li ġie integrat fil-baġit tal-UE mal-QFP 2021-2027.

**3.** Il-kontroll fil-livell politiku: mill-Parlament Ewropew

Fi ħdan il-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit huwa responsabbli għat-tħejjija tal-pożizzjoni tal-Parlament u b'mod partikolari għal:

— l-iskrutinju tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE u tal-FEŻ (sa u inkluż l-2020);

— it-tħejjija tad-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza, inkluża l-proċedura interna ta' kwittanza;

— l-għeluq, il-preżentazzjoni u l-awditjar tal-kontijiet u l-karti tal-bilanċ tal-UE, l-istituzzjonijiet tagħha u kwalunkwe korp iffinanzjat minnha;

— l-eżami bir-reqqa tal-attivitajiet finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investiment (1.3.15);

— il-monitoraġġ tal-kosteffettività tad-diversi forom ta' finanzjament tal-UE b'konnessjoni mal-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE;

— il-ħatra ta' membri tal-QEA, b'kunsiderazzjoni tar-rapporti tagħha;

— l-eżami ta' każijiet ta' frodi u irregolaritajiet b'konnessjoni mal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, l-adozzjoni ta' miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u ta' irregolaritajiet u

prosekuzzjonijiet f’każijiet bħal dawn, u protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE b'mod ġenerali.

## IL-PROĊEDURA TA’ KWITTANZA

Darba fis-sena, il-Parlament, fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, jagħti kwittanza lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena n-2, wara li jkun eżamina r-rapporti tal-attività tad-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni, ir-rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni tal-Kummissjoni, ir-rapport ta’ valutazzjoni (Artikolu 318 tat-TFUE) u r-rapport annwali tal-QEA u r-risposti mill-Kummissjoni u mill-istituzzjonijiet l-oħra għall-mistoqsijiet tal-Parlament (Artikolu 319 tat-TFUE). Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit iħejji l-pożizzjoni tal-Parlament dwar ir-rapporti speċjali tal-QEA, spiss fil-forma ta’ dokumenti ta’ ħidma biex jingħata orjentament lir-rapporteur ġenerali dwar il-kwittanza. Il-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet l-oħra huma meħtieġa jieħdu azzjoni rigward l-osservazzjonijiet magħmula mill-Parlament fir-riżoluzzjonijiet ta’ kwittanza tiegħu (Artikolu 319(3) tat-TFUE u Artikolu 262 tar-Regolament Finanzjarju). Il-Parlament jagħti kwittanza annwali wkoll lill-istituzzjonijiet l-oħra u lill-aġenziji deċentralizzati. Id-deċiżjoni ta’ kwittanza tal-Parlament u r-riżoluzzjoni tiegħu rigward l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-UE, Taqsima I — Il-Parlament Ewropew, huma indirizzati lill-President tal-Parlament.

Bħala regola ġenerali, il-Parlament jikkunsidra r-rapporti ta’ kwittanza f’sessjoni parzjali qabel il-15 ta’ Mejju (Artikolu 260 tar-Regolament Finanzjarju). Għalhekk, għajr għal meta jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali, il-votazzjonijiet dwar l-għoti ta’ kwittanza jsiru waqt is-sessjoni parzjali ta’ Mejju jew, fil-każ ta’ posponiment, fis-sessjoni parzjali ta’ Ottubru. Jekk proposta biex tingħata kwittanza ma tgħaddix b’maġġoranza, jew jekk il-Parlament jiddeċiedi li jipposponi d-deċiżjoni ta’ kwittanza tiegħu, il-Parlament jinforma lill-istituzzjonijiet jew lill-aġenziji kkonċernati dwar ir-raġunijiet. Dawn ikunu meħtieġa jieħdu azzjoni mingħajr dewmien biex jeliminaw l-ostakli għad-deċiżjoni ta’ kwittanza. Imbagħad, fi żmien sitt xhur, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jippreżenta rapport ġdid li jkun fih proposta ġdida għall-għoti jew għar-rifjut tal-kwittanza.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

### A. L-iżvilupp tas-setgħat

Mill-1958 sal-1970, il-Parlament kien jinżamm infurmat bid-deċiżjonijiet ta’ kwittanza mogħtija mill-Kunsill lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit. Fl-1971, huwa kiseb is-setgħa li jagħti kwittanza flimkien mal-Kunsill. Mill-1 ta’ Ġunju 1977, meta daħal fis-seħħ it-Trattat tat-22 ta’ Lulju 1975, il-Parlament waħdu għandu s-setgħa li jagħti kwittanza, wara li l-Kunsill ikun ta r-rakkomandazzjoni tiegħu. Permezz tal-kumitati kompetenti tiegħu, il-Parlament jorganizza wkoll seduti ta’ smigħ tal-Kummissarji nnominati, u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jorganizza seduti ta’ smigħ għall-membri nnominati tal-QEA, il-kandidati li jidħlu fil-lista ristretta għall-kariga ta’ Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF), u l-membri tal-Kumitat ta’ Sorveljanza tal-OLAF. Dawn il-karigi ma jistgħux jimtlew qabel ma jsiru s-seduti ta’ smigħ. Ta’ min jinnota, fl-aħħar nett, li d-Direttur Ġenerali tal-OLAF jinħatar mill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Parlament u l-Kunsill, u li l-membri tal-Kumitat ta’ Sorveljanza tal-OLAF jinħatru bi qbil komuni bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni.

**B.** L-użu tal-kwittanza

Il-Parlament jista' jiddeċiedi li jipposponi l-kwittanza meta ma jkunx sodisfatt b'aspetti partikolari tal-ġestjoni tal-baġit mill-Kummissjoni. Ir-rifjut tal-għoti tal-kwittanza jista' jitqies bħallikieku ntalbet ir-riżenja tal-Kummissjoni. Din it-theddida saret realtà f'Diċembru 1998: wara votazzjoni f'sessjoni plenarja biex il-mozzjoni ta' kwittanza tiġi rrifjutata, ġie stabbilit grupp ta' ħames esperti indipendenti li rrappurtaw dwar akkużi ta' frodi, immaniġġjar ħażin u nepotiżmu fil-konfront tal-Kummissjoni. Il-Kummissarji mbagħad irriżenjaw kollettivament fis-16 ta' Marzu 1999.

F'dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea mill-Kummissjoni, il-Parlament introduċa żewġ fatturi ġodda waqt il-proċeduri ta' kwittanza għall-2011 u għall-2012: il-verifika tal-legalità u r-regolarità tal-infiq, li tmur id f'id ma' evalwazzjoni tal-prestazzjoni (Artikolu 318 tat-TFUE); rapport ta' evalwazzjoni dwar il-finanzi tal-UE abbażi tar-riżultati miksuba, u d-dispożizzjoni li tistabbilixxi li deċiżjoni ta' kwittanza tista' tkun "kontrobilanċjata" b'riżervi dwar oqsma ta' politika partikolari. Fil-proċedura ta' kwittanza għall-2019, għall-ewwel darba f'erba' snin, il-QEA kellha toħroġ opinjoni negattiva dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa li fuqha huma bbażati l-kontijiet. Madankollu, fl-ewwel rapport tagħha dwar il-prestazzjoni ġenerali tal-baġit tal-UE, il-QEA sabet li kienu stabbiliti proċeduri sodisfaċenti. Il-Parlament sostna s-suġġeriment tal-QEA li l-kwalità tal-informazzjoni tal-Kummissjoni għandha tittejjeb aktar, u enfasizza li l-indikaturi tar-riżultati u tal-impatt huma aktar adatti għall-kejl tal-prestazzjoni mill-indikaturi tal-input u tal-output.

Għalkemm it-Trattat jirreferi biss għall-kwittanza għall-Kummissjoni, għal raġunijiet ta' trasparenza u ta' sorveljanza demokratika, il-Parlament jagħti wkoll kwittanza separata lill-istituzzjonijiet u lill-korpi l-oħra u lil kull aġenzija jew entità simili (dispożizzjonijiet ta' kwittanza għall-aġenziji deċentralizzati u għas-sħubijiet pubbliċi-privati huma stabbiliti fir-Regolamenti ta' Twaqqif tagħhom). Il-Parlament ilu mill-2009 jirrifjuta li jagħti l-kwittanza lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-Kunsill fil-proċedura ta' kwittanza.

Matul il-proċedura ta' kwittanza tal-2019, il-Parlament eżamina wkoll in-nuqqasijiet fil-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), u sab li l-ispjegazzjonijiet tal-aġenzija kienu insuffiċjenti. Il-Parlament iddeċieda li jipposponi l-kwittanza tal-Frontex mir-rebbiegħa tal-2021 sal-21 ta' Ottubru 2021, meta l-plenarja vvutat favur l-għoti tal-kwittanza lill-aġenzija, iżda poġġiet EUR 90 miljun – jew madwar 12% tal-baġit totali tal-aġenzija – taħt riżerva. Dawn il-fondi jistgħu jiġu żblukkati biss jekk il-Frontex tissodisfa ċerti kundizzjonijiet, jiġifieri r-reklutaġġ ta' 20 osservatur tad-drittijiet fundamentali neqsin u tliet viċi diretturi eżekuttivi li jeħtiġilhom ikunu kkwalifikati biżżejjed biex jimlew dawn il-pożizzjonijiet, kif ukoll il-ħolqien ta' mekkaniżmu għar-rappurtar ta' inċidenti serji fil-fruntieri esterni tal-UE u sistema ta' monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali li tiffunzjona. Matul il-proċedura ta' kwittanza sussegwenti (għall-baġit tal-2020) il-Parlament ippospona d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kontijiet tal-Frontex minħabba li ħass li l-Frontex ma kinitx issodisfat il-kundizzjonijiet li l-Parlament kien stabbilixxa f'Ottubru 2021. Barra minn hekk, l-aġenzija xorta kellha tindirizza s-sejbiet ta' investigazzjoni tal-Uffiċċju tal-UE Kontra l-Frodi (OLAF) fir-rigward tal-fastidju, l-imġiba ħażina u l-pushbacks tal-migranti, u tirrapporta dwar il-progress tagħha lill-Parlament.

Kif intqal hawn fuq, il-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet l-oħra u l-aġenziji deċentralizzati jeħtiġilhom jirrappurtaw dwar l-azzjoni meħuda rigward l-osservazzjonijiet magħmula

mill-Parlament fir-riżoluzzjonijiet ta' kwittanza. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri li jkunu ħadu b'reazzjoni għall-osservazzjonijiet tal-Parlament, u l-Kummissjoni jeħtiġilha tqishom fir-rapport ta' segwitu tagħha (Artikolu 262 tar-Regolament Finanzjarju).

Il-kumitati speċjalizzati tal-Parlament jgħinu wkoll biex jiżguraw li l-fondi tal-UE jintefqu b'mod effiċjenti fl-aħjar interessi tal-kontribwenti tal-UE. Il-membri tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, f'numru ta' okkażjonijiet, kellhom diskussjonijiet ma' rappreżentanti tal-kumitati parlamentari ekwivalenti fil-parlamenti tal-Istati Membri, mal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar kif ukoll ma' rappreżentanti tal-aġenziji doganali.

It-Trattat ta' Liżbona jsaħħaħ l-arranġamenti ta' kontroll b'enfasi fuq ir-riżultati miksuba mill-programmi tal-UE, filwaqt li jirrikjedi li l-Kummissjoni, bħala parti mill-proċedura ta' kwittanza annwali, tippreżenta lill-Parlament u lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni komprensiv, filwaqt li tqis ir-rakkomandazzjonijiet li jkunu għamlu.

Għal aktar informazzjoni dwar dan is-suġġett, jekk jogħġbok ara s-sit web tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit.

Diána Haase
10/2023

# 1.4.6. IL-ĠLIEDA KONTRA L-FRODI U L-PROTEZZJONI TAL-INTERESSI FINANZJARJI TAL-UNJONI EWROPEA

L-azzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-kontroll baġitarju hija bbażata fuq żewġ prinċipji: minn naħa waħda, l-iżgurar li l-baġit tal-UE jintefaq kif suppost u, min-naħa l-oħra, il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni flimkien mal-ġlieda kontra l-frodi. L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għandu s-setgħa li jinvestiga l-frodi fir-rigward tal-baġit tal-UE, il-korruzzjoni u l-imġiba ħażina serja u jiżviluppa politika kontra l-frodi. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jinvestiga, iħarrek u jressaq quddiem il-ġustizzja reati kontra l-baġit tal-UE.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

— L-Artikolu 310(6) u l-Artikolu 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) dwar il-ġlieda kontra l-frodi;

— L-Artikolu 287 tat-TFUE dwar il-Qorti Ewropea tal-Awdituri;

— L-Artikolu 86 tat-TFUE dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew;

— Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, Titoli XIII u XIV;

— Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, Parti III;

— Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, Titolu II, Kapitolu 6, Artikoli 92, 93 u 94; Titolu V, Kapitolu 1, Artikolu 129, Kapitolu 2, Artikolu 134 u Kapitolu 4, Artikolu 142; Anness V.

## L-OBJETTIVI

Biex iċ-ċittadini jkunu kunfidenti li flushom qed jintużaw kif suppost, l-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Istati Membri tagħha, jeħtieġ li tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Huwa importanti wkoll li timmonitorja u tissorvelja l-ħidma tal-OLAF u tal-UPPE u li tappoġġja l-azzjonijiet tagħhom fil-ġlieda kontra l-frodi u l-irregolaritajiet fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE.

## L-ISFOND

Il-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE ġew ifformalizzati bil-ħolqien tat-task force "Unità ta' Koordinazzjoni Kontra l-Frodi" fl-1988. Il-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej ġiet introdotta mill-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 1995. L-OLAF ġie stabbilit fl-1999.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 stabbilixxa l-UPPE, li beda jopera f'Ġunju 2021.

F'dawn l-aħħar snin, l-għadd ta' testi leġiżlattivi u rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE kiber. Dawn it-testi essenzjalment għandhom l-għan li jiksbu l-għanijiet li ġejjin:

— jiggarantixxu l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji permezz tal-liġi kriminali u l-investigazzjonijiet amministrattivi, permezz ta' politika integrata biex jiġu mħarsa flus il-kontribwenti u permezz tal-istrateġija kontra l-frodi tal-Kummissjoni;

— itejbu l-governanza tal-OLAF u t-tisħiħ tas-salvagwardji proċedurali fl-investigazzjonijiet;

— jappoġġjaw lill-UPPE;

— jirriformaw il-Eurojust u jtejbu l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE.

## IL-LEĠIŻLAZZJONI

### A. It-tisħiħ tal-mekkaniżmi tal-ġlieda kontra l-frodi

Fl-2004, ġie introdott l-ewwel programm Erkole bil-għan li jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-UE billi jiġġieled l-irregolaritajiet, il-frodi u l-korruzzjoni li jaffettwaw il-baġit tal-UE. Wara Erkole I ġew Erkole II (2007-2013) u Erkole III (2014-2020). Il-programmi Erkole kollha ġew amministrati mill-OLAF. Fil-kuntest tal-qafas finanzjarju pluriennali (2021–2027), ġie introdott Programm tal-UE Kontra l-Frodi ġdid. Huwa mfassal biex jirreplika u jtejjeb il-programm Erkole III, u jikkombinah mas-Sistema ta' Informazzjoni għal Kontra l-Frodi (AFIS), li hija l-infrastruttura teknika għall-iskambju ta' informazzjoni relatata mal-frodi bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali u tal-UE, u s-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS), li hija s-sistema ta' informazzjoni dwar il-kondiviżjoni tad-data għall-istituzzjonijiet tal-UE rigward l-investigazzjonijiet tal-OLAF, li t-tnejn li huma huma ġestiti mill-OLAF.

Il-Parlament appoġġja l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa, propost bħala parti mill-pakkett għal tassazzjoni ġusta u sempliċi. Dan jinvolvi strateġija għal kooperazzjoni u koordinazzjoni mtejba u multidimensjonali bejn l-Istati Membri nnifishom, kif ukoll bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-iżvilupp ta' mekkaniżmi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija u l-monitoraġġ tat-tranżitu doganali. Il-Kummissjoni introduċiet żewġ sistemi ġodda biex tiġġieled kontra l-frodi. L-ewwel waħda hija s-Sistema ta' Informazzjoni għal Kontra l-Frodi (AFIS), li tappoġġja l-applikazzjoni tal-liġi dwar kwistjonijiet doganali u agrikoli billi tipprovdi għodod għall-iskambju ta' informazzjoni u għall-assistenza fl-attivitajiet operazzjonali. It-tieni programm huwa s-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS), li hija sistema elettronika li tiffaċilita r-rappurtar ta' irregolaritajiet f'diversi oqsma. Din is-sistema hija pprovduta lill-Istati Membri u lill-benefiċjarji. L-IMS hija parti mill-AFIS u bħalissa qed tintuża minn 35 pajjiż.

Fit-18 ta' Frar 2020, ġew adottati miżuri ġodda biex tiġi trażmessa u skambjata data dwar il-pagamenti sabiex tiġi miġġielda l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku, inkluż it-tnedija ta' Sistema Elettronika Ċentrali ta' Informazzjoni dwar il-Pagamenti (CESOP), li, mill-2024, se żżomm rekords tal-informazzjoni dwar pagamenti transfruntiera fl-UE, kif ukoll pagamenti lil pajjiżi jew territorji terzi. Dan se jippermetti lill-awtoritajiet tat-taxxa jimmonitorjaw b'mod xieraq li l-obbligi tal-VAT fuq provvisti transfruntiera ta' oġġetti u servizzi min-negozju għall-konsumatur (B2C) jitwettqu b'mod korrett. F'dawn l-aħħar

snin, il-Parlament ħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu azzjoni biex tiżgura trasparenza totali għall-benefiċjarji kollha tal-fondi tal-UE fl-Istati Membri kollha, billi tippubblika lista tal-benefiċjarji kollha fuq is-sit web tagħha. Il-Parlament stieden ukoll lill-Istati Membri jikkooperaw mal-Kummissjoni u jipprovdu informazzjoni kompluta u affidabbli dwar il-benefiċjarji tal-fondi tal-UE li jamministraw.

Mill-1 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni introduċiet is-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES). Is-sistema tintuża għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni billi jiġu identifikati persuni u entitajiet mhux affidabbli li japplikaw għal fondi tal-UE jew li jkollhom impenji legali ma' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-UE. L-Artikolu 135 tar-Regolament Finanzjarju jistabbilixxi r-regoli għall-EDES.

Arachne hija għodda tal-IT użata għall-estrazzjoni tad-data u l-arrikkiment tad-data. Tintuża għal kontrolli amministrattivi u verifiki ta' ġestjoni fil-qasam tal-fondi strutturali. Arachne hija kapaċi tidentifika benefiċjarji tal-proġetti, kuntratti u kuntratturi li jistgħu jwettqu frodi, kunflitti ta' interess u irregolaritajiet oħra.

**B.** Politika u programmi ġodda Ewropej kontra l-frodi

Fil-bidu tal-2019, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri fir-Rapport Speċjali Nru 01/2019 bit-titolu "Il-ġlieda kontra l-frodi fl-infiq tal-UE:jeħtieġ li tittieħed azzjoni" saħqet li l-UE jeħtiġilha tintensifika l-ġlieda tagħha kontra l-frodi, u li l-Kummissjoni għandha tieħu rwol ewlieni f'dan ir-rigward u tikkunsidra mill-ġdid ir-rwol u r-responsabbiltà tal-uffiċċju tagħha ta' kontra l-frodi.

F'April 2019, il-Kummissjoni ppreżentat strateġija ġdida (l-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi – CAFS) li taġġorna l-istrateġija kontra l-frodi tal-2011. L-istrateġija l-ġdida għandha l-għan li ttejjeb il-konsistenza u l-koordinazzjoni fil-ġlieda kontra l-frodi fost id-dipartimenti varji tal-Kummissjoni. Fis-snin li ġejjin, din l-istrateġija għandha wkoll twitti t-triq għal miżuri kontra l-frodi mmexxija aktar mid-data. Għalkemm il-CAFS innifisha għadha valida, il-pjan ta' azzjoni li jakkumpanjaha ġie aġġornat fl-2023 biex jindirizza l-problemi relatati mal-inflazzjoni, l-irkupru ta' wara l-pandemija, it-tibdil fil-klima u l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Il-pjan ta' azzjoni issa jinkludi 44 azzjoni maqsuma fuq seba' kapitoli.

L-introduzzjoni tal-pjan ta' rkupru tan-NextGenerationEU wasslet għal operazzjoni ġdida biex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-UE taħt is-superviżjoni tal-Europol. L-Operazzjoni Sentinel timmira speċifikament il-frodi li tikkonċerna l-fondi tal-UE għall-irkupru mill-COVID-19. L-operazzjoni, li tnediet fil-15 ta' Ottubru 2021, tinvolvi kooperazzjoni bejn l-Europol, l-UPPE, il-Eurojust, l-OLAF u 19-il Stat Membru.

Ġie introdott reġim ta' kundizzjonalità dwar l-istat tad-dritt biex jiġi protett il-baġit tal-UE bl-adozzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092. Ir-Regolament inħoloq biex jindirizza l-ksur kontinwu tal-prinċipji tal-istat tad-dritt. Dan daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021.

**C.** Id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE

L-Istati Membri[1] ntalbu biex jimplimentaw id-Direttiva (UE) 2017/1371 ("id-Direttiva PIF") dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali trasposta fil-liġijiet nazzjonali tagħhom. Ir-regoli l-ġodda jżidu l-livell ta'

[1]F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u mat-TFUE, id-Danimarka ma kinitx meħtieġa tadotta din id-Direttiva, u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

protezzjoni tal-baġit tal-UE billi jarmonizzaw id-definizzjonijiet, is-sanzjonijiet u l-perjodi ta' limitazzjoni ta' reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE.

## L-ISTITUZZJONIJIET

**A.** Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)

L-OLAF jiffunzjona b'mod indipendenti mill-Kummissjoni u għandu s-setgħa li jinvestiga l-frodi kontra l-baġit tal-UE, il-korruzzjoni u l-imġiba ħażina serja fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej u jiżviluppa politika kontra l-frodi għall-Kummissjoni. Fl-1999, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni ffirmaw ftehim interistituzzjonali dwar investigazzjonijiet interni biex ikunu ċerti li l-investigazzjonijiet tal-OLAF jimxu mingħajr tfixkil. Uħud minn dawn ir-regoli, li issa huma integrati fir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, jirrikjedu li l-persunal jikkoopera mal-OLAF, u jipprovdi livell ta' protezzjoni għall-uffiċjali li jikxfu informazzjoni rigward il-possibbiltà ta' frodi jew korruzzjoni.

Ir-regolament il-ġdid tal-OLAF ġie adottat fl-2013 u emendat f'Lulju 2016. It-test il-ġdid jagħmel titjib sostanzjali, li għamel lill-OLAF aktar effettiv, effiċjenti u responsabbli, filwaqt li jissalvagwardja l-indipendenza investigattiva tiegħu. B'mod partikolari jipprovdi definizzjoni aktar ċara tal-qafas ġuridiku għall-investigazzjonijiet kontra l-frodi. Jinkludi wkoll definizzjonijiet ta' "irregolarità", "frodi, korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni", u l-kunċett ta' "operatur ekonomiku". Jirreferi għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u jissalvagwardja d-dritt għad-difiża u l-garanziji proċedurali, id-drittijiet tax-xhieda u tal-informaturi, u d-dritt ta' aċċess għal rekords u dokumentazzjoni rilevanti oħra matul l-investigazzjonijiet tal-OLAF.

L-aħħar verżjoni tar-regolament torganizza l-investigazzjonijiet tal-OLAF fid-dawl tal-istabbiliment tal-UPPE, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-komplementarjetà massima, u tissaħħaħ l-effettività tal-funzjonijiet investigattivi tal-OLAF fir-rigward, fost kwistjonijiet oħra, tal-kontrolli fuq il-post, l-ispezzjonijiet, l-assistenza għall-awtoritajiet nazzjonali, l-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji, l-ammissibbiltà tal-evidenza miġbura mill-OLAF, is-servizzi ta' koordinazzjoni kontra l-frodi u l-attivitajiet ta' koordinazzjoni.

L-OLAF joħroġ rapport annwali dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE (ir-Rapport PIF), li jipprovdi valutazzjoni tal-kisbiet tas-sena fil-ġlieda kontra l-frodi u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE.

**B.** L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)

Ir-regoli li jirregolaw il-ħolqien tal-UPPE jinsabu fl-Artikolu 86 tat-TFUE, li jgħid li "Sabiex jiġġieled ir-reati kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kunsill, li jaġixxi permezz ta' regolament skont il-proċedura leġiżlattiva speċjali, jista' jistabbilixxi Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew mill-Eurojust."

Ir-regolament li jistabbilixxi l-UPPE ġie adottat fl-ambitu tal-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa fit-12 ta' Ottubru 2017, u daħal fis-seħħ fl-20 ta' Novembru 2017. Bħalissa hemm 22 pajjiż parteċipant.

L-UPPE huwa uffiċċju tal-prosekuzzjoni deċentralizzat tal-Unjoni Ewropea, b'kompetenza esklużiva għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u t-tressiq quddiem il-ġustizzja tal-awturi ta' reati kontra l-baġit tal-UE. Għandu setgħat investigattivi armonizzati fl-Istati Membri parteċipanti kollha bbażati fuq is-sistemi ġuridiċi nazzjonali tagħhom u integrati fihom.

Is-sede tal-UPPE jinsab fil-Lussemburgu. F'Settembru 2019, il-Parlament u l-Kunsill qablu li jaħtru lil Laura Codruța Kövesi bħala l-ewwel Kap Prosekutur Ewropew. Hija se jkollha mandat ta' seba' snin li ma jiġġeddidx. Hija ħadet ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Settembru 2020 flimkien mat-22 Prosekutur Pubbliku Ewropew. L-UPPE beda l-operazzjonijiet tiegħu fl-1 ta' Ġunju 2021.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament huwa koleġiżlatur għall-programm tal-UE kontra l-frodi 2021-2027, li ġie adottat fid-29 ta' April 2021. Kien ukoll koleġiżlatur għad-Direttiva PIF, li ġiet adottata mill-Parlament u mill-Kunsill fil-5 ta' Lulju 2017.

Kull sena l-Parlament jeżamina r-Rapport PIF u jikkummenta dwaru permezz ta' riżoluzzjoni – l-aktar waħda reċenti ġiet adottata fid-19 ta' Jannar 2023.

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament jisma' lill-kandidati nominati għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri kif ukoll lil dawk li jkunu ntgħażlu bħala kandidati għall-kariga ta' Direttur Ġenerali tal-OLAF. Dawn il-karigi ma jistgħux jimtlew mingħajr dawn is-seduti ta' smigħ parlamentari.

Id-Direttur Ġenerali tal-OLAF jinħatar mill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Parlament u l-Kunsill, filwaqt li l-membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-OLAF jinħatru bi qbil komuni fost il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni.

Il-Parlament u l-Kunsill jaqblu wkoll dwar il-ħatra tal-Kap Prosekutur Ewropew tal-UPPE, ir-rwol li għalih inħatret Laura Codruța Kövesi fl-14 ta' Ottubru 2019.

Għal aktar informazzjoni dwar dan is-suġġett, jekk jogħġbok żur is-sit web tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit.

Alexandra Cynthia Jana Pouwels
10/2023